**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0030/2023**

9.2.2023

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output
(COM(2021)0664 – C9-0397/2021 – 2021/0342(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Jonás Fernández

PR_COD_1consamCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ............................................................230

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI......231

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output**
**(COM(2021)0664 – C9-0397/2021 – 2021/0342(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0664),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0397/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022,[1]

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2022,[2]

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0030/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 233, 16.6.2022, p.14.
[2] ĠU C 290, 29.7.2022, p. 40.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW[*]

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

2021/0342 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:(1) B'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja globali, l-Unjoni bdiet riforma wiesgħa tal-qafas prudenzjali għall-istituzzjonijiet bl-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-settur bankarju tal-UE. Wieħed mill-elementi ewlenin tar-riforma kien jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali miftehmin mill-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja (Basel Committee for Banking Supervision, BCBS), speċifikament l-hekk imsejħa "riforma ta' Basel III". Bis-saħħa ta' din ir-riforma, is-settur bankarju tal-UE daħal fil-kriżi tal-COVID-19 fuq pedament reżiljenti. Madankollu, filwaqt li, bħala medja, il-livell ġenerali ta' kapital fl-istituzzjonijiet tal-UE issa huwa sodisfaċenti, xi wħud mill-problemi li ġew identifikati mal-feġġa tal-kriżi finanzjarja globali għadhom ma ġewx indirizzati.

(2) Sabiex jiġu indirizzati dawk il-problemi, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u sabiex jiġi indikat l-impenn tagħna quddiem is-sħab internazzjonali tagħna fil-G20, huwa ta' importanza kbira li jiġu implimentati b'fedeltà l-elementi pendenti tar-riforma ta' Basel

---

[*] Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

[3] ĠU C , , p. .

III. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tevita żieda sinifikanti fir-rekwiżiti ta' kapital ġenerali għas-sistema bankarja tal-UE kollha kemm hi u tqis kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tal-ekonomija tal-UE ***fejn ikun hemm evidenza suffiċjenti u robusta li l-qafas internazzjonali ma jaqbadx dawn l-ispeċifiċitajiet, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew[4] tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-finalizzazzjoni ta' Basel III***. Meta jkun possibbli, jenħtieġ li l-aġġustamenti għall-istandards internazzjonali jiġu applikati fuq bażi tranżizzjonali. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ***tevita*** żvantaġġi kompetittivi għall-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-attivitajiet kummerċjali, fejn l-istituzzjonijiet tal-UE jikkompetu direttament mal-pari internazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-approċċ propost ikun koerenti mal-loġika tal-unjoni bankarja u ***jarmonizza*** s-Suq Uniku għall-banek. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jiżgura l-proporzjonalità tar-regoli u jimmira li jkompli jnaqqas l-ispejjeż tal-konformità ***u tar-rapportar***, b'mod partikolari għal istituzzjonijiet ***żgħar u mhux kumplessi***, mingħajr ma jiġu llaxkati l-istandards prudenzjali, ***f'konformità ma' "Study of the Cost of Compliance with Supervisory Reporting Requirements" (Studju dwar l-Ispiża tal-Konformità mar-Rekwiżiti tar-Rapportar Superviżorju) li l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (l-ABE) ppubblikat fl-2021, li mmira għal tnaqqis ta' bejn 10 % sa 20 % fl-ispejjeż tar-rapportar***.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jippermetti lill-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital tagħhom jew billi jużaw approċċi standardizzati, jew billi jużaw approċċi bbażati fuq mudelli interni. L-approċċi bbażati fuq mudelli interni***, approvati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali***, jippermettu lill-istituzzjonijiet jistmaw il-biċċa l-kbira tal-parametri meħtieġa sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital waħedhom, filwaqt li l-approċċi standardizzati jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital bl-użu ta' parametri fissi, li huma bbażati fuq suppożizzjonijiet relattivament konservattivi u stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Basel iddeċieda li jintroduċi minimu aggregat tal-output. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq analiżi mwettqa malli feġġet il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009, li żvelat li l-mudelli interni għandhom it-tendenza li jissottovalutaw ir-riskji li l-istituzzjonijiet ikunu skoperti għalihom, speċjalment għal ċerti tipi ta' skoperturi u ta' riskji, u għalhekk, għandhom it-tendenza li jirriżultaw f'rekwiżiti ta' kapital insuffiċjenti. Meta mqabblin mar-rekwiżiti ta' kapital ikkalkolati bl-użu tal-approċċi standardizzati, il-mudelli interni jipproduċu, bħala medja, rekwiżiti ta' kapital aktar baxxi għall-istess skoperturi.

(4) Il-minimu tal-output jirrappreżenta waħda mill-miżuri ewlenin tar-riformi ta' Basel III. Għandu l-għan li jillimita l-varjabbiltà mhux ġustifikata fir-rekwiżiti ta' kapital regolatorji prodotti minn mudelli interni u t-tnaqqis eċċessiv fil-kapital li istituzzjoni li tuża mudelli interni tista' tikseb b'mod relattiv għal istituzzjoni li tuża l-approċċi standardizzati riveduti. Dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu dan billi jistabbilixxu limitu aktar baxx għar-rekwiżiti ta' kapital li huma prodotti mill-mudelli interni tal-istituzzjonijiet għal 72,5 % tar-rekwiżiti ta' kapital li jkunu japplikaw li kieku jintużaw approċċi standardizzati minn dawk l-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-minimu tal-output iżżid b'fedeltà l-komparabbiltà tal-proporzjonijiet kapitali tal-istituzzjonijiet, tirrestawra l-kredibbiltà tal-mudelli interni u tiżgura li jkun hemm

[4] P8_TA(2016)0439

kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet li jużaw approċċi differenti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital.

(5) Sabiex ***jiġi armonizzat is-suq*** intern għall-banek, jenħtieġ li l-approċċ għall-minimu tal-output ikun koerenti mal-prinċipju tal-aggregazzjoni tar-riskju fost entitajiet differenti fl-istess grupp bankarju u l-loġika ta' superviżjoni konsolidata. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-minimu tal-output jindirizza r-riskji li jirriżultaw minn mudelli interni kemm fl-Istati Membri domiċiljari kif ukoll f'dawk ospitanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-minimu tal-output jiġi kkalkolat fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fl-Unjoni. ***Madankollu, biex jiġu evitati impatti mhux intenzjonati u tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kapital, awtorità kompetenti tista' tissottometti proposta ta' ridistribuzzjoni tal-kapital lis-superviżur konsolidanti jekk hi tqis li dan iwassal għal distribuzzjoni mhux xierqa tal-kapital fost l-entitajiet tal-grupp. L-awtorità kompetenti li tinnotifika u s-superviżur konsolidanti mbagħad jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jieħdu deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-minimu tal-output, u jekk ma jilħqux deċiżjoni fi żmien tliet xhur, l-ABE jenħtieġ li jkollha rwol ta' medjazzjoni legalment vinkolanti. L-ABE jenħtieġ li tivvaluta l-livell ta' applikazzjoni tal-minimu tal-output sal-31 ta' Diċembru 2027 fid-dawl ta' tħassib potenzjali dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-progress fl-unjoni bankarja.***

(6) Il-Kumitat ta' Basel sab li l-approċċ standardizzat attwali għar-riskju ta' kreditu (SA-CR) ma huwiex sensittiv biżżejjed għar-riskju f'numru ta' oqsma, li jwassal għal kalkolu mhux preċiż jew mhux xieraq – jew għoli wisq jew baxx wisq – tar-riskju ta' kreditu u, għalhekk, tar-rekwiżiti ta' kapital. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-SA-CR jiġu riveduti sabiex tiżdied is-sensittività għar-riskju ta' dak l-approċċ fir-rigward ta' diversi aspetti ewlenin.

(7) Għall-iskoperturi klassifikati għal istituzzjonijiet oħrajn, jenħtieġ li wħud mill-piżijiet tar-riskju jiġu rrikalibrati f'konformità mal-istandards ta' Basel III. Barra minn hekk, jenħtieġ li t-trattament tal-piż tar-riskju għal skoperturi mhux ikklassifikati għall-istituzzjonijiet isir aktar granulari u diżakkoppjat mill-piż tar-riskju applikabbli għall-gvern ċentrali tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-bank, billi ma jiġi preżunt l-ebda appoġġ impliċitu tal-gvern għall-istituzzjonijiet.

(8) Għal skoperturi ta' dejn subordinat u ta' ekwità, huwa neċessarju trattament aktar granulari u strett tal-piż tar-riskju sabiex jiġi rifless ir-riskju ogħla ta' telf ta' skoperturi ta' dejn subordinat u ta' ekwità meta mqabblin ma' skoperturi ta' dejn, u sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju bejn il-portafoll bankarju u l-portafoll tan-negozjar. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom investimenti ta' ekwità strateġiċi u fit-tul f'impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji. Billi l-piż tar-riskju standard għall-iskoperturi ta' ekwità jiżdied fuq perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin, jenħtieġ li l-holdings ta' ekwità strateġiċi eżistenti f'impriżi u f'impriżi tal-assigurazzjoni taħt influwenza sinifikanti tal-istituzzjoni jiġu anterjorati sabiex jiġu evitati effetti ta' tfixkil u sabiex jiġi ppreservat ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni bħala investituri ta' ekwità dejjiema u strateġiċi. Madankollu, minħabba s-salvagwardji prudenzjali u s-sorveljanza superviżorja sabiex titrawwem l-integrazzjoni finanzjarja tas-settur finanzjarju, għall-holdings ta' ekwità f'istituzzjonijiet oħrajn fl-istess grupp jew koperti bl-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, jenħtieġ li jinżamm ir-reġim attwali. Barra minn hekk, sabiex jissaħħu l-inizjattivi privati u pubbliċi bil-għan li tiġi pprovduta ekwità fit-tul lill-impriżi tal-UE, kemm jekk elenkati kif ukoll jekk mhux elenkati, jenħtieġ li l-investimenti ma jitqisux

bħala spekulattivi meta jsiru bl-intenzjoni soda tal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni li jinżammu għal tliet snin jew aktar.

(9) Sabiex jiġu promossi ċerti setturi tal-ekonomija, l-istandards ta' Basel III jipprevedu diskrezzjoni superviżorja li tippermetti lill-istituzzjonijiet jassenjaw, f'ċerti limiti, trattament preferenzjali għal holdings ta' ekwità magħmulin skont "programmi leġiżlattivi" li jinvolvu sussidji sinifikanti għall-investiment u jinvolvu sorveljanza governattiva u restrizzjonijiet fuq l-investimenti ta' ekwità. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dik id-diskrezzjoni fl-Unjoni tgħin ukoll fit-trawwim ta' investimenti ta' ekwità fit-tul.

(10) Is-self korporattiv fl-Unjoni huwa pprovdut b'mod predominanti minn istituzzjonijiet li jużaw l-approċċi bbażati fuq klassifikazzjonijiet interni (internal ratings based, IRB) għar-riskju ta' kreditu sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital tagħhom. Bl-implimentazzjoni tal-minimu tal-output, dawk l-istituzzjonijiet se jkollhom japplikaw ukoll l-SA-CR, li jiddependi fuq valutazzjonijiet tal-kreditu minn istituzzjonijiet tal-valutazzjoni tal-kreditu esterna (external credit assessment institutions, "ECAI") sabiex tiġi ddeterminata l-kwalità tal-kreditu tal-mutwatarju korporattiv. Jenħtieġ li l-immappjar bejn il-klassifikazzjonijiet esterni u l-piżijiet tar-riskju applikabbli għal impriżi kklassifikati jkun aktar granulari, sabiex tali mmappjar isir konformi mal-istandards internazzjonali dwar din il-kwistjoni.

(11) Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-impriżi tal-UE ma jfittxux klassifikazzjonijiet ta' kreditu esterni, b'mod partikolari minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-ispiża. Sabiex jiġu evitati impatti ta' tfixkil fuq is-self bankarju lil impriżi mhux ikklassifikati u sabiex jiġi pprovdut biżżejjed żmien sabiex jiġu stabbiliti inizjattivi pubbliċi jew privati mmirati lejn iż-żieda fil-kopertura tal-klassifikazzjonijiet ta' kreditu esterni, huwa neċessarju li jiġi pprovdut perjodu tranżizzjonali għal tali żieda fil-kopertura. Matul dak il-perjodu tranżizzjonali, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċi IRB ikunu jistgħu japplikaw trattament favorevoli meta jikkalkolaw il-minimu tal-output tagħhom għal skoperturi tal-grad ta' investiment għal impriżi mhux ikklassifikati**.**▌

***(11a)*** Wara l-perjodu tranżizzjonali, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jirreferu għall-valutazzjonijiet ta' kreditu mill-ECAIs sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital ***għal parti sinifikanti*** tal-iskoperturi korporattivi tagħhom. ***L-ABE, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (EIOPA) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (AETS), jenħtieġ li jimmonitorjaw l-użu tal-arranġament tranżizzjonali u jenħtieġ li jqisu l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti fis-suq tal-ECAIs. Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jintuża biex jespandi b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-klassifikazzjonijiet għal impriżi Ewropej. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' klassifikazzjoni lil hinn mill-ekosistema ta' klassifikazzjoni eżistenti biex jinċentivaw b'mod speċjali lil impriżi akbar biex jiġu kklassifikati. Flimkien mal-esternalità pożittiva li jiġġenera l-proċess ta' klassifikazzjoni, kopertura ta' klassifikazzjoni usa' se trawwem, fost l-oħrajn, l-unjoni tas-swieq kapitali. It-toroq biex jintlaħaq dan l-għan jenħtieġ li jikkunsidraw ir-rekwiżiti relatati mal-valutazzjonijiet tal-kreditu esterni, jew l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet addizzjonali li jipprovdu tali valutazzjonijiet, u għalhekk jaf jinvolvu sforzi ta' implimentazzjoni sostanzjali. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bank ċentrali tagħhom, jenħtieġ li jivvalutaw jekk talba għar-rikonoxximent tal-bank ċentrali tagħhom bħala ECAI f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament***

***Ewropew u l-Kunsill*[5] *u l-għoti ta' klassifikazzjonijiet korporattivi mill-bank ċentrali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jaf ikunu mixtieqa sabiex tiżdied il-kopertura tal-klassifikazzjonijiet esterni.***

***(11b)*** Sabiex tiġi informata kwalunkwe inizjattiva futura ***tali*** dwar l-istabbiliment ta' skemi ta' klassifikazzjoni pubbliċi jew privati, jenħtieġ li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jintalbu jħejju rapport dwar l-impedimenti għad-disponibbiltà ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu esterni mill-ECAIs, b'mod partikolari għall-impriżi, u dwar miżuri possibbli sabiex jiġu indirizzati dawn l-impedimenti. Sadanittant, il-Kummissjoni Ewropea tinsab lesta li tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tagħha f'dan il-qasam, pereżempju sabiex jifformulaw strateġiji dwar iż-żieda tal-penetrazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-impriżi mhux elenkati tagħhom jew sabiex jesploraw l-aħjar prattiki dwar l-istabbiliment ta' entitajiet li kapaċi jipprovdu klassifikazzjonijiet jew jipprovdu gwida relatata lill-impriżi. ***Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jiġi estiż biss jekk ikun meħtieġ u ġustifikat u għal mhux aktar minn erba' snin.***

(12) Kemm għall-iskoperturi tal-proprjetà immobbli residenzjali kif ukoll għal dawk kummerċjali, ġew żviluppati approċċi aktar sensittivi għar-riskju mill-Kumitat ta' Basel sabiex jirriflettu aħjar il-mudelli u l-istadji differenti ta' finanzjament fil-proċess tal-kostruzzjoni.

(13) Il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 żvelat numru ta' nuqqasijiet tat-trattament standardizzat kurrenti tal-iskoperturi tal-proprjetà immobbli. Dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati fl-istandards ta' Basel III. L-istandards ta' Basel III introduċew skoperturi għall-proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu (income producing real estate, "IPRE") bħala subkategorija ġdida tal-klassi tal-iskopertura korporattiva li hija soġġetta għal trattament iddedikat tal-piż tar-riskju sabiex jiġi rifless b'mod aktar akkurat ir-riskju assoċjat ma' dawk l-iskoperturi, iżda wkoll sabiex tittejjeb il-konsistenza mat-trattament tal-IPRE skont l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni (Internal Rating Based Approach, "IRBA") imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti III tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(14) Għall-iskoperturi tal-proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali ġenerali, jenħtieġ li jinżamm l-approċċ tal-qsim tas-self fl-Artikoli 124-126 tar-Regolament, billi dan l-approċċ huwa sensittiv għat-tip ta' mutwatarju u jirrifletti l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral immobiljari fil-piżijiet tar-riskju applikabbli, anki fil-każ ta' proporzjonijiet għoljin "bejn is-self u l-valur" (loan-to-value, LTV). Madankollu, jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tiegħu tiġi aġġustata f'konformità mal-istandards ta' Basel III billi nstab li huwa konservattiv wisq għall-ipoteki bi proporzjonijiet ta' LTV baxxi ħafna.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-impatti tal-minimu tal-output fuq is-self ipotekarju residenzjali b'riskju baxx mill-istituzzjonijiet li jużaw approċċi tal-IRB jinfirxu fuq perjodu twil biżżejjed u b'hekk jiġi evitat tfixkil għal dan it-tip ta' self li jista' jiġi kkawżat minn żidiet f'daqqa fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, huwa neċessarju li jiġi previst arranġament tranżizzjonali speċifiku. Għal kemm idum l-arranġament, meta jiġi kkalkolat il-minimu

---

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (*ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).*

tal-output, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-IRB ikunu jistgħu japplikaw piż tar-riskju aktar baxx għall-parti tal-iskoperturi tal-ipoteki residenzjali tagħhom li titqies iggarantita minn proprjetà residenzjali skont l-SA-CR rivedut. Sabiex jiġi żgurat li l-arranġament tranżizzjonali jkun disponibbli biss għal skoperturi tal-ipoteki b'riskju baxx, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji xierqa ta' eliġibbiltà, ibbażati fuq kunċetti stabbiliti użati fl-SA-CR. Jenħtieġ li l-konformità ma' dawk il-kriterji tiġi vverifikata mill-awtoritajiet kompetenti. Minħabba li s-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, jenħtieġ li d-deċiżjoni dwar jekk l-arranġament tranżizzjonali għandux jiġi attivat titħalla f'idejn l-Istati Membri individwali. Jenħtieġ li l-użu tal-arranġament tranżizzjonali jiġi mmonitorjat mill-ABE. ***Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jiġi estiż biss jekk ikun meħtieġ u ġustifikat u għal mhux aktar minn erba' snin.***

(16) Bħala riżultat tan-nuqqas ta' ċarezza u ta' sensittività għar-riskju tat-trattament kurrenti tal-finanzjament spekulattiv ta' proprjetà immobbli, ir-rekwiżiti ta' kapital għal dawk l-iskoperturi bħalissa spiss jitqiesu li huma għoljin wisq jew baxxi wisq. Għalhekk, jenħtieġ li dan it-trattament jinbidel bi trattament dedikat għall-iskoperturi tal-ADC, li jinkludi self lil kumpaniji jew lil veikoli bi skop speċjali li jiffinanzjaw kwalunkwe akkwist tal-art għal skopijiet ta' żvilupp u ta' kostruzzjoni, jew l-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' kwalunkwe proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali.

(17) Huwa importanti li jitnaqqas l-impatt tal-effetti ċikliċi fuq il-valutazzjoni tal-proprjetà li tiggarantixxi self u li r-rekwiżiti ta' kapital għall-ipoteki jinżammu aktar stabbli. ***Fil-każ ta' rivalutazzjoni lil hinn mill-valur taż-żmien ta' meta ngħata s-self, il-valur*** tal-proprjetà rikonoxxut għal finijiet prudenzjali jenħtieġ għaldaqstant li ma jaqbiżx il-valur medju ta' proprjetà komparabbli mkejla fuq perjodu ta' monitoraġġ twil biżżejjed, sakemm il-modifiki għal dik il-proprjetà ma jżidux b'mod ċar il-valur tagħha. Sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati għall-funzjonament tas-swieq tal-bonds koperti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jivvalutaw mill-ġdid il-proprjetà immobbli fuq bażi regolari mingħajr ma japplikaw dawk il-limiti għal żidiet fil-valur. Jenħtieġ li l-modifiki li jtejbu l-effiċjenza enerġetika ***u l-prestazzjoni fuq titjib tar-reżiljenza, il-protezzjoni u l-adattament għar-riskji fiżiċi*** tal-bini u tal-unitajiet tad-djar jitqiesu bħala żieda fil-valur.

(18) In-negozju tas-self speċjalizzat jitwettaq b'veikoli bi skop speċjali li tipikament iservu bħala entitajiet mutwatarji, li għalihom ir-redditu fuq l-investiment huwa s-sors primarju tar-ripagament tal-finanzjament miksub. L-arranġamenti kuntrattwali tal-mudell ta' self speċjalizzat jipprovdu lill-mutwanti bi grad sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u s-sors primarju ta' ripagament tal-obbligu huwa l-introjtu ġġenerat mill-assi li jkunu qed jiġu ffinanzjati. Għalhekk, sabiex jiġi rifless ir-riskju assoċjat b'mod aktar akkurat, jenħtieġ li dawk l-arranġamenti kuntrattwali jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital speċifiċi għar-riskju ta' kreditu. F'konformità mal-istandards ta' Basel III maqbulin internazzjonalment dwar l-assenjazzjoni tal-piżijiet tar-riskju għal skoperturi ta' self speċjalizzati, jenħtieġ li tiġi introdotta klassi ddedikata ta' skoperturi speċjalizzati skont l-SA-CR, u b'hekk tittejjeb il-konsistenza mat-trattament speċifiku diġà eżistenti ta' self speċjalizzat skont l-approċċi IRB. Jenħtieġ li jiġi introdott trattament speċifiku għal skoperturi ta' self speċjalizzati, li fih jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn "finanzjament ta' proġett", "finanzjament ta' oġġetti" u "finanzjament ta' komoditajiet" sabiex jiġu riflessi aħjar ir-riskji inerenti ta' dawk is-subklassijiet tal-klassi ta' skoperturi speċjalizzati. Bħal fil-każ ta' skoperturi għal impriżi, jenħtieġ li jiġu implimentati żewġ approċċi sabiex

jiġu assenjati l-piżijiet tar-riskju, wieħed għall-ġuriżdizzjonijiet li jippermetti l-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni għal skopijiet regolatorji u wieħed għall-ġuriżdizzjonijiet li ma jippermettux dan.

(19) Filwaqt li t-trattament standardizzat il-ġdid għal skoperturi ta' għoti ta' self speċjalizzat mhux ikklassifikati stabbilit fl-istandards ta' Basel III huwa aktar granulari mit-trattament standardizzat attwali tal-iskoperturi għal impriżi skont dan ir-Regolament, tal-ewwel ma huwiex sensittiv biżżejjed għar-riskju sabiex jirrifletti l-effetti ta' pakketti ta' titoli u ta' ipotekazzjonijiet komprensivi normalment assoċjati ma' dawn l-iskoperturi fl-Unjoni, li jippermettu lill-mutwanti jikkontrollaw il-flussi ta' flus futuri li għandhom jiġu ġġenerati matul il-ħajja tal-proġett jew tal-assi. Minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-klassifikazzjoni esterna ta' skoperturi speċjalizzati ta' self fl-Unjoni, it-trattament għal skoperturi ta' self speċjalizzat mhux ikklassifikati stabbiliti fl-istandards ta' Basel III jista' joħloq ukoll inċentivi għall-istituzzjonijiet sabiex iwaqqfu l-finanzjament ta' ċerti proġetti jew jieħdu riskji ogħla fi skoperturi ttrattati b'mod simili li jkollhom profili ta' riskju differenti. Billi l-iskoperturi speċjalizzati ta' self huma ffinanzjati l-aktar minn istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ IRB li għandhom mudelli interni fis-seħħ għal dawn l-iskoperturi, l-impatt jista' jkun partikolarment sinifikanti fil-każ ta' skoperturi ta' "finanzjament ta' oġġetti", li jistgħu jkunu f'riskju għal waqfien tal-attivitajiet, fil-kuntest partikolari tal-applikazzjoni tal-minimu tal-output. Sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati tan-nuqqas ta' sensittività għar-riskju tat-trattament ta' Basel għal skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti mhux ikklassifikati, jenħtieġ li skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti li jikkonformaw ma' sett ta' kriterji li kapaċi jbaxxu l-profil tar-riskju tagħhom għal standards ta' "kwalità għolja" kompatibbli ma' ġestjoni prudenti u konservattiva tar-riskji finanzjarji, jibbenefikaw minn piż tar-riskju mnaqqas. L-ABE għandha tiġi inkarigata sabiex tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-istituzzjonijiet sabiex jassenjaw skopertura ta' self speċjalizzat għall-finanzjament ta' oġġetti għall-kategorija ta' "kwalità għolja" b'piż tar-riskju simili għall-iskoperturi ta' finanzjament tal-proġetti ta' "kwalità għolja" skont l-SA-CR. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet li jippermettu l-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni jassenjaw għall-iskoperturi ta' self speċjalizzati tagħhom il-piżijiet tar-riskju ddeterminati biss mill-klassifikazzjonijiet esterni speċifiċi għall-ħruġ, kif previst mill-qafas ta' Basel III.

(20) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur skont l-approċċi SA-CR u IRB tiġi allinjata aktar sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-piżijiet tar-riskju korrispondenti għall-istess sett ta' skoperturi. F'konformità mal-istandards ta' Basel III, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal trattament differenzjat ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotattivi li jissodisfaw sett ta' kundizzjonijiet ta' ripagament jew ta' użu li kapaċi jbaxxu l-profil tar-riskju tagħhom. Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu definiti bħala skoperturi għal "tranżatturi". Jenħtieġ li l-iskoperturi għal persuna fiżika waħda jew aktar li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha sabiex jitqiesu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur jiġu ppeżati skont ir-riskju b'100 % skont l-SA-CR.

(21) L-istandards ta' Basel III jintroduċu fattur tal-konverżjoni ta' kreditu ta' 10 % għal impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet ("UCC") fl-SA-CR. Dan x'aktarx li jirriżulta f'impatt sinifikanti fuq id-debituri li jiddependu fuq in-natura flessibbli tal-UCC sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom meta jittrattaw il-fluttwazzjonijiet staġjonali fin-negozji tagħhom jew meta jimmaniġġaw bidliet mhux mistennijin għal terminu qasir fil-ħtiġijiet tal-kapital operatorju, speċjalment matul l-irkupru mill-

pandemija tal-COVID-19. Għalhekk huwa xieraq li jiġi previst perjodu tranżizzjonali li matulu l-istituzzjonijiet jkomplu japplikaw fattur tal-konverżjoni ta' kreditu null għall-UCC tagħhom, u, wara, sabiex jiġi vvalutat jekk żieda gradwali potenzjali tal-fatturi tal-konverżjoni ta' kreditu applikabbli tkunx iġġustifikata sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jaġġustaw il-prattiki operattivi u l-prodotti tagħhom mingħajr ma jfixklu d-disponibbiltà tal-kreditu għad-debituri tal-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li dak l-arranġament tranżizzjonali jkun akkumpanjat minn rapport imħejji mill-ABE.

(22) Il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 żvelat li, f'xi każijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu użaw ukoll approċċi IRB fuq portafolli mhux xierqa għall-immudellar minħabba data insuffiċjenti, li kellha konsegwenzi detrimentali għar-robustezza tar-riżultati u għalhekk, għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ma jiġux obbligati jużaw l-approċċi IRB għall-iskoperturi kollha tagħhom u li japplikaw ir-rekwiżit ta' tnedija fil-livell tal-klassijiet tal-iskoperturi. Huwa xieraq ukoll li jiġi ristrett l-użu tal-approċċi IRB għall-klassijiet ta' skoperturi fejn l-immudellar robust huwa aktar diffiċli sabiex jiżdiedu l-komparabbiltà u r-robustezza tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' kreditu skont l-approċċi IRB.

(23) L-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għal istituzzjonijiet oħrajn, għal entitajiet oħrajn tas-settur finanzjarju u għal impriżi kbar tipikament juru livelli baxxi ta' inadempjenza. Għal tali portafolli b'inadempjenza baxxa, intwera li huwa diffiċli għall-istituzzjonijiet li jiksbu stimi affidabbli ta' parametru tar-riskju ewlieni tal-approċċ IRB, tat-telf fil-każ ta' inadempjenza (loss given default, "LGD"), minħabba numru insuffiċjenti ta' inadempjenzi osservati f'dawk il-portafolli. Din id-diffikultà rriżultat f'livell mhux mixtieq ta' dispersjoni fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell ta' riskju stmat. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jużaw valuri regolatorji tal-LGD aktar milli stimi interni tal-LGD għal dawk il-portafolli b'inadempjenza baxxa.

(24) L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex jistmaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu għall-iskoperturi ta' ekwità tipikament jibbażaw il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom fuq data disponibbli pubblikament, li għaliha l-istituzzjonijiet kollha jistgħu jiġu preżunti li għandhom aċċess identiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-differenzi fir-rekwiżiti ta' fondi proprji ma jistgħux jiġu ġġustifikati. Barra minn hekk, l-iskoperturi ta' ekwità miżmumin fil-portafoll bankarju jifformaw komponent żgħir ħafna tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet. Għalhekk, sabiex tiżdied il-komparabbiltà tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjonijiet u sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju ta' kreditu għall-iskoperturi ta' ekwità bl-użu tal-SA-CR, u jenħtieġ li l-approċċ IRB ma jkunx permess għal dan il-għan.

(25) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza (probability of default, "PD"), tal-LGD u tal-fatturi tal-konverżjoni ta' kreditu (credit conversion factors, "CCF") ta' skoperturi individwali ta' istituzzjonijiet li jitħallew jużaw mudelli interni sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' kreditu ma jilħqux livelli baxxi mhux xierqa. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu introdotti valuri minimi għall-istimi proprji u li l-istituzzjonijiet jiġu obbligati jużaw l-ogħla waħda mill-istimi proprji tagħhom tal-parametri tar-riskju u ta' dawk il-valuri minimi. Jenħtieġ li tali "minimi tal-input" tal-parametri tar-riskju jikkostitwixxu salvagwardja sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' kapital ma jaqgħux taħt livelli prudenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jimmitigaw ir-riskju tal-mudell minħabba fatturi bħal speċifikazzjoni tal-mudell mhux korretta, żball fil-kejl u limitazzjonijiet tad-data. Ikunu jtejbu wkoll il-komparabbiltà tal-

proporzjonijiet kapitali fost l-istituzzjonijiet. Sabiex jinkisbu dawk ir-riżultati, jenħtieġ li l-minimi tal-input jiġu kkalibrati b'mod konservattiv biżżejjed.

(26) Il-minimi tal-parametri tar-riskju li jiġu kkalibrati b'mod konservattiv wisq jistgħu fil-fatt jiskoraġġixxu lill-istituzzjonijiet milli jadottaw l-approċċi IRB u l-istandards tal-ġestjoni tar-riskju assoċjati. L-istituzzjonijiet jistgħu jingħataw inċentivi wkoll sabiex imexxu l-portafolli tagħhom għal skoperturi ta' riskju ogħla sabiex jevitaw ir-restrizzjoni imposta mill-minimi tal-parametri tar-riskju. Sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati bħal dawn, jenħtieġ li l-minimi tal-parametri tar-riskju jirriflettu b'mod xieraq ċerti karatteristiċi tar-riskju tal-iskoperturi sottostanti, b'mod partikolari billi jieħdu valuri differenti għal tipi differenti ta' skoperturi, fejn xieraq.

(27) Skoperturi ta' self speċjalizzat għandhom karatteristiċi ta' riskju li jvarjaw minn skoperturi korporattivi ġenerali. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi previst perjodu tranżizzjonali li matulu jitnaqqas il-minimu tal-input tal-LGD applikabbli għal skoperturi fuq self speċjalizzat. ***Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jiġi estiż biss jekk ikun meħtieġ u ġustifikat u għal mhux aktar minn erba' snin.***

(28) F'konformità mal-istandards ta' Basel III, jenħtieġ li t-trattament tal-IRB għall-klassi ta' skoperturi sovrani jibqa' fil-biċċa l-kbira mhux mimsus, minħabba n-natura speċjali u r-riskji relatati mad-debituri sottostanti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-iskoperturi sovrani ma jkunux soġġetti għall-minimi tal-input tal-parametri tar-riskju.

(29) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskoperturi kollha tal-RGLA-PSE, jenħtieġ li tinħoloq klassi ġdida ta' skoperturi tal-RGLA-PSA, indipendenti kemm mill-klassijiet ta' skoperturi sovrani kif ukoll tal-istituzzjonijiet ▌.

(30) Jenħtieġ li jiġi ċċarat kif l-effett ta' garanzija jista' jiġi rrikonoxxut għal skopertura ggarantita fejn l-iskopertura sottostanti tiġi ttrattata skont l-approċċ IRB li taħtu huwa permess l-immudellar għall-PD u għal-LGD iżda fejn il-garanti jappartjeni għal tip ta' skoperturi li għalih l-immudellar huwa l-LGD, jew l-approċċ IRB ma huwiex permess. B'mod partikolari, l-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni, li fih il-parametri tar-riskju tal-iskoperturi sottostanti jiġu sostitwiti b'dawk tal-garanti, jew ta' metodu li bih il-PD jew l-LGD tad-debitur sottostanti jiġi aġġustat bl-użu ta' approċċ ta' mmudellar speċifiku sabiex jitqies l-effett tal-garanzija, jenħtieġ li ma jwassalx għal piż tar-riskju aġġustat li jkun anqas mill-piż tar-riskju applikabbli għal skopertura komparabbli diretta għall-garanti. Konsegwentement, meta l-garanti jiġi ttrattat skont l-SA-CR, ir-rikonoxximent tal-garanzija skont l-approċċ IRB jenħtieġ li jwassal għall-assenjazzjoni tal-piż tar-riskju SA-CR tal-garanti għall-iskopertura garantita.

***(30a) Fil-kuntest tat-tneħħija tal-varjabbiltà mhux ġustifikata fir-rekwiżiti ta' kapital, ir-regoli eżistenti dwar l-iskontar applikati għall-flussi ta' flus artifiċjali jenħtieġ li jiġu ċċarati sabiex titneħħa kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata. Jenħtieġ li l-ABE tingħata mandat li taġġorna l-linji gwida tagħha sal-31 ta' Diċembru 2025.***

***(30b) L-introduzzjoni tal-minimu tal-output jista' jkollha impatt sinifikanti fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma minn istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni tat-Titolizzazzjoni (SEC-IRBA). Għalkemm pożizzjonijiet bħal dawn ikunu ġeneralment żgħar meta mqabbla ma' skoperturi oħra, l-introduzzjoni tal-minimu tal-output tista' taffettwa l-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjoni ta' titolizzazzjoni minħabba benefiċċju prudenzjali insuffiċjenti tat-trasferiment tar-riskju. Dan iseħħ f'mument meta l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni jkun parti mill-pjan ta' azzjoni dwar l-unjoni tas-swieq kapitali u***

***wkoll meta l-banek oriġinarji jista' jkollhom bżonn jużaw it-titolizzazzjoni b'mod aktar estensiv sabiex jimmaniġġjaw il-portafolli tagħhom b'mod aktar attiv jekk ikunu marbuta bil-minimu tal-output. L-ABE jenħtieġ li tingħata mandat li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li eventwalment jiġi previst arranġament speċifiku li jżid is-sensittività għar-riskju tal-approċċ standardizzat għall-fini tal-kalkolu tal-minimu tal-output.***

(31) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 sabiex jimplimenta l-istandards finali tal-FRTB biss għal finijiet ta' rapportar. L-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' kapital vinkolanti bbażati fuq dawk l-istandards tħalliet għal inizjattiva leġiżlattiva ordinarja separata, mal-valutazzjoni tal-impatti tagħhom għall-banek tal-Unjoni.

(32) Sabiex titlesta l-aġenda ta' riforma introdotta wara l-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 u sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-qafas tar-riskju tas-suq kurrenti, jenħtieġ li jiġu implimentati rekwiżiti ta' kapital vinkolanti għar-riskju tas-suq fuq il-bażi tal-istandards finali tal-FRTB fid-dritt tal-Unjoni. Stimi riċenti tal-impatt tal-istandards finali tal-FRTB fuq il-banek tal-Unjoni wrew li l-implimentazzjoni ta' dawk l-istandards fl-Unjoni se twassal għal żieda kbira fir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal ċerti attivitajiet ta' negozjar u ta' ġenerazzjoni tas-suq li huma importanti għall-ekonomija tal-UE. Sabiex jittaffa dak l-impatt u sabiex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġu introdotti aġġustamenti mmirati għat-traspożizzjoni tal-istandards finali tal-FRTB fid-dritt tal-Unjoni.

(33) Kif mitlub skont ir-Regolament (UE) 2019/876, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tas-suq għall-istituzzjonijiet b'negozji ta' daqs medju fil-portafoll tan-negozjar, u tikkalibra dawn ir-rekwiżiti kif xieraq. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet b'portafolli tan-negozjar ta' daqs medju jitħallew jużaw approċċ standardizzat simplifikat sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, f'konformità mal-istandards miftehmin internazzjonalment. Barra minn hekk, il-kriterji ta' eliġibbiltà sabiex jiġu identifikati l-istituzzjonijiet b'portafolli tan-negozjar ta' daqs medju jenħtieġ li jibqgħu konsistenti mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/876 għall-eżenzjoni ta' tali istituzzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar tal-FRTB stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Hija inkluża deroga li tippermetti lill-banek jikklassifikaw diversi tipi ta' strumenti li normalment jinżammu fil-portafoll tan-negozjar (inklużi ekwitajiet elenkati) bħala pożizzjonijiet fil-portafoll bankarju, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti u meta dik il-pożizzjoni ma tinżammx b'intenzjoni ta' negozjar jew ma tiħheġġjax pożizzjonijiet miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar.***

(34) L-attivitajiet ta' negozjar tal-istituzzjonijiet fis-swieq tal-operaturi jistgħu jitwettqu faċilment bejn il-fruntieri, inkluż bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-istandards finali tal-FRTB jikkonverġu kemm jista' jkun fil-ġuriżdizzjonijiet kollha, kemm f'termini ta' sustanza kif ukoll f'termini ta' twaqqit. Jekk dan ma jkunx il-każ, ikun impossibbli li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi f'livell internazzjonali għal dawk l-attivitajiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards f'ġuriżdizzjonijiet membri oħrajn tal-BCBS u, fejn ikun neċessarju, jenħtieġ li tieħu passi sabiex tindirizza d-distorsjonijiet potenzjali ta' dawn ir-regoli.

(35) Il-BCBS irreveda l-istandard internazzjonali dwar ir-riskju operattiv sabiex jindirizza d-dgħufijiet li feġġew mal-kriżi finanzjarja tal-2008-2009. Minbarra nuqqas ta' sensittività għar-riskju fl-approċċi standardizzati, ġie identifikat nuqqas ta' komparabbiltà li jirriżulta minn firxa wiesgħa ta' prattiki interni ta' mmudellar skont l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu. Għalhekk, u sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas tar-riskju operattiv, l-approċċi eżistenti kollha għall-istima tar-rekwiżiti ta' kapital tar-riskju operattiv inbidlu b'metodu wieħed mhux ibbażat fuq mudell. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi allinjat mal-istandards riveduti ta' Basel sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi f'livell internazzjonali għall-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni iżda li joperaw ukoll barra mill-Unjoni, u sabiex jiġi żgurat li l-qafas tar-riskju operattiv fil-livell tal-Unjoni jibqa' effettiv.

(36) L-approċċ standardizzat il-ġdid għar-riskju operattiv introdott mill-BCBS jikkombina indikatur li jiddependi fuq id-daqs tan-negozju ta' istituzzjoni ma' indikatur li jqis l-istorja tat-telf ta' din l-istituzzjoni. L-istandards riveduti ta' Basel jipprevedu numru ta' diskrezzjonijiet dwar kif jista' jiġi implimentat l-indikatur li jqis l-istorja tat-telf ta' istituzzjoni. Il-ġuriżdizzjonijiet jistgħu jinjoraw it-telf storiku għall-kalkolu tal-kapital tar-riskju operattiv għall-istituzzjonijiet rilevanti kollha, jew jistgħu jqisu wkoll id-data storika dwar it-telf anki għall-istituzzjonijiet taħt ċertu daqs tan-negozju. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni u sabiex jiġi ssimplifikat il-kalkolu tal-kapital tar-riskju operattiv, jenħtieġ li dawk id-diskrezzjonijiet jiġu eżerċitati b'mod armonizzat għar-rekwiżiti minimi ta' fondi proprji billi tiġi injorata d-data storika dwar it-telf operattiv għall-istituzzjonijiet kollha.

***(36a) Meta jitkejlu r-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju operattiv, il-poloz tal-assigurazzjoni jenħtieġ li jitħallew jintużaw bħala tekniki effettivi ta' mitigazzjoni tar-riskju. Għal dak il-għan, fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-ABE jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar formula standardizzata, ibbażata fuq kriterji speċifiċi, li għandha tintuża għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju operattiv. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tippreżenta proposta leġiżlattiva matul is-36 xahar ta' wara, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE filwaqt li tqis il-poloz tal-assigurazzjoni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju operattiv. L-ABE jenħtieġ li tidentifika l-kuntratti ta' assigurazzjoni eliġibbli.***

***(36b) Ix-xokk ekonomiku sever u doppju ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna jista' jkollhom impatti kbar fuq l-ekonomija Ewropea u jfixklu n-negozji. L-istituzzjonijiet se jkollhom rwol ewlieni fil-kontribut għall-irkupru billi jestendu l-konċessjonijiet lejn debituri denji li jiffaċċjaw jew li se jiffaċċjaw diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom. F'dak ir-rigward, l-ABE jenħtieġ li tadotta linji gwida biex tispeċifika x'jikkostitwixxi obbligu finanzjarju materjali mnaqqas fil-każ ta' ristrutturar f'diffikultà, filwaqt li tipprovdi flessibbiltà adegwata lill-istituzzjonijiet. B'mod partikolari, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lit-tip ta' konċessjoni mogħtija, il-maturità residwa tal-iskopertura u t-tul tal-posponiment.***

(37) L-informazzjoni dwar l-ammont u dwar il-kwalità tal-iskoperturi produttivi, improduttivi u mrażżnin, kif ukoll analiżi tal-maturazzjoni tal-iskoperturi kontabbilizzati wara d-data tal-għeluq jenħtieġ li tiġi ddikjarata wkoll minn

istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi u minn istituzzjonijiet ta' kreditu mhux elenkati oħrajn. Dan l-obbligu ta' divulgazzjoni ma joħloqx piż addizzjonali fuq dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu, billi d-divulgazzjoni ta' tali sett limitat ta' informazzjoni diġà ġiet implimentata mill-ABE fuq il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-2017 dwar Self Improduttiv (NPLs)[7], li stieden lill-ABE ttejjeb ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar il-kwalità tal-assi u s-self improduttiv għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha. Dan huwa wkoll konsistenti bis-sħiħ mal-Komunikazzjoni dwar l-indirizzar ta' self improduttiv wara l-pandemija tal-COVID-19[8].

(38) Huwa neċessarju li jitnaqqas il-piż regolatorju għal skopijiet ta' divulgazzjoni u li tittejjeb il-komparabbiltà tad-divulgazzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-ABE tistabbilixxi pjattaforma ċentralizzata bbażata fuq il-web li tippermetti d-divulgazzjoni tal-informazzjoni u tad-data ppreżentati mill-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li dik il-pjattaforma ċentralizzata fuq il-web isservi bħala punt uniku ta' aċċess dwar id-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet, filwaqt li s-sjieda tal-informazzjoni u tad-data u r-responsabbiltà għall-akkuratezza tagħhom jenħtieġ li jibqgħu f'idejn l-istituzzjonijiet li jipproduċuhom. Jenħtieġ li ċ-ċentralizzazzjoni tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ddikjarata tkun konsistenti bis-sħiħ mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar is-Swieq Kapitali u tirrappreżenta pass ulterjuri lejn l-iżvilupp ta' punt ta' aċċess uniku għall-UE kollha għall-informazzjoni relatata mal-investimenti finanzjarji u sostenibbli tal-kumpaniji.

(39) Sabiex tippermetti integrazzjoni akbar tar-rapportar superviżorju u tad-divulgazzjonijiet, jenħtieġ li l-ABE tippubblika d-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet b'mod ċentralizzat, filwaqt li tirrispetta d-dritt tal-istituzzjonijiet kollha li jippubblikaw id-data u l-informazzjoni huma stess. Jenħtieġ li tali divulgazzjonijiet ċentralizzati jippermettu lill-ABE tippubblika d-divulgazzjonijiet ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, fuq il-bażi tal-informazzjoni rrapportata minn dawk l-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti u, għalhekk, jenħtieġ li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv li għalih huma soġġetti dawk l-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi. Fl-istess ħin, jenħtieġ li ċ-ċentralizzazzjoni tad-divulgazzjonijiet ma jkollha l-ebda impatt fuq l-ispejjeż għal istituzzjonijiet oħrajn, u żżid it-trasparenza u tnaqqas l-ispiża għall-parteċipanti fis-suq sabiex jaċċessaw informazzjoni prudenzjali. Jenħtieġ li t-tali trasparenza akbar tiffaċilita l-komparabbiltà tad-data fost l-istituzzjonijiet u tippromwovi d-dixxiplina fis-suq.

(40) Sabiex jiġu żgurati l-konverġenza madwar l-Unjoni u fehim uniformi tal-fatturi u tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG), jenħtieġ li jiġu stabbiliti definizzjonijiet ġenerali. ***L-assi jew l-attivitajiet soġġetti għal impatti minn fatturi ambjentali u/jew soċjali jenħtieġ li jiġu definiti b'referenza għall-ambizzjoni tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sal-2050 kif stabbilit fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima, il-Liġi tal-UE dwar ir-Restawr tan-Natura, u l-għanijiet għas-sostenibbiltà rilevanti tal-Unjoni. Il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal "la tagħmilx ħsara sinifikanti" adottati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew***

---

[7] Il-Kunsill ECOFIN "Pjan ta' azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa", Lulju 2017. [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pjan ta' azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa]

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar "L-indirizzar ta' self improduttiv wara l-pandemija tal-COVID-19" COM/2020/822 final.

***u tal-Kunsill*[9]*, kif ukoll leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni biex jiġu evitati t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità jenħtieġ li jintużaw biex jiġu identifikati assi jew skoperturi għall-fini tal-valutazzjoni ta' trattamenti prudenzjali ddedikati u differenzjali tar-riskju.*** L-iskopertura għar-riskji ESG ma tkunx neċessarjament proporzjonali għad-daqs u għall-kumplessità ta' istituzzjoni. Il-livell ta' skoperturi madwar l-Unjoni huwa wkoll pjuttost eteroġenu, b'xi pajjiżi juru impatti tranżizzjonali ħfief potenzjali u oħrajn li juru impatti tranżizzjonali għoljin potenzjali fuq l-iskoperturi relatati ma' attivitajiet li għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ambjent. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza li l-istituzzjonijiet huma soġġetti għalihom u r-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti f'biċċiet oħrajn tal-leġiżlazzjoni eżistenti fl-Unjoni se jipprovdu data aktar granulari fi ftit snin. Madankollu, sabiex jiġu vvalutati kif xieraq ir-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza li l-istituzzjonijiet jistgħu jiffaċċjaw, huwa essenzjali li s-swieq u s-superviżuri jiksbu data adegwata mill-entitajiet kollha skoperti għal dawk ir-riskji, indipendentement mid-daqs tagħhom, ***inkluż dwar l-aggregazzjoni ta' self sottostanti l-bonds koperti maħruġa mill-istituzzjonijiet.*** Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom data li tkun granulari, komprensiva u komparabbli għal superviżjoni effettiva, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-iskoperturi għar-riskji ESG tiġi inkluża fir-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li l-ambitu u l-granularità ta' dik l-informazzjoni jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jitqiesu d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjonijiet.

***(40a) Il-livell ta' skoperturi madwar l-Unjoni huwa wkoll pjuttost eteroġenu: xi pajjiżi juru impatti tranżizzjonali ħfief potenzjali waqt li oħrajn juru impatti tranżizzjonali kbar potenzjali fuq skoperturi relatati ma' attivitajiet li għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ambjent. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza li l-istituzzjonijiet huma soġġetti għalihom u r-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti f'biċċiet oħrajn tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni se jipprovdu data aktar granulari fi ftit snin. Madankollu, sabiex jiġu vvalutati kif xieraq ir-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza li l-istituzzjonijiet jistgħu jiffaċċjaw, huwa essenzjali li s-swieq u s-superviżuri jiksbu data adegwata mill-entitajiet kollha skoperti għal dawk ir-riskji, irrispettivament mid-daqs tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom data li tkun granulari, komprensiva u komparabbli għal superviżjoni effettiva, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-iskoperturi għar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza tiġi inkluża fir-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet. Jenħtieġ li l-ambitu u l-granularità ta' dik l-informazzjoni jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u jenħtieġ li jqisu d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjonijiet.***

(41) Hekk kif it-tranżizzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni lejn mudell ekonomiku sostenibbli qed iżżid il-momentum, ir-riskji għas-sostenibbiltà jsiru aktar prominenti u potenzjalment se jeħtieġu aktar kunsiderazzjoni. ***Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità karbonika sal-2050, ma jistgħu jseħħu l-ebda esplorazzjoni u l-ebda espansjoni ġodda tal-fjuwils fossili. Dan ifisser li l-iskoperturi għall-fjuwils fossili jirrappreżentaw riskju ikbar kemm fil-livell mikro, peress li l-valur ta' tali assi huwa mistenni li jonqos maż-żmien, kif ukoll fil-livell makro peress li l-finanzjament tal-attivitajiet tal-fjuwils fossili jipperikola l-objettiv li ż-żieda globali***

[9] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (*ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).*

***fit-temperatura tinżamm taħt il-1,5 °C u għalhekk jhedded l-istabbiltà finanzjarja.*** Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi antiċipat b'sentejn il-mandat tal-ABE sabiex tivvaluta u tirrapporta dwar jekk ikunx iġġustifikat trattament prudenzjali ddedikat ta' skoperturi relatati ma' assi jew ma' attivitajiet assoċjati sostanzjalment mal-objettivi ambjentali jew soċjali ***minn perspettiva bbażata fuq ir-riskju. Madankollu, huwa biss wara t-tlestija ta' dan ir-rapport aċċellerat u t-testijiet għall-istress klimatiku li jinsabu għaddejjin bħalissa li jkun iġġustifikat li potenzjalment jiġi propost trattament prudenzjali ddedikat għal dawn l-iskoperturi.***

***(41a) Sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe aġġustament għall-iskoperturi għall-infrastruttura ma jikkompromettix l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni, jenħtieġ li t-tbegħid minn approċċ ibbażat fuq ir-riskju tal-qafas bankarju jseħħ biss meta tali skoperturi jkunu wrew impatt pożittiv fuq l-ambizzjonijiet klimatiċi kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2020/852.***

(42) Huwa essenzjali għas-superviżuri li jkollhom is-setgħat neċessarji sabiex jivvalutaw u jikkalkolaw b'mod komprensiv ir-riskji li għalihom grupp bankarju jkun skopert f'livell konsolidat u li jkollhom il-flessibbiltà li jadattaw l-approċċ superviżorju tagħhom għal sorsi ġodda ta' riskji. Huwa importanti li jiġu evitati lakuni bejn il-konsolidazzjoni prudenzjali u kontabilistika li jistgħu jwasslu għal tranżazzjonijiet immirati sabiex l-assi jinħarġu mill-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali, anki jekk ir-riskji jibqgħu fil-grupp bankarju. In-nuqqas ta' koerenza fid-definizzjoni ta' kunċetti ta' "kumpanija prinċipali", ta' "sussidjarja" u ta' "kontroll", u n-nuqqas ta' ċarezza fid-definizzjoni ta' "impriża ta' servizzi anċillari", ta' "kumpanija azzjonarja finanzjarja" u ta' "istituzzjoni finanzjarja" jagħmluha aktar diffiċli għas-superviżuri sabiex japplikaw ir-regoli applikabbli b'mod konsistenti fl-Unjoni u sabiex jidentifikaw u jindirizzaw kif xieraq ir-riskji f'livell konsolidat. Għalhekk, jenħtieġ li dawn id-definizzjonijiet jiġu emendati u ċċarati aktar. Barra minn hekk, huwa meqjus xieraq li l-ABE tinvestiga aktar jekk dan l-għoti ta' setgħat lis-superviżuri jistax ikun limitat b'mod mhux intenzjonat minn xi diskrepanza jew lakuna li jifdal fid-dispożizzjonijiet regolatorji jew fl-interazzjoni tagħhom mal-qafas kontabilistiku applikabbli.

***(42a) Iż-żieda rapida fl-attività tas-swieq finanzjarji fir-rigward tal-kriptoassi u l-involviment potenzjalment dejjem akbar tal-istituzzjonijiet f'attivitajiet relatati mal-kriptoassi jenħtieġ li jiġu riflessi bir-reqqa fil-qafas prudenzjali tal-Unjoni, sabiex jittaffew b'mod adegwat ir-riskji ta' dawn l-istrumenti għall-istabbiltà finanzjarja tal-istituzzjonijiet. Dan huwa saħansitra aktar urġenti fid-dawl tal-iżviluppi avversi reċenti fis-swieq tal-kriptoassi. Ir-regoli prudenzjali eżistenti mhumiex imfassla biex ikopru b'mod adegwat ir-riskji inerenti tal-kriptoassi. L-istandards tal-BCBS ippubblikati reċentement dwar it-trattament prudenzjali tal-iskoperturi tal-kriptoassi, li għandhom jiġu implimentati sal-1 ta' Jannar 2025, jipprovdu trattament prudenzjali ddedikat li jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod f'waqtu fid-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssegwi dawn l-iżviluppi u, jekk ikun xieraq, tadotta proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2024, biex tittrasponi l-elementi differenti tal-istandards tal-BCBS fid-dritt tal-Unjoni. Sakemm tiġi adottata l-proposta leġiżlattiva, l-iskopertura tal-istituzzjonijiet għall-kriptoassi jenħtieġ li tapplika rekwiżiti prudenti ta' fondi proprji.***

(43) In-nuqqas ta' ċarezza ta' ċerti aspetti tal-qafas minimu tal-limiti ta' telf għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (securities financing transactions, SFTs), żviluppat mill-BCBS fl-2017 bħala parti mir-riformi finali ta' Basel III, kif ukoll ir-

riżervi dwar il-ġustifikazzjoni ekonomika tal-applikazzjoni tiegħu għal ċerti tipi ta' SFTs, qajmu l-kwistjoni ta' jekk l-objettivi prudenzjali ta' dan il-qafas jistgħux jintlaħqu mingħajr ma jinħolqu konsegwenzi mhux mixtieqa. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-qafas tal-minimi tat-telf għall-SFTs fid-dritt tal-Unjoni sa [OP: daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Sabiex tipprovdi lill-Kummissjoni b'evidenza suffiċjenti, jenħtieġ li l-ABE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-AETS, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt ta' dak il-qafas, u dwar l-aktar approċċ xieraq għall-implimentazzjoni tiegħu fid-dritt tal-Unjoni.

(44) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tittrasponi fid-dritt tal-Unjoni l-istandards riveduti għar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskji ta' CVA, ippubblikati mill-BCBS f'Lulju 2020, billi dawn l-istandards b'mod ġenerali jtejbu l-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi jindirizzaw diversi kwistjonijiet osservati qabel, b'mod partikolari li l-qafas eżistenti tar-rekwiżiti ta' kapital ta' CVA jonqos milli jkopri b'mod xieraq ir-riskju ta' CVA.

(45) Meta ġew implimentati r-riformi inizjali ta' Basel III fid-dritt tal-Unjoni permezz tas-CRR, ċerti tranżazzjonijiet ġew eżentati mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' CVA. Dawn l-eżenzjonijiet ġew miftehmin sabiex tiġi evitata żieda eċċessiva potenzjali fl-ispiża ta' xi tranżazzjonijiet ta' derivati skattati mill-introduzzjoni tar-rekwiżit ta' kapital għar-riskju ta' CVA, b'mod partikolari meta l-banek ma setgħux itaffu r-riskju ta' CVA ta' ċerti klijenti li ma setgħux jiskambjaw il-kollateral. Skont l-impatti stmati kkalkolati mill-ABE, ir-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' CVA skont l-istandards riveduti ta' Basel jibqgħu għoljin bla bżonn għat-tranżazzjonijiet eżentati ma' dawn il-klijenti. Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti tal-banek ikomplu jiħħeġġjaw ir-riskji finanzjarji tagħhom permezz ta' tranżazzjonijiet ta' derivati, jenħtieġ li l-eżenzjonijiet jinżammu meta jiġu implimentati l-istandards ta' Basel riveduti.

(46) Madankollu, ir-riskju attwali ta' CVA tat-tranżazzjonijiet eżentati jista' jkun sors ta' riskju sinifikanti għall-banek li japplikaw dawk l-eżenzjonijiet; jekk dawk ir-riskji jimmaterjalizzaw, il-banek ikkonċernati jistgħu jġarrbu telf sinifikanti. Kif enfasizzat l-ABE fir-rapport tagħha dwar is-CVA minn Frar 2015, ir-riskji ta' CVA tat-tranżazzjonijiet eżentati jqajmu tħassib prudenzjali li ma humiex qed jiġu indirizzati skont is-CRR. Sabiex jgħinu lis-superviżuri jimmonitorjaw ir-riskju ta' CVA li jinħoloq mit-tranżazzjonijiet eżentati, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jirrapportaw il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskji ta' CVA tat-tranżazzjonijiet eżentati li jkunu meħtieġa jekk dawn it-tranżazzjonijiet ma jkunux eżentati. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ABE tiżviluppa linji gwida li jgħinu lis-superviżuri jidentifikaw riskju eċċessiv ta' CVA u jtejbu l-armonizzazzjoni tal-azzjonijiet superviżorji f'dan il-qasam madwar l-UE.

(47) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013*

Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

***(-a) il-punt (12) huwa mħassar***

(a) il-punti (15) u (16) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(15) "impriża prinċipali" tfisser impriża li tikkontrolla, fis-sens tal-punt (37), impriża waħda jew aktar;

(16) "sussidjarja" tfisser impriża li hija kkontrollata, fis-sens tal-punt (37), minn impriża oħra;";

(b) il-punt (18) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(18) "impriża ta' servizzi anċillari" tfisser impriża li l-attività prinċipali tagħha, kemm jekk ipprovduta lil impriżi fil-grupp kif ukoll lil klijenti barra mill-grupp, l-awtorità kompetenti ▌ hija kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) estensjoni diretta ta' operazzjoni bankarja;

(b) kiri operattiv, factoring, l-amministrazzjoni ta' unit trusts, is-sjieda jew l-amministrazzjoni ta' proprjetà, il-forniment ta' servizzi ta' pproċessar ta' data jew xi attività oħra li hija anċillari għall-attività bankarja;

(c) kull attività oħra meqjusa simili mill-ABE għal dawk imsemmijin fil-punti (a) u (b);";

(c) il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(20) "kumpanija azzjonarja finanzjarja" tfisser impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-impriża tkun istituzzjoni finanzjarja;

(b) l-impriża ma tkunx kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta;

(c) tal-anqas sussidjarja waħda ta' dik l-impriża tkun istituzzjoni;

(d) aktar minn 50 % ta' kwalunkwe wieħed mill-indikaturi li ġejjin ikunu assoċjati, fuq bażi kostanti, ma' sussidjarji li jkunu istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji, u b'attivitajiet imwettqin mill-impriża nnifisha li ma humiex relatati mal-akkwiżizzjoni jew mas-sjieda ta' holdings f'sussidjarji meta dawn l-attivitajiet ikunu tal-istess natura bħal dawk imwettqin minn istituzzjonijiet jew minn istituzzjonijiet finanzjarji:

(i) l-ekwità tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(ii) l-assi tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(iii) id-dħul tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(iv) il-persunal tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(v) indikatur ieħor meqjus rilevanti mill-awtorità kompetenti;";

(d) jiddaħħal il-punt (20a) li ġej:

"(20a) "kumpanija azzjonarja ta' investiment" tfisser kumpanija azzjonarja ta' investiment kif iddefinita fl-Artikolu 4(1), il-punt (23) tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10];

(e) il-punt (26) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(26) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser impriża li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriża ma hijiex istituzzjoni, kumpanija azzjonarja industrijali pura, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attività mħallta kif iddefinita fl-Artikolu 212(1), il-punti (f) u (g) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(b) l-impriża tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-attività prinċipali tal-impriża hija li takkwista jew li tkun is-sid ta' holdings jew li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, il-punti 2 sa 12 u l-punt 15 tal-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE, jew li ssegwi wieħed jew aktar mis-servizzi jew mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, it-Taqsima 1 jew B tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji elenkati fit-Taqsima C ta' dan l-Anness ta' dik id-Direttiva;

(ii) l-impriża tkun ditta ta' investiment, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, kumpanija azzjonarja ta' investiment, fornitur ta' servizzi ta' pagament fis-sens tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], kumpanija li tiġġestixxi l-assi jew impriża ta' servizzi anċillari;";

(f) jiddaħħal il-punt (26a) li ġej:

"(26a) "kumpanija azzjonarja industrijali pura" tfisser impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attività prinċipali tal-impriża hija li takkwista jew tkun is-sid ta' holdings;

(b) la l-impriża u lanqas kwalunkwe waħda mill-impriżi li fihom tkun is-sid tal-parteċipazzjonijiet ma tkun imsemmija fil-punt (27), il-punti (a), (d), (e), (f), (g), (h), (k) u (l);

(c) la l-impriża u lanqas kwalunkwe waħda mill-impriżi li fihom tkun is-sid ta' parteċipazzjonijiet ma jwettqu bħala attività prinċipali kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE, kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, Taqsima A jew B,

---

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

[11] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[12] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji elenkati fit-Taqsima C ta' dan l-Anness ta' din id-Direttiva, jew huma ditti ta' investiment, forrnituri ta' servizzi ta' pagament fis-sens tad-Direttiva (UE) 2015/2366, kumpaniji li jiġġestixxu l-assi, jew impriżi ta' servizzi anċillari;";

(g) fil-punt (27), il-punt (c) huwa mħassar;

(h) il-punt (28) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(28) "istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru" tfisser istituzzjoni fi Stat Membru li jkollha istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja, jew li jkollha parteċipazzjoni f'istituzzjoni ***jew*** f'istituzzjoni finanzjarja ▌, u li ma tkunx hija nnifisha sussidjarja ta' istituzzjoni oħra awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;";

(i) jiddaħħlu l-punti (33a) u (33b) li ġejjin:

"(33a) "istituzzjoni awtonoma fl-UE" tfisser istituzzjoni li ma hijiex soġġetta għal konsolidazzjoni prudenzjali skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed fl-UE, u li ma għandha l-ebda impriża prinċipali tal-UE soġġetta għal tali konsolidazzjoni prudenzjali;

(33b) "istituzzjoni sussidjarja awtonoma fi Stat Membru" tfisser istituzzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni hija s-sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE, ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE;

(b) l-istituzzjoni tinsab fi Stat Membru ieħor differenti mill-istituzzjoni prinċipali, mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tagħha;

(c) l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda sussidjarja hija stess u ma jkollha l-ebda parteċipazzjoni f'istituzzjoni jew f'istituzzjoni finanzjarja;";

(j) fil-punt (37), ir-referenza għall-"Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE" hija sostitwita b'referenza għall-"Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE";

(k) il-punt (52) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(52) "riskju operattiv" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn proċessi interni, minn persuni u minn sistemi inadegwati jew li ma jirnexxux jew minn avvenimenti esterni, li jinkludi ***iżda mhux limitat għal,*** riskju legali, riskju tal-mudell u riskju tal-ICT, iżda ***jeskludi*** riskju strateġiku u reputazzjonali;";

(l) jiddaħħlu l-punti minn (52a) sa (52i) li ġejjin:

'(52a) "riskju legali" tfisser ***ir-riskju*** ta' telf, inkluż, ***iżda mhux limitat għal***, spejjeż, multi, penali jew danni punittivi, ***li istituzzjoni tista' ġġarrab bħala konsegwenza*** ta' avvenimenti li jirriżultaw fi proċedimenti legali, inklużi dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet superviżorji u saldi privati;

(b) nuqqas ta' aġir meta tkun neċessarja azzjoni sabiex tinżamm konformità ma' obbligu legali;

(c) azzjoni meħuda sabiex tiġi evitata l-konformità ma' obbligu legali;

(d) avvenimenti ta' kondotta ħażina, li huma avvenimenti li jirriżultaw minn imġiba ħażina volontarja jew negliġenti, inkluż forniment mhux xieraq ta' servizzi finanzjarji ***jew meta l-istituzzjoni ma ssegwix l-obbligu li tipprovdi informazzjoni ġusta, ċara u mhux qarrieqa lill-klijenti konsumaturi tagħha skont l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2014/65/UE***;

(e) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit derivat minn dispożizzjonijiet statutorji jew leġiżlattivi nazzjonali jew internazzjonali;

(f) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit derivat minn arranġamenti kuntrattwali, jew ma' regoli interni u ma' kodiċijiet tal-kondotta stabbiliti f'konformità ma' normi u ma' prattiki nazzjonali jew internazzjonali;

(g) nuqqas ta' konformità mar-regoli etiċi.

Ir-riskju legali ma jinkludix rifużjonijiet lil terzi persuni jew lil impjegati u pagamenti ta' avvjament minħabba opportunitajiet ta' negozju, fejn ma jkun seħħ l-ebda ksur ta' xi regola jew ta' mġiba etika u meta l-istituzzjoni tkun issodisfat l-obbligi tagħha b'mod f'waqtu; u l-ispejjeż legali esterni meta l-avveniment li jwassal għal dawk l-ispejjeż esterni ma jkunx avveniment ta' riskju operattiv.

(52b) "riskju tal-mudell" tfisser ***ir-riskju ta' telf*** li tista' ġġarrab istituzzjoni bħala konsegwenza ta' deċiżjonijiet li jistgħu jkunu prinċipalment ibbażati fuq l-output tal-mudelli interni, minħabba żbalji ***fid-disinn***, fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni ▌, fl-użu ***jew fil-monitoraġġ*** ta' dawn il-mudelli, inklużi dawn li ġejjin:

(a) l-istabbiliment mhux xieraq ta' mudell intern magħżul u tal-karatteristiċi tiegħu;

(b) il-verifika mhux adegwata tal-idoneità ta' mudell intern magħżul għall-istrument finanzjarju li għandu jiġi evalwat jew għall-prodott li għandu jiġi pprezzat, jew tal-idoneità tal-mudell intern magħżul għall-kundizzjonijiet tas-suq applikabbli;

(c) żbalji fl-implimentazzjoni ta' mudell intern magħżul;

(d) valutazzjonijiet skont il-valur fis-suq u kalkolu tar-riskju żbaljati minħabba żball matul ir-reġistrazzjoni ta' negozju fis-sistema tan-negozjar;

(e) l-użu ta' mudell intern magħżul jew l-outputs tiegħu għal skop li għalih dak il-mudell ma kienx maħsub jew iddisinjat, inkluża l-manipulazzjoni tal-parametri tal-immudellar;

(f) il-monitoraġġ mhux f'waqtu u ineffettiv tal-prestazzjoni tal-mudell sabiex jiġi vvalutat jekk il-mudell intern magħżul ikunx għadu adattat għall-iskop tiegħu;

(52c) "riskju tal-ICT" tfisser ir-riskju ta' telf jew ta' telf potenzjali relatat ***ma' kwalunkwe ċirkostanza identifikabbli b'mod raġonevoli b'rabta*** mal-użu tas-sistemi tan-network ***u*** tal-informazzjoni ***li, jekk timmaterjalizza, tista'***

***tikkomprometti s-sigurtà tas-sistemi tan-network u tal-informazzjoni, ta' kwalunkwe għodda jew proċess dipendenti fuq it-teknoloġija, ta' operazzjonijiet u proċessi, jew tal-forniment ta' servizzi billi tipproduċi effetti negattivi fl-ambjent diġitali jew fiżiku***;

(52d) "riskju ambjentali, soċjali jew ta' governanza ▌" ***jew "riskju ESG"*** tfisser ir-riskju ta' ▌ kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti kurrenti jew prospettivi tal-fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tal-istituzzjoni; ***Ir-riskji ESG jimmaterjalizzaw permezz tal-kategoriji tradizzjonali ta' riskji finanzjarji, inkluż ir-riskju tal-kreditu, ir-riskju tas-suq, ir-riskji operattivi u reputazzjonali, u r-riskiji tal-likwidità u tal-finanzjament;***

(52e) "riskju ambjentali" tfisser ir-riskju ta' ▌ kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti attwali jew prospettivi tal-fatturi ambjentali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tal-istituzzjoni, inklużi fatturi relatati mat-tranżizzjoni lejn l-objettivi ambjentali li ġejjin:

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;

(c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar;

(d) it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

(e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;

(f) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi;

Ir-riskju ambjentali jinkludi kemm ir-riskju fiżiku kif ukoll ir-riskju ta' tranżizzjoni.

(52f) "riskju fiżiku", bħala parti mir-riskju ambjentali ġenerali, tfisser ir-riskju ta' ▌ kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti kurrenti jew prospettivi tal-effetti fiżiċi tal-fatturi ambjentali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tal-istituzzjoni;

(52g) "riskju ta' tranżizzjoni", bħala parti mir-riskju ambjentali ġenerali, tfisser ir-riskju ta' ▌ kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti kurrenti jew prospettivi tat-tranżizzjoni ▌għal ekonomija ambjentalment sostenibbli fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tal-istituzzjoni;

(52h) "riskju soċjali" tfisser ir-riskju ta' ▌kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti kurrenti jew prospettivi tal-fatturi soċjali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tagħha;

(52i) "riskju ta' governanza" tfisser ir-riskju ta' ▌ impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti kurrenti jew prospettivi tal-fatturi ta' governanza fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tal-istituzzjoni;";

(m) il-punti (54), (55) u (56) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(54) "probabbiltà ta' inadempjenza" jew "PD" tfisser il-probabbiltà ta' inadempjenza ta' debitur fuq perjodu ta' sena, u, fil-kuntest tar-riskju ta' dilwizzjoni, il-probabbiltà ta' dilwizzjoni fuq ***perjodu*** ta' sena;

(55) "telf fil-każ ta' inadempjenza" jew "LGD" tfisser il-proporzjon ▌ tat-telf fuq skopertura relatata ma' faċilità waħda minħabba l-inadempjenza ta' debitur jew ta' faċilità għall-ammont pendenti f'inadempjenza, u, fil-kuntest tar-riskju ta' dilwizzjoni, it-telf fil-każ ta' dilwizzjoni li jfisser il-proporzjon ▌ tat-telf fuq skopertura ***relatata ma' riċevibbli mixtrija*** minħabba dilwizzjoni, għall-ammont pendenti ***tar-riċevibbli*** mixtrija;

(56) "fattur ta' konverżjoni" jew "fattur tal-konverżjoni ta' kreditu" jew "CCF" tfisser il-proporzjon ▌ tal-ammont attwalment mhux prelevat ta' impenn minn faċilità waħda li jista' jiġi pprelevat minn faċilità waħda qabel inadempjenza u li għalhekk ikun pendenti b'inadempjenza għall-ammont attwalment mhux prelevat tal-impenn minn dik il-faċilità, il-firxa tal-impenn li qed tiġi ddeterminata mil-limitu rakkomandat, sakemm il-limitu mhux rakkomandat ma jkunx ogħla;";

(n) jiddaħħal il-punt (56a) li ġej:

"(56a) "CCF realizzat" tfisser il-proporzjon tal-ammont prelevat ta' impenn minn faċilità waħda, li ma ġiex ipprelevat f'data ta' referenza partikolari qabel l-inadempjenza, u li għalhekk ikun pendenti f'inadempjenza, għall-ammont mhux prelevat tal-impenn minn dik il-faċilità f'dik id-data ta' referenza;";

(o) il-punti (58), (59) u 60 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(58) "protezzjoni ta' kreditu finanzjata" jew "FCP" tfisser it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju tal-kreditu fuq l-iskopertura ta' istituzzjoni jidderivi mid-dritt ta' din l-istituzzjoni, fil-każ tal-inadempjenza tad-debitur jew fl-okkorrenza ta' avvenimenti ta' kreditu speċifiċi oħra li jirrelataw mad-debitur, li tillikwida, jew li tikseb trasferiment jew approprjazzjoni ta', jew li żżomm, ċerti assi jew ammonti, jew li tnaqqas l-ammont tal-iskopertura għal, jew li tibdlu bl-ammont tad-differenza bejn l-ammont tal-iskopertura u l-ammont ta' pretensjoni fuq l-istituzzjoni;

(59) "protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata" jew "UFCP" tfisser il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju ta' kreditu fuq l-iskopertura ta' istituzzjoni jidderivi mill-obbligu ta' terza persuna li tħallas ammont fil-każ ta' inadempjenza tad-debitur jew l-okkorrenza ta' avvenimenti ta' kreditu speċifiċi oħra;

(60) "strument ta' flus assimilat" tfisser ċertifikat ta' depożitu, bond li jinkludi bond kopert jew kwalunkwe strument mhux subordinat ieħor, li nħareġ mill-istituzzjoni mutwanti, li għaliha l-istituzzjoni mutwanti diġà tkun irċeviet pagament sħiħ u li jiġi rimborżat mingħajr kundizzjonijiet mill-istituzzjoni mutwanti bil-valur nominali tiegħu;";

(p) jiddaħħal il-punt (60a) li ġej:

"(60a) "ingotti tad-deheb" tfisser deheb fil-forma ta' komodità, inklużi vireg tad-deheb, ingotti u muniti, ġeneralment aċċettati mis-suq tal-ingotti, fejn jeżistu swieq likwidi għall-ingotti, u li l-valur tagħhom jiġi ddeterminat mill-valur tal-kontenut tad-deheb, iddefinit skont il-purità u l-massa, aktar milli mill-interess tiegħu għan-numismatisti;";

(q) jiddaħħal il-punt (74a) li ġej:

"(74a) "valur tal-proprjetà" tfisser il-valur ta' proprjetà immobbli ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 229(1);";

(r) il-punt (75) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(75) "proprjetà residenzjali" tfisser xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) proprjetà immobbli li għandha n-natura ta' abitazzjoni u li tissodisfa l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha li jippermettu li l-proprjetà tiġi okkupata għal skopijiet ta' abitazzjoni;

(b) proprjetà immobbli li għandha n-natura ta' abitazzjoni u li għadha qed tinbena, dment li jkun hemm l-aspettattiva li l-proprjetà se tissodisfa l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha li jippermettu li l-proprjetà tiġi okkupata għal skopijiet ta' abitazzjoni;

(c) id-dritt li wieħed jgħix f'appartamenti f'kooperattivi tad-djar li jinsabu fl-Iżvezja

(d) aċċessorju tal-art għal proprjetà msemmija fil-punt (a), (b) jew (c);";

(s) jiddaħħlu l-punti minn (75a) sa (75g) li ġejjin:

"(75a) "proprjetà immobbli kummerċjali" tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli li ma hijiex proprjetà residenzjali ▌;

(75b) "skopertura għall-proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu" ***jew*** skopertura IPRE tfisser skopertura koperta minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali waħda jew aktar fejn l-issodisfar tal-obbligi ta' kreditu relatati mal-iskopertura jiddependi materjalment fuq il-flussi ta' flus iġġenerati minn dawk il-proprjetajiet immobbli li jiggarantixxu din l-iskopertura, aktar milli fuq il-kapaċità tad-debitur li jissodisfa l-obbligi ta' kreditu minn sorsi oħrajn; ***is-sors primarju ta' tali flussi ta' flus ikun il-pagamenti ta' kirjiet, jew il-qligħ mill-bejgħ ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali***;

(75c) "skopertura ta' proprjetà immobbli li ma tipproduċix introjtu" (skopertura mhux IPRE) tfisser kwalunkwe skopertura koperta minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali waħda jew aktar li ma hijiex skopertura IPRE;

(75d) "skopertura mhux ADC" tfisser kwalunkwe skopertura koperta minn proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali waħda jew aktar li ma hijiex skopertura ADC;

(75e) "skopertura ggarantita bi proprjetà residenzjali", jew "skopertura ggarantita b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali", jew "skopertura ggarantita b'kollateral ta' proprjetà residenzjali", jew "skopertura ggarantita bi proprjetà immobbli residenzjali", tfisser skopertura ggarantita ***bi*** proprjetà residenzjali ***jew skopertura meqjusa bħala tali f'konformità mal-Artikolu 108(3)***;

(75f) "skopertura ggarantita bi proprjetà immobbli kummerċjali", jew "skopertura ggarantita b'ipoteka fuq proprjetà immobbli kummerċjali", jew "skopertura ggarantita b'kollateral immobiljari kummerċjali" tfisser skopertura ggarantita ***bi*** proprjetà immobbli kummerċjali ▌;

(75g) "skopertura ggarantita bi proprjetà immobbli", jew "skopertura ggarantita b'ipoteka fuq proprjetà immobbli", jew "skopertura ggarantita b'kollateral immobiljari" tfisser skopertura ggarantita ***bi*** proprjetà immobbli residenzjali jew

kummerċjali ***jew skopertura meqjusa bħala tali f'konformità mal-Artikolu 108(3)***;";

(t) il-punti (78) u (79) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(78) "rata ta' inadempjenza ta' sena" tfisser il-proporzjon bejn in-numru ta' debituri jew ***fejn il-klassifikazzjoni bħala inadempjenti hija applikata fil-livell tal-faċilitajiet skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1), faċilitajiet li dwarhom huwa meqjus li seħħ inadempjament*** matul perjodu li jibda minn sena qabel data ta' osservazzjoni T, u n-numru ta' debituri, jew ▌ fejn il-klassifikazzjoni bħala inadempjenti tiġi applikata fil-livell tal-faċilitajiet skont ***it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1), faċilitajiet*** assenjati għal dan il-grad jew din l-aggregazzjoni sena qabel dik id-data ta' osservazzjoni T;

(79) "skoperturi ADC" jew "skoperturi għall-akkwist ta' art, għall-iżvilupp u għall-kostruzzjoni" tfisser ***self*** lil impriżi jew entitajiet bi skop speċjali li jiffinanzjaw kwalunkwe akkwist ta' art għal skopijiet ta' żvilupp u ta' kostruzzjoni, jew li jiffinanzjaw l-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' kwalunkwe proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali;";

(u) il-punt (114) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(114) "holding indiretta" tfisser kwalunkwe skopertura għal entità intermedjarja li jkollha skopertura għal strumenti kapitali maħruġin minn entità tas-settur finanzjarju jew għal obbligazzjonijiet maħruġin minn istituzzjoni fejn, fil-każ li l-istrumenti kapitali maħruġin mill-entità tas-settur finanzjarju jew tal-obbligazzjonijiet maħruġin mill-istituzzjoni jiġu permanentement ikkanċellati, it-telf li l-istituzzjoni ġġarrab bħala riżultat ma jkunx materjalment differenti mit-telf li l-istituzzjoni ġġarrab minn holding diretta ta' dawk l-istrumenti ta' kapital maħruġin mill-entità tas-settur finanzjarju jew minn dawk l-obbligazzjonijiet maħruġin mill-istituzzjoni;"

(v) il-punt (126) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(126) "holding sintetika" tfisser investiment minn istituzzjoni fi strument finanzjarju li l-valur tiegħu jkun direttament marbut mal-valur tal-istrumenti ta' kapital maħruġin minn entità tas-settur finanzjarju jew mal-valur tal-obbligazzjonijiet maħruġin minn istituzzjoni;";

(w) il-punt (144) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(144) "post tan-negozjar" tfisser grupp identifikat tajjeb ta' kummerċjanti stabbilit mill-istituzzjoni sabiex jimmaniġġa b'mod konġunt portafoll ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, jew il-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar imsemmijin fl-Artikolu 104b, il-paragrafi 5 u 6, f'konformità ma' strateġija kummerċjali definita tajjeb u konsistenti u li jopera taħt l-istess struttura ta' ġestjoni tar-riskju;"

(x) ***il-punt*** (145) ***huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***" (f) l-assi jew l-obbligazzjonijiet konsolidati tal-istituzzjoni relatati ma' attivitajiet ma' kontropartijiet li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea, esklużi l-iskoperturi intragrupp fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jeċċedu***

***75 % tal-assi u tal-obbligazzjonijiet totali konsolidati tal-istituzzjoni, esklużi fiż-żewġ każijiet l-iskoperturi intragrupp,";***

***(b)*** jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (e), istituzzjoni tista' teskludi pożizzjonijiet ta' derivati li tkun daħlet fihom mal-klijenti mhux finanzjarji tagħha u l-pożizzjonijiet ta' derivati li tuża sabiex tiħħeġġja dawk il-pożizzjonijiet, dment li l-valur ikkombinat tal-pożizzjonijiet esklużi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 273a(3) ma jaqbiżx l-10 % tal-assi totali tal-istituzzjoni li jidhru fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.";

(y) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(151) "skopertura rotattiva" tfisser skopertura li fiha l-bilanċ pendenti tal-mutwatarju jitħalla jvarja skont id-deċiżjonijiet tiegħu ta' teħid ta' self u ta' ripagament, sa limitu ***stabbilit mill-istituzzjoni mutwanti***;

(152) "skopertura ta' tranżattur" tfisser kwalunkwe skopertura rotattiva li jkollha tal-anqas 12-il xahar ta' storja ta' ripagamenti u li tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) skopertura li għaliha, fuq bażi regolari ta' tal-anqas kull 12-il xahar, ***l-ammont*** li jkollu jitħallas lura fid-data tar-ripagament skedata li jmiss jiġi ddeterminat bħala l-ammont prelevat ***jew pagament parzjali*** f'data ta' referenza predefinita ***jew skont modalitajiet ta' ripagament kuntrattwali***, ***bid-dati*** tar-ripagament kollha skedati mhux aktar tard minn 12-il xahar, dment li ***l-ammont jew pagament parzjali dovut lill-istituzzjoni mutwanti*** jkun tħallas lura kompletament f'kull data ta' ripagament skedata għat-12-il xahar preċedenti;

(b) faċilità ta' overdraft li fiha ma kien hemm l-ebda ġbid ta' kreditu matul it-12-il xahar preċedenti;

***(152a) "entità tas-settur tal-fjuwils fossili" tfisser kumpanija jew impriża attiva primarjament fid-derivazzjoni ta' kwalunkwe dħul mill-esplorazzjoni, mit-tħaffir fil-minjieri, mill-estrazzjoni, mill-produzzjoni, mill-ipproċessar, mill-ħżin, mir-raffinar jew mid-distribuzzjoni, inklużi t-trasport, il-ħżin u l-kummerċ, ta' fjuwils fossili kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (62), tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.***

***L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex tispeċifika l-kundizzjonijiet li bihom il-kumpanija jew impriża għandha titqies primarjament attiva fid-derivazzjoni ta' kwalunkwe dħul mill-esplorazzjoni, l-estrazzjoni minn minjieri, l-estrazzjoni, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, ir-raffinar jew id-distribuzzjoni, inkluż it-trasport, il-ħżin u l-kummerċ, ta' fjuwils fossili.***

***(152b) "assi jew attivitajiet soġġetti għal impatti minn fatturi ambjentali u/jew soċjali" tfisser assi jew attivitajiet li għandhom impatt fuq l-ambizzjoni tal-Unjoni li tikseb in-newtralità klimatika kif speċifikat fl-Artikolu 3, il-punt (69a) tad-Direttiva 2013/36/UE.***

***(152c) "entità mhux bankarja" tfisser entità li toffri servizzi bankarji jew twettaq attivitajiet bankarji u li mhijiex soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali simili għal dawk imposti minn dan ir-Regolament.***

---

**** Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).";***

***(1a) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"4a. Għall-finijiet tal-punt (18), il-punt (c) tal-paragrafu 1, l-ABE għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw il-kriterji għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet sa ... [OP: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010."***

(2) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) "telf mistenni" jew "EL" tfisser il-proporzjon, relatat ma' faċilità waħda, tal-ammont li mistenni jintilef fuq skopertura minn kwalunkwe wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(i) inadempjenza potenzjali ta' debitur fuq perjodu ta' sena għall-ammont pendenti f'inadempjenza;

(ii) avveniment potenzjali ta' dilwizzjoni fuq perjodu ta' sena għall-ammont pendenti fid-data tal-okkorrenza tal-avveniment ta' dilwizzjoni;";

(b) jiżdiedu l-punti minn (4) sa (10) li ġejjin:

"(4) "obbligu ta' kreditu" tfisser kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kuntratt ta' kreditu, inklużi l-kapital, l-imgħax dovut u t-tariffi, dovuti minn debitur lil istituzzjoni jew, fejn l-istituzzjoni sservi bħala garanti, dovuti minn debitur lil terza persuna;

(5) "skopertura għall-kreditu" tfisser kwalunkwe element fil-karta tal-bilanċ, inkluż kwalunkwe ammont ta' kapital, ta' mgħax dovut u ta' tariffi dovuti mid-debitur lill-istituzzjoni, ***jew*** kwalunkwe element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ li jirriżulta, jew li jista' jirriżulta, f'obbligu ta' kreditu;

(6) "faċilità" tfisser skopertura għall-kreditu li tirriżulta minn kuntratt ▌ bejn debitur u istituzzjoni;

(7) "marġni ta' konservattiviżmu" tfisser żieda ▌ inkorporata fl-istimi tar-riskju, ***adegwata*** sabiex tqis il-firxa mistennija ta' żbalji fl-istima li jirriżultaw minn nuqqasijiet identifikati fid-data, fil-metodi, fil-mudelli, u l-bidliet fl-istandards

ta' sottoskrizzjoni, fl-attitudni għar-riskji, fil-politiki ta' ġbir u ta' rkupru u fi kwalunkwe sors ieħor ta' inċertezza addizzjonali, kif ukoll minn żball ġenerali fl-istima;

(8) "intrapriża żgħira u ta' daqs medju" jew "SME" tfisser kumpanija, intrapriża jew impriża li, skont l-aħħar kontijiet konsolidati, ikollha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 000 000;"

(9) "impenn" tfisser kwalunkwe arranġament kuntrattwali li istituzzjoni toffri lil klijent u li jkun aċċettat minn dak il-klijent, għall-estensjoni ta' kreditu, għax-xiri ta' assi jew għall-ħruġ ta' sostituti tal-kreditu. Kwalunkwe arranġament li jista' jiġi kkanċellat mingħajr kundizzjoni mill-istituzzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel lid-debitur jew kwalunkwe arranġament li jista' jiġi kkanċellat mill-istituzzjoni meta d-debitur jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-faċilità, inklużi l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mid-debitur qabel kwalunkwe ġbid ta' kreditu inizjali jew sussegwenti skont l-arranġament, huwa impenn;

L-arranġamenti kuntrattwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ma għandhomx ikunu impenji:

(a) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom l-istituzzjoni ma tirċievi l-ebda tariffa jew kummissjoni sabiex tistabbilixxi jew iżżomm dawk l-arranġamenti kuntrattwali;

(b) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom il-klijent ikun meħtieġ japplika mal-istituzzjoni għall-ġbid ta' kreditu inizjali u għal kull ġbid ta' kreditu sussegwenti skont dawk l-arranġamenti kuntrattwali;

(c) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom l-istituzzjoni jkollha awtorità sħiħa, irrispettivament mill-issodisfar mill-klijent tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-arranġament kuntrattwali, fuq l-eżekuzzjoni ta' kull ġbid ta' kreditu;

(d) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom l-istituzzjoni tkun meħtieġa tivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-klijent immedjatament qabel ma tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni ta' kull ġbid ta' kreditu;

(e) arranġamenti kuntrattwali li jiġu offruti lil entità korporattiva, inkluża SME, li tkun immonitorjata mill-qrib fuq bażi kontinwa.

(10) "impenn kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet" tfisser kwalunkwe impenn li t-termini tiegħu jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċella dan l-impenn sal-punt sħiħ permess skont il-protezzjoni tal-konsumatur u l-leġiżlazzjoni relatata ***fejn applikabbli*** fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel lid-debitur jew li effettivament jipprevedu kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ebda istituzzjoni li tkun jew impriża prinċipali jew inkella sussidjarja, u l-ebda istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 18, ma għandha tkun meħtieġa tikkonforma fuq bażi individwali mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 92, il-paragrafi 5 u 6, u fil-Parti Tmienja.";

*(3a) fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*"3a. Sal-31 ta Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li tiġi permessa l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 anki għal sussidjarja li tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li jawtorizza u jissorvelja l-istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-progress imwettaq fit-tlestija tal-unjoni bankarja, u b'mod aktar partikolari lit-titjib imwettaq fil-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u tal-assigurazzjoni tad-depożiti li jista' jindirizza t-tħassib potenzjali dwar l-istabbiltà finanzjarja li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 fuq bażi transfruntiera.*

*Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll jekk salvagwardji prudenzjali u modifiki tekniċi addizzjonali jistgħux jindirizzaw aktar kwalunkwe tħassib potenzjali dwar l-istabbiltà finanzjarja li jirriżulta mill-eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti individwali fuq bażi transfruntiera.*

*Ir-rapport għandu jindirizza l-każ ta' eżenzjonijiet parzjali mir-rekwiżiti prudenzjali, filwaqt li jqis jekk l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet fuq bażi transfruntiera, jenħtieġx li tkun akkumpanjata mir-rekwiżit għas-sussidjarji rilevanti li xorta waħda jkollhom livelli minimi adegwati ta' fondi proprji biex jiżguraw ir-reżiljenza tagħhom, anke f'sitwazzjonijiet diffiċli. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddefinixxu ammont adegwat, filwaqt li jqisu l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp u l-effettività tal-arranġament ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp f'riżoluzzjoni.*

*Dak ir-rapport għandu, meta jkun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet biex issir proposta leġiżlattiva jkunu għadhom ma ġewx issodisfati, il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-unjoni bankarja sakemm jasal iż-żmien meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq li tagħmel tali proposta leġiżlattiva.";*

*(3b) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Artikolu 8*

*Deroga mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-likwidità fuq bażi individwali*

*1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw totalment jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Parti Sitta lil istituzzjoni u lis-sussidjarji tagħha kollha jew uħud minnhom fl-Unjoni u jissorveljawhom bħala sottogrupp tal-likwidità waħdieni sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

*(a) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta;*

*(b) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew l-istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata timmonitorja u għandha superviżjoni l-ħin kollu fuq il-pożizzjonijiet ta' likwidità tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan il-grupp jew is-sottogrupp, li huma soġġetti għar-rinunzja, timmonitorja u għandha superviżjoni l-ħin kollu fuq il-pożizzjonijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan il-grupp jew is-sottogrupp fejn ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli (NSFR) stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta jiġi rinunzjat, u li tiżgura livell suffiċjenti ta' likwidità, u ta' finanzjament stabbli*

*fejn ir-rekwiżit tal-NSFR stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta jiġi rinunzjat, għal dawk l-istituzzjonijiet kollha;*

*(c) l-entitajiet kollha li jappartjenu għal sottogrupp waħdieni tal-likwidità jkunu daħlu fi ftehim ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp kif definit fid-Direttiva 2014/59/UE, jew ftehim ieħor ta' appoġġ finanzjarja tal-grupp li l-awtoritajiet kompetenti jqisu sodisfaċenti, li jirrikjedi li l-impriża prinċipali tipprovdi appoġġ ta' likwidità u li ma jipprevedi l-ebda limitu massimu għal-livell ta' appoġġ li jista' jiġi pprovdut u li ma jkunx revokabbli fi żmien qasir;*

*(d) l-istituzzjonijiet ikunu daħlu f'kuntratti li, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jiddisponu l-moviment liberu tal-fondi bejniethom sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi individwali u konġunti tagħhom meta dawn isiru dovuti;*

*(e) l-istituzzjoni li tmexxi s-sottogrupp tal-likwidità jipprovdi opinjoni legali indipendenti lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-infurzabbiltà ta' dan il-ftehim ta' appoġġ finanzjarja tal-grupp li tikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe impediment legali għat-trasferiment tal-likwidità fost l-entitajiet li jappartjenu għas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità;*

*(f) is-sottogrupp waħdieni tal-likwidità huwa kopert minn pjan ta' rkupru tal-grupp waħdieni li jinkludi indikaturi tal-pjan ta' rkupru għal kull entità tas-sottogrupp tal-likwidità inkluża l-impriża prinċipali li jkunu konsistenti mal-politika interna tal-ġestjoni tal-likwidità tas-sottogrupp tal-likwidità;*

*(g) is-sottogrupp waħdieni tal-likwidità jappartjeni għal grupp bankarju li jkun soġġett għal skema ta' riżoluzzjoni tal-grupp skont l-Artikolu 92 tad-Direttiva 2014/59/UE.*

*Il-ftehim ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp jista' jintuża wkoll biex tiġi ssodisfata l-kundizzjoni skont il-punt (d) ta' dan il-paragrafu.*

*3. Meta l-istituzzjonijiet ta' sottogrupp waħdieni tal-likwidità ikunu awtorizzati f'diversi Stati Membri, il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss wara li tkun segwita l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għalkollox jew parzjalment l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 6.*

*4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll il-paragrafi 1 u 3 għall-istituzzjonijiet li jkunu membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7), sakemm ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fih, u għal istituzzjonijiet oħra marbuta b'relazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(6) sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fih. L-awtoritajiet kompetenti għandhom f'dak il-każ jiddeterminaw waħda mill-istituzzjonijiet soġġetta għar-rinunzja li tissodisfa l-Parti Sitta fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-istituzzjonijiet kollha tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità.*

*5. Meta rinunzja tkun ingħatat skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll japplikaw l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fil-livell tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità u jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fuq bażi individwali.*

***6. Fejn, f'konformità ma' dan l-Artikolu, awtorità kompetenti tirrinunzja, parzjalment jew totalment, l-applikazzjoni tal-Parti Sitta għal istituzzjoni, hija tista' wkoll tirrinunzja l-applikazzjoni tar-rekwiżiti assoċjati tar-rappurtar tal-likwidità skont il-punt (d) tal-Artikolu 430(1) għal dik l-istituzzjoni.***

***6a. L-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu qabel [id-data tal-applikazzjoni tas-CRR3 (pereżempju 1.1.2025)] għandhom jibqgħu fis-seħħ [[24 xahar] wara d-data tal-applikazzjoni tas-CRR3], dment li l-kundizzjonijiet speċifikati fil-verżjoni ta' dan l-Artikolu applikabbli qabel [id-data tal-applikazzjoni tas-CRR3 (pereżempju 1.1.2025)] jibqgħu jiġu ssodisfati. Wara [data [24 xahar] wara d-data tal-applikazzjoni tas-CRR3], tali eżenzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ, dment li l-kundizzjonijiet applikabbli speċifikati fl-Artikolu 8 (1) jew (2) jiġu ssodisfati.***

***6b. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-forma ġuridika u t-trattament prudenzjali speċifiku għall-ftehimiet ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.***

***Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tirrapporta dwar il-funzjonament tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rieżami u r-rapport tal-Kummissjoni għandhom jivvalutaw, b'mod partikolari, jekk l-elementi u l-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu jipprovdux biżżejjed flessibbiltà lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddefinixxu rekwiżiti speċifiċi għall-istituzzjoni kif meħtieġ għar-rinunzja tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' likwidità, meta dan ikun ġustifikat mill-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp u l-effettività tal-arranġament ta' appoġġ finanzjarju tal-grupp f'riżoluzzjoni. Ir-rieżami u r-rapport tal-Kummissjoni għandhom iqisu wkoll kwalunkwe tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-progress li jkun sar favur it-tlestija tal-unjoni bankarja, u b'mod aktar partikolari t-titjib li jkun sar fil-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-qafas ta' garanzija tad-depożiti tal-Unjoni peress li dan jista' jkompli jsaħħaħ il-konsistenza fil-ġestjoni tal-likwidità f'ċirkostanzi ta' negozju avvjat u fi żminijiet ta' kriżi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.***

(4) fl-Artikolu 10a, il-paragrafu uniku huwa emendat kif ġej:

"Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, id-ditti tal-investiment u l-kumpaniji azzjonisti ta' investiment għandhom jitqiesu bħala kumpaniji azzjonisti finanzjarji prinċipali fi Stat Membru jew f'kumpaniji azzjonisti finanzjarji prinċipali tal-Unjoni meta tali ditti tal-investiment jew kumpaniji azzjonisti ta' investiment ikunu impriżi prinċipali ta' istituzzjoni jew ta' ditta tal-investiment soġġetta għal dan ir-Regolament li hija msemmija fl-Artikolu 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033.";

(5) fl-Artikolu 11(1), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru għandhom jikkonformaw, sal-punt u bil-mod stabbilit fl-Artikolu 18, mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa u Sebgħa A fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 92(3), il-punt (a) u tal-Artikolu 430(1), il-punt (d).";

***(5a) fl-Artikolu 13(1), is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:"***

***"Sussidjarji kbar ta' istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 437, 438, 440, 442, 449a, 450, 451, 451a u 453 fuq bażi individwali jew, fejn applikabbli skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, fuq bażi subkonsolidata.";***

(6) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(b) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta istituzzjoni jkollha sussidjarja li tkun impriża għajr istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja jew ikollha parteċipazzjoni f'tali impriża, hija għandha tapplika l-metodu tal-ekwità għal dik is-sussidjarja jew il-parteċipazzjoni.";

(c) jiddaħħal paragrafu 10 ġdid:

"10. L-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] dwar il-kompletezza u l-adegwatezza tas-sett ta' definizzjonijiet u ta' dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar is-superviżjoni tat-tipi kollha ta' riskji li għalihom ikunu skoperti l-istituzzjonijiet f'livell konsolidat. L-ABE għandha tivvaluta b'mod partikolari xi diskrepanza li jifdal possibbli f'dawn id-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet flimkien mal-interazzjoni tagħhom mal-qafas kontabilistiku applikabbli, u kull aspett li jifdal li jista' joħloq restrizzjonijiet mhux intenzjonati għal superviżjoni konsolidata li tkun komprensiva u adattabbli għal sorsi jew għal tipi ġodda ta' riskji jew ta' strutturi li jistgħu jwasslu għal arbitraġġ regolatorju. L-ABE għandha taġġorna perjodikament ir-rapport tagħha fuq bażi biannwali.

Fid-dawl tas-sejbiet tal-ABE, il-Kummissjoni tista', jekk ikun xieraq, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 462 sabiex taġġusta d-definizzjonijiet rilevanti jew l-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali.";

***(6a) fl-Artikolu 19(1), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:***

***"1. Istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja li tkun sussidjarja jew impriża li fiha tinżamm parteċipazzjoni, m'hemmx bżonn li tkun inkluża fil-konsolidazzjoni meta l-ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-impriża konċernata jkunu inqas mill-iżgħar miż-żewġ ammonti li ġejjin:";***

(7) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-permessi msemmijin fl-Artikolu 143(1), fl-Artikolu 151, il-paragrafi 4 u 9, fl-Artikolu 283 u fl-Artikolu 363 ippreżentati minn istituzzjoni prinċipali tal-UE u mis-sussidjarji tagħha, jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, sabiex jiddeċiedu jekk jingħatax il-permess mitlub u jiddeterminaw il-patti u l-kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, li tali permess jenħtieġ li jkun soġġett għalihom;";

(ii) it-tielet subparagrafu huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta istituzzjoni prinċipali tal-UE u s-sussidjarji tagħha, is-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE tuża l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 fuq bażi unifikata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-kumpanija prinċipali u lis-sussidjarji tagħha, ikkunsidrati flimkien, jissodisfaw il-kriterji kwalifikattivi stabbiliti fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta b'mod li jkun konsistenti mal-istruttura tal-grupp u mas-sistemi, mal-proċessi u mal-metodoloġiji tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu.";

***(7a) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. Mal-applikazzjoni ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew sottosussidjarja ta' konsolidazzjoni ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fi Stat Membru għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 8(1), il-punti (a) sa (g) u biex jidentifikaw sottogrupp waħdieni tal-likwidità għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8.";***

***(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Madankollu, kwalunkwe awtorità kompetenti, inkluż is-superviżur konsolidanti, tista' matul il-perjodu ta' sitt xhur tirreferi lill-ABE l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 8(1), il-punti (a) sa (g) humiex issodisfati. F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu deċiżjonijiet tagħhom sakemm tiġi konkluża l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq ebda qbil mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni proprja tagħha b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali u tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tas-sussidjarja. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perjodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.";***

***(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. Kwalunkwe awtorità kompetenti tista' wkoll, matul il-perjodu ta' sitt xhur, tikkonsulta lill-ABE f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il- kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1), il-punti (a) sa (g). F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti tagħha skont l-Artikolu 31(c) tar-***

***Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sakemm tispiċċa l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.";***

(8) fl-Artikolu 27(1), il-punt (a), il-punt (v) huwa mħassar;

(9) fl-Artikolu 34 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"B'deroga mill-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, f'ċirkostanzi straordinarji li l-eżistenza tagħhom tiġi ddeterminata minn opinjoni pprovduta mill-ABE, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali totali fil-kalkolu tal-ammont totali li għandu jitnaqqas mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

Għall-finijiet tal-għoti tal-opinjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, l-ABE għandha timmonitorja l-kundizzjonijiet tas-suq sabiex tivvaluta jekk seħħewx ċirkostanzi straordinarji u, kif xieraq, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih.

L-ABE, ***f'konsultazzjoni mal-BĊE u l-ESMA***, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-indikaturi u l-kundizzjonijiet li l-ABE se tuża sabiex tiddetermina ċ-ċirkostanzi straordinarji msemmijin fit-tieni paragrafu u sabiex tispeċifika t-tnaqqis tal-aġġustamenti tal-valur addizzjonali aggregati totali msemmijin f'dak il-paragrafu.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fit-tielet paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(10) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju bl-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (l-Approċċ IRB), in-nuqqas tal-IRB fejn applikabbli, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 159;";

(b) fil-paragrafu 1, fil-punt (k), ***jiżdied*** il-punt ***(vi):***

***"(vi) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU li huma assenjati piż tar-riskju ta' 1250 % f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 132(2).";***

***(ba) fil-paragrafu 1, il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(m) l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi għajr l-iskoperturi mixtrija minn ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat li kienu improduttivi fil-ħin tax-xiri.";***

(11) fl-Artikolu 46(1), fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii), (iii) u (iv) u l-punti (l), (m) u (n), bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;";

***(11a)*** ***fl-Artikolu 47a, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:***

***"7a. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (m), "ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat" tfisser istituzzjoni li, matul is-sena finanzjarja preċedenti, tikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:***

***(i) l-attività prinċipali tal-istituzzjoni tkun ix-xiri ta' skoperturi ta' istituzzjonijiet oħra u l-korp ta' ġestjoni tagħha jkun implimenta proċess intern ta' teħid ta' deċiżjonijiet ċar u effettiv għal dan il-għan;***

***(ii) il-valur kontabilistiku tas-self oriġinat tagħha stess ma jaqbiżx il-15 % tal-valur kontabilistiku aggregat, inklużi l-iskoperturi produttivi u improduttivi mixtrija, tas-self tagħha; kif ukoll***

***(iii) l-assi totali tagħha ma jkunux aktar minn EUR 30 biljun.***

***7b. L-ABE għandha, filwaqt li tqis il-kriterji stabbiliti fil-punti (i) sa (iii) tal-paragrafu 7a, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom l-istituzzjoni tista' titqies bħala ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat.***

***L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].***

***Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

***(11b)*** ***l-Artikolu 47c huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(b) 1 għall-parti garantita tal-iskopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, sakemm il-garanzija jew l-assigurazzjoni ma tkunx ġiet invokata mill-istituzzjoni u l-fornitur tal-protezzjoni eliġibbli jkun assuma u, f'konformità mal-Artikolu 213(1), jissodisfa l-obbligi kollha ta' pagament tad-debitur lejn l-istituzzjoni b'mod sħiħ u f'konformità mal-iskeda ta' pagament applikabbli, f'liema każ japplika fattur ta' 0 għall-parti garantita tal-iskopertura improduttiva.";***

***(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"4a. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-parti tal-iskopertura improduttiva garantita jew assigurata minn aġenzija uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni hija esklużа mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.";***

(12) fl-Artikolu 48, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti minn (a) sa (h), il-punti (k)(ii), (iii) u (iv) u l-punti (l), (m) u (n), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji.";

(b) fil-punt (b), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti minn (a) sa (h), il-punti (k)(ii), (iii) u (iv) u l-punti (l), (m) u (n) , bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji.";(13) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. ***Il-holding***s li fir-rigward tagħhom ***ma jsirx tnaqqis skont il-paragrafu 1*** għandhom ***dejjem*** jikkwalifikaw bħala skoperturi u għandhom jiġu peżati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta ***ta' dan ir-Regolament.***

Il-holdings li fir-rigward tagħhom ma jsirx tnaqqis f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u għandhom jiġu peżati għar-riskju b'100 %.";

(14) fl-Artikolu 60(l), fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti minn (a) sa (g), il-punti (k)(ii), (iii) u (iv) u l-punti (l), (m) u (n) , bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;";

(15) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-eċċess tal-IRB fejn applikabbli, gross mill-effetti tat-taxxa, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu minn 159 sa 0,6 % tal-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju kkalkolati skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.";

(16) fl-Artikolu 70(1), fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti minn (a) sa (g), il-punti (k)(ii), (iii) u (iv) u l-punti (l), (m) u (n) , bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;";

(17) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72b(3), il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Minbarra l-obbligazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tippermetti li l-obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli sa ammont aggregat li ma jaqbiżx it-3,5 % tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3), sakemm:";

(18) fl-Artikolu 72i(1), fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti minn (a) sa (g), il-punti (k)(ii), (iii) u (k)(iv) u l-punti (l), (m) u (n) , bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;";

(19) fl-Artikolu 84(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dnk is-sussidjarja li jkun meħtieġ sabiex jissodisfa dan li ġej:

– meta s-sussidjarja tkun ***impriża msemmija fl-Artikolu 81(1), il-punti (a)(i) sa (a)(iii) u l-punt (a)(v) ta' dan ir-Regolament***, is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (a), ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinita fl-Artikolu 128, il-punt (6) ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, kif ikun applikabbli;

– meta s-sussidjarja tkun ditta ta' investiment ***jew kumpanija azzjonarja tal-investiment intermedjarja***, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, kif ikun applikabbli;

(ii) l-ammont ta' kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li huwa relatat ma' dik is-sussidjarja li huwa meħtieġ fuq bażi konsolidata sabiex tiġi ssodisfata s-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (a), ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinit fl-Artikolu 128, il-punt (6) ta' din id-Direttiva;

***B'deroga minn dan il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet inaqqsu wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (i) jew (ii) ta' dan il-punt;"***

(20) fl-Artikolu 85(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-kapital ta' Grad 1 tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital tal-Grad 1 tas-sussidjarja li jkun meħtieġ sabiex jissodisfa dan li ġej:

– meta s-sussidjarja tkun ***impriża msemmijin fl-Artikolu 81(1), il-punti (a)(i) sa (a)(iii) u l-punt (a)(v) ta' dan ir-Regolament***, is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (b), ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinita fl-Artikolu 128, il-punt (6) ta' din id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-Kapital tal-Grad 1, kif ikun applikabbli;

– meta s-sussidjarja tkun ditta ta' investiment ***jew kumpanija azzjonarja tal-investiment intermedjarja***, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1, kif ikun applikabbli;

(ii) l-ammont ta' kapital konsolidat tal-Grad 1 li huwa relatat mas-sussidjarja li huwa meħtieġ fuq bażi konsolidata sabiex tiġi ssodisfata s-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (b), ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinit fl-Artikolu 128, il-punt (6) ta' din id-Direttiva;

***B'deroga minn dan il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet inaqqsu wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (i) jew (ii) ta' dan il-punt;";***

***(20a) l-Artikolu 87(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(a) il-fondi proprji tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:***

***(i) l-ammont ta' fondi proprji tas-sussidjarja meħtieġ biex jissodisfa dan li ġej:***

***– meta s-sussidjarja tkun impriża msemmija fl-Artikolu 81(1), il-punti (a)(i) sa (a)(iii) u l-punt (a)(v) ta' dan ir-Regolament, is-somma tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92(1), il-punt (c) ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawk ir-rekwiżiti għandhom jintlaħqu permezz tal-fondi proprji, kif applikabbli;***

***– meta s-sussidjarja tkun ditta tal-investiment jew kumpanija tal-investiment intermedjarja, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawk ir-rekwiżiti għandhom jintlaħqu permezz tal-fondi proprji, kif applikabbli;***

***(ii) l-ammont tal-fondi proprji li jirrigwarda s-sussidjarja li jkun meħtieġ fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92(1), il-punt (c) ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżiti ta' riżerva kombinata ta' kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 ta' dik id-Direttiva;***

***B'deroga minn dan il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet inaqqsu wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (i) jew (ii) ta' dan il-punt.";***

(21) jiddaħħal l-Artikolu 88b li ġej:

*"Artikolu 88b*

**Impriżi f'pajjiżi terzi**

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu II, it-termini "ditta ta' investiment" u "istituzzjoni" għandhom jinftiehmu li jinkludu wkoll impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi, li, kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, ikunu jaqgħu taħt id-definizzjonijiet ta' dawn it-termini fl-Artikolu 4(1), il-punti (2) u (3).";

(22) fl-Artikolu 89, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Holding kwalifikattiva, li l-ammont tagħha jaqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni, f'impriża li ma tkunx entità tas-settur finanzjarju, għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.";

(23) l-Artikolu 92 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3 u 4 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) ***Għall-finijiet*** ta' konformità mal-obbligi ta' dan ir-Regolament, ***l-istituzzjonijiet*** għandhom jikkalkolaw l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif ġej:

$$\text{TREA} = \max\{\text{U - TREA}; x \cdot \text{S - TREA}\}$$

fejn:

TREA = l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-entità;

U-TREA= l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu tal-entità kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4;

S-TREA = l-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju tal-entità kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 5;

x = 72,5 %;

***L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' dan l-Artikolu skont il-livell ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 92-a.***

4. L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-punti minn (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu wara li jitqies il-paragrafu 7:

(a) l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal riskju ta' kreditu, inkluż ir-riskju għall-kontroparti, u r-riskju ta' dilwizzjoni, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu II u mal-Artikolu 379, fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kollha ta' istituzzjoni, esklużi l-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju għal riskju għall-kontroparti min-negozju tal-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għan-negozju fil-portafoll tan-negozjar ta' istituzzjoni għal dawn li ġejjin:

(i) ir-riskju tas-suq, ikkalkolat f'konformità mat-Titolu IV ta' din il-Parti;

(ii) skoperturi kbar li jeċċedu l-limiti speċifikati fl-Artikoli minn 395 sa 401, sal-limitu li istituzzjoni titħalla taqbeż dawk il-limiti, kif iddeterminati f'konformità mal-Parti Erbgħa;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu IV ta' din il-Parti għall-attivitajiet kummerċjali kollha li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet;

(ca) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' saldu, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu V ta' din il-Parti, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 379;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-aġġustament fil-valutazzjoni tal-kreditu, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu VI ta' din il-Parti;

(e) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operattiv, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu III ta' din il-Parti;

(f) l-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju għar-riskju għall-kontroparti li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni għat-tipi ta' tranżazzjonijiet u ta' ftehimiet li ġejjin, ikkalkolati f'konformità mat-Titolu II ta' din il-Parti:

(i) kuntratti elenkati fl-Anness II u derivattivi ta' kreditu;

(ii) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet fuq il-bażi ta' titoli jew ta' komoditajiet;

(iii) tranżazzjonijiet ta' self b'marġni fuq il-bażi ta' titoli jew ta' komoditajiet;

(iv) tranżazzjonijiet ta' saldu fit-tul.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 5 ▌ u 7 li ġejjin:

"5. L-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-punti minn (a) sa (f) tal-paragrafu 4, wara li jitqiesu l-paragrafu 7 u r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju ta' dilwizzjoni msemmijin fil-paragrafu 4, il-punt (a) u għar-riskju għall-kontroparti li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-negozjar kif imsemmi fil-punt (f) ta' dak il-paragrafu għandhom jiġu kkalkolati mingħajr ma jintuża kwalunkwe wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) l-approċċ ibbażat fuq il-mudelli interni għall-ftehimiet ewlenin ta' netting stabbilit fl-Artikolu 221;

(ii) l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni previst fil-Kapitolu 3;

(iii) l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna tat-Titolizzazzjoni (Securitisation Internal Ratings-Based Approach, SEC-IRBA) stabbilit fl-Artikoli minn 258 sa 260 u l-Approċċ ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna (Internal Assessment Approach, IAA) stabbilit fl-Artikolu 265;

(iv) l-approċċ stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II ta' din il-Parti;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għan-negozju tal-portafoll tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b)(i), u għall-attivitajiet kummerċjali kollha tagħha li huma soġġetti għar-riskju tal-kambju jew għar-riskju tal-komoditajiet imsemmijin fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu għandhom jiġu kkalkolati mingħajr l-użu tal-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudelli interni stabbilit fil-Kapitolu 1b tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta.

▌

7. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkoli tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu msemmija fil-paragrafu 4 u tal-ammont standardizzat tal-iskopertura għar-riskju msemmi fil-paragrafu 5:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmijin fil-paragrafu 4, il-punti (c), (ca), (d) u (e) għandhom jinkludu dawk li jirriżultaw mill-attivitajiet kummerċjali kollha ta' istituzzjoni;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jimmoltiplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (b) sa (e) bi 12,5.";

*(23a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

***"Artikolu 92-a***

***Livell ta' applikazzjoni tal-minimu tal-output***

***1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju totali msemmi fl-Artikolu 92(3) fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Parti Wieħed, Titolu II, Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament.***

***2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fi Stat Membru tqis li l-applikazzjoni tal-Artikolu 92(3) ta' dan ir-Regolament twassal għal distribuzzjoni mhux xierqa tal-kapital fost l-entitajiet tal-grupp, dik l-awtorità kompetenti tista' tippreżenta proposta ta' ridistribuzzjoni tal-kapital lis-superviżur konsolidanti.***

***Malli jirċievu n-notifika, l-awtorità kompetenti li tinnotifika u s-superviżur konsolidanti għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni tal-minimu tal-output fil-livell tal-istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja jew deċiżjoni konġunta dwar kwalunkwe mekkaniżmu ieħor ta' distribuzzjoni li jiżgura d-distribuzzjoni xierqa tar-rekwiżiti kapitali. Meta l-awtoritajiet ma jilħqux deċiżjoni konġunta fi żmien tliet xhur, l-ABE għandu jkollha rwol ta' medjazzjoni legalment vinkolanti biex issolvi tilwimiet bejn l-awtoritajiet kompetenti skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

(24) fl-Artikolu 92a(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) proporzjon ibbażat fuq ir-riskju ta' 18 %, li jirrappreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3);";

(25) fl-Artikolu 102, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), il-pożizzjonijiet tal-

portafoll tan-negozjar għandhom jiġu assenjati lill-postijiet tan-negozjar stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 104b.";

(26) l-Artikolu 104 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 104*

**Inklużjoni fil-portafoll tan-negozjar**

1. Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għad-determinazzjoni ta' liema pożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha, f'konformità mal-Artikolu 102 u ma' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet u l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta bis-sħiħ il-konformità tagħha ma' dawn il-politiki u l-proċeduri, għandha tippreżentahom għal awditu intern tal-anqas fuq bażi annwali u għandha tagħmel ir-riżultati ta' dak l-awditu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

***Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ kontroll indipendenti tar-riskju li jevalwa fuq bażi kontinwa l-istrumenti fil-portafoll tan-negozjar u barra minnu u jivvaluta jekk l-istrumenti tagħha humiex qed jiġu indikati kif xieraq bħala strumenti tan-negozjar jew mhux tan-negozjar.***

2. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw il-pożizzjonijiet fl-istrumenti li ġejjin lill-portafoll tan-negozjar:

(a) strumenti li jissodisfaw il-kriterji, stabbiliti fl-Artikolu 325, il-paragrafi 6, 7 u 8, għall-inklużjoni fil-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni alternattiv ("ACTP");

(b) strumenti li jwasslu għal pożizzjoni ta' kreditu jew ta' ekwità qasira netta fil-portafoll mhux tan-negozjar, bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni, sakemm tali pożizzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (e);

(c) strumenti li jirriżultaw minn impenji ta' sottoskrizzjoni tat-titoli, meta dawk l-impenji ta' sottoskrizzjoni jkunu relatati biss ma' titoli li huma mistennija li jkunu mixtrijin mill-istituzzjoni fid-data tas-saldu;

(d) ***strumenti*** kklassifikati b'mod mhux ambigwu bħala li għandhom għan ta' negozjar skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni;

(e) strumenti li jirriżultaw minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq;

(f) impriżi ta' investiment kollettiv miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar, dment li dawn l-impriżi ta' investiment kollettiv jissodisfaw tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 7;

(g) ekwitajiet elenkati;

(h) tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli relatati man-negozjar;

(i) opzjonijiet, jew derivati oħrajn, inkorporati fl-obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni ▌ fil-portafoll mhux tan-negozjar li jirrigwardjaw ir-riskju ta' kreditu jew ta' ekwità.

Għall-finijiet tal-punt (b), istituzzjoni għandu jkollha pożizzjoni ta' ekwità qasira netta fejn tnaqqis fil-prezz tal-ekwità jirriżulta fi profitt għall-istituzzjoni. Istituzzjoni għandu jkollha pożizzjoni ta' kreditu qasira netta fejn iż-żieda fil-firxa tal-kreditu jew

id-deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-emittent jew tal-grupp ta' emittenti jirriżultaw fi profitt għall-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw kontinwament fejn l-istrumenti jagħtu lok għal pożizzjoni ta' kreditu jew ta' ekwità qasira netta fil-portafoll mhux tan-negozjar.

Għall-finijiet tal-punt (i), istituzzjoni għandha taqsam l-għażla inkorporata mill-obbligazzjoni tagħha stess ▌ fil-portafoll mhux tan-negozjar li jirrigwarda r-riskju ta' kreditu jew ta' ekwità. ***Hi*** għandha tassenja ***l-għażla inkorporata fil-portafoll tan-negozjar u għandha tħalli*** l-obbligazzjoni proprja ***fil-portafoll*** mhux tan-negozjar ▌.

3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jassenjaw pożizzjonijiet fl-istrumenti li ġejjin lill-portafoll tan-negozjar:

(a) strumenti speċifikati għar-realizzazzjoni tat-titolizzazzjoni;

(b) strumenti relatati ma' holdings ta' proprjetà immobbli;

(c) ekwitajiet mhux elenkati;

(d) strumenti relatati mal-kreditu fil-livell tal-konsumatur u tal-SMEs;

(e) impriżi ta' investiment kollettiv oħrajn minbarra dawk speċifikati fil-paragrafu 2, il-punt (f);

(f) kuntratti ta' derivattivi u impriżi ta' investiment kollettiv bi strument sottostanti wieħed jew aktar imsemmijin fil-punti (a) sa (d);

(g) strumenti miżmumin għall-iħħeġġjar ta' riskju partikolari ta' pożizzjoni waħda jew aktar fi strument imsemmi fil-punti (a) sa (f);

(h) obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni, sakemm tali strumenti ma jissodisfawx il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (e).

4. B'deroga mill-paragrafu 2, istituzzjoni tista' tassenja lill-portafoll mhux tan-negozjar pożizzjoni fi strument imsemmi fil-punti minn (d) sa (i) ta' dak il-paragrafu, soġġetta għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tagħha. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha meta l-istituzzjoni tkun tat prova għas-sodisfazzjon tal-awtorità li l-pożizzjoni ma tkunx miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar jew ma tiħħeġġjax pożizzjonijiet miżmumin b'intenzjoni ta' negozjar.

5. Meta istituzzjoni tkun assenjat pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar fi strument għajr l-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) jew (c), l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tista' titlob lill-istituzzjoni tipprovdi evidenza sabiex tiġġustifika tali assenjazzjoni. Meta l-istituzzjoni tonqos milli tipprovdi evidenza xierqa, l-awtorità kompetenti tagħha tista' titlob lill-istituzzjoni tirrialloka dik il-pożizzjoni għall-portafoll mhux tan-negozjar.

6. Meta istituzzjoni tkun assenjat pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar fi strument għajr l-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tista' titlob lill-istituzzjoni tipprovdi evidenza li tiġġustifika tali assenjazzjoni. Meta l-istituzzjoni tonqos milli tipprovdi evidenza xierqa, l-awtorità kompetenti tagħha tista' titlob lill-istituzzjoni tirrialloka dik il-pożizzjoni għall-portafoll tan-negozjar.

7. Istituzzjoni għandha tassenja lill-portafoll tan-negozjar pożizzjoni f'impriża ta' investiment kollettiv li ***ma tkunx imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f) ta' dan l-***

***Artikolu, li tkun*** miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar u fejn l-istituzzjoni tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun tista' tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar l-iskoperturi sottostanti individwali tas-CIU;

(b) l-istituzzjoni ma tkunx tista' tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar l-iskoperturi sottostanti individwali tas-CIU, iżda l-istituzzjoni jkollha għarfien tal-kontenut tal-mandat tas-CIU u tkun tista' tikseb kwotazzjonijiet tal-prezzijiet ta' kuljum għas-CIU.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar il-proċess li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw sabiex jikkalkolaw u jimmonitorjaw pożizzjonijiet ta' kreditu jew ta' ekwità qosra netti fil-portafoll mhux tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b).

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(27) l-Artikolu 104a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ABE għandha timmonitorja l-firxa ta' prattiki superviżorji u għandha toħroġ linji gwida sat-28 ta' Ġunju 2024 dwar liema ċirkostanzi eċċezzjonali huma involuti għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu u tal-paragrafu 5. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Sakemm l-ABE toħroġ dawk il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar, u jipprovdu r-raġuni għal, id-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk jagħtux jew le permess lil istituzzjoni biex tirriklassifika pożizzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Ir-riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun irrevokabbli, ħlief fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmijin fil-paragrafu 1.";

(c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. B'deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni tista' tikklassifika mill-ġdid pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar bħala pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar f'konformità mal-Artikolu 104(2), il-punt (d), mingħajr ma titlob permess mill-awtorità kompetenti tagħha. F'każ bħal dan, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 għandhom ikomplu japplikaw għall-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti tagħha meta tkun seħħet tali riklassifikazzjoni.";

(28) l-Artikolu 104b huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu postijiet tan-negozjar u għandhom jassenjaw kull waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar tagħhom u mill-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom imsemmijin fil-paragrafi 5 u 6 lil wieħed minn dawk il-postijiet tan-negozjar. Il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu attribwiti lill-istess post tan-negozjar fil-każ biss meta dawk il-pożizzjonijiet ikunu konformi mal-istrateġija tan-negozjar miftiehma għal dak il-post tan-negozjar u jkunu ġestiti u mmonitorjati b'mod konsistenti f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. Sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet lill-postijiet tan-negozjar stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 1 li jimmaniġġjaw ir-riskji li huma simili għal dawk il-pożizzjonijiet.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet, meta jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq, jistgħu jistabbilixxu post tan-negozjar wieħed jew aktar li lilu jassenjaw esklussivament pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet. Dawk il-postijiet tan-negozjar ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3.";

(29) jiddaħħal l-Artikolu 104c li ġej:

"*Artikolu 104c*

**Trattament tal-ħeġġijiet tar-riskju tal-kambju tal-proporzjonijiet kapitali**

1. Istituzzjoni li tkun ħadet pożizzjoni ta' riskju b'mod deliberat sabiex tiħħeġġja, tal-anqas parzjalment, kontra movimenti avversi fir-rati tal-kambju fuq kwalunkwe waħda mill-proporzjonijiet kapitali tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 92(1), il-punti (a), (b) u (c), tista', soġġetta għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, teskludi dik il-pożizzjoni ta' riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju stabbiliti fl-Artikolu 325(1), dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-ammont massimu tal-pożizzjoni tar-riskju li jkun eskluż mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikun limitat għall-ammont tal-pożizzjoni tar-riskju li jinnewtralizza s-sensittività ta' kwalunkwe wieħed mill-proporzjonijiet kapitali għall-movimenti negattivi fir-rati tal-kambju;

(b) il-pożizzjoni tar-riskju tkun eskluża mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal tal-anqas 6 xhur;

(c) l-istituzzjoni tkun stabbiliet qafas xieraq ta' ġestjoni tar-riskju għall-iħħeġġjar tal-movimenti negattivi fir-rati tal-kambju fuq kwalunkwe waħda mill-proporzjonijiet kapitali tagħha, inkluża strateġija ċara ta' ħħeġġjar u struttura ta' governanza;

(d) l-istituzzjoni tkun ipprovdiet lill-awtoritajiet kompetenti ġustifikazzjoni għall-esklużjoni ta' pożizzjoni tar-riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-

suq, id-dettalji ta' dik il-pożizzjoni ta' riskju u l-ammont li għandu jiġi eskluż mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

2. Kwalunkwe esklużjoni ta' pożizzjonijiet tar-riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi applikata b'mod konsistenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japprovaw kwalunkwe bidla mill-istituzzjoni fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c) u fid-dettalji tal-pożizzjonijiet tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (d).

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-pożizzjonijiet tar-riskju li istituzzjoni tista' tieħu deliberatament sabiex tiħħeġġja, tal-anqas parzjalment, kontra l-movimenti avversi tar-rati tal-kambju fuq kwalunkwe wieħed mill-proporzjonijiet kapitali ta' istituzzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;

(b) kif jiġi ddeterminat l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) u l-mod li bih istituzzjoni għandha teskludi dan l-ammont għal kull wieħed mill-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 325(1);

(c) il-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati mill-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), sabiex jitqies xieraq għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(30) L-Artikolu 106 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kemm ħeġġ intern rikonoxxut f'konformità mal-ewwel subparagrafu kif ukoll id-derivattiv ta' kreditu konkluż ma' parti terza għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), iż-żewġ pożizzjonijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess post tan-negozjar stabbilit f'konformità mal-Artikolu 104b(1) li jimmaniġġja riskji simili."

(b) fil-paragrafu 4, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kemm ħeġġ intern rikonoxxut skont l-ewwel subparagrafu kif ukoll id-derivattiv ta' ekwità li jiġi konkluż mal-parti terza eleġibbli għall-forniment ta' protezzjoni għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq bl-użu tal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 325(1), il-punt (b) iż-żewġ pożizzjonijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess post tan-negozjar stabbilit f'konformità mal-Artikolu 104b(1) li jimmaniġġja riskji simili."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skoperturi għar-riskju tar-rata tal-imgħax ta' portafoll mhux tan-negozjar permezz ta' pożizzjoni ta' riskju tar-rata tal-imgħax imniżżla fil-portafoll tan-negozjar tagħha, dik il-pożizzjoni ta' riskju tar-rata tal-imgħax għandha tiġi kkunsidrata bħala ħeġġ intern għall-valutazzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta mill-pożizzjonijiet mhux tan-negozjar f'konformità mal-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2013/36/UE meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċi msemmijin fl-Artikolu 325(1), il-punti (a), (b) u (c), il-pożizzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax ġiet assenjata lil portafoll separat mill-pożizzjonijiet l-oħrajn tal-portafoll tan-negozjar, li l-istrateġija tan-negozju tiegħu hija ddedikata biss għall-ġestjoni u għall-mitigazzjoni tar-riskju tas-suq tal-ħeġġijiet interni tal-iskopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax ▌;

(b) ***għall-kalkolu ta'*** fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċi msemmijin fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), il-pożizzjoni tkun ġiet assenjata lil post tan-negozjar stabbilit f'konformità mal-Artikolu 104b li l-istrateġija tan-negozjar tiegħu tkun iddedikata biss għall-ġestjoni u għall-mitigazzjoni tar-riskju tas-suq tal-iħħeġġjar intern ta' skopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax;

(c) l-istituzzjoni ddokumentat b'mod sħiħ kif il-pożizzjoni timmitiga r-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta minn pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 5a u 5b li ġejjin:

"5a. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-punt (a), l-istituzzjoni tista' tassenja lil dak il-portafoll pożizzjonijiet oħrajn tar-riskju tar-rata tal-imgħax li tkun ikkonkludiet ma' terzi persuni, jew mal-portafoll tan-negozjar tagħha stess, dment li l-istituzzjoni tpaċi perfettament ir-riskju tas-suq ta' dawk il-pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax konklużi mal-portafoll tan-negozjar tagħha stess billi tidħol f'pożizzjonijiet opposti tar-riskju tar-rata tal-imgħax ma' terzi persuni.

5b. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għall-post tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (b):

(a) dan il-post tan-negozjar jista' jinkludi pożizzjonijiet oħrajn tar-riskju tar-rata tal-imgħax konklużi ma' terzi persuni jew ma' postijiet tan-negozjar oħrajn tal-istituzzjoni, dment li dawn il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fil-portafoll tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 104 u dawk il-postijiet tan-negozjar l-oħrajn jikkumpensaw perfettament għar-riskju tas-suq ta' dawn il-pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax oħrajn billi jikkonkludu pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax opposti ma' terzi persuni;

(b) l-ebda pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar għajr dawk imsemmijin fil-punt (a) ma tiġi assenjata lil dak il-post tan-negozjar;

(c) b'deroga mill-Artikolu 104b, dak il-post tan-negozjar ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dak l-Artikolu.

(e) il-paragrafi 6 u 7 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-portafoll separat imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (a), jew lill-post tan-negozjar imsemmi fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi awtonoma, minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-pożizzjonijiet l-oħrajn tal-portafoll tan-negozjar.

7. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skopertura għar-riskju ta' CVA bl-użu ta' strument ta' derivati konkluż mal-portafoll tan-negozjar tagħha, il-pożizzjoni f'dak l-istrument ta' derivati għandha tiġi rrikonoxxuta bħala ħeġġ intern għall-iskopertura għar-riskju ta' CVA għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA f'konformità mal-approċċi stabbiliti fl-Artikoli 383 jew 384, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni tad-derivattivi tkun rikonoxxuta bħala ħeġġ eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386;

(b) meta l-pożizzjoni tad-derivattivi tkun soġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325c(2), il-punti (b) u (c) jew fl-Artikolu 325e(1), il-punt (c), l-istituzzjoni tikkumpensa perfettament għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni tad-derivattivi billi tidħol f'pożizzjonijiet opposti ma' terzi persuni;

Il-pożizzjoni opposta tal-portafoll tan-negozjar tal-ħeġġ intern rikonoxxuta f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandha tiġi inkluża fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq."

(31) fl-Artikolu 107, il-paragrafi 1, 2 u 3 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw jew l-Approċċ Standardizzat previst fil-Kapitolu 2 jew, meta jkun permess mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 143, l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni previst fil-Kapitolu 3 sabiex jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f).

2. Għall-iskoperturi kummerċjali u għall-kontribuzzjonijiet tal-fondi tal-inadempjenza għal kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stipulat fil-Kapitolu 6, Taqsima 9 sabiex jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f). Għat-tipi l-oħrajn kollha ta' skoperturi għal kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw dawk l-iskoperturi kif ġej:

(a) bħala skoperturi għal istituzzjoni għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP kwalifikattiva;

(b) bħala skoperturi għal impriża għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP mhux kwalifikattiva;

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, skoperturi għal ditti ta' investiment ta' pajjiżi terzi u skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi u skoperturi għal

clearing houses u għal skambji ta' pajjiżi terzi, kif ukoll skoperturi għal istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi awtorizzati u ssorveljati minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli ma' dawk applikati għal istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza, għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjoni biss jekk il-pajjiż terz japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dik l-entità li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.";

(32) l-Artikolu 108 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 108*

**Użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju ta' dilwizzjoni**

1. Għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ Standardizzat skont il-Kapitolu 2 jew tapplika l-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3 iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji tagħha ta' telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD) skont l-Artikolu 143, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-FCP f'konformità mal-Kapitolu 4 fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżata għar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f) jew, fejn rilevanti, tal-ammonti ta' telf mistenni (EL) għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d) u l-Artikolu 62, il-punt ***(d)***.

2. Għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-FCP ***f'konformità mal-Kapitolu 3 fil-kalkolu*** tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju ***għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f)*** u l-ammonti ta' telf mistenni ***(EL)għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d), u l-Artikolu 62, il-punt (d).***

2a. Meta istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskopertura oriġinali kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-garanti, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-UFCP ***f'konformità mal-Kapitolu 3 fil-kalkolu*** tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju ***għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f)*** u l-ammonti ta' telf mistenni ***(EL)għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d), u l-Artikolu 62, il-punt (d).*** Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-UFCP fl-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju u fl-ammonti ***ta' EL għall-finijiet*** f'konformità mal-Kapitolu 4.

3. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, is-self ***lil persuni fiżiċi*** jista' jitqies bħala skoperturi ggarantiti b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali, minflok ma jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti, għall-finijiet tal-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitoli 2, 3 u 4, kif applikabbli, meta fi Stat Membru jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin għal dak is-self ***lil persuni fiżiċi***:

(a) il-maġġoranza tas-self lil persuni fiżiċi għax-xiri ta' proprjetajiet residenzjali f'dak l-Istat Membru ma jiġix ipprovdut bħala ipoteki f'forma ġuridika;

(b) il-maġġoranza tas-self ***lil persuni fiżiċi*** għax-xiri ta' proprjetajiet residenzjali f'dak l-Istat Membru huma ggarantiti minn garanti b'valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata li tikkorrispondi għal skala tal-kwalità tal-kreditu ta' 1 jew 2, dan huwa meħtieġ sabiex l-istituzzjoni titħallas lura bis-sħiħ meta l-mutwatarju oriġinali jsir inadempjenti;

(c) l-istituzzjoni għandha d-dritt legali li tieħu ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali fil-każ li l-garanti msemmi fil-punt (b) ***ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skont il-garanzija pprovduta.***

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-ABE meta l-kundizzjonijiet imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c) jiġu ssodisfati fit-territorji nazzjonali tal-ġuriżdizzjonijiet tagħhom, u għandhom jipprovdu l-ismijiet tal-garanti eliġibbli għal dak it-trattament li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu u tal-paragrafu 4.

L-ABE għandha tippubblika l-lista tal-garanti eliġibbli kollha bħal dawn fuq is-sit web tagħha u taġġorna dik il-lista kull sena.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, is-self imsemmi f'dak il-paragrafu jista' jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali, minflok ma jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) għal skopertura li hija ttrattata skont l-Approċċ Standardizzat, l-iskopertura tissodisfa r-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi tal-Approċċ Standardizzat "skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli" skont l-Artikoli 124 u 125 bl-eċċezzjoni li l-istituzzjoni li tagħti s-self ma żżommx ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali;

(b) għal skopertura li hija ttrattata skont l-Approċċ IRB, l-iskopertura tissodisfa r-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi tal-IRB "skoperturi fil-livell tal-konsumatur ggarantiti bi proprjetà residenzjali" msemmija fl-Artikolu 147(2)(d)(ii), bl-eċċezzjoni li l-istituzzjoni li tagħti s-self ma żżommx ipoteka fuq il-proprjetà;

(c) ma jkun hemm l-ebda rahan ipotekarju fuq il-proprjetà residenzjali meta jingħata s-self u ***għas-self mogħti mill-1 ta' Jannar 2014***, il-mutwatarju jkun kuntrattwalment marbut li ma jagħti l-ebda rahan ipotekarju mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni li oriġinarjament tkun tat is-self;

(d) il-garanti huwa fornitur tal-protezzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, u l-garanti għandu valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI li tikkorrispondi għal skala tal-kwalità tal-kreditu ta' 1 jew 2;

(e) il-garanti jkun istituzzjoni jew entità tas-settur finanzjarju soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital tal-anqas ***kumparabbli*** għal dawk applikabbli għal istituzzjonijiet jew għal impriżi tal-assigurazzjoni;

(f) il-garanti jkun stabbilixxa fond ta' garanzija reċiproka ffinanzjat bis-sħiħ jew protezzjoni ekwivalenti għall-impriżi tal-assigurazzjoni sabiex jassorbu t-telf mir-riskju ta' kreditu, li l-kalibrazzjoni tiegħu tiġi rrieżaminata perjodikament mill-awtorità kompetenti tiegħu u tkun soġġetta għal ittestjar għal stress ***perjodiku, tal-inqas kull sentejn***;

(g) l-istituzzjoni tkun kuntrattwalment u legalment permessa li tieħu ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali fil-każ li l-garanti ***ma jissodisfax l-obbligi tiegħu skont il-garanzija pprovduta;***

▌

***4a. Istituzzjonijiet li jeżerċitaw l-għażla prevista fil-paragrafu 3 għal garanti eliġibbli partikolari skont il-mekkaniżmu msemmi f'dak il-paragrafu, għandhom***

***jagħmlu dan għall-iskoperturi kollha tagħhom lil persuni fiżiċi garantiti minn dak il-garanti skont dak il-mekkaniżmu.";***

(33) jiddaħħal l-Artikolu 110a li ġej:

*'Artikolu 110a*

**Monitoraġġ ta' arranġamenti kuntrattwali li ma humiex impenji**

"L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw l-arranġamenti kuntrattwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-punti minn (a) sa (e) tat-tieni subparagrafu tal-punt (9) tal-Artikolu 5, u għandhom jiddokumentaw għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom il-konformità tagħhom ma' dawn il-kundizzjonijiet kollha.";

(34) l-Artikolu 111 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 111*

**Valur tal-iskopertura**

"1. Il-valur ta' skopertura ta' element ta' assi għandu jkun il-valur kontabilistiku residwu tagħha wara li jkunu ġew applikati aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110, aġġustamenti tal-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 34 relatati man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni, ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m), u tnaqqis ieħor minn fondi proprji relatat mal-element ta' assi.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun il-perċentwal li ġej tal-valur nominali tal-element wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110 u l-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m):

(a) 100 % għall-elementi fit-taqsima 1;

(b) 50 % għall-elementi fit-taqsima 2;

(c) 40 % għall-elementi fit-taqsima 3;

(d) 20 % għall-elementi fit-taqsima 4;

(e) 10 % għall-elementi fit-taqsima 5.

3. Il-valur tal-iskopertura ta' impenn fuq element li ma jidhirx fil-karta bilanċjali kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun l-aktar baxx mill-perċentwali li ġejjin tal-valur nominali tal-impenn wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m):

(a) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 2 li huwa applikabbli għall-element li fuqu jsir l-impenn;

(b) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 2 li huwa applikabbli għat-tip ta' impenn.

4. Għal arranġamenti kuntrattwali offruti minn istituzzjoni, iżda li għadhom ma ġewx aċċettati mill-klijent, li jsiru impenji jekk jiġu aċċettati mill-klijent, ***il-perċentwal applikabbli għandu jkun dak previst f'konformità mal-paragrafu 2. Għal*** arranġamenti kuntrattwali li ▌ jissodisfaw il-kundizzjonijiet ***speċifikati fl-Artikolu 5, il-punt (9), it-tieni subparagrafu, il-perċentwal applikabbli għandu jkun ta' 0 %***.

5. Meta istituzzjoni tkun qiegħda tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 223, il-valur tal-iskopertura ta' titoli jew ta' komoditajiet

mibjugħin, stazzjonati jew mislufin skont tranżazzjoni ta' xiri mill-ġdid jew skont tranżazzjoni ta' għoti jew ta' teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, u ta' tranżazzjonijiet ta' self b'marġni għandu jiżdied bl-aġġustament tal-volatilità xieraq għal tali titoli jew komoditajiet f'konformità mal-Artikoli 223 u 224.

6. Il-valur tal-iskopertura ta' strument ta' derivati elenkat fl-Anness II għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 6, filwaqt li jitqiesu l-effetti tal-kuntratti ta' novazzjoni u ta' ftehimiet oħrajn ta' netting kif speċifikat f'dak il-Kapitolu. Il-valur tal-iskopertura ta' tranżazzjonijiet ta' riakkwist, ta' tranżazzjonijiet ta' għoti jew ta' teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, ta' tranżazzjonijiet b'saldu fit-tul u ta' tranżazzjonijiet ta' self b'marġni jista' jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 4 jew mal-Kapitolu 6.

7. Meta l-iskopertura tkun koperta minn protezzjoni ta' kreditu finanzjata, il-valur tal-iskopertura jista' jiġi emendat f'konformità mal-Kapitolu 4.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kriterji li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw sabiex jassenjaw elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, bl-eċċezzjoni tal-elementi diġà inklużi fl-Anness I, għat-taqsimiet minn 1 sa 5 imsemmijin fl-Anness I;

(b) il-fatturi li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jikkanċellaw l-impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet imsemmijin fl-Anness I;

(c) il-proċess għan-notifika lill-ABE dwar il-klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' entrati oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jġorru riskji simili għal dawk imsemmijin fl-Anness I.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(35) fl-Artikolu 112, ***il-punti (i) u (k) jiġu sostitwiti*** b'dan li ġej:

***"(i) skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli u skoperturi ADC;***

(k) skoperturi ta' dejn subordinat;";

(36) l-Artikolu 113 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju, il-piżijiet tar-riskju għandhom jiġu applikati għall-iskoperturi kollha, sakemm dawk l-iskoperturi ma jkunux tnaqqsu mill-fondi proprji, f'konformità mat-Taqsima 2, fuq il-bażi tal-klassi tal-iskoperturi li għaliha jiġu assenjati dawk l-iskoperturi u, sa fejn speċifikat fit-Taqsima 2, fuq il-bażi tal-kwalità tal-kreditu ta' dik l-iskopertura. Il-kwalità tal-kreditu tista' tiġi stabbilita b'referenza għall-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAIs jew għall-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' aġenziji dwar krediti għall-esportazzjoni f'konformità mat-Taqsima 3. Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-Artikolu 112, meta l-valutazzjoni f'konformità mal-

Artikolu 79, il-punt (b) tad-Direttiva 2013/36/UE tirrifletti karatteristiċi ta' riskju ogħla minn dawk implikati mill-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI nominata jew tal-aġenzija dwar krediti għall-esportazzjoni, l-istituzzjoni għandha tassenja piż tar-riskju tal-anqas skala waħda tal-kwalità tal-kreditu ogħla mill-piż tar-riskju implikat mill-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI nominata jew tal-aġenzija dwar krediti għall-esportazzjoni.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta skopertura tkun soġġetta għall-protezzjoni tal-kreditu, il-valur tal-iskopertura jew il-piż tar-riskju applikabbli għal dik l-iskopertura, kif xieraq, jistgħu jiġu emendati f'konformità ma' dan il-Kapitolu u mal-Kapitolu 4.";

***(36a) l-Artikolu 115(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. Meta skopertura tkun soġġetta għall-protezzjoni tal-kreditu, il-valur tal-iskopertura jew il-piż tar-riskju applikabbli għal dik l-iskopertura, kif xieraq, jistgħu jiġu emendati f'konformità ma' dan il-Kapitolu u mal-Kapitolu 4.***

***L-iskoperturi għal knejjes jew għal komunitajiet reliġjużi kostitwiti fil-forma ta' persuna ġuridika skont id-dritt pubbliku għandhom, sakemm jiġbru t-taxxi skont il-leġislazzjoni li tikkonferixxi lilhom id-dritt li jagħmlu dan, jiġu trattati bħala skoperturi għall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali. F'dan il-każ, il-paragrafu 2 m'għandux japplika.";***

***(36b) fl-Artikolu 116(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"L-ABE għandha żżomm bażi tad-data disponibbli pubblikament tal-entitajiet kollha tas-settur pubbliku fl-Unjoni li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jqisu li ma għandhom l-ebda differenza fir-riskju bħala skoperturi għall-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali li fil-ġurisdizzjoni tagħhom hija stabbilita l-entità tas-settur pubbliku."***

(37) fl-Artikolu 119, jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(38) fl-Artikolu 120, il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-iskoperturi li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 3 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

*Tabella 3*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 30 % | 50 % | 100 % | 100 % | 150 % |

2. Skoperturi b'maturità oriġinali ta' tliet xhur jew anqas li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u skoperturi li jirriżultaw mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali b'maturità oriġinali ta' sitt xhur jew inqas u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 4 li jikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

*Tabella 4*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 20 % | 20 % | 50 % | 50 % | 150 % |

(39) l-Artikolu 121 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 121*

**L-iskoperturi għal istituzzjonijiet mhux klassifikati**

1. Skoperturi għal istituzzjonijiet li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati għal wieħed mill-gradi li ġejjin:

(a) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad A:

(i) l-istituzzjoni jkollha kapaċità adegwata sabiex twettaq l-impenji finanzjarji tagħha, inklużi r-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax, b'mod f'waqtu, għall-ħajja mbassra tal-assi jew tal-iskoperturi u irrispettivament miċ-ċikli ekonomiċi u mill-kundizzjonijiet tan-negozju;

(ii) l-istituzzjoni tissodisfa jew taqbeż ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE u kwalunkwe rekwiżit superviżorju jew regolatorju lokali ekwivalenti jew addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jiġu ppubblikati u għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, mill-kapital ta' Grad 1 jew mill-fondi proprji;

(iii) l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt (ii) tiġi ddikjarata pubblikament jew issir disponibbli b'xi mod ieħor;

(iv) il-valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 79 tad-Direttiva 2013/36/UE ma tkunx żvelat li l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii);

(b) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin u ma tiġix issodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet fil-punt (a), l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad B:

(i) l-istituzzjoni tkun soġġetta għal riskju ta' kreditu sostanzjali, inklużi l-kapaċitajiet ta' ripagament li jiddependu minn kundizzjonijiet ekonomiċi jew kummerċjali stabbli jew favorevoli;

(ii) l-istituzzjoni tissodisfa jew taqbeż ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti msemmijin ***fl-Artikolu 458(2), il-punt (d)(i) u fl-Artikolu 459, il-punt (a)***, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE ***jew*** kwalunkwe rekwiżit superviżorju jew regolatorju lokali ekwivalenti jew addizzjonali ***f'pajjiżi terzi*** sa fejn dawk ir-rekwiżiti jiġu ppubblikati u għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, mill-kapital ta' Grad 1 u mill-fondi proprji;

(iii) l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt (ii) tiġi ddikjarata pubblikament jew issir disponibbli b'xi mod ieħor;

(iv) il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 79 tad-Direttiva 2013/36/UE ma tkunx żvelat li l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii).

Għall-finijiet tal-punt (ii), ir-rekwiżiti superviżorji jew regolatorji lokali ekwivalenti jew addizzjonali ma għandhomx jinkludu riżervi ta' kapital ekwivalenti għal dawk iddefiniti fl-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE.

(c) meta l-kundizzjonijiet għall-assenjazzjoni għall-Grad A jew għall-Grad B ma jiġux issodisfati, jew meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin, l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad C:

(i) l-istituzzjoni jkollha riskji materjali ta' inadempjenza u marġini limitati ta' sikurezza;

(ii) il-kundizzjonijiet kummerċjali, finanzjarji jew ekonomiċi avversi x'aktarx li jwasslu, jew wasslu, għall-inabbiltà tal-istituzzjoni li tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha;

(iii) meta r-rapporti finanzjarji awditjati jkunu meħtieġa mil-liġi għall-istituzzjoni, l-awditur estern ikun ħareġ opinjoni tal-awditjar negattiva jew ikun esprima dubju sostanzjali fir-rapporti finanzjarji jew fir-rapporti awditjati tiegħu fit-12-il xahar preċedenti dwar il-kapaċità tal-istituzzjoni li tkompli bħala istituzzjoni ta' negozju avvjat.

***1a. Għal skoperturi għall-istituzzjonijiet finanzjarji ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 119(5), għall-fini li jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'paragrafu 1, il-punti (a)(ii) u (b)(ii) ta' dan l-Artikolu humiex issodisfati minn dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jissodisfawx jew jaqbżux kwalunkwe rekwiżit prudenzjali kumparabbli.***

2. Skoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju kif ġej:

(a) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju għal skoperturi fuq terminu qasir f'konformità mat-Tabella 5:

(i) l-iskopertura jkollha maturità oriġinali ta' tliet xhur jew anqas;

(ii) l-iskopertura jkollha maturità oriġinali ta' sitt xhur jew anqas u tirriżulta mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali.

(b) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A li ma humiex fuq terminu qasir għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 30 % meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-iskopertura ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(ii) il-proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni jkun daqs jew ogħla minn 14 %;

(iii) il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni jkun ogħla minn 5 %.

(c) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fil-punt (a) jew (b) għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 5.

Meta skopertura għal istituzzjoni ma tkunx iddenotata fil-munita domestika tal-ġuriżdizzjoni ta' inkorporazzjoni ta' dik l-istituzzjoni, jew meta dik l-istituzzjoni tkun irreġistrat l-obbligu ta' kreditu f'fergħa f'ġuriżdizzjoni differenti u l-iskopertura ma tkunx fil-munita domestika tal-ġuriżdizzjoni li fiha topera l-fergħa, il-piż tar-riskju assenjat f'konformità mal-punt (a), (b) jew (c), kif applikabbli, għal skoperturi minbarra dawk b'maturità ta' sena jew anqas li jirriżultaw minn elementi awtolikwidanti u kontinġenti relatati mal-kummerċ li jirriżultaw mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali ma għandux ikun anqas mill-piż tar-riskju ta' skopertura għall-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni.

*Tabella 5*

| Valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu | Grad A | Grad B | Grad C |
|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju għal skoperturi fuq terminu qasir | 20 % | 50 % | ***150*** % |
| Piż tar-riskju | 40 % | 75 % | 150 % |

";

(40) L-Artikolu 122 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-Tabella 6 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 6*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 75 % | 100 % | 150 % | 150 % |

";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Skoperturi li għalihom tali valutazzjoni tal-kreditu ma tkunx disponibbli għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.";

(41) jiddaħħal l-Artikolu 122a li ġej:

*'Artikolu 122a*
**Skoperturi fuq self speċjalizzat**

1. Fil-klassi ta' skopertura korporattiva stabbilita fil-punt (g) tal-Artikolu 112, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw separatament bħala skoperturi fuq self speċjalizzat, skoperturi li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura tkun għal entità li nħolqot speċifikament sabiex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi jew tkun skopertura ekonomikament komparabbli ma' tali skopertura;

(b) l-iskopertura ***mhijiex*** relatata mal-finanzjament ta' proprjetà immobbli ***u hija konformi mad-definizzjonijiet ta' skoperturi għall-finanzjament ta' oġġetti, ta' proġetti jew ta' komoditajiet stabbiliti fil-paragrafu 3***;

(c) l-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw l-obbligu relatat mal-iskopertura jagħtu lill-istituzzjoni grad sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u fuq l-introjtu li jiġġeneraw;

(d) is-sors primarju tar-ripagament tal-obbligu relatat mal-iskopertura huwa l-introjtu ġġenerat mill-assi finanzjat, aktar milli mill-kapaċità awtonoma ta' impriża kummerċjali akbar.

2. Skoperturi fuq self speċjalizzat li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 6aa:

*Tabella 6aa*

| Skala tal-kwalità tal- | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | ***6*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-Riskju | 20 % | 50 % | 75 % | 100 % | 150 % | ***150 %*** |

3. Skoperturi fuq self speċjalizzat li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu applikabbli direttament għandhom jiġu peżati għar-riskju kif ġej:

(a) meta l-iskop ta' skopertura fuq self speċjalizzat ikun li jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' assi fiżiċi, inklużi vapuri, inġenji tal-ajru, satelliti, railcars, u flotot, u l-introjtu li għandu jiġi ġġenerat minn dawk l-assi jkun fil-forma ta' flussi ta' flus iġġenerati mill-assi fiżiċi speċifiċi li jkunu ġew iffinanzjati u mirhuna jew assenjati lill-mutwanti ▌ ("skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti"), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(i) 80 % meta l-iskopertura titqies ta' kwalità għolja meta jitqiesu l-kriterji kollha li ġejjin:

– id-debitur jista' jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu anki taħt kundizzjonijiet ta' diffikultà serja minħabba l-preżenza tal-karatteristiċi kollha li ġejjin:

- skopertura adegwata għall-valur tal-iskopertura;
- profil konservattiv ta' ripagament tal-iskopertura;
- il-ħajja li jifdal tal-assi tkun proporzjonali għall-ħlas sħiħ tal-iskopertura jew inkella r-rikors għal fornitur ta' protezzjoni b'affidabbiltà kreditizja għolja;
- riskju baxx ta' rifinanzjament tal-iskopertura mid-debitur jew dak ir-riskju jiġi mmitigat b'mod adegwat b'valur tal-assi residwu proporzjonat jew b'rikors għal fornitur ta' protezzjoni b'affidabbiltà kreditizja għolja;
- id-debitur għandu restrizzjonijiet kuntrattwali fuq l-attività u fuq l-istruttura ta' finanzjament tiegħu;
- id-debitur juża derivattivi biss għal finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju;
- ir-riskji operattivi materjali jiġu ġestiti kif xieraq;

– l-arranġamenti kuntrattwali fuq l-assi jipprovdu lill-mutwanti bi grad għoli ta' protezzjoni inklużi l-karatteristiċi li ġejjin:

  - il-mutwanti għandhom dritt tal-ewwel klassifikazzjoni legalment infurzabbli fuq l-assi finanzjati, u, fejn applikabbli, fuq l-introjtu li jiġġeneraw;
  - hemm restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-kapaċità tad-debitur li jibdel kwalunkwe ħaġa għall-assi bil-konsegwenza ta' impatt negattiv fuq il-valur tiegħu;
  - meta l-assi jkun għadu qed jinbena, il-mutwanti jkollhom dritt tal-ewwel klassifikazzjoni legalment infurzabbli fuq l-assi u fuq il-kuntratti ta' kostruzzjoni sottostanti;

– l-assi li qed jiġu ffinanzjati jissodisfaw l-istandards kollha li ġejjin sabiex joperaw b'mod sod u effettiv:

  - it-teknoloġija u d-disinn tal-assi jiġu ttestjati;
  - ikunu nkisbu l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet neċessarji kollha għall-operat tal-assi;
  - meta l-assi jkun għadu qed jinbena, id-debitur ikollu salvagwardji adegwati dwar l-ispeċifikazzjonijiet, il-baġit u d-data tat-tlestija miftiehma tal-assi, inklużi garanziji ta' tlestija b'saħħithom jew l-involviment ta' bennej tal-esperjenza u dispożizzjonijiet kuntrattwali adegwati għad-danni likwidati;

(ii) 100 % meta l-iskopertura ma titqiesx ta' kwalità għolja kif imsemmi fil-punt (i);

(b) meta l-iskop ta' skopertura fuq self speċjalizzat ikun li jiġi previst finanzjament ta' terminu qasir ta' riżervi, ta' inventarji jew ta' riċevibbli ta' komoditajiet innegozjati fil-borża, inklużi żejt mhux maħdum, metalli, jew għelejjel, u l-introjtu li għandu jiġi ġġenerat minn dawk ir-riżervi, l-inventarji jew ir-riċevibbli għandu jkun ir-rikavat mill-bejgħ tal-komodità ("skoperturi ta' finanzjament ta' komodità"), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 %;

(c) meta l-iskop ta' skopertura speċjalizzata ta' għoti ta' self ikun li jiġi ffinanzjat proġett ***wieħed***, ***jew fil-forma ta' kostruzzjoni ta' installazzjoni kapitali ġdida jew ta' finanzjament mill-ġdid ta' installazzjoni eżistenti, b'titjib jew mingħajr titjib*** għall-iżvilupp jew għall-akkwist ta' installazzjonijiet kbar, kumplessi u għaljin, inkluż impjanti tal-enerġija, impjanti tal-ipproċessar kimiku, minjieri, infrastruttura tat-trasport, ambjent, u infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, ***fejn l-istituzzjoni mutwanti tħares primarjament lejn id-dħul*** iġġenerat mill-proġett ***iffinanzjat, kemm bħala s-sors ta' ripagament kif ukoll bħala s-sigurtà għas-self*** ("skoperturi ta' finanzjament ta' proġetti"), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(i) 130 % meta l-proġett li miegħu tkun relatata l-iskopertura jkun fil-fażi preoperattiva;

(ii) dment li ma jiġix applikat l-aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 501a, 80 % meta l-proġett li

miegħu tkun relatata l-iskopertura jkun fil-fażi operattiva u l-iskopertura tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

– ikun hemm restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-kapaċità tad-debitur sabiex iwettaq attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment għall-mutwanti, inkluża r-restrizzjoni li ma jistax jinħareġ dejn ġdid mingħajr il-kunsens tal-fornituri tas-self eżistenti;

– id-debitur ikollu fondi ta' riserva suffiċjenti finanzjati bis-sħiħ bil-flus, jew arranġamenti finanzjarji oħrajn, ma' garanti bi klassifikazzjoni ***minn ECAI b'livell tal-kwalità tal-kreditu ta' mill-inqas 3, jew, jekk mhux esternament ikklassifikati, jiġu assenjati klassifikazzjoni ekwivalenti għal-livell 3 jew ogħla skont il-mudell ta' klassifikazzjoni interna vvalidat mill-bank*** sabiex ikopri l-finanzjament ta' kontinġenza u r-rekwiżiti ta' kapital operatorju tul il-ħajja tal-proġett li jkun qed jiġi ffinanzjat;

– ***l-introjtu ġġenerat mill-proġett iffinanzjat huwa bbażat fuq id-disponibbiltà jew soġġett għal regolamentazzjoni tar-rata tar-redditu jew għal kuntratt take-or-pay; għal dan il-għan "ibbażat fuq id-disponibbiltà" tfisser li, ladarba l-kostruzzjoni titlesta,*** id-debitur ***huwa intitolat, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, għal pagamenti mill-kontropartijiet kuntrattwali tiegħu li jkopru l-kostijiet operattivi u ta' manutenzjoni, il-kostijiet tas-servizz tad-dejn u r-redditi ta' ekwità hekk kif id-debitur jopera l-proġett, u dawn il-pagamenti mhumiex soġġetti għal bidliet fid-domanda, bħal livelli ta' traffiku, u huma aġġustati tipikament biss għal nuqqas ta' prestazzjoni jew nuqqas ta' disponibbiltà tal-assi għall-pubbliku;***

– ***meta d-dħul tad-debitur ma jkunx iffinanzjat minn pagamenti mingħand għadd kbir ta' utenti,*** is-sors tar-ripagament tal-obbligu jiddependi minn kontroparti ewlenija waħda u dik il-kontroparti ewlenija tkun waħda minn dawn li ġejjin:

  • bank ċentrali, gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, dment li dawn jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikoli 114 u 115, jew jiġu assenjati klassifikazzjoni ta' ECAI bi skala tal-kwalità tal-kreditu ta' mill-inqas 3;

  • entità tas-settur pubbliku, dment li dik l-entità tiġi assenjata fattur ta' ponderazzjoni tar-riskju ta' 20 % jew anqas f'konformità mal-Artikolu 116 jew tiġi assenjata klassifikazzjoni ta' ECAI b'livell tal-kwalità tal-kreditu ta' mill-inqas 3***, jew, jekk mhux esternament ikklassifikati, jiġu assenjati klassifikazzjoni ekwivalenti għal-livell 3 jew ogħla permezz ta' mudell ta' klassifikazzjoni interna b'validazzjoni ta' bank***;

  • entità korporattiva li tkun ġiet assenjata klassifikazzjoni ta' ECAI b'livell tal-kwalità tal-kreditu ta' mill-inqas 3***, jew, jekk***

***mhux esternament ikklassifikata, tiġi assenjata klassifikazzjoni ekwivalenti għal-livell 3 jew ogħla skont il-mudell ta' klassifikazzjoni interna vvalidat mill-bank.***

– il-klawżoli kuntrattwali li jirregolaw l-iskopertura għad-debitur jipprevedu grad għoli ta' protezzjoni għall-istituzzjoni mutwanti f'każ ta' inadempjenza tad-debitur;

– ***il-kontroparti ewlenija jew il-kontropartijiet l-oħra li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-kontroparti ewlenija*** jipproteġu b'mod effettiv lill-istituzzjoni mutwanti kontra telf li jirriżulta mit-terminazzjoni tal-proġett;

– l-assi u l-kuntratti neċessarji kollha għall-operat tal-proġett ikunu ġew mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti sa fejn ikun permess mil-liġi applikabbli;

– ***l-istituzzjoni*** mutwanti ▌ tista' tieħu kontroll tal-entità debitriċi ***fil-każ ta' avveniment ta'*** inadempjenza;

(iii) 100 % meta l-proġett li miegħu tkun relatata l-iskopertura jkun fil-fażi operattiva u l-iskopertura ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (ii) ta' dan is-subparagrafu;

(d) għall-finijiet tat-tielet inċiż tal-punt (c)(ii), il-flussi ta' flus iġġenerati ma għandhomx jitqiesu bħala prevedibbli sakemm parti sostanzjali tad-dħul ma tissodisfax waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dħul ikun ibbażat fuq id-disponibbiltà;

(ii) id-dħul ikun soġġett għal regolamentazzjoni tar-rata tar-redditu;

(iii) id-dħul ikun soġġett għal kuntratt take-or-pay;

(e) għall-finijiet tal-punt (c), il-fażi operattiva għandha tfisser il-fażi li fiha l-entità li nħolqot speċifikament sabiex tiffinanzja l-proġett***, jew li hi ekonomikament kumparabbli***, tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-entità jkollha fluss ta' flus nett pożittiv li jkun biżżejjed sabiex ikopri kwalunkwe obbligu kuntrattwali li jifdal;

(ii) l-entità jkollha dejn fuq terminu twil li qed jonqos.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw f'aktar dettall il-kundizzjonijiet li taħthom jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fil-punt (a)(i) u fil-punt (c)(ii) tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(42) L-Artikolu 123 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 123*

**Skoperturi fil-livell tal-konsumatur**

1. Skoperturi li jikkonformaw mal-kriterji kollha li ġejjin għandhom jitqiesu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur:

(a) l-iskopertura hija ***skopertura għal persuna fiżika waħda jew aktar jew skopertura għal SME skont is-sens tal-Artikolu 5, il-punt (8);***

***(aa) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni, lill-impriżi prinċipali tagħha u lis-sussidjarji tagħha, mid-debitur jew mill-grupp ta' klijenti konnessi, inkluża kwalunkwe skopertura f'inadempjenza iżda esklużi skoperturi ggarantiti bi proprjetà residenzjali sal-valur tal-proprjetà ma għandhiex, sa fejn tkun taf l-istituzzjoni, li għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tikkonferma s-sitwazzjoni, taqbeż il-EUR 1 miljun;***

(b) l-iskopertura tirrappreżenta waħda minn numru sinifikanti ta' skoperturi b'karatteristiċi simili, b'tali modi li r-riskji assoċjati ma' tali skopertura jkunu mnaqqsin b'mod sostanzjali;

(c) l-istituzzjoni kkonċernata tittratta l-iskopertura fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħha u timmaniġġja l-iskopertura internament bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur b'mod konsistenti maż-żmien u b'mod li jkun simili għat-trattament mill-istituzzjoni ta' skoperturi oħrajn fil-livell tal-konsumatur.

Il-valur preżenti tal-pagamenti ta' kera minimi fil-livell tal-konsumatur għandu jkun eliġibbli għall-klassi ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur.

L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika metodi ta' diversifikazzjoni proporzjonati li, fihom, skopertura għandha titqies bħala waħda minn numru sinifikanti ta' skoperturi simili kif speċifikat fil-punt (b), sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

***Meta kwalunkwe wieħed minn dawn il-kriterji ma jintlaħaqx għal skopertura għal persuna fiżika waħda jew aktar, l-iskopertura għandha titqies bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur u l-piż tar-riskju għandu jkun 100 %.***

2. L-iskoperturi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jwasslu għal pretensjoni residwa u subordinata fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) skoperturi ta' dejn u titoli oħrajn, sħubiji, derivattivi, jew strumenti oħrajn, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (a);

(c) l-iskoperturi kollha l-oħrajn fil-forma ta' titoli.

3. L-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 75 %, bl-eċċezzjoni ta' skoperturi ta' tranżatturi, li għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 45 %.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, l-iskoperturi minħabba self mogħti minn istituzzjoni lil pensjonanti jew lil impjegati b'kuntratt permanenti kontra t-trasferiment mingħajr kundizzjonijiet ta' parti mill-pensjoni jew mis-salarju ta' min jissellef lil dik

l-istituzzjoni għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 35 %, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) sabiex jitħallas lura s-self, il-mutwatarju jawtorizza mingħajr kundizzjonijiet lill-fond tal-pensjoni jew lill-impjegatur sabiex jagħmel pagamenti diretti lill-istituzzjoni billi jnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar tas-self mill-pensjoni jew mis-salarju kull xahar tal-mutwatarju;

(b) ir-riskji ta' mewt, ta' inkapaċità għax-xogħol, ta' qgħad jew ta' tnaqqis nett tal-pensjoni jew tas-salarju ta' kull xahar tal-mutwatarju jkunu koperti kif xieraq permezz ta' polza tal-assigurazzjoni għall-benefiċċju tal-istituzzjoni;

(c) il-pagamenti ta' kull xahar li għandhom isiru mill-mutwatarju fuq is-self kollu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ma għandhomx jaqbżu, meta aggregati, l-20 % mill-pensjoni jew mis-salarju nett fix-xahar tal-mutwatarju;

(d) il-massimu tal-maturità oriġinali tas-self ikun ugwali għal jew anqas minn 10 snin.";

(43) Jiddaħħal l-Artikolu 123a li ġej:

"*Artikolu 123a*
**Skoperturi b'diskrepanza fil-muniti**

1. ***Meta jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin għal skopertura għal persuna fiżika jew għal skopertura*** għal persuni fiżiċi ***li tiġi*** assenjata għall-klassijiet ta' skoperturi stabbiliti fl-Artikolu 112, il-punt (h), ▌ ***jew jekk tiġi ggarantita bi proprjetà immobbli residenzjali, lill-klassi ta' skoperturi stabbilita fl-Artikolu 112, il-punt (i)***, il-piż tar-riskju assenjat ***għal tali skopertura*** f'konformità mal-Kapitolu 2, għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 1,5, fejn il-piż tar-riskju li jirriżulta ma għandux ikun ogħla minn 150 %, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskopertura hija ▌ self iddenominat f'munita li hija differenti mill-munita tas-sors ta' introjtu tad-debitur;

(b) id-debitur ma għandux ħeġġ għar-riskju tal-pagament tiegħu minħabba d-diskrepanza fil-muniti, jew permezz ta' strument finanzjarju jew introjtu minn munita barranija li jaqbel mal-munita tal-iskopertura, jew it-total ta' tali ħeġġiġijiet disponibbli għall-mutwatarju jkopri anqas minn 90 % ta' kwalunkwe pagament parzjali għal din l-iskopertura.

Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tagħżel dawk l-iskoperturi b'diskrepanza fil-munita, il-multiplikatur tal-piż tar-riskju ta' 1,5 għandu japplika għall-iskoperturi mhux iħħeġġjati kollha meta l-munita tal-iskoperturi tkun differenti mill-munita domestika tal-pajjiż ta' residenza tad-debitur.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sors tal-introjtu jirreferi għal kwalunkwe sors li jiġġenera flussi ta' flus lid-debitur, inkluż minn rimessi, minn introjtu mill-kiri jew minn salarji, filwaqt li jeskludi r-rikavati mill-bejgħ ta' assi jew ta' azzjonijiet ta' rikors simili mill-istituzzjoni.";

(44) L-Artikolu 124 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 124*

**Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli**

1. Skopertura mhux ADC li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 3 għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(a) skopertura mhux IPRE għandha tiġi ttrattata bħala skopertura mhux iggarantita permezz tal-proprjetà immobbli kkonċernata;

(b) skopertura IPRE għandha tkun peżata għar-riskju b'150 %.

2. Skopertura mhux ADC iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 3▌, għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(a) meta l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali ***mhux IPRE jew tkun iggarantita minn proprjetà residenzjali IPRE li tissodisfa kwalunkwe mill-kundizzjonijiet li ġejjin***, l-iskopertura ma għandhiex tikkwalifika bħala skopertura IPRE u għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 125(1) meta l-iskopertura tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-proprjetà immobbli ***li tipproduċi l-introjtu*** li tiggarantixxi l-iskopertura tkun ir-residenza primarja tad-debitur, jew meta l-proprjetà immobbli kollha kemm hi tikkostitwixxi unità ta' abitazzjoni waħda jew meta l-proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-iskopertura tkun unità ta' abitazzjoni li tkun parti separata fi proprjetà immobbli;

(ii) l-iskopertura tkun għal ***persuna fiżika*** u tkun iggarantita minn unità ta' abitazzjoni residenzjali li tipproduċi l-introjtu, jew meta l-proprjetà immobbli kollha kemm hi tkun tikkostitwixxi unità ta' abitazzjoni waħda jew meta l-unità ta' abitazzjoni tkun parti separata fil-proprjetà immobbli, u l-iskoperturi totali tal-istituzzjoni għal ***dik il-persuna fiżika*** ma jkunux iggarantiti b'aktar minn erba' proprjetajiet immobbli, inklużi dawk li ma jkunux proprjetajiet residenzjali jew li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mill-kriterji f'dan il-punt, jew unitajiet ta' abitazzjoni separati fil-proprjetajiet immobbli;

(iii) l-iskopertura ggarantita bi proprjetà residenzjali ***li tipproduċi introjtu*** tkun għal assoċjazzjonijiet jew għal kooperattivi ta' ***persuni fiżiċi*** li huma rregolati bil-liġi u li jeżistu biss sabiex il-membri tagħhom jingħataw l-użu ta' residenza primarja fil-proprjetà li tiggarantixxi s-self;

(iv) l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali ***li tipproduċi introjtu*** lil kumpaniji ta' djar tal-gvern jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li huma rregolati bil-liġi u li jeżistu sabiex jaqdu skopijiet soċjali u sabiex joffru abitazzjoni fit-tul lill-inkwilini;

(b) meta l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali u jew ***skopertura IPRE jew*** l-iskopertura ma jissodisfaw l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a), il-punti (i) sa (v), l-iskopertura għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 125(2);

(c) meta l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali, l-iskopertura għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(i) skopertura mhux IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 126(1);

(ii) skopertura IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 126(2).

3. Sabiex tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-***Artikolu 125(1), il-punt (a), jew fl-Artikolu 126(1), il-punt (a)***, skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà immobbli għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-iskopertura tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-proprjetà immobbli tkun tlestiet bis-sħiħ;

(ii) il-proprjetà immobbli tkun foresta jew raba';

(iii) ***is-self ikun għal persuna fiżika u*** l-proprjetà immobbli tkun proprjetà residenzjali li ***jew*** għadha qed tinbena jew tkun art li fuqha hija ppjanata li tinbena proprjetà residenzjali meta dak il-pjan ikun ġie ***legalment*** approvat mill-awtoritajiet kollha ***rilevanti***, ***kif applikabbli,*** u meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

– il-proprjetà ma jkollhiex aktar minn erba' unitajiet ta' abitazzjoni residenzjali u se tkun ir-residenza primarja tad-debitur u s-self lill-***persuna fiżika*** ma jkunx qed jiffinanzja indirettament skoperturi ADC;

– gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali jew entità tas-settur pubbliku, li l-iskoperturi għaliha jkunu ttrattati f'konformità mal-Artikoli 115(2) u 116(4), rispettivament, ikollha s-setgħat u l-kapaċità legali li tiżgura li l-proprjetà li tkun għadha qed tinbena titlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli u tkun meħtieġa jew tkun ħadet impenn legalment vinkolanti li tagħmel dan meta l-kostruzzjoni altrimenti ma titlestiex f'perjodu ta' żmien raġonevoli***. Inkella, ikun hemm mekkaniżmu legali ekwivalenti li jiżgura li l-proprjetà li tkun għadha qed tinbena tkun lesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli;***

(b) l-iskopertura tkun iggarantita bl-ewwel rahan miżmum mill-istituzzjoni fuq il-proprjetà immobbli, jew l-istituzzjoni żżomm l-ewwel rahan u kwalunkwe rahan sekwenzjali ta' klassifikazzjoni aktar baxxa fuq dik il-proprjetà;

(c) il-valur tal-proprjetà ma jkunx materjalment dipendenti fuq il-kwalità tal-kreditu tad-debitur;

(d) l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-oriġinazzjoni tal-iskopertura u għall-finijiet ta' monitoraġġ tkun iddokumentata kif xieraq, inkluża informazzjoni dwar il-kapaċità tad-debitur li jħallas lura u dwar il-valwazzjoni tal-proprjetà;

(e) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 208 jkunu ssodisfati u r-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 229(1) ikunu rrispettati.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu sitwazzjonijiet li fihom fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tad-debitur.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-punt (b), f'ġuriżdizzjonijiet li fihom irhna subordinati jipprovdu lid-detentur bi pretensjoni fuq kollateral li jkun legalment infurzabbli u

jikkostitwixxi mitigant tar-riskju ta' kreditu effettiv, l-irhna subordinati miżmumin minn istituzzjoni minbarra dik li żżomm ir-rahan prijoritarju jistgħu jiġu rrikonoxxuti wkoll, inkluż meta l-istituzzjoni ma żżommx ir-rahan prijoritarju jew ma żżommx rahan bi klassifikazzjoni bejn rahan aktar prijoritarju u rahan aktar subordinat miżmumin it-tnejn li huma mill-istituzzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, ir-regoli li jirregolaw l-irhna għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) kull istituzzjoni li jkollha rahan fuq proprjetà tista' tibda l-bejgħ tal-proprjetà b'mod indipendenti minn entitajiet oħrajn li jkollhom rahan fuq il-proprjetà;

(b) meta l-bejgħ tal-proprjetà ma jsirx permezz ta' rkant pubbliku, l-entitajiet li għandhom rahan prijoritarju jieħdu passi raġonevoli sabiex jiksbu valur tas-suq ġust jew l-aħjar prezz li jista' jinkiseb fiċ-ċirkostanzi meta jeżerċitaw kwalunkwe setgħa ta' bejgħ waħedhom;

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 125(2) u tal-Artikolu 126(2), il-proporzjon tal-iskopertura għall-valur ("ETV") għandu jiġi kkalkolat billi l-ammont tal-iskopertura gross jiġi diviż bil-valur tal-proprjetà soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont tal-iskopertura gross għandu jiġi kkalkolat bħala l-ammont pendenti ta' obbligu ta' kreditu relatat mal-iskopertura ggarantita permezz tal-proprjetà immobbli u kwalunkwe ammont mhux miġbud iżda impenjat li, ladarba jinġibed, ikun iżid il-valur tal-iskopertura li hija ggarantita permezz tal-proprjetà immobbli;

(b) l-ammont tal-iskopertura gross għandu jiġi kkalkolat mingħajr ma jitqiesu l-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu ***f'konformità mal-Artikolu 110, aġġustamenti tal-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 34 relatati mal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni, ammonti mnaqqsa f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m),*** u tnaqqis ieħor ta' fondi proprji relatat mal-iskopertura jew ma' kwalunkwe forma ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata, ħlief għal kontijiet ta' depożiti mirhuna mal-istituzzjoni mutwanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għan-netting fil-karta tal-bilanċ, jew skont ftehimiet prinċipali ta' netting f'konformità mal-Artikoli 196 u 206 jew skont ftehimiet oħrajn ta' netting fil-karta tal-bilanċ f'konformità mal-Artikoli 195 u 205 u jkunu ġew mirhuna mingħajr kundizzjoni u b'mod irrevokabbli għall-finijiet uniċi li jiġi ssodisfat l-obbligu ta' kreditu relatat mal-iskopertura ggarantita permezz tal-proprjetà immobbli;

(c) skoperturi li jridu jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 125(2) jew 126(2) meta parti għajr l-istituzzjoni żżomm rahan prijoritarju u rahan subordinat miżmum mill-istituzzjoni jkun rikonoxxut skont il-paragrafu 4, l-ammont tal-iskopertura gross għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-ammont tal-iskopertura gross tar-rahan tal-istituzzjoni u tal-ammonti tal-iskopertura gross għall-irhna kollha l-oħrajn bi klassifikazzjoni ugwali jew superjuri mir-rahan tal-istituzzjoni. Meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni sabiex tiġi aċċertata l-klassifikazzjoni ta' irhna oħrajn, l-istituzzjoni għandha tittratta li dawn l-irhna bħala bi klassifikazzjoni pari passu mar-rahan subordinat miżmum mill-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha l-ewwel tiddetermina l-piż tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 125(2) jew mal-Artikolu 126(2) ("piż tar-riskju bażi"), kif ikun applikabbli. Imbagħad, hija għandha taġġusta dan il-piż tar-riskju b'multiplikatur

ta' 1,25, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti peżati għar-riskju ta' irhna subordinati. Meta l-piż tar-riskju bażi jikkorrispondi għat-taqsima l-aktar baxxa tal-ETV, il-multiplikatur ma għandux jiġi applikat. Il-piż tar-riskju li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-piż tar-riskju bażi b'1,25 għandu jkun limitat għall-piż tar-riskju li jkun applikat għall-iskopertura jekk ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti fil-paragrafu 3.

Għall-finijiet tal-punt (a), meta istituzzjoni jkollha aktar minn skopertura waħda ggarantita bl-istess proprjetà immobbli u dawn l-iskoperturi jkunu ggarantiti b'irhna fuq din il-proprjetà immobbli sekwenzjali f'ordni ta' klassifikazzjoni mingħajr l-ebda rahan miżmum minn terza persuna fi klassifikazzjoni xi mkien fin-nofs, l-iskoperturi għandhom jiġu ttrattati bħala skopertura waħda kombinata u l-ammonti tal-iskopertura gross għall-iskoperturi individwali għandhom jingħaddu flimkien sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-iskopertura gross għall-iskopertura unika kombinata.

6. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità li tkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-paragrafu 7. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura.

Meta l-awtorità maħtura minn Stat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija l-awtorità kompetenti, hija għandha tiżgura li l-korpi u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jkollhom mandat makroprudenzjali jiġu infurmati kif dovut bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li tagħmel użu minn dan l-Artikolu, u jiġu involuti kif jixraq fil-valutazzjoni ta' tħassib ta' stabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru tagħha f'konformità mal-paragrafu 6.

Meta l-awtorità maħtura mill-Istat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tkun differenti mill-awtorità kompetenti, l-Istat Membru għandu jadotta d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jiżgura koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni xierqa bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità maħtura għall-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet għandhom jintalbu jikkooperaw mill-qrib u jikkondividu l-informazzjoni kollha li tista' tkun neċessarja għat-twettiq kif xieraq tad-dmirijiet imposti fuq l-awtorità maħtura skont dan l-Artikolu. Dik il-kooperazzjoni għandha timmira li tevita kwalunkwe forma ta' azzjoni duplikata jew inkonsistenti bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità maħtura, kif ukoll li tiżgura li l-interazzjoni ma' miżuri oħrajn, b'mod partikolari mal-miżuri meħudin skont l-Artikolu 458 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, titqies kif jixraq.

7. Fuq il-bażi tad-data miġbura skont l-Artikolu 430a dwar kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandha tivvaluta perjodikament, u tal-anqas darba fis-sena, jekk il-piżijiet stabbiliti fl-Artikolu 125 u fl-Artikolu 126 għall-iskoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju tagħhom ikunux ibbażati kif xieraq fuq:

(a) l-esperjenza ta' telf ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli;

(b) żviluppi li jħarsu 'l quddiem fis-swieq tal-proprjetà immobbli.

Meta, fuq il-bażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu tikkonkludi li l-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125 jew 126 ma jirriflettux b'mod adegwat ir-riskji attwali relatati ma' skoperturi għal segment wieħed jew aktar tal-proprjetà ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew fuq proprjetà kummerċjali immobbli li tinsab

f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità rilevanti, u jekk tqis li l-inadegwatezza tal-piżijiet tar-riskju jista' jkollha effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja kurrenti jew futura fl-Istat Membru tagħha, hija tista' żżid il-piżijiet tar-riskju applikabbli għal dawk l-iskoperturi fil-meded stabbiliti fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew timponi kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

L-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandha tinnotifika lill-ABE u lill-BERS bi kwalunkwe aġġustament għall-piżijiet tar-riskju u l-kriterji applikati skont dan il-paragrafu. Fi żmien xahar minn meta jirċievu dik in-notifika, l-ABE u l-BERS għandhom jipprovdu l-opinjoni tagħhom lill-Istat Membru kkonċernat ***u jindikaw jekk iqisu li l-aġġustamenti għall-fatturi tal-piżijiet tar-riskju u għall-kriterji humiex ukoll rakkomandati lill-Istati Membri l-oħra***. L-ABE u l-BERS għandhom jippubblikaw il-piżijiet tar-riskju u l-kriterji għall-iskoperturi msemmijin fl-Artikoli 125, 126 u fl-Artikolu 199(1), il-punt (a), kif implimentati mill-awtorità rilevanti.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 tista' żżid il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125(1), il-punt (a), ***fl-Artikolu 125(2), l-ewwel subparagrafu,*** fl-Artikolu 126(1), il-punt (a), ***jew fl-Artikolu 126(2), l-ewwel subparagrafu, jew jimponu kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal segment wieħed jew aktar ta' proprjetà garantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali li tinsab f'parti waħda jew aktar tal-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri.*** L-awtorità ma għandhiex iżżid dawk għal aktar minn 150 %.

***Meta żżid il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125(2), l-ewwel subparagrafu, jew l-Artikolu 126(2), l-awtorità maħtura għandha tmexxi l-intervent kollu tal-piż tar-riskju ETV stipulat fit-Tabella 6aaa fl-Artikolu 125(2) jew fit-Tabella 6c fl-Artikolu 126(2) kif xieraq.***

8. Meta l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 tistabbilixxi piżijiet tar-riskju ogħla jew kriterji aktar stretti skont il-paragrafu 7, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom perjodu tranżizzjonali ta' sitt xhur sabiex japplikawhom.

9. L-ABE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tipi ta' fatturi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 7.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. Il-BERS, permezz ta' rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, ***għandu*** jagħti gwida lill-awtoritajiet maħturin f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu dwar dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) fatturi li jista' jkollhom "effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja kurrenti jew futura" msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7;

(b) punti ta' riferiment indikattivi li l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 6 għandha tqis meta tiddetermina piżijiet tar-riskju ogħla.

11. L-istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskji u l-kriterji li ġew iddeterminati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 7 għall-iskoperturi korrispondenti kollha tagħhom iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew fuq proprjetà immobbli kummerċjali li jinsabu f'parti waħda jew aktar ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.";

(45) L-Artikolu 125 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 125*

**Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali**

1. Skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali li tikkonforma ***mad-definizzjoni ta' skopertura mhux IPRE jew*** ma' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 124(2), il-punt (a), il-punti (i) sa (iva), għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(a) il-parti tal-iskopertura sa 55 % tal-valur tal-proprjetà li jifdal wara li jitnaqqas kwalunkwe rahan bi klassifikazzjoni superjuri jew pari passu mhux miżmum mill-istituzzjoni għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 20 %.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, meta, f'konformità mal-Artikolu 124(7), l-awtorità kompetenti jew maħtura, kif applikabbli, tkun stabbiliet piż tar-riskju ogħla jew perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà minn dak imsemmi f'dan il-punt, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u l-perċentwal stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(7).

(b) il-parti li jifdal tal-iskopertura, jekk ikun hemm, għandha tiġi ttrattata bħala skopertura li ma tkunx iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali, ***fil-klassi ta' skoperturi applikabbli lill-kontroparti.***

2. ***Skopertura IPRE jew*** skopertura ggarantita bi proprjetà residenzjali li ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 124(2), il-punt (a), il-punti (i) sa (iv) għandha tiġi assenjata l-ogħla bejn il-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mat-Tabella 6aaa li ġejja, u l-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(7):

*Tabella 6aaa*

| ETV | ETV ≤ 50 % | 50 % < ETV ≤ 60 % | 60 % < ETV ≤ 80 % | 80 % < ETV ≤ 90 % | 90 % < ETV ≤100 % | ETV > 100 % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 30 % | 35 % | 45 % | 60 % | 75 % | 105 % |

"

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw it-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 għal skoperturi ggarantiti bi proprjetà residenzjali li tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, meta r-rati ta' telf għal tali skoperturi ppubblikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 430a(3) ma jaqbżu l-ebda wieħed mil-limiti li ġejjin għat-telf aggregat fl-istituzzjonijiet kollha b'tali skoperturi li kienu eżistenti fis-sena preċedenti:

(a) it-telf fuq il-parti tal-iskoperturi sa 55 % tal-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx iż-0,3 % tal-ammont totali, fost dawk l-iskoperturi kollha, tal-obbligi ta' kreditu pendenti f'dik is-sena.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, meta, f'konformità mal-Artikolu 124(7), l-awtorità kompetenti jew maħtura, kif applikabbli, tkun stabbiliet perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà minn dak imsemmi f'dan il-punt, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-perċentwal stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(7);

(b) it-telf fuq il-parti tal-iskoperturi sa 100 % tal-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx iż-0,5 % tal-ammont totali, f'dawn l-iskoperturi kollha, tal-obbligi ta' kreditu pendenti f'dik is-sena.

***2a. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 anki fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni kif deċiż f'konformità mal-Artikolu 107(4), jippubblikaw rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli residenzjali fi ħdan it-territorju ta' pajjiżhom jew f'każijiet li fihom awtorità kompetenti ta' Stat Membru tippubblika tali informazzjoni għal ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz ipprovdiet d-disponibbiltà ta' data statistika valida.";***

(46) L-Artikolu 126 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 126*

**Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali**

1. Skopertura kif imsemmija fl-Artikolu 124(2), il-punt (c)(i) għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(a) il-parti tal-iskopertura sa 55 % tal-valur tal-proprjetà mnaqqas bi kwalunkwe rahan bi klassifikazzjoni prijoritarja jew pari passu li ma jkunx miżmum mill-istituzzjoni għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 60 %, sakemm dik il-parti tal-iskopertura ma tkunx soġġetta għal piż tar-riskju ogħla jew għal perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà meta jiġi deċiż f'konformità mal-Artikolu 124(7);

(b) il-parti li jifdal tal-iskopertura, jekk ikun hemm, għandha tiġi ttrattata bħala skopertura li ma tkunx iggarantita permezz ta' din il-proprjetà immobbli.

***L-ABE għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-aġġustament tat-trattament ta' skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà kummerċjali, inklużi skoperturi IPRE u mhux IPRE, b'kont meħud tal-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju għal skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali stabbiliti fl-ewwel subparagrafu u d-differenzi relattivi fir-riskju u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS dwar il-vulnerabbiltajiet fis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali fl-UE (ESRB/2022/9) u tirrapporta lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.***

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2028.***

2. Skopertura kif imsemmija fl-Artikolu 124(2), il-punt (c)(ii) għandha tiġi assenjata l-ogħla wieħed bejn il-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mat-Tabella 6c u l-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(7):

*Tabella 6c*

| | ETV ≤ 60 % | 60 % < ETV ≤ 80 % | ETV > 80 % |
|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 70 % | 90 % | 110 % |

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw it-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 għal skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà kummerċjali li tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, meta r-rati ta' telf għal tali skoperturi ppubblikati mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 430a(3) ma jaqbżu l-ebda wieħed mil-limiti li ġejjin għat-telf aggregat fit-tali skoperturi kollha li kienu eżistenti fis-sena preċedenti:

(a) it-telf fuq il-parti tal-iskoperturi sa 55 % tal-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx iż-0,3 % tal-ammont totali tal-obbligi ta' kreditu pendenti f'dik is-sena.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, meta, f'konformità mal-Artikolu 124(7), l-awtorità kompetenti jew maħtura, kif applikabbli, tkun stabbiliet perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà minn dak imsemmi f'dan il-punt, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-perċentwal stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(7);

(b) it-telf fuq il-parti tal-iskoperturi sa 100 % tal-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx iż-0,5 % tal-ammont totali tal-obbligi ta' kreditu pendenti f'dik is-sena.

***2a. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 anki f'każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, li japplikaw arranġamenti superviżorji u regolatorji tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni kif deċiż f'konformità mal-Artikolu 107(4), jippubblikaw ir-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju tal-pajjiż tagħhom. Meta awtorità kompetenti ta' ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz ma tippubblikax rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' pajjiżhom, l-ABE tista' tippubblika tali informazzjoni għal ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, dment li tkun disponibbli data statistika valida, li tkun statistikament rappreżentattiva tas-suq tal-proprjetà immobbli kummerċjali korrispondenti.";***

(47) Jiddaħħal Artikolu 126a ġdid:

"*Artikolu 126a*
**Skoperturi għall-akkwist ta' art, għall-iżvilupp u għall-kostruzzjoni**

1. Skopertura ADC għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 %.

2. Madankollu, l-iskoperturi ADC għal proprjetà residenzjali jistgħu jiġu ppeżati skont ir-riskju b'100 %, dment li▌, l-istituzzjoni tapplika standards sodi ta' oriġinazzjoni u ta' monitoraġġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 74 u 79 tad-Direttiva 2013/36/UE u meta tal-inqas tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kuntratti legalment vinkolanti ta' qabel il-bejgħ jew ta' qabel il-kiri li għalihom ix-xerrej jew l-inkwilin ikun għamel depożitu sostanzjali ta' flus li jkun soġġett għal konfiska jekk il-kuntratt jiġi tterminat ***jew meta l-finanzjament huwa ggarantit b'mod ekwivalenti***, u jammonta għal porzjon sinifikanti tal-kuntratti totali;

(b) id-debitur ikollu ekwità sostanzjali f'riskju, li tkun irrappreżentata bħala ammont xieraq ta' ekwità peżata għad-debitur għall-valur stmat tal-proprjetà residenzjali mat-tlestija.

3. L-ABE għandha sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ] toħroġ linji gwida li jispeċifikaw it-termini "depożiti ta' flus sostanzjali", "ammont xieraq ta' ekwità kkontribwita mid-debitur", "sehem sinifikanti mill-kuntratti totali", u "ekwità sostanzjali f'riskju"***, u dak li jista' jitqies "finanzjament b'mod ekwivalenti"***.

Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(48) L-Artikolu 127 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-kalkolu tas-somma tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu msemmija f'dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu kwalunkwe differenza pożittiva bejn[redacted] l-ammont dovut mid-debitur fuq ***dik*** l-iskopertura u[redacted] s-somma ta':

(i) it-tnaqqis addizzjonali tal-fondi proprji jekk ***dik*** l-iskopertura ***kellha*** titħassar kompletament; u

(ii) kwalunkwe tnaqqis ta' fondi proprji diġà eżistenti relatat ma' dik l-iskopertura."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-parti ggarantita ta' skopertura inadempjenti, il-kollateral u l-garanziji għandhom ikunu eliġibbli għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Kapitolu 4.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-valur tal-iskopertura li jifdal wara l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiċi ta' skoperturi mhux IPRE ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali f'konformità mal-Artikoli 125 u 126, rispettivament, għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 % jekk isseħħ inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178.";

(d) jitħassar il-paragrafu 4;

(49) L-Artikolu 128 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 128*
**Skoperturi ta' dejn subordinat**

1. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi ta' dejn subordinat:

(a) skoperturi ta' dejn li jkunu subordinati għal pretensjonijiet ta' ***kredituri mhux garantiti ordinarji oħra***;

(b) strumenti ta' fondi proprji sal-punt li dawk l-istrumenti ma jitqisux bħala skoperturi ta' ekwità f'konformità mal-Artikolu 133(1); u

(c) strumenti ta' obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 72b.

2. L-iskoperturi ta' dejn subordinat għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %, sakemm dawk l-iskoperturi ta' dejn subordinat ma jkunux meħtieġa jitnaqqsu f'konformità mal-Parti Tnejn ta' dan ir-Regolament.";

(50) L-Artikolu 129 ***huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 3, jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

" Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-finijiet tal-valwazzjoni tal-proprjetà immobbli, l-awtoritajiet kompetenti maħturin skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 jistgħu jippermettu li dik il-proprjetà tiġi vvalutata bil-valur tas-suq jew anqas minnu, jew f'dawk l-Istati Membri li stabbilew kriterji stretti għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, il-valur tas-self ipotekarju ta' dik il-proprjetà mingħajr l-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 208(3), il-punt (b)."

***(b) il-paragrafu 4, is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Bonds koperti li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 6a li tikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.";***

***(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"5. Bonds koperti li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju abbażi tal-piż tar-riskju assenjat lil skoperturi superjuri mhux garantiti tal-istituzzjoni li toħroġhom. Għandha tapplika l-korrispondenza li ġejja bejn il-piżijiet tar-riskju:***

***(a) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %, il-bond kopert għandu jiġu assenjat piż tar-riskju ta' 10 %;***

***(aa) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 30 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 15 %;***

***(ab) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 40 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 20 %;***

***(b) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 50 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 25 %;***

***(ba) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 75 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 35 %;***

***(c) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 50 %;***

***(d) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 %.";*** ***(51a) fl-Artikolu 132c(2), is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' impenn ta' valur minimu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bħala l-valur preżenti skontat tal-ammont garantit bl-użu ta' fattur ta' skont li jiġi derivat minn rata mingħajr riskju. L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur tal-***

***iskopertura ta' impenn ta' valur minimu bi kwalunkwe telf rikonoxxut fir-rigward tal-impenn ta' valur minimu skont l-istandard tal-kontabbiltà applikabbli.";***

(52) L-Artikolu 133 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 133*

**Skoperturi ta' ekwità**

1. Dawn kollha li ġejjin għandhom jiġu kklassifikati bħala skoperturi ta' ekwità:

(a) kwalunkwe skopertura li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-iskopertura ma tkunx tista' tiġi rkuprata fis-sens li r-redditu tal-fondi investiti jista' jinkiseb biss bil-bejgħ tal-investiment jew bil-bejgħ tad-drittijiet għall-investiment jew bil-likwidazzjoni tal-emittent;

(ii) l-iskopertura ma tinkorporax obbligu min-naħa tal-emittent; u

(iii) l-iskopertura twassal għal pretensjoni residwa fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) strumenti li jkunu jikkwalifikaw bħala entrati ta' Grad 1 li kieku jinħarġu minn istituzzjoni;

(c) strumenti li jinkorporaw obbligu min-naħa tal-emittent u jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-emittent jista' jiddifferixxi s-saldu tal-obbligu b'mod indefinit;

(ii) l-obbligu jirrikjedi, jew jippermetti skont id-diskrezzjoni tal-emittent, saldu permezz tal-ħruġ ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent;

(iii) l-obbligu jirrikjedi, jew jippermetti skont id-diskrezzjoni tal-emittent, saldu permezz tal-ħruġ ta' numru varjabbli ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent u, *ceteris paribus*, kwalunkwe bidla fil-valur tal-obbligu tkun attribwibbli għal, komparabbli ma', u fl-istess direzzjoni bħal, il-bidla fil-valur ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent;

(iv) id-detentur tal-istrument ikollu l-għażla li jirrikjedi li l-obbligu jiġi ssaldat f'azzjonijiet ta' ekwità, sakemm ma tiġix issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

– fil-każ ta' strument innegozjat, l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istrument huwa nnegozjat fis-suq aktar bħad-dejn tal-emittent milli bħall-ekwità tiegħu;

– fil-każ ta' strumenti mhux innegozjati, l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istrument għandu jiġi ttrattat bħala pożizzjoni ta' dejn.

Għall-finijiet tal-punt (c)(iii), huma inklużi obbligi li jeħtieġu jew jippermettu s-saldu permezz tal-ħruġ ta' numru varjabbli tal-azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent, li għalihom il-bidla fil-valur monetarju tal-obbligu tkun ugwali għall-bidla fil-valur ġust ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità mmultiplikat b'fattur speċifikat, meta kemm il-fattur kif ukoll in-numru ta' ishma rreferenzjati jkunu fissi.

Għall-finijiet tal-punt (iv), meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-punt, l-istituzzjoni tista' tiddekomponi r-riskji għal finijiet regolatorji, soġġetta għall-permess minn qabel mill-awtorità kompetenti.

(d) obbligi ta' dejn u titoli oħrajn, sħubijiet, derivattivi jew strumenti oħrajn strutturati b'mod li s-sustanza ekonomika tkun simili għall-iskoperturi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c), inklużi obbligazzjonijiet li minnhom ir-redditu jkun marbut ma' dak tal-ekwitajiet;

(e) skoperturi ta' ekwità li jkunu rreġistrati bħala self iżda li jirriżultaw minn skambju ta' dejn ma' ekwità magħmula bħala parti mir-realizzazzjoni jew mir-ristrutturar ordnat tad-dejn.

2. L-investimenti ta' ekwità ma għandhomx jiġu ttrattati bħala skoperturi ta' ekwità fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-investimenti ta' ekwità huma strutturati b'mod li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għas-sustanza ekonomika tal-holdings ta' dejn li ma jissodisfawx il-kriterji fi kwalunkwe wieħed mill-punti fil-paragrafu 1;

(b) l-investimenti ta' ekwità jikkostitwixxu skoperturi ta' titolizzazzjoni.

3. Skoperturi ta' ekwità, minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafi 4 sa 7, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 250 %, sakemm dawk l-iskoperturi ma jkunux meħtieġa jitnaqqsu jew jiġu ppeżati skont ir-riskju f'konformità mal-Parti Tnejn.

4. L-iskoperturi ta' ekwità li ġejjin għal kumpaniji mhux elenkati għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 400 %, sakemm dawk l-iskoperturi ma jkunux meħtieġa li jitnaqqsu jew jiġu ppeżati skont ir-riskju f'konformità mal-Parti Tnejn:

(a) investimenti għal skopijiet ta' bejgħ mill-ġdid fuq terminu qasir;

(b) investimenti f'ditti ta' kapital ta' riskju jew investimenti simili li jinkisbu b'antiċipazzjoni ta' qligħ kapitali sinifikanti fuq terminu qasir.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-investiment f'ekwità fit-tul, inklużi investimenti f'ekwitajiet ta' klijenti korporattivi li magħhom l-istituzzjoni jkollha jew ikollha l-ħsieb li tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju fit-tul ▌u konverżjonijiet ta' dejn f'ekwità għal finijiet ta' ristrutturar korporattiv, għandu jiġi assenjat piż tar-riskju f'konformità mal-paragrafu 3 jew 5, kif ikun applikabbli. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, investiment ta' ekwità fuq terminu twil huwa investiment ta' ekwità li jinżamm għal tliet snin jew aktar jew li jiġġarrab bl-intenzjoni li jinżamm għal tliet snin jew aktar kif approvat mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjonijiet li jkunu rċevew il-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 100 % għal skoperturi ta' ekwità mġarrbin taħt programmi leġiżlattivi sabiex jippromwovu setturi speċifikati tal-ekonomija, ***sal-parti ta' tali skoperturi ta' ekwità li b'mod aggregat ma taqbiżx l-10 % tal-fondi proprji tal-istituzzjoni,*** li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-programmi leġiżlattivi jipprovdu sussidji sinifikanti ***jew*** garanziji***, inkluż*** minn banek multilaterali tal-iżvilupp, minn istituzzjonijiet pubbliċi ta' kreditu għall-iżvilupp kif iddefiniti fl-Artikolu 429a(2) jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-investiment lill-istituzzjoni;

(b) il-programmi leġiżlattivi jinvolvu xi forma ta' sorveljanza tal-gvern;

*(ba) programmi leġiżlattivi jew garanziji jinvolvu restrizzjonijiet fuq l-investiment ta' ekwità, bħal limitazzjonijiet fuq id-daqs u t-tipi ta' negozji li fihom qed tinvesti l-istituzzjoni, fuq ammonti permissibbli ta' interessi ta' sjieda, fuq il-post ġeografiku u fuq fatturi pertinenti oħra li jillimitaw il-potenzjal tal-investiment għall-istituzzjoni ta' investiment;*

▌

6. Skoperturi ta' ekwità għal banek ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' ***0 %***.

7. Skoperturi ta' ekwità li jiġu rreġistrati bħala self iżda li jirriżultaw minn konverżjoni ta' dejn f'ekwità magħmulin bħala parti mir-realizzazzjoni jew mir-ristrutturar ordnat tad-dejn ma għandhomx jiġu assenjati piż tar-riskju aktar baxx mill-piż tar-riskju li jkun japplika li kieku l-holdings ta' ekwità baqgħu fil-portafoll tad-dejn.";

(53) L-Artikolu 134 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Elementi fi flus kontanti li qegħdin fil-proċess li jinġabru għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %. Flus li huma proprjetà ta' u miżmumin mill-istituzzjoni jew fi tranżitu, u elementi ta' flus kontanti ekwivalenti għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.";

(b) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Il-valur tal-iskopertura ta' kwalunkwe element ieħor li għalih ma huwa pprovdut l-ebda piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 %.";

(54) Fl-Artikolu 135 ***jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin***:

"3. L-ABE, l-EIOPA u l-AETS għandhom sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ] iħejju rapport dwar l-impedimenti għad-disponibbiltà tal-valutazzjonijiet tal-kreditu mill-ECAIs, b'mod partikolari għall-impriżi, u dwar miżuri possibbli sabiex dawn jiġu indirizzati filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn is-setturi ekonomiċi u ż-żoni ġeografiċi. ***L-ABE, l-EIOPA u l-ESMA għandhom jippreżentaw ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.***"

***3a. L-ESMA għandha sa [OP daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ], tħejji rapport dwar jekk ir-riskji ESG humiex riflessi b'mod xieraq fil-metodoloġiji ta' klassifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-ECAIs. Abbażi ta' dan ir-rapport u jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]"***

;

(55) L-Artikolu 138 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) istituzzjoni ma għandhiex tuża valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI fir-rigward ta' istituzzjoni li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, sakemm il-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI rispettiva ma tkunx tirreferi għal

istituzzjoni li tkun proprjetà ta' jew ▌ sponsorjata minn gvernijiet ċentrali, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali.";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (g), fil-każ ta' istituzzjonijiet, għajr istituzzjonijiet li huma proprjetà ta' jew ▌ sponsorjati minn gvernijiet ċentrali, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali, li għalihom teżisti biss valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, l-iskoperturi għal tali istituzzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjonijiet mhux ikklassifikati f'konformità mal-Artikolu 121.

Appoġġ impliċitu mill-gvern ifisser li l-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali ***huma mistennija li*** jaġixxu sabiex jipprevjenu lill-kredituri tal-istituzzjoni milli jġarrbu telf fil-każ ta' inadempjenza jew ta' diffikultà tal-istituzzjoni.";

(56) Fl-Artikolu 139(2), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-valutazzjoni tal-kreditu tipproduċi piż tar-riskju ogħla milli jkun il-każ meta l-iskopertura tiġi ttrattata bħala mhux ikklassifikata u l-iskopertura kkonċernata:

(i) ma tkunx skopertura fuq self speċjalizzat;

(ii) tikklassifika pari passu jew subordinata fl-aspetti kollha għall-programm jew għall-faċilità tal-ħruġ speċifika jew għal skoperturi prijoritarji mhux iggarantiti ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti;

(b) il-valutazzjoni tal-kreditu tipproduċi piż tar-riskju aktar baxx u l-iskopertura kkonċernata:

(i) ma tkunx skopertura fuq self speċjalizzat;

(ii) tikklassifika pari passu jew prijoritarja fl-aspetti kollha għall-programm jew għall-faċilità tal-ħruġ speċifika jew għal skoperturi prijoritarji mhux iggarantiti ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti.";

(57) L-Artikolu 141 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 141*
**Elementi f'munita domestika u barranija**

1. Valutazzjoni tal-kreditu li tirreferi għal element denominat fil-munita domestika tad-debitur ma għandhiex tintuża sabiex jiġi dderivat piż tar-riskju għal skopertura fuq dak l-istess debitur li tkun iddenominata f'munita barranija.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta skopertura tirriżulta permezz tal-parteċipazzjoni ta' istituzzjoni f'self li jkun ġie estiż minn, jew li jkun ġie ggarantit kontra r-riskju ta' konvertibbiltà u ta' trasferiment, minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) li l-istatus ta' kreditur preferut tiegħu jkun irrikonoxxut fis-suq, il-valutazzjoni tal-kreditu fuq l-element tal-munita domestika tad-debitur tista' tintuża sabiex jiġi dderivat piż tar-riskju għal skopertura fuq dak l-istess debitur li tkun iddenominata f'munita barranija.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, meta l-iskopertura ddenominata f'munita barranija tkun iggarantita kontra r-riskju ta' konvertibbiltà u ta' trasferiment, il-valutazzjoni tal-kreditu fuq l-entrata tal-munita domestika tad-debitur tista' tintuża biss

għall-finijiet ta' peżar tar-riskju fuq il-parti ggarantita ta' dik l-iskopertura. Il-parti ta' dik l-iskopertura li ma hijiex iggarantita għandha tkun peżata għar-riskju fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-kreditu fuq id-debitur li tirreferi għal element iddenotat f'dik il-munita barranija.";

(58) L-Artikolu 142, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti (1a) sa (1e) li ġejjin:

"(1a) "klassi ta' skoperturi" tfisser kwalunkwe waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (a), (a1)(i), (a1)(ii), (b), (c)(i), (c)(ii), (c)(iii), (d)(i), (d)(ii), (d)(iii), (d)(iv), (e), (e1), (f) u (g);

(1b) "klassi ta' skoperturi korporattivi" tfisser kwalunkwe waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (c)(i), (c)(ii) u (c)(iii);

(1c) "skopertura korporattiva" tfisser kwalunkwe skopertura assenjata għal ***kwalunkwe waħda*** mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (c)(i), (c)(ii) u (c)(iii);

(1d) "klassi ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur" tfisser kwalunkwe waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (d)(i), (d)(ii), (d)(iii) u (d)(iv);

(1e) "skopertura fil-livell tal-konsumatur" tfisser kwalunkwe skopertura assenjata ***kwalunkwe waħda*** mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (d)(i), (d)(ii), (d)(iii) u (d)(iv);";

(b) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) "tip ta' skoperturi" tfisser grupp ta' skoperturi ġestiti b'mod omoġenu ▌, li jistgħu jkunu limitati għal entità waħda jew għal subsett wieħed ta' entitajiet fi grupp dment li l-istess tip ta' skoperturi jiġi ġestit b'mod differenti f'entitajiet oħrajn tal-grupp;";

(c) il-punti (4) u (5) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(4) "entità kbira rregolata tas-settur finanzjarju" tfisser entità tas-settur finanzjarju li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-assi totali tal-entità, jew l-assi totali tal-kumpanija prinċipali tagħha meta l-entità jkollha kumpanija prinċipali, ikkalkolati fuq bażi individwali jew konsolidata, ikunu akbar minn jew ugwali għal EUR 70 biljun, bl-użu tal-aktar rapport finanzjarju awditjat riċenti jew rapport finanzjarju konsolidat sabiex jiġi ddeterminat id-daqs tal-assi;

(b) l-entità tkun soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali, direttament fuq bażi individwali jew konsolidata, jew indirettament mill-konsolidazzjoni prudenzjali tal-impriża prinċipali tagħha, f'konformità ma' dan ir-Regolament, mar-Regolament (UE) 2019/2033, mad-Direttiva 2009/138/KE, jew ma' rekwiżiti prudenzjali legali ta' pajjiż terz li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk l-atti tal-Unjoni;

(5) "entità mhux regolata tas-settur finanzjarju" tfisser entità tas-settur finanzjarju li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (4)(b);";

(d) jiddaħħal il-punt (5a) li ġej:

"(5a) "impriża kbira" tfisser kwalunkwe impriża korporattiva li jkollha bejgħ annwali konsolidat ta' aktar minn EUR 500 miljun jew li tappartjeni għal grupp li fih il-bejgħ annwali totali għall-grupp konsolidat ikun ta' aktar minn EUR 500 miljun.";"

(e) jiżdiedu l-punti (8) sa (12) li ġejjin:

"(8) "approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD" jirreferi għall-immudellar ta' aġġustament tal-LGD jew għall-immudellar ta' aġġustament kemm tal-PD kif ukoll tal-LGD tal-iskopertura sottostanti f'konformità mal-Artikolu 183(1a);

(9) "minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni" jirreferi għall-piż tar-riskju applikabbli għal skopertura komparabbli u diretta għall-fornitur tal-protezzjoni;

(10) għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143, protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata "rikonoxxuta" tfisser protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li l-effett tagħha fuq il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju jew l-ammonti ta' telf mistenni tal-iskopertura sottostanti jitqies b'wieħed mill-metodi li ġejjin, f'konformità mal-Artikolu 108(2a):

(a) approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD;

(b) is-sostituzzjoni tal-approċċ tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB, f'konformità mal-Artikolu 192, il-punt (8);

(11) "SA-CCF" tfisser il-perċentwal applikabbli skont il-Kapitolu 2, li bih jiġi mmultiplikat il-valur nominali ta' entrata li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ sabiex jiġi kkalkolat il-valur tal-iskopertura tagħha f'konformità mal-Artikolu 111(2);

(12) "IRB-CCF" tfisser l-istimi proprji tas-CCF.;

(59) L-Artikolu 143 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun meħtieġ permess minn qabel għall-użu tal-Approċċ IRB, inklużi l-istimi proprji tal-LGDs u tas-CCFs, għal kull klassi ta' skoperturi u għal kull sistema ta' klassifikazzjoni u għal kull approċċ għall-istima tal-LGDs u tas-CCFs użati.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) bidliet materjali fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża;

(b) bidliet materjali f'sistema ta' klassifikazzjoni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-bidliet kollha fis-sistemi ta' klassifikazzjoni.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-użu ta' sistema

ta' klassifikazzjoni eżistenti għal skoperturi addizzjonali oħrajn mhux diġà koperti minn dik is-sistema ta' klassifikazzjoni u ta' bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(60) Fl-Artikolu 144(1), l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) l-istituzzjoni tkun ivvalidat kull sistema ta' klassifikazzjoni matul perjodu ta' żmien xieraq qabel il-permess sabiex tintuża dik is-sistema ta' klassifikazzjoni, tkun ivvalutat matul dak il-perjodu ta' żmien jekk is-sistema ta' klassifikazzjoni hijiex adattata għall-medda ta' applikazzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni, u tkun għamlet il-bidliet neċessarji f'dawk is-sistemi ta' klassifikazzjoni wara l-valutazzjoni tagħha;";

(b) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) l-istituzzjoni tkun assenjat u tkun għadha tassenja kull skopertura fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni għal grad jew għal aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni ta' din is-sistema ta' klassifikazzjoni;";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-metodoloġija ta' valutazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu fil-valutazzjoni tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(61) L-Artikolu 147 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull skopertura għandha tiġi assenjata għal waħda mill-klassijiet ta' skoperturi li ġejjin:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali;

(a1) skoperturi għal awtoritajiet reġjonali u lokali u għal entitajiet tas-settur pubbliku ("RGLA-PSE"), li għandhom jinqasmu fil-klassijiet ta' skoperturi li ġejjin:

(i) skoperturi għal awtoritajiet reġjonali u lokali ("RGLAs");

(ii) skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku ("PSEs");

(b) skoperturi għal istituzzjonijiet;

(c) skoperturi korporattivi ▌għandhom ***jiġu assenjati għall-klassijiet*** ta' skoperturi li ġejjin:

(i) impriżi ġenerali;

(ii) skoperturi fuq self speċjalizzat ("SL");

(iii) riċevibbli mixtrijin korporattivi;

(d) skoperturi fil-livell tal-konsumatur ▌għandhom ***jiġu assenjati għall-klassijiet*** ta' skoperturi li ġejjin:

(i) skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotattivi kwalifikanti ("QRREs");

(ii) skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali;

(iii) riċevibbli mixtrijin fil-livell tal-konsumatur;

(iv) skoperturi oħrajn fil-livell tal-konsumatur;

(e) skoperturi ta' ekwità;

(e1) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ta' ishma f'CIU;

(f) elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(g) assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu.

(b) fil-paragrafu 3, jitħassar il-punt (a);

(c) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Skoperturi għal gvernijiet reġjonali, għal awtoritajiet lokali jew għal entitajiet tas-settur pubbliku ▌għandhom jiġu assenjati għall-***klassijiet*** ta' skoperturi msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (a1)***(i) jew (a1)(ii) rispettivament, għajr jekk jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali f'konformità mal-Artikoli*** 115 jew 116.***L-iskoperturi ttrattati bħala skoperturi għal gvernijiet ċentrali f'konformità mal-Artikolu 115 jew 116 għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a).***";

(d) fil-paragrafu 4, jitħassru l-punti (a) u (b);

(e) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) skoperturi għal SME fis-sens tal-Artikolu 5, il-punt (8), f'dak il-każ dment li l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni u lill-impriżi prinċipali u lis-sussidjarji tagħha, inkluża kwalunkwe skopertura f'inadempjenza, mill-klijent debitur jew mill-grupp debitur ta' klijenti konnessi, iżda esklużi skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali sal-valur tal-proprjetà, sa fejn tkun taf l-istituzzjoni, li għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tivverifika l-ammont ta' dik l-iskopertura ma jaqbiżx il-EUR 1 miljun;

(iii) skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, inklużi l-ewwel irhna u dawk sussegwenti, self b'terminu, linji ta' kreditu rotattivi ta' ekwità ta' dar, u skoperturi kif imsemmijin fl-Artikolu 108, il-

paragrafi 3 u 4, irrispettivament mid-daqs tal-iskopertura, dment li l-iskopertura tkun waħda minn dawn li ġejjin:

– skopertura għal persuna fiżika;

– skopertura għal assoċjazzjonijiet jew għal kooperattivi ta' individwi rregolati skont il-liġi nazzjonali u li jeżistu bl-uniku għan li joffru lill-membri tagħhom l-użu ta' residenza primarja fil-proprjetà li tiggarantixxi s-self;";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Skoperturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-punti (a)(iii), (b), (c), (d) għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi "skoperturi fil-livell tal-konsumatur ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali" kif imsemmija fil-l-paragrafu 2, il-punt (d)(ii).

B'deroga mit-tielet subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeskludu mill-klassi ta' skoperturi "skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali" kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii), self lil persuni fiżiċi li jkunu ipotekaw aktar minn erba' proprjetajiet jew unitajiet ta' abitazzjoni u jassenjaw dak is-self għall-klassi ta' skoperturi korporattivi.";

(iii) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur li jappartjenu għal tip ta' skoperturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ***għandhom*** jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi tal-QRRE:

(a) l-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi jkunu għal ***persuna fiżika waħda jew aktar***;

(b) l-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi jkunu rotattivi, mhux iggarantiti, u sa fejn ma jkunux prelevati immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet, u jkunu kanċellabbli mill-istituzzjoni;

(c) l-iskopertura massima ta' dak it-tip ta' skopertura għal ***persuna fiżika*** tkun ta' EUR 100 000▌ ;

(d) dak it-tip ta' skoperturi wera volatilità baxxa tar-rati ta' telf, meta mqabbel mal-livell medju tar-rati ta' telf tiegħu, speċjalment fil-meded baxxi ta' PD;

(e) it-trattament ***ta' skoperturi assenjati lil dak it-tip ta' skoperturi bħala skopertura*** fil-livell tal-konsumatur rotattiva kwalifikanti huwa konsistenti mal-karatteristiċi tar-riskju sottostanti ta' ***dak*** it-tip ta' skoperturi▌ .

Permezz ta' deroga mill-punt (b), ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' garanzija ma għandux japplika fir-rigward ta' faċilitajiet ta' kreditu kollateralizzati marbutin ma' kont tal-paga. F'dak il-każ, l-ammonti rkuprati mill-kollateral ma għandhomx jitqiesu fl-istima tal-LGD.

L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw fil-klassi ta' skoperturi tal-QRRE l-iskoperturi ta' tranżatturi ("tranżatturi tal-QRRE"), kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1), il-punt (152), u l-iskoperturi li ma humiex skoperturi ta'

tranżatturi ("rotaturi tal-QRRE"). B'mod partikolari, QRREs b'anqas minn 12-il xahar ta' storja ta' ripagamenti għandhom jiġu identifikati bħala rotaturi tal-QRRE.";

(f) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Sakemm ma jkunux assenjati għall-klassi ta' skoperturi stabbilita fil-paragrafu 2, il-punt (e1), l-iskoperturi msemmijin fl-Artikolu 133, il-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi ta' ekwità stabbilita fil-paragrafu 2, il-punt (e).

7. Kwalunkwe obbligu ta' kreditu mhux assenjat lill-klassijiet ta' skoperturi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a), (a1), (b), (d), (e) u (f) għandu jiġi assenjat għal waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu.";

(g) fil-paragrafu 8 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Dawk l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi msemmijin fil-paragrafu 2, il-punt (c)(ii) u għandhom jitqassmu fil-kategoriji li ġejjin: "finanzjament ta' proġetti" (project finance, PF), "finanzjament ta' oġġetti" (object finance, OF), "finanzjament ta' prodotti" (commodity finance, CF) u "introjtu li jipproduċi proprjetà immobbli" (income producing real estate, IPRE).

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dawn li ġejjin:

(a) il-kategorizzazzjoni għal PF, għal OF u għal CF, b'mod konsistenti mad-definizzjonijiet tal-Kapitolu 2;

(b) id-determinazzjoni tal-kategorija tal-IPRE, b'mod partikolari billi jiġi pprovdut liema skoperturi ADC u skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli, jistgħu jiġu kkategorizzati jew għandhom jiġu kkategorizzati bħala IPRE, meta dawk l-iskoperturi ma jiddependux materjalment fuq il-flussi ta' flus iġġenerati mill-proprjetà għar-ripagament tagħhom.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(h) jiżdied paragrafu 11 ġdid:

"11. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar il-klassijiet ***ta' skoperturi*** msemmijin fil-paragrafu 2, fejn neċessarju▌.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(62) L-Artikolu 148 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Istituzzjoni li hija permessa tapplika l-approċċ IRB f'konformità mal-Artikolu 107(1), għandha, flimkien ma' kwalunkwe impriża prinċipali u mas-sussidjarji tagħha, timplimenta l-Approċċ IRB għal tal-anqas waħda mill-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (a), (a1)(i), (a1)(ii), (b), (c)(i), (c)(ii), (c)(iii), (d)(i), (d)(ii), d(iii), (d)(iv), (e1), ▌ u (g). Ladarba istituzzjoni ***tkun implimentat*** l-Approċċ IRB għal ***ċerta*** klassi ta' skoperturi, hija għandha tagħmel dan għall-iskoperturi kollha f'dik il-klassi ta' skoperturi, sakemm ma tkunx irċeviet il-permess tal-awtoritajiet kompetenti sabiex tuża l-Approċċ Standardizzat b'mod permanenti f'konformità mal-Artikolu 150.

Soġġetta għall-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB tista' titwettaq b'mod sekwenzjali fost it-tipi differenti ta' skoperturi fi ħdan ***ċerta*** klassi ta' skoperturi ***jew*** unità tan-negozju, ***jew*** f'unitajiet tan-negozju differenti fl-istess grupp, jew għall-użu ta' stimi proprji tal-LGDs jew ***għall-użu*** tal-IRB-CCFs.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-perjodu ta' żmien li matulu istituzzjoni u kwalunkwe impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw l-Approċċ IRB għall-iskoperturi kollha f'***ċerta*** klassi ta' skoperturi ***fit-tipi differenti ta' skoperturi fi ħdan l-istess unità tan-negozju,*** f'unitajiet tan-negozju differenti fl-istess grupp jew għall-użu tal-istimi proprji tal-LGDs jew ***l-użu*** tal-IRB-CCF***, kif applikabbli***. Dan il-perjodu ta' żmien għandu jkun wieħed li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li jkun adatt fuq il-bażi tan-natura u tal-iskala tal-attivitajiet tal-istituzzjoni kkonċernata, jew ta' kwalunkwe impriża prinċipali u tas-sussidjarji tagħha, u tan-numru u tan-natura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li jkunu se jiġu implimentati.";

***(aa) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB skont il-kundizzjonijiet determinati mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tfassal dawk il-kundizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-flessibbiltà skont il-paragrafu 1 ma tintużax b'mod selettiv għall-fini tal-kisba ta' rekwiżiti tal-fondi proprji mnaqqsa fir-rigward ta' dawk it-tipi ta' skoperturi jew tal-unitajiet kummerċjali li jkunu għadhom iridu jiġu inklużi fl-Approċċ IRB jew fl-użu tal-istimi proprji tal-LGDs jew l-użu tal-IRB-CCF.";***

(b) jitħassru l-paragrafi 4, 5 u 6;

(63) L-Artikolu 150 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi kollha li ġejjin:

(a) skoperturi assenjati għall-klassi ta' skoperturi ta' ekwità msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (e);

▌

(c) skoperturi ***assenjati lil ċerta klassi ta' skoperturi*** li għalihom l-istituzzjonijiet ma jkunux irċevew il-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni.

Istituzzjoni li tingħata l-permess li tuża l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni għal klassi ta' skoperturi partikolari tista', soġġetta għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, tapplika l-Approċċ Standardizzat għal xi tipi ta' skoperturi f'dik il-klassi ta' skoperturi meta dawk it-tipi ta' skoperturi jkunu immaterjali f'termini ta' daqs u ta' profil tar-riskju perċepit.

***Minbarra l-iskoperturi msemmija fit-tieni subparagrafu, istituzzjoni tista', soġġetta għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, tapplika l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi li ġejjin fejn l-Approċċ IRB jiġi applikat għal tipi oħra ta' skoperturi fil-klassi rispettiva ta' skoperturi:***

***(a) xi tipi ta' skoperturi f'dik il-klassi ta' skoperturi, inklużi skoperturi minn fergħat barranin u gruppi ta' prodotti differenti, meta dawk it-tipi ta' skoperturi jkunu immaterjali f'termini ta' daqs u ta' profil tar-riskju perċepit;***

***(b) skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali tal-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali, l-awtoritajiet lokali, il-korpi amministrattivi u l-entitajiet fis-settur pubbliku tagħhom dment li:***

***(i) ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn l-iskoperturi għal dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali u dawk l-iskoperturi l-oħra minħabba arranġamenti pubbliċi speċifiċi; u***

***(ii) skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114(2) jew (4);***

***(c) skoperturi ta' istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha jew sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha sakemm il-kontroparti tkun istituzzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija maniġerjali tal-assi jew impriża anċillari tas-servizzi soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa jew impriża konnessa permezz ta' relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/KEE;***

***(d) skoperturi bejn l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 113(7);***

Istituzzjoni li tingħata l-permess li tuża l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju ***għall-iskoperturi msemmija fit-tieni subparagrafu***, għandha tapplika l-Approċċ Standardizzat għat-tipi li jifdal ta' skoperturi f'dik il-klassi ta' skoperturi.";

***(aa) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2025 dwar x'jikkostitwixxi tipi differenti ta' skoperturi li jkunu immaterjali f'termini ta' daqs u profil tar-riskju perċepit.";***

(b) jitħassru l-paragrafi ▌ 3 u 4;

(64) L-Artikolu 151 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 4;

(b) il-paragrafi 7, 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGDs, u tal-IRB-CCF fejn applikabbli skont l-Artikolu 166, il-paragrafi 8 u 8b, f'konformità mal-Artikolu 143 u mat-Taqsima 6. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-SA-CCF meta l-Artikolu 166, il-paragrafi 8 u 8b ma jippermettix l-użu tal-IRB-CCF.

8. Għall-iskoperturi li ġejjin, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valuri tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 161(1) u l-SA-CCF f'konformità mal-Artikolu 166, il-paragrafi 8, 8a u 8b:

(a) skoperturi assenjati għall-klassi ta' skoperturi "skoperturi għal istituzzjonijiet" imsemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (b);

(b) skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku;

(c) skoperturi għal impriżi kbar ***mhux assenjati għall-klassi ta' skoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(ii)***.

Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet ta' skoperturi msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punti (a), (a1) u (c), ħlief għall-iskoperturi msemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valuri tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 161(1), u l-SA-CCF f'konformità mal-Artikolu 166, il-paragrafi 8, 8a u 8b, sakemm ma jkunux ingħataw il-permess li jużaw l-istimi proprji tagħhom tal-LGDs u tas-CCFs għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

9. Għall-iskoperturi msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-LGDs, u tal-IRB-CCFs, fejn applikabbli, skont l-Artikolu 166, il-paragrafi 8 u 8b, f'konformità mal-Artikolu 143 u mat-Taqsima 6.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi ▌ 12 u 13:

▌

12. Għall-iskoperturi fil-forma ta' ishma jew ta' unitajiet f'CIU li tappartjeni għall-klassi ta' skoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (e1), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 152***, sakemm ma jitnaqqsux mill-fondi proprji, l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal riskju ta' kreditu jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 152 ħlief fejn dawk l-iskoperturi jitnaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, l-elementi Addizzjonali ta' Grad 1 jew l-elementi ta' Grad 2***.

13. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika ***aktar*** it-trattament ***stabbilit f'dan il-Kapitolu li huwa*** applikabbli għall-iskoperturi ***fil-forma ta'*** riċevibbli mixtrijin imsemmija ***fl-Artikoli 153 u 154*** għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju għar-riskju ta' inadempjenza u għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' dawk l-iskoperturi, inkluż għar-rikonoxximent tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(65) Fl-Artikolu 152, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ ta' trasparenza f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u li ma jużawx il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu jew fil-Kapitolu 5 kif applikabbli għall-iskoperturi sottostanti kollha jew għal partijiet minnhom tas-CIU, għandhom jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni ***għal dawk il-partijiet ta' skoperturi sottostanti*** f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) għall-iskoperturi sottostanti li jiġu assenjati għall-klassi ta' skoperturi ta' ekwità msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (e), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2;

(b) għal skoperturi assenjati għall-elementi li jirrappreżentaw il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni msemmijin fl-Artikolu 147(2), il-punt (f), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 254 bħallikieku dawk l-iskoperturi kienu miżmumin direttament minn dawk l-istituzzjonijiet;

(c) għall-iskoperturi sottostanti l-oħrajn kollha, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2.";

(66) L-Artikolu 153 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) jekk 0 < PD < 1, allura:

$$\mathrm{RW} = \left(\mathrm{LGD} \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(\mathrm{PD}) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0{,}999)\right) - \mathrm{LGD} \cdot \mathrm{PD}\right) \cdot \frac{1 + (\mathrm{M} - 2{,}5) \cdot b}{1 - 1{,}5 \cdot b} \cdot 12{,}5$$

fejn:

*N* = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri *N(x)* daqs il-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medjan ta' 0 u b'varjanza ta' 1 ikun anqas minn jew daqs *x*;

*G* = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri jekk *x* = *G(z)*, *x* hija l-valur b'tali mod li *N(x)* = *z*;

*R* = il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni, li huwa ddefinit bħala:

$$R = 0{,}12 \cdot \frac{1 - e^{-50 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-50}} + 0{,}24 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-50 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-50}}\right)$$

*b* = il-fattur ta' aġġustament tal-maturità, li huwa ddefinit bħala:

$$b = [0{,}11852 - 0{,}05478 \cdot ln\,(\mathrm{PD})]^2$$

*M* = il-maturità u għandha tiġi espressa fi snin u ***ddeterminata*** f'konformità mal-Artikolu 162.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-iskoperturi għal entitajiet kbar tas-settur finanzjarju rregolati u għal entitajiet tas-settur finanzjarju mhux irregolati, il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni *R* previst fil-paragrafu 1, il-punt (iii), jew fil-paragrafu 4, kif ikun applikabbli, għandu jiġi mmultiplikat b'1,25 meta jiġu kkalkolati l-piżijiet tar-riskju ta' dawk l-iskoperturi.";

(c) jitħassar il-paragrafu 3;

(d) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 meta jassenjaw il-piżijiet tar-riskju għal skoperturi ta' self speċjalizzat.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(67) L-Artikolu 154 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) jekk PD < 1, allura:

$$\mathrm{RW} = \left(\mathrm{LGD} \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(\mathrm{PD}) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0{,}999)\right) - \mathrm{LGD} \cdot \mathrm{PD}\right) \cdot 12{,}5$$

fejn:

*N* = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri *N(x)* daqs il-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medjan ta' 0 u b'varjanza ta' 1 ikun anqas minn jew daqs *x*;

*G* = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri jekk *x* = *G(z)*, *x* hija l-valur b'tali mod li *N(x)* = *z*;

*R* = il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni, li huwa ddefinit bħala:

$$R = 0{,}03 \cdot \frac{1 - e^{-35 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-35}} + 0{,}16 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-35 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-35}}\right)$$

";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur li ma humiex inadempjenti u li huma ggarantiti jew parzjalment iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, koeffiċjent ta' korrelazzjoni *R* ta' 0,15 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra prodotta bil-formula tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

Il-piż tar-riskju ***kkalkolat*** għal skopertura parzjalment iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali ***skont il-paragrafu 1, il-punt (ii), billi jitqies il-koeffiċjent tal-korrelazzjoni R kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu,*** għandu ***jiġi applikat kemm għall-porzjon iggarantit kif ukoll*** għall-porzjon mhux iggarantit tal-iskopertura sottostanti.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għal QRREs li ma humiex inadempjenti, koeffiċjent ta' korrelazzjoni *R* ta' 0,04 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra prodotta mill-formula tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-volatilità relattiva tar-rati ta' telf fil-QRREs kollha li jappartjenu għall-istess tip ta' skoperturi, kif ukoll fil-klassi aggregata ta' skoperturi tal-QRREs, u għandhom jikkondividu informazzjoni dwar il-karatteristiċi tipiċi tar-rati ta' telf rotattiv kwalifikanti fil-livell tal-konsumatur madwar l-Istati Membri u mal-ABE.";

(68) Jitħassar l-Artikolu 155;

(69) Fl-Artikolu 157, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment:

(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrijin, inkluż ir-rikonoxximent ***tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu*** f'konformità mal-Artikolu 160(4), u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-istimi proprji u tal-parametri ta' riżerva;

(b) il-valutazzjoni tal-kriterju ta' immaterjalità għat-***tipi*** ta' skoperturi msemmija fil-paragrafu 5;

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru ***2025***.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(70) L-Artikolu 158 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jitħassar l-aħħar subparagrafu;

(b) jitħassru l-paragrafi 7, 8 u 9.

(71) L-Artikolu 159 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 159*

**Trattament tal-ammonti ta' telf mistenni, ta' nuqqas tal-IRB u ta' eċċess tal-IRB**

L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammonti ta' telf mistenni tal-iskoperturi msemmijin fl-Artikolu 158, il-paragrafi 5, 6 u 10 mis-somma ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu relatati ma' dawk l-iskoperturi, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 110;

(b) l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali relatati man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni ddeterminati f'konformità mal-Artikoli 34, relatati ma' dawk l-iskoperturi;

(c) tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat ma' dawk l-iskoperturi minbarra t-tnaqqis li sar f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m).

Meta l-kalkolu mwettaq f'konformità mal-ewwel subparagrafu jirriżulta f'ammont pożittiv, l-ammont miksub jissejjaħ "eċċess tal-IRB". Meta l-kalkolu mwettaq f'konformità mal-ewwel subparagrafu jirriżulta f'ammont negattiv, l-ammont miksub jissejjaħ "nuqqas tal-IRB".

Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-ewwel ***paragrafu***, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw skontijiet iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 166(1) fuq skoperturi tal-karta tal-bilanċ mixtrijin meta f'inadempjenza bl-istess mod bħall-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu. Skontijiet jew primjums fuq l-iskoperturi tal-karta tal-bilanċ mixtrijin meta ma jkunux inadempjenti ma għandhomx jitħallew jiġu inklużi fil-kalkolu tan-nuqqas tal-IRB jew tal-eċċess tal-IRB. L-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu fuq skoperturi f'inadempjenza ma għandhomx jintużaw sabiex ikopru l-ammonti ta' telf mistenni fuq skoperturi oħrajn. L-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi titolizzati u l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi fir-riskju ta' kreditu relatati ma' dawk l-iskoperturi ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tan-nuqqas tal-IRB jew tal-eċċess tal-IRB.";

(72) Fit-Taqsima 4, tiddaħħal is-Subtaqsima 0 li ġejja:

**"Subtaqsima 0**

**Skoperturi koperti permezz ta' garanziji pprovduti mill-gvernijiet ċentrali u mill-banek ċentrali tal-Istati Membri jew mill-BĊE**

*Artikolu 159a*

**Nuqqas ta' applikazzjoni tal-minimi tal-input tal-PD u tal-LGD**

Għall-finijiet tal-Kapitolu 3, u b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 160(1), 161(4), 164(4) u 166(8c), meta skopertura tkun koperta permezz ta' garanzija eliġibbli pprovduta mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali ta' Stat Membru jew mill-BĊE, il-minimi tal-input tal-PD, tal-LGD u tas-CCF ma għandhomx japplikaw għall-parti tal-iskopertura koperta permezz ta' dik il-garanzija. Madankollu, il-parti tal-iskopertura li ma tkunx koperta permezz ta' dik il-garanzija għandha tkun soġġetta għall-minimi tal-input tal-PD, tal-LGD u tas-CCF ikkonċernati.";

(73) L-Artikolu 160 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal skoperturi assenjati għall-klassi ta' skoperturi "skoperturi għal istituzzjonijiet" imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 147(2), jew "skoperturi korporattivi" msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 147(2), għall-finijiet uniċi tal-kalkolu ***tal-ammonti ta' skoperturi*** peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 153, tal-Artikolu 157, tal-Artikolu 158(1), tal-Artikolu 158(5) u tal-Artikolu 158(10), il-PD ***għal kull skopertura li tintuża*** fl-input tal-piżijiet tar-riskju u tal-formuli tat-telf mistennija ma għandhomx ikunu anqas mill-valur li ġej: 0,05 % ("minimu tal-input tal-PD").";

***(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***1a. Għal skoperturi assenjati lill-klassi ta' skoperturi "awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-entitajiet tas-settur pubbliku ("RGLA-PSE")", imsemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a1), għall-finijiet uniċi tal-kalkolu tal-iskoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, il-valuri tal-PD użati fl-input tal-piżijiet tar-riskju u tal-formuli tat-telf mistennija ma għandhomx ikunu anqas mill-valur li ġej: 0,03 % ("minimu tal-input tal-PD").";***

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għal skopertura koperta permezz ta' UFCP, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskopertura oriġinali kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD f'konformità mal-Artikolu 183.";

(c) jitħassar il-paragrafu 5;

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrijin, il-PD għandha tiġi ffissata daqs l-istima tal-EL għar-riskju ta' dilwizzjoni mill-istituzzjoni. Istituzzjoni li tkun irċeviet permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi u li tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrijin f'PDs u f'LGDs b'mod ikkunsidrat affidabbli mill-awtorità kompetenti, tista' tuża l-istima tal-PD li tirriżulta minn din id-dekompożizzjoni. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fl-PD f'konformità mal-Kapitolu 4.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Istituzzjoni li tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrijin, tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi taġġusta l-PDs soġġetta għall-Artikolu 161(3).";

(74) L-Artikolu 161 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) skoperturi prijoritarji mingħajr FCP ***eliġibbli*** għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali u għal entitajiet tas-settur finanzjarju: 45 %;";

(ii) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

(aa) skoperturi prijoritarji mingħajr FCP ***eliġibbli***, għal impriżi li ma humiex entitajiet tas-settur finanzjarju: 40 %;";

(iii) jitħassar il-punt (c);

(iv) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) għal skoperturi prijoritarji ta' riċevibbli korporattivi mixtrijin fejn istituzzjoni ma tkunx tista' tagħti stima tal-PDs jew l-istimi tal-PDs mill-istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 6: 40 %;";

(v) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej

"(g) għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrijin: 100 %.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"3. Għal skopertura koperta permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskopertura oriġinali kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-LGD f'konformità mal-Artikolu 183.

4. Għal skoperturi assenjati għall-klassi ta' skoperturi "klassi ta' skoperturi korporattivi", ▌ għall-iskop uniku tal-kalkolu ***tal-ammonti ta' skoperturi*** peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, u b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 153(1), il-punt (iii) , tal-Artikolu 157, tal-Artikolu 158, il-paragrafi 1, 5 u 10 , meta jintużaw stimi proprji tal-LGD, l-LGD ***għal kull skopertura*** użata ***bħala*** input tal-formuli tal-piż tar-riskju u tat-telf mistenni ma għandhomx ikunu anqas mill-valuri minimi tal-input tal-LGD li ġejjin, u kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 5:

*Tabella 2a*

<table>
<tr><td colspan="3">Minimi tal-input tal-LGD ($LGD_{floor}$) għal skoperturi li jappartjenu<br>għall-klassi ta' skoperturi "skopertura għal impriżi"</td></tr>
<tr><td>skopertura mingħajr FCP ($LGD_{U\text{-}floor}$)</td><td colspan="2">skopertura koperta bis-sħiħ b'FCP ($LGD_{S\text{-}floor}$)</td></tr>
<tr><td rowspan="3">25 %</td><td>kollateral finanzjarju</td><td>0 %</td></tr>
<tr><td>riċevibbli</td><td>10 %</td></tr>
<tr><td>proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali</td><td>10 %</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | kollateral fiżiku ieħor | 15 % |

;";

(c) jiżdiedu ***l-paragrafi*** li ġejjin:

"5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-minimi tal-input tal-LGD fit-Tabella 2a f'dak il-paragrafu għal skoperturi ggarantiti bis-sħiħ b'FCP għandhom japplikaw meta l-valur tal-FCP, wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti għall-volatilità $H_c$ u $H_{fx}$ ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 230, ikun daqs jew akbar mill-valur tal-iskopertura sottostanti. Barra minn hekk, dawk il-valuri għandhom ikunu applikabbli għall-FCP eliġibbli skont dan il-Kapitolu. ***F'dak il-każ, it-tip ta' FCP "Kollateral fiżiku ieħor" fl-Artikolu 230, it-Tabella 2aaa għandu jinftiehem bħala "Kollateral fiżiku ieħor u kollateral ieħor eliġibbli".***

Il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD ($LGD_{floor}$) għal skopertura parzjalment iggarantita b'FCP jiġi kkalkolat bħala l-medja ponderata tal-$LGD_{U\text{-}floor}$ għall-porzjon tal-iskopertura mingħajr FCP u $LGD_{S\text{-}floor}$ għall-porzjon kompletament iggarantit, kif ġej:

$$\mathrm{LGD_{floor}} = \mathrm{LGD_{U\text{ - }floor}} \cdot \frac{\mathrm{E_U}}{\mathrm{E} \cdot (1 + \mathrm{H_E})} + \mathrm{LGD_{S\text{ - }floor}} \cdot \frac{\mathrm{E_S}}{\mathrm{E} \cdot (1 + \mathrm{H_E})}$$

fejn:

$LGD_{U\text{-}floor}$ u $LGD_{S\text{-}floor}$ huma l-valuri minimi rilevanti tat-Tabella ***2a***;

$E$ , $E_S$ , $E_U$ u $H_E$ huma ddeterminati kif speċifikat fl-Artikolu 230.

***5a. Sal-punt li istituzzjoni tirrikonoxxi l-FCP skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi l-FCP fil-kalkolu tal-minimu tal-input tal-LGD għal skoperturi ggarantiti. Inkella, għandu japplika l-minimu tal-input LGD għal skoperturi mhux iggarantiti.***

6. Meta istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD għal tip partikolari ta' skoperturi korporattivi mhux iggarantiti ma tkunx tista' tqis l-effett tal-FCP li tiggarantixxi waħda mill-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi fl-istimi proprji tal-LGD ***minħabba n-nuqqas ta' data***, l-istituzzjoni għandha titħalla tapplika l-formula stabbilita fl-Artikolu 230, bl-eċċezzjoni li t-terminu tal-$LGD_U$ f'dik il-formula għandu jkun l-istima proprja tal-LGD mill-istituzzjoni ***għal skoperturi mhux iggarantiti***. F'dak il-każ, l-FCP għandha tkun eliġibbli f'konformità mal-Kapitolu 4 u l-istima proprja tal-LGD mill-istituzzjoni użata bħala t-terminu tal-$LGD_U$ għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tad-data dwar it-telf sottostanti bl-esklużjoni ta' kwalunkwe rkupru li jirriżulta minn dik l-FCP.

***6a. Għal skoperturi assenjati lill-klassi ta' skoperturi "gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali" u lill-entitajiet tas-settur pubbliku ("RGLA-PSE")", imsemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a1), għall-finijiet uniċi tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, il-valuri tal-LGD użati bħala input tal-piżijiet tar-riskju u tal-formuli tat-telf mistennija ma għandhomx ikunu anqas mill-valur li ġej: 5 %.";***

(75) L-Artikolu 162 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal skoperturi li għalihom istituzzjoni ma tkunx irċeviet permess mill-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD, il-valur tal-maturità ("M") għandu ***jew jiġi stabbilit għal*** sentejn u nofs (2,5), ħlief għal skoperturi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, li għalihom M għandha tkun ta' nofs sena (0,5), ***jew inkella jiġi kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2***

▌.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-frażi introduttorja fil-paragrafu 2 hija sostitwita b'din li ġejja:

"Għall-iskoperturi li għalihom istituzzjoni tapplika l-istimi proprji tal-LGD, il-valur tal-maturità ("M") għandu jiġi kkalkolat bl-użu ta' perjodi ta' żmien espressi fi snin, kif stabbilit f'dan il-paragrafu u soġġett għall-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu. M ma għandhiex tkun akbar minn 5 snin, ħlief fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 384(2) fejn għandha tintuża M kif speċifikata hemm. M għandha tiġi kkalkolata kif ġej f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:";

(ii) jiddaħħlu l-punti (da) u (db) li ġejjin:

"(da) għal tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self garantit li huma soġġetti għal ftehim prinċipali ta' netting, M għandha tkun il-medja ponderata tal-maturità li jifdal tat-tranżazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-anqas 20 jum. Għall-ippeżar tal-maturità, għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull tranżazzjoni;

(db) għal ftehim prinċipali ta' netting li jinkludi aktar minn tip wieħed ta' tranżazzjoni li jikkorrispondi għall-punti (c), (d) jew (da), M għandha tkun il-maturità medja peżata li jifdal tat-tranżazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-anqas l-itwal perjodu ta' holding (espress fi snin) ***applikabbli*** għal tali tranżazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 224(2) (jew għaxart ijiem jew 20 jum, skont il-każijiet). Għall-ippeżar tal-maturità, għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull tranżazzjoni";

(iii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) għal kwalunkwe strument għajr dawk imsemmijin f'dan il-paragrafu jew meta istituzzjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tikkalkola M kif stabbilit fil-punt (a), M għandha tkun iż-żmien massimu li jifdal (fi snin) permessi lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kuntrattwali kollha tiegħu (kapital, imgħax u tariffi), fejn M għandha tkun tal-anqas sena;";

(iv) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) għall-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċi msemmijin fl-Artikolu 382a(1), il-punti (a) jew (b), sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA tat-tranżazzjonijiet ma' kontroparti partikolari, M ma għandhiex tkun akbar minn 1 fil-formula stabbilita fl-Artikolu 153(1) għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura

peżata għar-riskju għar-riskju ta' kontroparti għall-istess tranżazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 92(4), il-punti (a) jew (f), kif ikun applikabbli;";

(v) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) Għal skoperturi rotattivi, M għandha tiġi ddeterminata bl-użu tad-data massima ta' terminazzjoni kuntrattwali tal-faċilità. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw id-data tat-tifdija tal-prelevament kurrenti jekk din id-data ma tkunx id-data massima ta' terminazzjoni ***kuntrattwali*** tal-faċilità.";

(c) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, is-sentenza tal-bidu hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta d-dokumentazzjoni tkun teħtieġ rimarġinazzjoni ta' kuljum u rivalwazzjoni ta' kuljum u tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu l-likwidazzjoni fil-pront jew it-tpaċija tal-kollateral fil-każ ta' inadempjenza jew ta' nuqqas ta' rimarġinazzjoni, M għandha tkun il-medja peżata tal-maturità li jifdal tat-tranżazzjonijiet u M għandha tkun tal-anqas jum wieħed:";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa emendat b'dan li ġej:

– il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tranżazzjonijiet awtolikwidanti ta' finanzjament tan-negozju għal terminu qasir marbutin mal-iskambju ta' oġġetti jew ta' servizzi, ▌ kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (80), ***u riċevibbli mixtrijin korporattivi, dment li l-iskoperturi rispettivi jkollhom maturità residwa sa sena;***

– jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) ittri ta' kreditu kemm maħruġin kif ukoll ikkonfermati li huma għal terminu qasir ***li jfisser li għandhom*** maturità ta' anqas minn sena (1), u li huma awtolikwidanti.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għal skoperturi korporattivi stabbiliti fl-Unjoni li ma humiex impriżi kbar, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu M għat-tali skoperturi kollha kif stabbilita fil-paragrafu 1 minflok ma japplikaw il-paragrafu 2.";

(e) jiżdied il-paragrafu 6 il-ġdid li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-espressjoni fi snin tan-numri minimi ta' jiem imsemmijin fil-paragrafu 2, il-punti (c) sa (db), u fil-paragrafu 3, in-numri minimi ta' jiem għandhom jiġu diviżi bi 365,25.";

(76) L-Artikolu 163 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet uniċi tal-kalkolu ***tal-ammonti*** ta' skoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, u b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 154, tal-Artikolu 157 u tal-Artikolu 158, il-paragrafi 1, 5 u 10, il-PD ***għal kull skopertura fil-livell tal-konsumatur li*** tintuża fl-input tal-formuli tal-piż tar-riskju u tat-telf mistenni ***ma għandhiex tkun anqas minn PD***

***ta' sena assoċjata mal-grad intern tal-mutwatarju li għalih tiġi assenjata l-iskopertura fil-livell tal-konsumatur kif ukoll*** dawn li ġejjin:

(a) 0,1 % għar-rotaturi tal-QRRE;

(b) 0,05 % għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur li ma humiex rotaturi tal-QRRE.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għal skopertura koperta permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 għal skoperturi komparabbli diretti għall-fornitur tal-protezzjoni tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD f'konformità mal-Artikolu 183.";

(77) L-Artikolu 164 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGDs soġġetti għar-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 6 ta' dan il-Kapitolu u għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti mogħti f'konformità mal-Artikolu 143. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrijin, għandu jintuża valur tal-LGD ta' 100 %. Meta istituzzjoni tkun tista' tqassam l-istimi tat-telf mistenni tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni tar-riċevibbli mixtrijin f'PDs u f'LGDs b'mod affidabbli, l-istituzzjoni tista' tuża l-istima proprja tagħha tal-LGD.

2. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 għal skoperturi komparabbli diretti għall-fornitur tal-protezzjoni jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fl-LGD f'konformità mal-Artikolu 183.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-iskop uniku tal-kalkolu ***tal-ammonti*** tal-iskoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 154(1), l-Artikolu 157, l-Artikolu 158, il-paragrafi 1 u 10, l-LGD ***għal kull skopertura*** użat ***bħala*** input tal-formuli tal-piż tar-riskju u tat-telf mistenni ma għandux ikun anqas mill-valuri minimi tal-input tal-LGD stabbiliti fit-Tabella 2aa u f'konformità mal-paragrafi 4a u 4b:

*Tabella 2aa*

| Minimi tal-input tal-LGD ($LGD_{floor}$) għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur | | | |
|---|---|---|---|
| skopertura mingħajr FCP ($LGD_{U\text{-}floor}$) | | skopertura ggarantita permezz ta' FCP ($LGD_{S\text{-}floor}$) | |
| Skopertura fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali | M/A | Skopertura fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' | 5 % |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | proprjetà residenzjali | |
| QRRE | 50 % | QRRE | M/A |
| Skoperturi oħrajn fil-livell tal-konsumatur | 30 % | Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' kollateral finanzjarju | 0 % |
| | | Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' riċevibbli | 10 % |
| | | Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali | 10 % |
| | | Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' kollateral fiżiku ieħor | 15 % |
| | | | |

";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandu japplika dan li ġej:

(a) il-minimi tal-input tal-LGD fil-paragrafu 4, it-Tabella 2aa għandhom ikunu applikabbli għal skoperturi ggarantiti permezz ta' FCP meta l-FCP tkun eliġibbli skont dan il-Kapitolu;

(b) ħlief għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimi tal-input tal-LGD fil-paragrafu 4, it-

Tabella 2aa għandhom ikunu applikabbli għal skoperturi ggarantiti bis-sħiħ b'FCP meta l-valur tal-FCP, wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti rilevanti għall-volatilità f'konformità mal-Artikolu 230, tkun daqs jew akbar mill-valur tal-iskopertura sottostanti;

(c) ħlief għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD għal skopertura parzjalment iggarantita b'FCP jiġi kkalkolat f'konformità mal-formula stabbilita fl-Artikolu 161(5);

(d) għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD għandu jiġi stabbilit għal 5 % irrispettivament mil-livell ta' kollateral ipprovdut mill-proprjetà residenzjali.

***Għall-finijiet tal-punt (b), it-tip ta' FCP "Kollateral fiżiku ieħor" fl-Artikolu 230, it-Tabella 2aaa għandu jinftiehem bħala "Kollateral fiżiku ieħor u kollateral ieħor eliġibbli".***

4b. ***Sal-punt li*** istituzzjoni ▌tirrikonoxxi ▌l-FCP ***skont l-Approċċ IRB***, l-istituzzjoni ***tista' tirrikonoxxi*** l-FCP ***fil-kalkolu tal-minimu tal-input*** tal-LGD ***għal skoperturi ggarantiti***. ***Bl-istess mod, għandu japplika l-minimu tal-input*** tal-LGD ***għal skoperturi mhux iggarantiti***. '

(78) Titħassar il-Parti Tlieta, it-Titolu II, it-Taqsima 4, is-Subtaqsima 3.;

(79) L-Artikolu 166 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-valur tal-iskopertura ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li ma humiex kuntratti kif elenkati fl-Anness II għandu jiġi kkalkolat bl-użu jew tal-IRB-CCF jew tal-SA-CCF, f'konformità mal-Artikolu 151(8), il-paragrafi 8a u 8b.

Meta l-bilanċi miġbudin ***biss*** ta' faċilitajiet rotattivi jkunu ġew titolizzati, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jkomplu jżommu l-ammont meħtieġ ta' fondi proprji kontra l-bilanċi mhux miġbudin assoċjati mat-titolizzazzjoni.

Istituzzjoni li ma ***tkunx ingħatat il-permess biex tuża*** l-IRB-CCF, għandha tikkalkula l-valur tal-iskopertura bħala l-ammont impenjat iżda mhux miġbud immultiplikat bl-SA-CCF ikkonċernat.

Istituzzjoni li ***tuża*** l-IRB-CCF għandha tikkalkola l-valur tal-iskopertura għal impenji mhux miġbudin bħala l-ammont mhux miġbud immultiplikat b'IRB-CCF.;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 8a, 8b u 8c li ġejjin:

8a. Għal skopertura li għaliha istituzzjoni ***ma tkunx ingħatat il-permess biex tuża*** l-IRB-CCF, is-CCF applikabbli għandu jkun l-SA-CCF kif previst fil-Kapitolu 2 għall-istess tipi ta' elementi kif stabbiliti fl-Artikolu 111. L-ammont li għalih għandu jiġi applikat l-SA-CCF għandu jkun l-aktar baxx mill-valur tal-linja ta' kreditu impenjata mhux ***miġbuda***, u l-valur li jirrifletti kwalunkwe restrizzjoni possibbli tad-disponibbiltà tal-faċilità, inkluża l-eżistenza ta' limitu massimu fuq l-ammont ta' self potenzjali li huwa relatat mal-fluss ta' flus

irrapportat ta' debitur. Meta faċilità tkun ristretta b'dak il-mod, l-istituzzjoni għandu jkollha proċeduri suffiċjenti ta' monitoraġġ u ta' ġestjoni tal-linji sabiex issostni l-eżistenza ta' dik ir-restrizzjoni.

8b. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-użu tal-IRB-CCF kif speċifikati fit-Taqsima 6 għandhom jużaw l-IRB-CCF għal skoperturi li jirriżultaw minn impenji rotattivi mhux miġbudin ittrattati skont l-Approċċ IRB dment li dawk l-iskoperturi ma jkunux soġġetti għal SA-CCF ta' 100 % skont l-Approċċ Standardizzat. L-SA-CCF għandu jintuża għal:

(a) l-entrati l-oħrajn kollha li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, b'mod partikolari l-impenji mhux rotattivi mhux miġbudin;

(b) skoperturi meta r-rekwiżiti minimi għall-kalkolu tal-IRB-CCF kif speċifikati fit-Taqsima 6 ma jiġux issodisfati mill-istituzzjoni jew meta l-awtorità kompetenti ma tkunx ippermettiet l-użu tal-IRB-CCFs.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, impenn għandu jitqies bħala "rotattiv" meta jippermetti lil debitur jikseb self li bih id-debitur ikollu l-flessibbiltà li jiddeċiedi kemm spiss jiġbed mis-self u kull kemm żmien, filwaqt li jippermetti lid-debitur jippreleva, jirrimborża u jerġa' jiġbed self avvanzat lilu. L-arranġamenti kuntrattwali li jippermettu prepagamenti u l-ġbid mill-ġdid sussegwenti ta' dawk il-prepagamenti għandhom jitqiesu bħala rotattivi.

8c. ***Meta jintużaw l-IRB-CCF***, għall-finijiet uniċi tal-kalkolu ***tal-ammonti*** tal-iskoperturi peżati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' skoperturi li jirriżultaw minn impenji rotattivi ***għajr skoperturi assenjati lill-klassi ta' skoperturi f'konformità mal-Artikolu 147(2), il-punt (a)***, b'mod partikolari skont l-Artikolu 153(1), l-Artikolu 157, l-Artikolu 158, il-paragrafi 1, 5 u 10, il-valur tal-iskopertura ***għal kull skopertura*** użat bħala input fil-formuli tal-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju u tat-telf mistenni ma għandux ikun anqas mis-somma ta':

(a) l-ammont miġbud tal-impenn rotattiv;

(b) 50 % tal-ammont tal-iskopertura li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ tal-parti mhux miġbuda li jifdal tal-impenn rotattiv ikkalkolat bl-użu tal-SA-CCF applikabbli previst fl-Artikolu 111.

Is-somma tal-punti (a) u (b) għandha tissejjaħ il-"minimu tal-input tas-CCF".";

(c) jitħassar il-paragrafu 10;

(80) Jitħassar l-Artikolu 167;

(81) Fl-Artikolu 169(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar kif għandhom jiġu applikati fil-prattika r-rekwiżiti dwar id-disinn tal-mudell, il-kwantifikazzjoni tar-riskju, il-validazzjoni u l-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju bl-użu ta' skali ta' klassifikazzjoni kontinwi jew granulari ħafna għal kull parametru tar-riskju. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(82) Fl-Artikolu 170(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-karatteristiċi tar-riskju tat-tranżazzjonijiet, inklużi l-prodott u l-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata, il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata rikonoxxuta, il-kalkoli tas-self għall-valur, il-maturazzjoni u l-prijorità. L-istituzzjonijiet għandhom jindirizzaw b'mod espliċitu l-każijiet fejn diversi skoperturi jibbenefikaw mill-istess ***protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata***;";

(83) Fl-Artikolu 171, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. ***Għalkemm il-perjodu ta' żmien użat fl-istima tal-PD huwa ta' sena, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw perjodu ta' żmien itwal fl-assenjazzjoni tal-klassifikazzjonijiet. Klassifikazzjoni ta' mutwatarju trid tirrappreżenta l-valutazzjoni tal-istituzzjoni tal-kapaċità u r-rieda tal-mutwatarju li jwettaq xogħlu kuntrattwalment b'mod indipendenti mill-kundizzjonijiet ekonomiċi avversi jew l-okkorrenza ta' avvenimenti mhux mistennija.*** Is-sistemi ta' klassifikazzjoni għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li bidliet idjosinkratiċi jew speċifiċi għall-industrija jkunu mutur tal-migrazzjonijiet minn grad għal ieħor. Barra minn hekk, l-effetti taċ-ċikli tan-negozju għandhom jitqiesu bħala xprunatur għall-migrazzjonijiet ta' debituri u ta' faċilitajiet minn grad jew minn aggregazzjoni għal oħra.";

(84) Fl-Artikolu 172, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għal skoperturi korporattivi, għal istituzzjonijiet u għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, l-assenjazzjoni tal-iskoperturi għandha titwettaq f'konformità mal-kriterji li ġejjin:";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) kull entità ġuridika separata li għaliha tkun skoperta l-istituzzjoni għandha tkun ikklassifikata b'mod separat;";

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (d), istituzzjoni għandu jkollha politiki xierqa għat-trattament ta' klijenti debituri individwali u ta' gruppi ta' klijenti konnessi. Dawk il-politiki għandu jkun fihom proċess għall-identifikazzjoni ta' riskju speċifiku ta' korrelazzjoni negattiva għal kull entità ġuridika li għaliha tkun skoperta l-istituzzjoni. ***Għall-finijiet tal-Kapitolu 6,*** tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet fejn jiġi identifikat riskju speċifiku ta' korrelazzjoni negattiva għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti meta jiġi kkalkolat il-valur tal-iskopertura tagħhom. ***Għall-finijiet tal-Kapitolu 3, tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet fejn jiġi identifikat riskju speċifiku ta' korrelazzjoni negattiva għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti meta jiġi kkalkolat it-telf tagħhom fil-każ ta' inadempjenza.***";

(85) L-Artikolu 173 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għal skoperturi korporattivi, għal istituzzjonijiet u għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, il-proċess ta' assenjazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu l-metodoloġiji tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-

integrità tal-proċess tal-assenjazzjoni u l-valutazzjoni regolari u indipendenti tar-riskji.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(86) L-Artikolu 174 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

***Jekk istituzzjoni tuża*** metodi ("mudelli") statistiċi ***jew*** matematiċi oħrajn sabiex tassenja skoperturi għal gradi jew għal aggregazzjonijiet ta' debituri jew ta' ***faċilità,*** ▌ għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:";

(b) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-mudell għandu jkollu kapaċità ta' tbassir tajba u r-rekwiżiti ta' kapital ma għandhomx jiġu distorti minħabba l-użu tiegħu;";

(c) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (a), il-varjabbli tal-input għandhom jifformaw bażi raġonevoli u effettiva għat-tbassir li jirriżulta. Il-mudell ma għandux ikollu preġudizzji materjali. Għandu jkun hemm rabta funzjonali bejn l-inputs u l-outputs tal-mudell, li tista' tiġi ddeterminata permezz ta' ġudizzju espert, fejn xieraq.";

(87) L-Artikolu 176 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għal skoperturi korporattivi, għal istituzzjonijiet u għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu:";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għal skoperturi li għalihom dan il-Kapitolu jippermetti ***l-użu tal-kalkolu*** tal-istimi proprji tal-LGDs jew ***l-użu tal-IRB-CCFs*** iżda li għalihom l-istituzzjonijiet ma jużawx l-istimi proprji tal-LGDs jew tal-IRB-CCFs, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu data dwar il-paraguni bejn l-LGDs realizzati u l-valuri kif stabbiliti fl-Artikolu 161(1), u bejn is-CCFs realizzati u l-SA-CCFs kif stabbiliti fl-Artikolu 166(8a).";

***(88) L-Artikolu 177 huwa emendat kif ġej:***

***(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"2a. Ix-xenarji użati skont il-paragrafu 2 iridu jinkludu wkoll il-fatturi ta' riskju ESG, b'mod partikolari r-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima.***

***L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

*(b) jitħassar il-paragrafu 3.*

(89) L-Artikolu 178 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Inadempjenza ta' debitur jew ta' faċilità"**

(b) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) id-debitur ikun qabeż id-data tal-maturità b'aktar minn 90 jum fuq kwalunkwe obbligazzjoni ta' kreditu materjali lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil kwalunkwe sussidjarja tagħha.";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-istituzzjoni tagħti l-permess għal ristrutturar f'diffikultà tal-obbligazzjoni ta' kreditu meta t-tali ristrutturar x'aktarx ikun se jirriżulta f'obbligazzjoni finanzjarju mnaqqsa minħabba maħfra materjali, jew posponiment, ta' kapital, imgħax jew fejn rilevanti, tariffi. Ristrutturar f'diffikultà għandu jitqies li seħħ meta l-miżuri ta' trażżin kif imsemmijin fl-Artikolu 47b ikunu ġew estiżi għad-debitur;";

***(ca) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"7. Sat-30 ta' Ġunju 2024, l-ABE għandha toħroġ linji gwida aġġornati dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u b'mod partikolari, x'jikkostitwixxi "obbligazzjoni finanzjarja mnaqqsa" materjali f'każ ta' ristrutturar f'diffikultà għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (d). Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

(90) L-Artikolu 180 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandhom jiġu assoċjati ma' gradi jew ma' aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għall-istima tal-PD għal skoperturi korporattivi, għal istituzzjonijiet u għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali:";

(ii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) irrispettivament minn jekk istituzzjoni hijiex tuża sorsi ta' data esterni, interni jew aggregati jew inkella kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tagħha tal-PD, it-tul tal-perjodu tal-osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-anqas ħames snin għal tal-anqas sors wieħed.";

(iii) jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) irrispettivament mill-metodu użat għall-istima tal-PD, l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw PD għal kull grad ta' klassifikazzjoni fuq il-bażi tar-rata ta' inadempjenza medja storika osservata ta' sena li hija medja sempliċi bbażata fuq

in-numru ta' debituri (peżati għall-għadd), u approċċi oħrajn, inklużi medji peżati għall-iskoperturi, ma għandhomx ikunu permessi.";

(iv) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (h), meta l-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli jiddekorri matul perjodu itwal għal kwalunkwe sors, u din id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal. Id-data għandha ***tkun*** taħlita rappreżentattiva ta' snin tajbin u ħżiena rilevanti għat-tip ta' skoperturi. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li ma jkunux irċevew il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex jużaw l-istimi proprji tal-LGDs jew ***biex jużaw l-IRB-CCF***, jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, id-data rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perjodu ta' ħames snin.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-PDs skont il-grad jew l-aggregazzjoni tad-debitur jew tal-faċilità minn medji fit-tul ta' rati ta' inadempjenza ta' sena, u r-rati ta' inadempjenza għandhom jiġu kkalkolati fil-livell tal-faċilità biss meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1);"

(ii) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) irrispettivament minn jekk istituzzjoni hijiex tuża sorsi ta' data esterni, interni jew aggregati jew inkella kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tagħha tal-PD, it-tul tal-perjodu tal-osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-anqas ħames snin għal tal-anqas sors wieħed.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (e), meta l-osservazzjoni disponibbli tiddekorri matul perjodu itwal għal kwalunkwe sors, u meta dik id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal. Id-data għandha ***tkun*** taħlita rappreżentattiva ta' snin tajbin u ħżiena taċ-ċiklu ekonomiku rilevanti għat-tip ta' skoperturi. Il-PD ***għal kull grad ta' klassifikazzjoni*** għandha tkun ibbażata fuq ir-rata ta' inadempjenza medja storika osservata ta' sena ***li hija medja sempliċi, ibbażata fuq in-numru ta' debituri (peżati għall-għadd), jew ibbażata fuq in-numru ta' faċilitajiet biss fejn tiġi applikata d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell ta' faċilità ta' kreditu individwali skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1), u approċċi oħra, inklużi medji peżati skont l-iskopertura, ma għandhomx ikunu permessi.*** Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, data rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perjodu ta' ħames snin.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-metodoloġiji li f'konformità magħhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-metodoloġija ta' istituzzjoni għall-istima tal-PD skont l-Artikolu 143.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(91) L-Artikolu 181 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c) sa (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) istituzzjoni għandha tikkunsidra l-firxa ta' kwalunkwe dipendenza bejn, minn naħa, ir-riskju tad-debitur u, min-naħa l-oħra, dak tal-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata, minbarra ftehimiet prinċipali ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, jew tal-fornitur tagħha.;

(d) id-diskrepanzi fil-muniti bejn l-obbligu sottostanti u l-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata minbarra l-ftehimiet prinċipali ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti għandhom jiġu ttrattati b'mod konservattiv fil-valutazzjoni tal-LGD mill-istituzzjoni;"

(e) sal-punt li l-istimi tal-LGD iqisu l-eżistenza ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata minbarra ftehimiet prinċipali ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, dawk l-istimi ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-valur stmat tas-suq tal-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata.;

(f) sal-punt li l-istimi tal-LGD iqisu l-eżistenza ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata minbarra l-ftehimiet prinċipali ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu rekwiżiti interni għall-ġestjoni, għaċ-ċertezza legali u għall-ġestjoni tar-riskju ta' dik il-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata, u dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġeneralment konsistenti ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu 4, it-Taqsima 3;

(g) sal-punt li istituzzjoni tirrikonoxxi protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata minbarra ftehimiet prinċipali ta' netting u netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti għad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti f'konformità mal-Kapitolu 6, it-Taqsima 5 jew 6, kwalunkwe ammont li jkun mistenni li jiġi rkuprat minn din il-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata ma għandux jitqies fl-istimi tal-LGD;";

(ii) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) sal-punt li t-tariffi għal pagamenti tard, imposti fuq id-debitur qabel il-ħin tal-inadempjenza, ikunu ġew ikkapitalizzati fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni, dawn għandhom jiżdiedu mal-kalkolu tal-iskopertura u tat-telf tal-istituzzjoni;";

(iv) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjonijiet għandhom iqisu b'mod adegwat l-irkupri realizzati matul il-proċessi ta' rkupru rilevanti minn kwalunkwe forma ta' FCP kif ukoll mill-UFCP li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-Artikolu 142, il-punt (10).

Għall-finijiet tal-punt (c), każijiet li fihom ikun hemm grad sinifikanti ta' dipendenza għandhom jiġu indirizzati b'mod konservattiv.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-istimi tal-LGD għandhom iqisu l-effett tal-inabbiltà potenzjali tal-istituzzjonijiet li jieħdu kontroll tal-kollateral tagħhom malajr u li jillikwidawh.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, ***il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(b) jirriflettu ġbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD; F'każ li l-istituzzjonijiet jinkludu ġbid addizzjonali futur fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, dan għandu jitqies fl-LGD kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur. F'każ li l-istituzzjonijiet ma jinkludux ġbid addizzjonali futur fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, dan għandu jitqies fin-numeratur LGD biss;";***

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istimi tal-LGD għandhom ikunu bbażati fuq data fuq minimu ta' ħames snin. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, data rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data kkonċernata tkopri perjodu ta' ħames snin.";

(c) ***jiżdiedu il-paragrafi li ġejjin***:

"4. L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida sabiex tiċċara t-trattament ta' kwalunkwe forma ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata u mhux iffinanzjata għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a) , u għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-parametri tal-LGD;";

***4a. Għall-fini tal-kalkolu tat-telf f'konformità mal-Artikolu 5, il-punt 2, fir-rigward ta' każijiet li jirritornaw għall-istatus ta' mhux inadempjenti, l-ABE għandha toħroġ linji gwida aġġornati sal-31 ta' Diċembru 2025, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw kif il-fluss ta' flus artifiċjali għandu jiġi ttrattat, filwaqt li titqies il-possibbiltà li l-istituzzjonijiet biss jiskontaw il-fluss ta' flus artifiċjali tul il-perjodu tal-inadempjenza.";***

(92) L-Artikolu 182 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandu jirrifletti l-possibbiltà ta' ġbid addizzjonali mid-debitur sa meta ***u wara*** li jiġi skattat avveniment ta' inadempjenza▌;";

(ii) jiżdiedu l-punti (g) u (h) li ġejjin:

"(g) l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandu jiġi ***stmat*** bl-użu ta' approċċ b'perjodu fiss ta' 12-il xahar▌;

(h) l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq data ta' referenza li tirrifletti l-karatteristiċi tal-prattika tal-ġestjoni tad-debitur, tal-faċilità u tal-bank tal-iskoperturi li għalihom jiġu applikati l-istimi.

(iii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-fini tal-punt (c), l-IRB-CCF għandu jinkludi marġni akbar ta' konservattiviżmu fejn korrelazzjoni pożittiva aktar b'saħħitha tista' tkun raġonevolment mistennija bejn il-frekwenza tal-inadempjenza u l-kobor tal-fattur ta' konverżjoni.

Għall-finijiet tal-punt (g), ▌kull▌inadempjenza għandha tkun marbuta mal-karatteristiċi rilevanti tad-debitur u tal-faċilità ***fid-data*** ta' referenza fissa ***ddefinita*** bħala 12-il xahar qabel ***id-data*** ta' inadempjenza▌.

Għall-finijiet tal-punt (h), l-IRB-CCF applikat għal skoperturi partikolari ma għandux ikun ibbażat fuq data li tħallat l-effetti ta' karatteristiċi differenti jew data minn skoperturi li juru karatteristiċi ta' riskju differenti ***materjalment***. L-IRB-CCF għandu jkun ibbażat fuq segmenti omoġenji kif xieraq. Għal dak l-għan, il-prattiki li ġejjin ma għandhomx ikunu permessi ***jew jitolbu skrutinju u ġustifikazzjoni dettaljati***:

(a) id-data sottostanti għall-SMEs/għas-suq medju li tiġi applikata għal debituri korporattivi ***kbar***;

(b) id-data minn impenji b'disponibbiltà ta' limitu mhux użata "żgħira" li tiġi applikata għal faċilitajiet b'disponibbiltà ta' limitu mhux użata "kbira";

(c) id-data minn debituri delinkwenti jew imblukkata għal prelevamenti ulterjuri fid-data ta' referenza li tiġi applikata għal debituri mingħajr ebda delinkwenza magħrufa jew restrizzjonijiet rilevanti;

(d) id-data li tkun ġiet affettwata minn bidliet fit-taħlita ta' prodotti ta' teħid b'self u ta' prodotti oħrajn relatati mal-kreditu tad-debituri matul il-perjodu ta' osservazzjoni sakemm dik id-data ma tkunx ġiet ***aġġustata*** effettivament billi jitneħħew l-effetti tal-bidliet fit-taħlita tal-prodotti.

Għall-finijiet tal-punt (d) tar-raba' subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom fehim dettaljat tal-impatt tal-bidliet fit-taħlita tal-prodotti tal-klijenti fuq is-settijiet ta' data ta' referenza tal-iskoperturi u fuq l-istimi assoċjati tas-CCF, u li l-impatt huwa immaterjali jew ġie mmitigat b'mod effettiv fil-proċess ta' stima tagħhom. F'dak ir-rigward, dan li ġej ma għandux jitqies xieraq:

(a) l-iffissar ta' minimi ***jew limiti*** għal CCF ***realizzat*** jew valuri tal-iskopertura ***realizzati***

(b) l-użu ta' stimi fil-livell tad-debitur li ma jkoprux bis-sħiħ l-għażliet rilevanti tat-trasformazzjoni tal-prodott jew jikkombinaw prodotti b'karatteristiċi differenti ħafna b'mod mhux xieraq,

(c) l-aġġustament tal-osservazzjonijiet materjali biss affettwati mit-trasformazzjoni tal-prodott,

(d) esklużi l-osservazzjonijiet affettwati mit-trasformazzjoni tal-profil tal-prodott.";

***(aa) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:***

***"1a. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-istimi tas-CCF tagħhom ikunu effettivament separati mill-effetti potenzjali ta' reġjun ta' instabbiltà ikkawżati minn faċilità li tkun qrib li tintuża għalkollox fid-data ta' referenza.***

***1b. Id-data ta' referenza ma tridx tkun limitata għall-ammont prinċipali pendenti ta' faċilità jew il-limitu ta' faċilità disponibbli. Imgħax akkumulat, pagamenti oħra dovuti u ġbid li jaqbeż il-limiti tal-faċilità jridu jiġu inklużi fid-data ta' referenza.";***

(c) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sabiex tispeċifika l-metodoloġija li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw sabiex jistmaw l-IRB-CCF.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2026.

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(93) L-Artikolu 183 huwa emendat kif ġej

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-effett ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata għall-iskoperturi korporattivi, għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD u għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur**";

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-garanzija għandha tkun evidenzjata bil-miktub, mhux kanċellabbli u ma tistax tinbidel min-naħa tal-garanti, fis-seħħ sakemm l-obbligazzjoni tkun sodisfatta bis-sħiħ, sal-ammont u san-natura tal-garanzija, u legalment infurzabbli kontra l-garanti f'ġuriżdizzjoni fejn il-garanti jkollu assi li fuqhom tista' tiġi eżegwita sentenza;

(ii) jiżdiedu il-punti (d) u (e) li ġejjin:

"(d) il-garanzija għandha tkun mingħajr kundizzjoni.

(e) id-derivati tal-kreditu tat-tip "first-to-default" jistgħu jiġu rrikonoxxuti bħala protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli, iżda d-derivati ta' kreditu tat-tip "second-to-default" jew b'mod aktar ġenerali derivattivi ta' kreditu tat-tip "nth-to-default" ma għandhomx jiġu rrikonoxxuti bħala protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

▌

Garanziji li fihom il-pagament mill-garanti jkun soġġett għall-istituzzjoni mutwanti li l-ewwel ikollha tfittex lid-debitur u li jkopru biss it-telf li jifdal wara li l-istituzzjonijiet ikunu lestew il-proċess ta' workout għandhom jitqiesu bħala mhux kundizzjonali.";

(c) jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi jużaw jew l-approċċ ta' mmudellar tal-PD/LGD, f'konformità ma' dan l-Artikolu u soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4, jew is-sostituzzjoni tal-approċċ tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB kif imsemmi fl-Artikolu 236a u soġġetti għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-Kapitolu 4. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki ċari għall-valutazzjoni tal-effetti tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fuq il-parametri tar-riskju. Il-politiki tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-prattiki interni tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju u għandhom jirriflettu r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Dawk il-politiki għandhom jispeċifikaw b'mod ċar liema mill-metodi speċifiċi deskritti f'dan is-subparagrafu jintużaw għal kull sistema ta' klassifikazzjoni, u l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawk il-politiki b'mod konsistenti maż-żmien.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata mill-approċċ ta' mmudellar tal-PD/LGD, ***għandhom jirriflettu l-effett tat-tnaqqis tar-riskju tal-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata għal tip partikolari ta' skoperturi permezz ta' aġġustament jew tal-istima tal-PD jew tal-LGD u*** s-sehem kopert tal-iskopertura sottostanti ma għandux jiġi assenjat piż tar-riskju li jkun aktar baxx mill-minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni. Għal dan il-għan, il-minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-istess PD, tal-istess LGD u tal-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 236a.";

(e) jitħassar il-paragrafu 6;

(94) Fil-Parti Tlieta, it-Titolu, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6, titħassar is-Subtaqsima 4;

(95) Fl-Artikolu 192, jiżdiedu l-punti (5) sa (8) li ġejjin:

"(5) approċċ ta' sostituzzjoni tal-piż tar-riskju skont l-SA" tfisser is-sostituzzjoni ▌ tal-piż tar-riskju tal-iskopertura sottostanti mal-piż tar-riskju applikabbli skont l-Approċċ

Standardizzat għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni ***f'konformità mal-Artikolu 235, meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ Standardizzat u skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni huma ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB***;

(6) "approċċ ta' sostituzzjoni tal-piż tar-riskju skont l-IRB" tfisser is-sostituzzjoni ▌ tal-piż tar-riskju tal-iskopertura sottostanti mal-piż tar-riskju applikabbli skont l-Approċċ Standardizzat għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni ***f'konformità mal-Artikolu 235a meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB u skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni huma ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat;***

(7) "approċċ ta' sostituzzjoni tal-parametri tar-riskju skont l-F-IRB" tfisser is-sostituzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 236, tal-parametri tar-riskju tal-PD kif ukoll tal-LGD tal-iskopertura sottostanti mal-PD u mal-LGD korrispondenti li jkunu assenjati skont l-approċċ IRB mingħajr ma jintużaw l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni;

(8) "approċċ ta' sostituzzjoni tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB" tfisser is-sostituzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 236a, tal-parametri tar-riskju tal-PD kif ukoll tal-LGD tal-iskopertura sottostanti mal-PD u mal-LGD korrispondenti li jkunu assenjati skont l-approċċ IRB bl-użu tal-istimi proprji tal-LGD għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni.";

(96) Fl-Artikolu 193, ***jiżdiedu l-paragrafi*** 7 ***u 7a li ġejjin***:

"7. Kollateral li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan il-Kapitolu jista' jiġi rrikonoxxut bħala tali anki għal skoperturi assoċjati ma' faċilitajiet mhux miġbudin. Meta l-ġbid skont il-faċilità jkun kondizzjonali fuq ix-xiri jew ir-riċeviment preċedenti jew simultanju ta' kollateral sal-punt tal-interess tal-istituzzjoni fil-kollateral ladarba tinġibed il-faċilità, b'tali mod li l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda interess fil-kollateral sa fejn ma tinġibidx il-faċilità, tali kollateral jista' jiġi rrikonoxxut għall-iskopertura li tirriżulta mill-faċilità mhux miġbuda.";

***7a. Meta l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, huma għandhom iqisu r-riskji ESG li għalihom huwa soġġett il-kollateral.***

***L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar x'jikkostitwixxi l-materjalizzazzjoni tar-riskju fiżiku klimatiku u kif dan ir-riskju għandu jiġi rifless fil-kalkoli tal-istituzzjonijiet tal-ammont ippeżat għar-riskju tal-iskopertura.";***

(97) Fl-Artikolu 194, jitħassar il-paragrafu 10;

(98) Fl-Artikolu 197, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) sa (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) titoli ta' dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) it-titoli ta' dejn jinħarġu minn gvernijiet ċentrali jew minn banek ċentrali;

(ii) it-titoli ta' dejn għandhom valutazzjoni tal-kreditu mwettqa minn ECAI jew minn aġenzija tal-krediti għall-esportazzjoni ***li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin***:

– ***l-ECAI jew l-aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni*** tkun ġiet rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 2;

– ***il-valutazzjoni tal-kreditu*** tkun ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-iskala 1, 2, 3 jew 4 tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali skont il-Kapitolu 2;

(c) titoli ta' dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) dawk it-titoli ta' dejn jinħarġu minn istituzzjonijiet;

(ii) dawk it-titoli ta' dejn għandhom valutazzjoni tal-kreditu mwettqa minn ECAI ***li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin***:

– ***l-ECAI*** tkun ġiet rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 2;

– ***il-valutazzjoni tal-kreditu*** tkun ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal ***istituzzjonijiet*** skont il-Kapitolu 2;

(d) titoli ta' dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) dawk it-titoli ta' dejn jinħarġu minn entitajiet oħrajn;

(ii) dawk it-titoli ta' dejn għandhom valutazzjoni tal-kreditu mwettqa minn ECAI li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

– l-ECAI tkun ġiet rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 2;

– ***il-valutazzjoni tal-kreditu*** tkun ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal ***korporattivi*** skont il-Kapitolu 2;

(e) it-titoli ta' dejn li jkollhom valutazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir mwettqa minn ECAI li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-ECAI tkun ġiet rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 2; u

(ii) ***il-valutazzjoni tal-kreditu*** tkun ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi fuq terminu qasir skont il-Kapitolu 2;";

(b) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) bullion tad-deheb;";

***(98a) Fl-Artikolu 197(6), is-subparagrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***Għall-finijiet tal-paragrafu 5, fejn CIU ("is-CIU oriġinali") jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha ma jkunux limitati għal investiment fi strumenti li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4:***

***- meta l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-approċċ ta' trasparenza, jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont daqs il-valur tal-istrumenti miżmuma mis-CIU, li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4;***

***- meta l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw l-approċċ ibbażat fuq il-mandat, jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont daqs il-valur tal-istrumenti miżmuma mis-CIU li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4 bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIU sottostanti tagħha jkunu investew fi strumenti mhux eliġibbli sal-massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.";***

***(98b) Fl-Artikolu 198, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"2. Meta s-CIU jew kwalunkwe CIU sottostanti mhumiex limitati li jinvestu fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 197(1) u (4) u l-elementi msemmija fil-l-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu,***

***– meta l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-approċċ ta' trasparenza, jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont daqs il-valur tal-istrumenti miżmuma mis-CIU, li huma eliġibbli skont l-Artikolu 197, il-paragrafi 1 u 4 u l-elementi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu;***

***– meta l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw l-approċċ ibbażat fuq il-mandat, jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral sal ammont daqs il-valur tal-istrumenti miżmuma minn dik is-CIU li huma eliġibbli skont l-Artikolu 197, il-paragrafi 1 u 4 u l-elementi msemmija fil-punt 9a) ta' dan l-Artikolu bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIU sottostanti tagħha jkunu investew fi strumenti mhux eliġibbli sal-massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.***

***Meta strumenti mhux eliġibbli jista' jkollhom valur negattiv minħabba obbligazzjonijiet jew obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-sjieda, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:***

***(a) jikkalkolaw il-valur totali tal-istrumenti mhux eliġibbli;***

***(b) meta l-ammont miksub skont il-punt (a) ikun negattiv, inaqqsu l-valur assolut ta' dak l-ammont mill-valur totali tal-istrumenti eliġibbli.";***

(99) L-Artikolu 199 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(7), bħala kollateral eliġibbli l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw proprjetà residenzjali li hija li jew se tkun okkupata jew mikrija mis-sid, jew mis-sid benefiċjarju fil-każ ta' kumpaniji ta' investiment personali, u proprjetà kummerċjali immobbli, inklużi uffiċċji u bini kummerċjali ieħor, fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jkunx jiddependi b'mod materjali fuq il-kwalità tal-kreditu tad-debitur;

(b) ir-riskju tal-mutwatarju ma jiddependix materjalment fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà jew tal-proġett sottostanti, iżda fuq il-kapaċità sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħrajn, u bħala konsegwenza l-ħlas lura tal-faċilità ma jkunx jiddependi materjalment fuq kwalunkwe fluss ta' flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala kollateral.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu sitwazzjonijiet li fihom fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tal-mutwatarju. ";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) telf li jirriżulta minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali sa 55 % tal-valur iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 229, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(7), fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,3 % tas-self pendenti kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali;";

(c) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) telf li jirriżulta minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali sa 55 % tal-valur iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 229, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(7), fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,3 % tas-self pendenti kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali;";

(d) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku kif iddefinita fl-Artikolu 429a(2) toħroġ self promozzjonali kif iddefinit fl-Artikolu 429a(3) għal istituzzjoni oħra, jew għal istituzzjoni finanzjarja li tkun awtorizzata twettaq attivitajiet kif imsemmijin fil-punt 2 jew 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE u li tissodisfa l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 119(5) ta' dan ir-Regolament, u meta dik l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja l-oħra tgħaddi direttament jew indirettament dak is-self promozzjonali lil debitur aħħari u ċċedi r-riċevibbli mis-self promozzjonali bħala kollateral lill-istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku, l-istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku tista' tuża r-riċevibbli ċeduti bħala kollateral eliġibbli, irrispettivament mill-maturità oriġinali tar-riċevibbli ċedut.";

(e) fil-paragrafu 6, fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-istituzzjoni turi li f'tal-anqas 90 % tal-likwidazzjonijiet kollha għal tip partikolari ta' kollateral, ir-rikavati realizzati mill-kollateral ma jkunux anqas minn 70 % tal-valur tal-kollateral. Meta jkun hemm volatilità materjali fil-prezzijiet tas-suq, l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-valwazzjoni tagħha tal-kollateral tkun konservattiva biżżejjed.";

(100) L-Artikolu 201 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

" (d) organizzazzjonijiet internazzjonali li għalihom huwa assenjat piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 118;";

(ii) jiddaħħal il-punt (fa) li ġej:

"(fa) entitajiet regolati tas-settur finanzjarju;";

(iii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) meta l-protezzjoni tal-kreditu ma tkunx ipprovduta għal skopertura ta' titolizzazzjoni, impriżi oħrajn, li jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI ***nominata***, inklużi impriżi prinċipali, sussidjarji jew entitajiet affiljati tad-debitur meta ***skopertura diretta*** għal dawk l-impriżi prinċipali, is-sussidjarji jew l-entitajiet affiljati ***jkollha*** piż tar-riskju aktar baxx ***mill-iskopertura għad-debitur***;";

(iv) jiddaħħal il-punt (ga) li ġej:

"(ga) meta l-protezzjoni tal-kreditu tiġi pprovduta għal skopertura ta' titolizzazzjoni, impriżi oħrajn, li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI ***nominata*** tal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu u li kellhom valutazzjoni tal-kreditu tal-iskala 1 jew 2 tal-kwalità tal-kreditu fiż-żmien meta ġiet ipprovduta l-protezzjoni tal-kreditu, inklużi l-impriżi prinċipali, is-sussidjarji u l-entitajiet affiljati tad-debitur meta ***skopertura dirett*** għal dawk l-impriżi prinċipali, is-sussidjarji jew l-entitajiet affiljati ***jkollha*** piż tar-riskju aktar baxx minn dak ***tal-iskopertura ta' titolizzazzjoni***;";

(v) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (fa), "entità tas-settur finanzjarju regolata" tfisser entità tas-settur finanzjarju li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 142(1), il-punt (4)(b)";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Minbarra l-fornituri ta' protezzjoni elenkati fil-paragrafu 1, l-entitajiet korporattivi li huma kklassifikati internament mill-istituzzjoni f'konformità mal-Kapitolu 3, it-Taqsima 6, għandhom ikunu fornituri ta' protezzjoni eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata meta l-istituzzjoni ***tuża l-approċċ IRB għall-iskoperturi*** għal dawk l-entitajiet korporattivi.";

(101) Jitħassar l-Artikolu 202;

(102) Fl-Artikolu 204, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Id-derivati ta' kreditu tat-tip "first-to-default" u d-derivati ta' kreditu tat-tip "nth-to-default" l-oħrajn kollha ma għandhomx ikunu forom eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata skont dan il-Kapitolu.

▌ ";

(103) L-Artikolu 208 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (b), jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

***Fil-każ ta' rivalutazzjoni li tmur lil hinn mill-valur fil-mument li fih jiġi permess is-self,*** il-valur tal-proprjetà ma għandux jaqbeż il-valur medju mkejjel għal dik il-proprjetà jew għal proprjetà komparabbli matul l-aħħar ***erbgħa*** snin fil-każ ta' proprjetà immobbli kummerċjali, u matul l-aħħar

***tmien*** snin fil-każ ta' proprjetà residenzjali. ***Il-valur tal-proprjetà jista' jaqbeż dan il-valur fil-każ ta' li jitwettqu modifiki*** fil-proprjetà li ***jżidu il-valur tagħha b''mod inekwivoku, bħal pereżempju titjib fil prestazzjoni*** enerġetika ***jew titjib fir-reżiljenza, il-protezzjoni jew l-adattament għar-riskji fiżiċi*** tal-bini jew tal-unità ta' abitazzjoni▌.";

(ii) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. F'konformità mal-paragrafu 3▌, l-istituzzjonijiet jistgħu jwettqu ***l-monitoraġġ*** tal-valur tal-proprjetà ***u l-identifikazzjoni tal-proprjetà immobbli li għandha bżonn rivalwazzjoni*** permezz ta' metodi ("mudelli") statistiċi avvanzati jew matematiċi oħrajn, żviluppati b'mod indipendenti mill-proċess tad-deċiżjoni dwar il-kreditu ***u*** soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet jistabbilixxu, fil-politiki u fil-proċeduri tagħhom, il-kriterji għall-użu ta' mudelli sabiex▌ jiġu mmonitorjati l-valuri tal-kollateral ***u biex jiġu identifikati l-proprjetajiet li għandhom jiġu rievalwati***. Dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom iqisu r-rekord ipprovat ta' tali mudelli, il-varjabbli speċifiċi għall-proprjetà kkunsidrati, l-użu ta' informazzjoni minima disponibbli u akkurata, u l-inċertezza tal-mudelli;

(b) l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-mudelli użati jkunu:

(i) speċifiċi għall-proprjetà u għall-post f'livell suffiċjenti ta' granularità;

(ii) validi u akkurati, u soġġetti għal ittestjar retrospettiv robust u regolari skont il-prezzijiet attwali osservati tat-tranżazzjonijiet;

(iii) ibbażati fuq kampjun kbir u rappreżentattiv biżżejjed, fuq il-bażi tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet osservati;

(iv) ibbażati fuq data aġġornata ta' kwalità għolja;

(c) l-istituzzjonijiet ikunu fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-adegwatezza u għall-prestazzjoni tal-mudelli, il-valutatur imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b) ikun responsabbli għall-valutazzjoni ***tal-proprjetà immobbli li għaliha tiġi identifikata l-ħtieġa ta' rivalutazzjoni*** li ssir bl-użu tal-mudelli u l-istituzzjonijiet jifhmu l-metodoloġija, id-data tal-input u s-suppożizzjonijiet tal-mudelli użati;

(d) l-istituzzjonijiet jiżguraw li d-dokumentazzjoni tal-mudelli tkun aġġornata;

(e) l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċessi, sistemi u kapaċitajiet adegwati tal-IT u jkollhom data suffiċjenti u akkurata għal kwalunkwe ***monitoraġġ tal-valur tal-kollateral tal-proprjetà immobbli u l-identifikazzjoni ta' proprjetajiet immobbli li jkollhom bżonn*** rivalutazzjoni bbażata fuq mudelli▌;

(f) l-istimi tal-mudelli jiġu vvalidati b'mod indipendenti u l-proċess ta' validazzjoni huwa ġeneralment konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 185, ***meta applikabbli*** u l-valwatur indipendenti msemmi fil-

paragrafu 3, il-punt(b) ikun responsabbli għall-valuri finali użati mill-istituzzjoni għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.";

*(ba) jiddaħħal il-paragrafu 3b li ġej:*

***"3b. Il-kriterji ta' valwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 229(1) għandhom jitqiesu għall-finijiet ta' monitoraġġ u rivalwazzjoni tal-valur tal-proprjetà kif stabbilit f'dan l-Artikolu.";***

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-proprjetà immobbli meħuda bħala protezzjoni tal-kreditu għandha tkun assigurata b'mod adegwat kontra r-riskju ta' dannu u l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri sabiex jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-assigurazzjoni.";

(104) ***L-Artikolu 210 huwa emendat kif*** ġej:

*(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:*

"Meta ftehimiet ta' titoli ġenerali, jew forom oħra ta' imposta flessibbli, jipprovdu lill-istituzzjoni mutwanti bi pretensjoni rreġistrata fuq l-assi ta' kumpanija u meta dik il-pretensjoni jkun fiha kemm assi li ma jkunux eliġibbli bħala kollateral skont l-Approċċ IRB kif ukoll assi li jkunu eliġibbli bħala kollateral skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi dawk l-assi tal-aħħar bħala protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata eliġibbli. F'dak il-każ, dak ir-rikonoxximent għandu jkun kondizzjonali fuq dawk l-assi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-eliġibbiltà tal-kollateral skont l-Approċċ IRB kif stabbilit f'dan il-Kapitolu.";

*(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:*

***"2. Għal kollateral fiżiku, l-obsolexxenza tal-kollateral għandha tinkludi wkoll kunsiderazzjonijiet ta' valwazzjoni relatati mal-ESG relatati mal-projbizzjonijiet jew il-limitazzjonijiet imposti mill-Istati Membri rilevanti u mal-objettivi u l-leġiżlazzjoni legali u regolatorji tal-Unjoni, kif ukoll, fejn rilevanti għal istituzzjonijiet attivi internazzjonalment, mal-objettivi u r-regolamenti ta' pajjiżi terzi.";***

(105) fl-Artikolu 213, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Soġġetta għall-Artikolu 214(1), il-protezzjoni tal-kreditu minn garanzija jew minn derivat tal-kreditu għandha tikkwalifika bħala protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-protezzjoni tal-kreditu tkun diretta;

(b) ikun hemm definizzjoni ċara u inkontrovertibbli ta' sa fejn tasal il-protezzjoni tal-kreditu;

(c) il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu ma jkun fih l-ebda klawżola, li t-twettiq tagħha ma jaqax taħt il-kontroll dirett tal-istituzzjoni mutwanti, li:

(i) tkun tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni jħassar jew jibdel il-protezzjoni tal-kreditu b'mod unilaterali;

(ii) tkun iżżid l-ispiża effettiva tal-protezzjoni tal-kreditu bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-iskopertura protetta;

(iii) tista' tipprevjeni lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat jħallas fil-ħin f'każ li d-debitur oriġinali jonqos milli jħallas xi pagament dovut, jew meta l-kuntratt tal-kiri jkun skada għall-finijiet ta' rikonoxximent tal-valur reżidwu ggarantit skont l-Artikoli 134(7) u 166(4);

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu titnaqqas mill-fornitur tal-protezzjoni;

(d) il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu jkun legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li jkunu rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu.

Għall-finijiet tal-punt (c), klawżola fil-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu li tipprovdi li diliġenza dovuta difettuża jew frodi mill-istituzzjoni mutwanti ***jew mid-debitur*** tħassar jew tnaqqas il-firxa tal-protezzjoni tal-kreditu offruta mill-garanti, ma għandhiex tiskwalifika dik il-protezzjoni tal-kreditu milli tkun eliġibbli.

▌

Għall-finijiet tal-punt (c), il-fornitur tal-protezzjoni jista' jagħmel pagament wieħed ta' somma f'daqqa tal-flejjes kollha dovuti skont il-pretensjoni, jew jista' jassumi l-obbligi ta' pagament futuri tad-debitur koperti mill-kuntratt ta' protezzjoni tal-kreditu.";

(106) L-Artikolu 215 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meta d-debitur ikun inadampjenti jew jonqos milli jħallas, l-istituzzjoni mutwanti jkollha d-dritt li tfittex bla dewmien lill-garanti għal kwalunkwe flus dovuti skont il-pretensjoni li fir-rigward tagħha tkun ipprovduta l-protezzjoni.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Il-pagament mill-garanti ma għandux ikun soġġett għat-tiftix tad-debitur qabel kollox min-naħa tal-istituzzjoni mutwanti.

Fil-każ ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata li tkopri self ipotekarju residenzjali, ir-rekwiżiti fl-Artikolu 213(1), il-punt (c)(iii), u fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għandhom ikunu jridu jiġu ssodisfati fi żmien 24 xahar biss.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' garanziji pprovduti fil-kuntest ta' skemi ta' garanzija reċiproka jew ipprovduti minn jew kontrogarantiti mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 213(1), il-punt (c)(iii), għandhom jiġu kkunsidrati bħala ssodisfati meta tintlaħaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) skont l-inadempjenza tad-debitur jew fil-każ li d-debitur oriġinali jonqos milli jagħmel xi pagament dovut, l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li tikseb fil-ħin pagament proviżorju mill-garanti li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pagament proviżorju jkun jirrappreżenta stima robusta tal-ammont tat-telf li l-istituzzjoni mutwanti x'aktarx iġġarrab, inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta' ħlas tal-imgħax u ta' tipi oħrajn ta' pagament li l-mutwatarju jkun obbligat li jagħmel;

(ii) il-pagament proviżorju jkun proporzjonali għall-kopertura tal-garanzija;

(b) l-istituzzjoni mutwanti tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-effetti tal-garanzija, li għandhom ikopru wkoll telf li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament tal-imgħax jew ta' tipi oħrajn ta' pagamenti li l-mutwatarju jkun obbligat li jagħmel, jiġġustifikaw tali trattament.";

(107) fl-Artikolu 216, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1, għal skopertura korporattiva koperta permezz ta' derivat ta' kreditu, l-avveniment ta' kreditu msemmi fil-punt (a)(iii) ta' dak il-paragrafu ma għandux għalfejn jiġi speċifikat fil-kuntratt tad-derivati dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun meħtieġ vot ta' 100 % sabiex tiġi emendata l-maturità, il-kapital, il-kupun, il-munita jew l-istatus ta' prijorità tal-iskopertura korporattiva sottostanti;

(b) id-domiċilju legali li fih tkun irregolata l-iskopertura korporattiva jkollu kodiċi ta' falliment stabbilit sew li jippermetti li kumpanija torganizza mill-ġdid u tirristruttura, u jipprevedi saldu ordnat tal-pretensjonijiet tal-kredituri.

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) u (b) ma jkunux issodisfati, il-protezzjoni tal-kreditu xorta waħda tista' tkun eliġibbli soġġetta għal tnaqqis fil-valur kif speċifikat fl-Artikolu 233(2).";

(108) l-Artikolu 217 huwa mħassar;

(109) L-Artikolu 219 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 219*

**Netting fuq il-karta tal-bilanċ**

Self lil u depożiti mal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fuq il-karta tal-bilanċ għandhom jiġu ttrattati minn dik l-istituzzjoni bħala kollateral fi flus għall-finijiet tal-kalkolu tal-effett tal-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu għal dawk is-self u d-depożiti tal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fuq il-karta tal-bilanċ.";

(110) L-Artikolu 220 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"***Użu tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità għall-ftehimiet ewlenin ta' netting***";*

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw il-"valur tal-iskopertura aġġustat għalkollox" (E*) għall-iskoperturi soġġetti għal ftehim prinċipali ta' netting eliġibbli li jkopri tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli jew tranżazzjonijiet oħrajn xprunati

mis-swieq kapitali għandhom jikkalkolaw l-aġġustamenti għall-volatilità li jeħtieġu japplikaw billi jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità stabbilit fl-Artikoli 223 sa 227 għall-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.";

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) japplika l-valur tal-aġġustament għall-volatilità, jew, fejn rilevanti, l-aġġustament għall-volatilità tal-valur assolut xieraq għal grupp partikolari ta' titoli jew għal tip partikolari ta' prodotti, għall-valur assolut tal-pożizzjoni netta pożittiva jew negattiva fit-titoli f'dak il-grupp ta' titoli, jew għall-prodotti minn dak it-tip ta' prodotti;";

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw E* skont il-formula li ġejja:

$$E^* = \max\left(0; \sum_i E_i - \sum_j C_j + 0{,}4 \cdot E_{\text{net}} + 0{,}6 \cdot \frac{E_{\text{gross}}}{\sqrt{N}} + \sum_k \left|E_k^{\text{fx}}\right| \cdot H_k^{\text{fx}}\right)$$

fejn:

$i$ = l-indiċi li jiddenota t-titoli, il-prodotti jew il-pożizzjonijiet ta' flus separati kollha skont il-ftehim, li jew jingħataw b'self, jinbiegħu bi ftehim ta' riakkwist, jew jiġu ddepożitati mill-istituzzjoni lill-kontroparti;

$j$ = l-indiċi li jiddenota t-titoli, il-prodotti jew il-pożizzjonijiet ta' flus separati kollha skont il-ftehim, li jew jittieħdu b'self, jinxtraw bi ftehim ta' bejgħ mill-ġdid, jew jinżammu mill-istituzzjoni;

$k$ = l-indiċi li jindika l-muniti separati kollha li fihom jiġi ddenominat kwalunkwe titolu, komodità jew pożizzjoni ta' flus skont il-ftehim;

$E_i$ = il-valur tal-iskopertura ta' komodità ta' titolu partikolari jew ta' pożizzjoni fi flus $i$, li jew tingħata b'self, tinbiegħ bi ftehim ta' riakkwist, jew tiġi ddepożitata mal-kontroparti skont il-ftehim li jkun japplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu, fejn l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-ammonti ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 jew mal-Kapitolu 3, kif applikabbli;

$C_j$ = il-valur ta' titolu, ta' komodità jew ta' pożizzjoni fi flus $j$ partikolari li jew tittieħed b'self, tinxtara bi ftehim ta' riakkwist, jew tinżamm mill-istituzzjoni skont il-ftehim;

$E_k^{\text{fx}}$ = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) f'munita partikolari $k$ għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim kif ikkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b);

$H_k^{\text{fx}}$ = l-aġġustament għall-volatilità tal-kambju għall-munita $k$;

$E_{net}$ = l-iskopertura netta tal-ftehim, ikkalkolata kif ġej:

$$E_{net} = \left|\sum_{l=1}^{N} \left|E_l^{\text{sec}}\right| \cdot H_l^{\text{sec}}\right|$$

fejn:

$l$ = l-indiċi li jindika l-gruppi distinti kollha tal-istess titoli u t-tipi distinti kollha tal-istess komoditajiet skont il-ftehim;

$E_l^{sec}$ = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) fi grupp partikolari ta' titoli $l$, jew f'tip partikolari ta' komoditajiet $l$, skont il-ftehim, ikkalkolata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a);

$H_l^{sec}$ = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għal grupp partikolari ta' titoli $l$, jew għal tip partikolari ta' komoditajiet $l$, iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (c). Is-sinjal ta' $H_l^{sec}$ għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) għandu jkollu sinjal pożittiv fejn il-grupp ta' titoli $l$ jingħata b'self, jinbiegħ bi ftehim ta' riakkwist, jew jiġi nnegozjat b'mod simili għal self ta' titoli jew għal ftehim ta' riakkwist;

(b) għandu jkollu sinjal negattiv fejn grupp ta' titoli $l$ jittieħed b'self, jinxtara bi ftehim għall-bejgħ mill-ġdid, jew jiġi nnegozjat b'mod simili għal ftehim ta' teħid b'self ta' titoli jew ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid;

$N$ = in-numru totali ta' gruppi distinti tal-istess titoli u ta' tipi distinti tal-istess komoditajiet skont il-ftehim; għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, dawk il-gruppi u t-tipi $E_l^{sec}$li għalihom $\left|E_l^{sec}\right|$ hija anqas minn $\frac{1}{10}\max_l\left(\left|E_l^{sec}\right|\right)$ ma għandux jingħadd;

$E_{gross}$ = l-iskopertura grossa tal-ftehim, ikkalkolata kif ġej:

$$E_{\text{gross}} = \sum_{l=1}^{N}\left|E_l^{\text{sec}}\right| \cdot \left|H_l^{\text{sec}}\right|.";$$

(111) L-Artikolu 221 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli jew għal tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għajr tranżazzjonijiet ta' derivati koperti minn ftehim prinċipali ta' netting eliġibbli li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 6, it-Taqsima 7, istituzzjoni tista' tikkalkola l-valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) tal-ftehim bl-użu tal-approċċ tal-mudelli interni, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.";

2. Istituzzjoni tista' tuża l-approċċ tal-mudelli interni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tuża dak l-approċċ biss għal skoperturi li għalihom l-ammonti ta' skopertura ooeżata għar-riskju huma kkalkolati skont l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3;

(b) l-istituzzjoni tingħata l-permess li tuża dak l-approċċ mill-awtoritajiet kompetenti tagħha";

3. Istituzzjoni li tuża approċċ tal-mudelli interni għandha tagħmel dan għall-kontropartijiet u għat-titoli kollha, bl-eċċezzjoni ta' portafolli immaterjali li

għalihom tista' tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità stabbilit fl-Artikolu 220";

(b) il-paragrafu 8 huwa mħassar.

***(111a) fl-Artikolu 222, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju meta jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju u l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju flimkien, għajr għall-finijiet tal-Artikoli 148(1) u 150(1). L-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw din l-eċċezzjoni b'mod selettiv bil-għan li jiksbu rekwiżiti mnaqqsa għall-fondi proprji jew bil-għan li jwettqu arbitraġġ regolatorju.";***

(112) l-Artikolu 223 huwa emendat kif ġej

(a) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għal entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għajr derivattivi ttrattati skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valuri tal-iskopertura tagħhom billi jużaw CCFs ta' 100 % minflok l-SA-CCFs jew l-IRB-CCFs previsti fil-paragrafi 8, 8a u 8b tal-Artikolu 166.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-aġġustamenti għall-volatilità billi jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità msemmi fl-Artikoli 224 sa 227.";

(113) Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 224, it-Tabelli 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Tabella 1*

| Tabella 1 Skala tal-kwalità tal-kreditu li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kredi | Maturità Residwa (m), espressa fi snin | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punt (b) | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punti (c) u (d) | Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197(1), il-punt (h) |
|---|---|---|---|---|

| tu tat-titolu ta' dejn | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxartijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamestijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxartijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamestijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxartijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamestijiem (%) |
| 1 | m ≤ 1 | 0,707 | 0,5 | 0,354 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 |
| | 1 < m ≤ 3 | 2,828 | 2 | 1,414 | 4,243 | 3 | 2,121 | 11,314 | 8 | 5,657 |
| | 3 < m ≤ 5 | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 | 11,314 | 8 | 5,657 |
| | 5 < m ≤ 10 | 5,657 | 4 | 2,828 | 8,485 | 6 | 4,243 | 22,627 | 16 | 11,314 |
| | m > 10 | 5,657 | 4 | 2,828 | 16,971 | 12 | 8,485 | 22,627 | 16 | 11,314 |
| 2-3 | m ≤ 1 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 |
| | 1 < m ≤ 3 | 4,243 | 3 | 2,121 | 5,657 | 4 | 2,828 | 16,971 | 12 | 8,485 |
| | 3 < m ≤ 5 | 4,243 | 3 | 2,121 | 8,485 | 6 | 4,243 | 16,971 | 12 | 8,485 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | $5 < m \leq 10$ | 8,485 | 6 | 4,243 | 16,971 | 12 | 8,485 | 33,941 | 24 | 16,971 |
| | $m > 10$ | 8,485 | 6 | 4,243 | 28,284 | 20 | 14,142 | 33,941 | 24 | 16,971 |
| 4 | kollha | 21,213 | 15 | 10,607 | M/A | M/A | M/A | M/A | M/A | M/A |

*Tabella 2*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu li magħha hija assoċjata l-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' titolu ta' dejn b'terminu qasir | Maturità Residwa (m), espressa fi snin | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 197(1) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 197(1) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 197(1) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxart ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxart ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxart ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%) |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | 0,707 | 0,5 | 0,354 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 |
| 2-3 | | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 |

*Tabella 3*

**Tipi oħra ta' kollateral jew ta' skopertura**

| | perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxart ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%) |
|---|---|---|---|
| Indiċi Ewlieni tal-Ekwitajiet, Indiċi Ewlieni tal-Bonds Konvertibbli | 28,284 | 20 | 14,142 |
| Ewkitajiet jew Bonds Konvertibbli oħrajn ikkwotati f'borża rikonoxxuta | 42,426 | 30 | 21,213 |
| Flus kontanti | 0 | 0 | 0 |
| Bullions tad-deheb | 28,284 | 20 | 14,142 |

*Tabella 4*

**Aġġustament għall-volatilità għal diskrepanza fil-muniti ($H_{fx}$)**

| perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' għaxart ijiem (%) | perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%) |
|---|---|---|
| 11,314 | 8 | 5,657 |

';

(114) l-Artikolu 225 huwa mħassar;

(115) L-Artikolu 226 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 226*

**Żieda fl-aġġustament għall-volatilità tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

L-aġġustamenti għall-volatilità stabbiliti fl-Artikolu 224 huma l-aġġustamenti għall-volatilità li l-istituzzjoni għandha tapplika fejn ikun hemm rivalutazzjoni ta' kuljum. Meta r-rivalutazzjoni ma ssirx kuljum, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustamenti għall-volatilità akbar. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolawhom billi jżidu l-aġġustamenti għall-volatilità tar-rivalutazzjoni ta' kuljum, billi jużaw il-formula tal-għerq kwadrat taż-żmien li ġejja:

$$H = H_M \cdot \sqrt{\frac{N_R + (T_M - 1)}{T_M}}$$

fejn:

H = l-aġġustament għall-volatilità li jrid jiġi applikat;

$H_M$ = l-aġġustament għall-volatilità fejn hemm rivalutazzjoni ta' kuljum;

$N_R$ = in-numru attwali ta' jiem ta' negozju bejn ir-rivalwazzjonijiet;

$T_M$ = il-perjodu ta' likwidazzjoni tat-tip ta' tranżazzjoni inkwistjoni.";

(116) fl-Artikolu 227, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità msemmi fl-Artikolu 224 jistgħu, għal tranżazzjonijiet ta' riakkwist u għal tranżazzjonijiet ta' għoti jew ta' teħid b'self ta' titoli, japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % minflok l-aġġustamenti għall-volatilità kkalkolati skont l-Artikoli 224 sa 226, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (h). L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ tal-mudelli interni stabbilit fl-Artikolu 221 ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dan l-Artikolu.";

(117) L-Artikolu 228 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju għall-iskoperturi fl-Approċċ Standardizzat"**;

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(118) L-Artikolu 229 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Prinċipji ta' valutazzjoni għal kollateral eliġibbli għajr kollateral finanzjarju"**;

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-valutazzjoni tal-proprjetà immobbli għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-valur għandu jiġi stmat b'mod indipendenti mill-akkwiżizzjoni ipotekarju, mill-ipproċessar tas-self u mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni dwar is-self ta' istituzzjoni minn valwatur indipendenti li jkollu l-kwalifiki, il-kapaċità u l-esperjenza meħtieġa biex iwettaq valutazzjoni;

(b) il-valur jiġi vvalutat bl-użu ta' kriterji ta' valwazzjoni prudenti konservattivi li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) il-valur jeskludi l-aspettattivi fuq iż-żidiet fil-prezzijiet;

(ii) il-valur jiġi aġġustat biex iqis il-potenzjal li l-prezz kurrenti tas-suq ikun ogħla b'mod sinifikanti mill-valur li jkun sostenibbli matul il-ħajja tas-self;

(c) il-valur ma jkunx ogħla minn valur tas-suq għall-proprjetà immobbli fejn jista' jiġi ddeterminat it-tali valur tas-suq.

Il-valur tal-kollateral għandu jirrifletti r-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 208(3) u jqis kwalunkwe pretensjoni preċedenti fuq il-proprjetà immobbli.";

(119) L-Artikolu 230 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 230*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija għal skopertura b'FCP eliġibbli skont l-Approċċ IRB**

1. Skont l-Approċċ IRB, ħlief għal dawk l-iskoperturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 220, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-LGD effettiv (LGD*) bħala l-LGD għall-finijiet tal-Kapitolu 3 biex jirrikonoxxu l-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli skont dan il-Kapitolu. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-LGD* kif ġej:

$$LGD^* = LGD_U \cdot \frac{E_U}{E \cdot (1 + H_E)} + LGD_S \cdot \frac{E_S}{E \cdot (1 + H_E)}$$

fejn:

$E$ = il-valur tal-iskopertura qabel ma jitqies l-effett tal-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu. Għal skopertura ggarantita b'kollateral finanzjarju eliġibbli f'konformità ma' dan il-Kapitolu, dak l-ammont għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 223(3). Fil-każ ta' titoli mogħtija b'self jew iddepożitati, dak l-ammont għandu jkun ugwali għall-flus mogħtija b'self jew għat-titoli mogħtija b'self jew iddepożitati. Għal titoli li jingħataw b'self jew jiġu ddepożitati, il-valur tal-iskopertura għandu jiżdied billi jiġi applikat l-aġġustament għall-volatilità ($H_E$) f'konformità mal-Artikoli 223 sa 227;

$E_S$ = il-valur kurrenti tal-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu riċevuta wara l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità applikabbli għal dak it-tip ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu ($H_C$) u l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità għad-diskrepanzi fil-muniti ($H_{fx}$) bejn l-iskopertura u l-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu, f'konformità mal-paragrafi 2 u 2a. $E_S$ għandha tiġi limitata bil-valur li ġej: $E \cdot (1+H_E)$;

$E_U$ = $E \cdot (1+H_E) - E_S$;

$LGD_U$ = l-LGD applikabbli għal skopertura mhux iggarantita kif stabbilit fl-Artikolu 161(1);

$LGD_S$ = l-LGD applikabbli għall-iskoperturi ggarantiti mit-tip ta' FCP eliġibbli użat fit-tranżazzjoni, kif speċifikat fil-paragrafu 2, it-Tabella 2aaa.

2. It-Tabella 2aaa tispeċifika l-valuri tal-$LGD_S$ u tal-$H_c$ applikabbli fil-formula stabbilita fil-paragrafu 1.

*Tabella 2aaa*

| Tip ta' FCP | $LGD_S$ | Aġġustament għall-volatilità ($H_c$) |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| kollateral finanzjarju | 0 % | Aġġustament għall-volatilità $H_c$ kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227. |
| riċevibbli | 20 % | 40 % |
| proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali | 20 % | 40 % |
| Kollateral fiżiku ieħor | 25 % | 40 % |
| FCP ineliġibbli | Mhux applikabbli | 100 % |

2a. Meta protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli tkun iddenotata f'munita differenti minn dik tal-iskopertura, l-aġġustament għall-volatilità għad-diskrepanza fil-munita ($H_{fx}$) għandu jkun l-istess bħal dak li japplika skont l-Artikoli 224 sa 227.

3. Minflok it-trattament stipulat fil-paragrafi 1 u 2, u soġġetti għall-Artikolu 124(7), l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 50 % għall-parti tal-iskopertura li hija, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 125(1), il-punt (a) u fl-Artikolu 126(1), il-punt (a), rispettivament, kollateralizzata totalment minn proprjetà residenzjali jew minn proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 199, il-paragrafu 3 jew 4.

4. Sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skoperturi ppeżata għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi tal-IRB li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 220, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* f'konformità mal-Artikolu 220(4) u għandhom jużaw l-LGD għal skoperturi mhux iggarantiti, kif stabbilit fl-Artikolu 161(1), il-punti (a), (aa) u (b).";

(120) L-Artikolu 231 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 231*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni fil-każ ta' aggregazzjonijiet ta' protezzjonijiet iffinanzjati tal-kreditu eliġibbli għal skopertura skont l-Approċċ IRB**

L-istituzzjonijiet li jkunu kisbu diversi tipi ta' protezzjonijiet iffinanzjati ta' kreditu jistgħu, għal skoperturi ttrattati skont l-Approċċ IRB, japplikaw il-formula stabbilita fl-Artikolu 230, b'mod sekwenzjali għal kull tip individwali ta' kollateral. Għal dak l-għan, dawk l-istituzzjonijiet għandhom, wara kull pass tar-rikonoxximent ta' tip individwali wieħed ta' FCP, inaqqsu l-valur li jifdal tal-iskopertura mhux iggarantita ($E_U$) bil-valur aġġustat tal-kollateral ($E_S$) rikonoxxut f'dak il-pass. F'konformità mal-Artikolu 230(1), it-total ta' $E_S$ fit-tipi kollha ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu għandu jkun limitat għall-valur ta' $E \cdot (1+H_E)$, li jirriżulta fil-formula li ġejja:

$$LGD^* = LGD_U \cdot \frac{E_U}{E \cdot (1 + H_E)} + \sum_i LGD_{S,i} \cdot \frac{E_{S,i}}{E \cdot (1 + H_E)}$$

fejn:

$LGD_{S,i}$ = l-LGD applikabbli għall-FCP $i$, kif speċifikat fl-Artikolu 230(2);

$E_{S,i}$ = il-valur attwali tal-FCP $i$ riċevut wara l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità applikabbli għat-tip ta' FCP ($H_c$) skont l-Artikolu 230(2).";

(121) fl-Artikolu 232, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212(1), flus depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma minn, istituzzjoni terza f'arranġament mhux ta' kustodja u mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti, jistgħu jiġu ttrattati bħala garanzija pprovduta mill-istituzzjoni terza.";

(122) fl-Artikolu 233, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw l-aġġustamenti għall-volatilità għal kwalunkwe diskrepanza fil-munita fuq perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ġranet ta' xogħol, jekk jassumu rivalwazzjoni ta' kuljum, u għandhom jikkalkolaw dawk l-aġġustamenti abbażi tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità kif stabbilit fl-Artikolu 224. L-istituzzjonijiet għandhom iżidu l-aġġustamenti għall-volatilità f'konformità mal-Artikolu 226.";

(123) l-Artikolu 235 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa emendat kif ġej:

"**Il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura ggarantita tkun skont l-Approċċ Standardizzat**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-Artikolu 113(3), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal skoperturi bi protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li għalihom dawk l-istituzzjonijiet japplikaw l-Approċċ Standardizzat, irrispettivament mit-trattament ta' skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\max\{0, E - G_A\} \cdot r + G_A \cdot g$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 111. Għal dak l-għan, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ u li huwa mniżżel fl-Anness I għandu jkun ta' 100 % tal-valur tiegħu u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(1);

$G_A$ = l-ammont ta' protezzjoni tar-riskju tal-kreditu kif ikkalkolat fl-Artikolu 233(3) (G*) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5;

r = il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għad-debitur kif speċifikat fil-Kapitolu 2;

g = il-piż tar-riskju ***applikabbli għal skopertura diretta*** għall-fornituri tal-protezzjoni kif speċifikat fil-Kapitolu 2.

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet jistgħu jestendu t-trattament preferenzjali stabbilit fl-Artikolu 114, il-paragrafi 4 u 7, għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi ggarantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali daqslikieku dawk l-iskoperturi kienu skoperturi diretti għall-gvern ċentrali jew għall-bank ċentrali, dment li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 114, il-paragrafi 4 u 7, kif applikabbli, jiġu ssodisfati għal tali skoperturi diretti.";

(124) jiddaħħal l-Artikolu 235a li ġej:

*'Artikolu 235a*

**Kalkolu tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura ggarantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB u skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat**

1. Għal skoperturi bi protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li għalihom istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3 u fejn skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\max\{0, E - G_A\} \cdot r + G_A \cdot g$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 3, it-Taqsima 5. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura għal elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għajr derivati ttrattati skont l-Approċċ IRB bl-użu ta' CCFs ta' 100 % minflok l-SA-CCFs jew l-IRB-CCFs previsti fl-Artikolu 166, il-paragrafi 8, 8a u 8b;

$G_A$ l-ammont ta' protezzjoni tar-riskju tal-kreditu kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 233(3)

(G*) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fil-Kapitolu 3, it-Taqsima 5;

r = il-piż tar-riskju ▌ kif speċifikat fil-Kapitolu 3 ***bl-użu tal-PD tad-debitur u l-LGD tal-iskopertura għad-debitur mingħajr ma titqies il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata***;

g = il-piż tar-riskju ***applikabbli għal skopertura diretta*** għall-fornituri tal-protezzjoni kif speċifikat fil-Kapitolu 2.

2. Meta l-ammont protett ($G_A$) ikun anqas mill-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-formula speċifikata fil-paragrafu 1 biss meta l-partijiet protetti u mhux protetti tal-iskopertura jkollhom prijorità ugwali.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jestendu t-trattament preferenzjali stabbilit fl-Artikolu 114, il-paragrafi 4 u 7, għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi ggarantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali daqslikieku dawk l-iskoperturi kienu skoperturi

diretti għall-gvern ċentrali jew għall-bank ċentrali, dment li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 114, il-paragrafi 4 u 7, kif applikabbli, jiġu ssodisfati għal tali skoperturi diretti.

4. L-ammont ta' telf mistenni għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura għandu jkun żero.

5. Għal kwalunkwe porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjoni għandha tuża l-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali jew speċifiku għar-riskju ta' kreditu jew kwalunkwe aġġustament addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikolu 34 b'rabta man-negozju fil-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni jew tnaqqis ieħor ta' fondi proprji b'rabta mal-iskopertura, għall-porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura.";

(125) L-Artikolu 236 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura ggarantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB u skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Għal skopertura bi protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3, iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji tagħha ta' telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD), u meta skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon kopert tal-iskopertura bħala l-aktar baxx bejn il-valur tal-iskopertura E u l-valur aġġustat tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu $G_A$***, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 235a(1)***;"

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 1a sa 1d li ġejjin:

"1a. Istituzzjoni li tapplika għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, l-Approċċ IRB bl-użu tal-istimi proprji tal-PD għandha tikkalkola l-ammont ta' skopertura ppeżata għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura billi tuża l-PD tal-fornitur tal-protezzjoni u l-LGD Applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 161(1), f'konformità mal-paragrafu 1b. Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura huwa l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u▌ jista' jammonta għal kwalunkwe ***protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata li tiggarantixxi l-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata*** f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

1b. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-porzjon kopert tal-iskopertura sottostanti billi jużaw il-PD, l-

LGD speċifikat fil-paragrafu 1a, u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandhom jużaw il-maturità M relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 162.

1c. L-istituzzjonijiet li japplikaw għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni l-Approċċ IRB billi jużaw il-metodu previst fl-Artikolu 153(5), għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-porzjon kopert tal-iskopertura li jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikoli 153(5) u 158(6).

1d. Minkejja l-paragrafu 1c, l-istituzzjonijiet li japplikaw għal skoperturi ggarantiti l-Approċċ IRB billi jużaw il-metodu previst fl-Artikolu 153(5) għandhom jikkalkolaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-porzjon kopert tal-iskopertura billi jużaw il-PD, l-LGD applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 161(1), f'konformità mal-paragrafu 1b, u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandhom jużaw il-maturità M relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 162. Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura huwa l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u li jista' jammonta għal kwalunkwe kollateralizzazzjoni tal-iskopertura sottostanti f'konformità ma' dan il-Kapitolu.";

(d) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għal kwalunkwe porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali u speċifiku għar-riskju ta' kreditu, aġġustament tal-valur addizzjonali relatat man-negozju fil-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 34 u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat mal-iskopertura għajr it-tnaqqis magħmul f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), għall-porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura.";

(126) jiddaħħal l-Artikolu 236a li ġej:

*'Artikolu 236a*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura ggarantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB bl-użu tal-istimi proprji tat-telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD) u skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB**

1. Għal skopertura bi protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3, billi tuża l-istimi proprji tagħha ta' telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD), u meta skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3 ***mingħajr l-użu tal-istimi proprji tal-LGD,*** l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon kopert tal-iskopertura bħala l-aktar baxx bejn il-valur tal-iskopertura E u l-

valur aġġustat tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu $G_A$ ***ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 235a(1)***. L-ammont ta' skopertura ppeżata għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura għandhom jiġu kkalkolati bl-użu tal-PD, tal-LGD u tal-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandha tintuża l-maturità M relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 162.

2. L-istituzzjoni li tapplika l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3 iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji tagħha ta' telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD) għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, għandha tiddetermina l-LGD f'konformità mal-Artikolu 161. Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura huwa l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u li jista' jammonta għal kwalunkwe kollateralizzazzjoni tal-iskopertura sottostanti f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

3. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3 billi jużaw l-istimi proprji tal-LGD tagħhom għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, għandhom jikkalkolaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-porzjon kopert tal-iskopertura sottostanti billi jużaw l-PD, l-LGD u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal tali skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u għandhom jużaw il-maturità M relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkolata, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 162.

4. Istituzzjoni li tapplika għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni l-Approċċ IRB billi tuża l-metodu previst fl-Artikolu 153(5), għandha tapplika l-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-porzjon kopert tal-iskopertura li jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikoli 153(5) u 158(6).

5. Għal kwalunkwe porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali u speċifiku għar-riskju ta' kreditu, aġġustament tal-valur addizzjonali relatat man-negozju fil-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 34 u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat mal-iskopertura għajr it-tnaqqis magħmul f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), għall-porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura.";

(127) fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4, it-Taqsima 6, hija mħassra;

(128) fl-Artikolu 273(3), il-punt (b), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) f'konformità mal-Artikolu 183, fejn ikun ingħata permess f'konformità mal-Artikolu 143."

(129) l-Artikolu 273b huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 273b*
*Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' metodi simplifikati għall-*

*kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' derivati u l-approċċ simplifikat għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA";*

(b) fil-paragrafu 2, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:

"L-istituzzjonijiet għandhom jieqfu jikkalkolaw il-valuri tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' derivati tagħhom f'konformità mat-Taqsima 4 jew 5 u jieqfu jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385, kif applikabbli, fi żmien tliet xhur minn meta sseħħ sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet li jkunu waqfu jikkalkolaw il-valuri tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' derivati tagħhom f'konformità mat-Taqsima 4 jew 5 u waqfu jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385, kif ikun applikabbli, għandhom jitħallew jerġgħu jibdew jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' derivati tagħhom biss kif stabbilit fit-Taqsima 4 jew 5 u r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385 meta juru lill-awtorità kompetenti li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 tal-Artikolu 273a jkunu ġew issodisfati għal perjodu mhux interrott ta' sena.";

(130) L-Artikolu 274 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta japplikaw ftehimiet dwar il-marġni multipli għall-istess sett ta' netting, jew l-istess sett ta' netting jinkludi kemm tranżazzjonijiet soġġetti għal ftehim dwar il-marġni kif ukoll tranżazzjonijiet mhux soġġetti għal ftehim dwar il-marġni, istituzzjoni għandha tikkalkola l-valur tal-iskopertura tagħha kif ġej:

(a) l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi s-settijiet ta' subnetting ipotetiku kkonċernati, magħmula minn tranżazzjonijiet inklużi fis-sett ta' netting, kif ġej:

(i) it-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għal ftehim dwar il-marġni u għall-istess perjodu ta' riskju ta' marġni kif iddeterminat f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 285 għandhom jiġu allokati għall-istess sett ta' subnetting;

(ii) it-tranżazzjonijiet kollha mhux soġġetti għal ftehim dwar il-marġni għandhom jiġu allokati għall-istess sett ta' subnetting, distint mis-settijiet ta' subnetting stabbiliti f'konformità mal-punt (i).

(b) l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-ispiża tas-sostituzzjoni tas-sett ta' netting imsemmi fis-sentenza introduttorja ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 275(2) billi tqis it-tranżazzjonijiet kollha fis-sett ta' netting, soġġetti għal ftehim dwar il-marġni jew le, u tapplika dan kollu li ġej:

(i) CMV għandu jiġi kkalkolat għat-tranżazzjonijiet kollha f'sett tan-netting gross minn kwalunkwe kollateral miżmum jew ippreżentat meta l-valuri tas-suq pożittivi u negattivi jiġu kkalkolati b'mod nett sabiex jinħadem is-CMV;

(ii) NICA, VM, TH, u MTA, fejn applikabbli, għandha tiġi kkalkolata separatament bħala s-somma tal-inputs kollha applikabbli għal kull ftehim dwar il-marġni individwali tas-sett ta' netting.

(c) l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-iskopertura futura potenzjali tas-sett ta' netting imsemmi fl-Artikolu 278 billi tapplika dan kollu li ġej:

(i) il-multiplikatur imsemmi fl-Artikolu 278(1) għandu jkun ibbażat fuq l-inputs CMV, NICA u VM, kif applikabbli, f'konformità mal-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

(ii) $\sum_a AddOn^{(a)}$ għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 278, separatament għal kull sett ipotetiku ta' subnetting imsemmi fil-punt (a)";

(b) fil-paragrafu 6, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu għażla diġitali vanilla li l-eżerċitar tagħha jkun daqs K bil-kombinazzjoni tal-collar rilevanti ta' żewġ drittijiet ta' xiri u put vanilla mibjugħin u mixtrijin li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iż-żewġ drittijiet tal-kombinazzjoni tal-collar għandu jkollhom:

(i) l-istess data ta' skadenza u l-istess prezz spot jew forward tal-istrument sottostanti bħad-dritt diġitali vanilla;

(ii) eżerċitar ugwali għal 0,95 K u 1,05 K rispettivament;

(b) il-kombinazzjoni tal-collar tirreplika eżattament il-gwadann tad-dritt diġitali vanilla li jirriżulta barra mill-medda bejn l-ewwel u t-tieni eżerċitar imsemmijin fil-punt (a);

Il-pożizzjoni tar-riskju taż-żewġ drittijiet tal-kombinazzjoni tal-collar għandha tiġi kkalkolata separatament f'konformità mal-Artikolu 279.";

***(130a) fl-Artikolu 291(5), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(f) sa fejn din tuża kalkoli tar-riskju tas-suq eżistenti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji għall-inadempjenza kif stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, it-Taqsima 4 jew 5 jew għal riskju inadempjenti bl-użu ta' mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza kif stabbilit fit-Titolu IV, Kapitolu 1b, Taqsima 3 li diġà fihom suppożizzjoni tal-LGD, l-LGD fil-formula użata għandha tkun ta' 100 %.";***

(131) fil-Parti Tlieta, it-Titolu III huwa sostitwit b'dan li ġej:

# "TITOLU III
# REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU OPERATTIV

*Artikolu 311a*
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "avveniment ta' riskju operattiv" tfisser kwalunkwe avveniment marbut ma' riskju operattiv li jiġġenera telf jew telf multiplu, fi żmien sena finanzjarja waħda jew aktar;

(b) "telf gross aggregat" tfisser is-somma tat-telf gross kollu marbut mal-istess avveniment ta' riskju operattiv fuq sena finanzjarja waħda jew aktar;

(c) "telf nett aggregat" tfisser is-somma tat-telf nett kollu marbut mal-istess avveniment ta' riskju operattiv fuq sena finanzjarja waħda jew aktar.

## KAPITOLU 1
## Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operattiv

*Artikolu 312*

**Rekwiżit ta' fondi proprji**

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv għandu jkun il-komponent tal-indikatur tan-negozju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 313.

*Artikolu 313*

**Komponent tal-indikatur tan-negozju**

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-komponent tal-indikatur tan-negozju tagħhom f'konformità mal-formula li ġejja:

$$BIC = \begin{cases} 0.12 \cdot \mathrm{BI}, & \text{where BI} \leq 1 \\ 0.12 + 0.15 \cdot (\mathrm{BI} - 1), & \text{where } 1 < \mathrm{BI} \leq 30 \\ 4.47 + 0.18 \cdot (\mathrm{BI} - 30), & \text{where BI} > 30 \end{cases}$$

fejn:

BIC = il-komponent tal-indikatur tan-negozju;

BI = l-indikatur tan-negozju, espress f'biljuni ta' euro, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 314.

*Artikolu 314*

**Indikatur tan-negozju**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-indikatur tan-negozju tagħhom f'konformità mal-formula li ġejja:

$$BI = ILDC + SC + FC$$

fejn:

BI = l-indikatur tan-negozju, espress f'biljuni ta' euro;

ILDC = il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi, espress f'biljuni ta' euro u kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 2;

SC = il-komponent tas-servizzi, espress f'biljuni ta' euro u kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3;

FC = il-komponent finanzjarju, espress f'biljuni ta' euro u kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-imgħax, il-kiri u l-komponent tad-dividendi għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-formula li ġejja:

$$ILDC = \min(IC, 0.0225 * AC) + DC$$

fejn:

ILDC = il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi;

IC = IC = il-komponent tal-imgħax, ***iddeterminat fil-livell ta' ġuriżdizzjoni għall-fini li jitqiesu l-ġuriżdizzjonijiet ta' marġni tal-imgħax nett għoli u baxx,*** li huwa l-introjtu mill-imgħax tal-istituzzjoni mill-assi finanzjarji kollha u minn introjtu ieħor mill-imgħax, inkluż introjtu finanzjarju minn ***kirjiet finanzjarji u introjtu minn kirjiet operattivi*** u profitti minn assi mikrija, nieqes l-ispejjeż tal-imgħax tal-istituzzjoni mill-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha u spejjeż oħrajn tal-imgħax, inklużi l-ispiża tal-imgħax minn kiri finanzjarju u operattiv, id-deprezzament u l-indeboliment ta', u t-telf minn, assi mikrija operattivi, ikkalkolati bħala l-medja annwali tal-valuri assoluti ***tad-differenzi*** matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti;

AC = il-komponent tal-assi***, iddeterminat fil-livell ta' ġurisdizzjoni għall-finijiet li jitqiesu l-ġurisdizzjonijiet b'marġni tal-imgħax nett għoli u baxx,*** li huwa s-somma tas-self pendenti gross totali tal-istituzzjoni, tal-avvanzi, tat-titoli li jġorru l-imgħax, inklużi bonds tal-gvern, u assi ta' kiri, ikkalkolata bħala l-medja annwali fuq it-tliet snin finanzjarji preċedenti fuq il-bażi tal-ammonti fi tmiem kull waħda mis-snin finanzjarji rispettivi;

DC = il-komponent tad-dividendi, li huwa l-introjtu mid-dividendi tal-istituzzjoni minn investimenti fi stokks u f'fondi mhux konsolidati fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni, inkluż l-introjtu mid-dividendi minn sussidjarji mhux konsolidati, minn kumpaniji assoċjati u minn impriżi konġunti, ikkalkolat bħala l-medja annwali fuq it-tliet snin finanzjarji preċedenti.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-komponent tas-servizzi għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$SC = \max(OI, OE) + \max(FI, FE)$$

fejn:

SC = il-komponent tas-servizzi;

OI = l-introjtu operatorju l-ieħor, li huwa l-medja annwali matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-introjtu tal-istituzzjoni minn operazzjonijiet bankarji ordinarji mhux inklużi f'elementi oħrajn tal-indikatur tan-negozju iżda ta' natura simili;

OE = l-ispejjeż l-oħrajn tal-operat, li huma l-medja annwali matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-ispejjeż u tat-telf tal-istituzzjoni minn operazzjonijiet bankarji ordinarji mhux inklużi f'elementi oħrajn tal-indikatur tan-negozju iżda ta' natura simili, u minn avvenimenti ta' riskju operattiv;

FI = il-komponent tal-introjtu mit-tariffi u mill-kummissjoni, li huwa l-medja annwali matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-introjtu tal-istituzzjoni riċevut mill-għoti ta' pariri u ta' servizzi, inkluż l-introjtu riċevut mill-istituzzjoni bħala esternalizzatur tas-servizzi finanzjarji;

FE = il-komponent tal-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjoni, li huwa l-medja annwali matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-ispejjeż tal-istituzzjoni mħallsa biex tirċievi pariri u servizzi, inklużi t-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin mill-istituzzjoni għall-provvista ta' servizzi finanzjarji, iżda esklużi t-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin għall-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji.

***3a. Soġġett għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, u sal-punt li l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jkollha sistemi xierqa u stipulati b'mod uniformi għall-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tar-riskji operattivi, l-istituzzjonijiet li huma membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) jistgħu jikkalkulaw l-SC nett minn kwalunkwe introjtu riċevut minn jew spejjeż imħallsa lill-istituzzjonijiet, li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali.***

***Kwalunkwe konsegwenza finanzjarja li tirriżulta mir-riskji operattivi relatati hija soġġetta għall-mutwalizzazzjoni fost il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.***

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-komponent finanzjarju għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$FC = TC + BC$$

fejn:

FC = il-komponent finanzjarju;

TC = il-komponent tal-portafoll tan-negozjar, li huwa l-medja annwali tal-valuri assoluti matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-profitt jew telf nett, kif applikabbli, fuq il-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni, inkluż fuq l-assi tan-negozjar u fuq l-obbligazzjonijiet tan-negozjar, mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, u mid-differenzi tal-kambju;

BC = il-komponent tal-portafoll bankarju, li huwa l-medja annwali tal-valuri assoluti matul it-tliet snin finanzjarji preċedenti tal-profitt jew telf nett, kif applikabbli, fuq il-portafoll bankarju tal-istituzzjoni, inkluż fuq l-assi u fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt u telf, mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, minn differenzi tal-kambju, u l-qligħ u t-telf realizzat fuq l-assi u fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt u telf.

5. L-istituzzjonijiet ma għandhom jużaw l-ebda wieħed mill-elementi li ġejjin fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom:

(a) introjtu u spejjeż minn negozji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) primjums imħallsin u pagamenti riċevuti minn poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija;

(c) l-ispejjeż amministrattivi, inklużi l-ispejjeż tal-persunal, it-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin għall-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji, u spejjeż amministrattivi oħrajn;

(d) l-irkupru tal-ispejjeż amministrattivi inkluż l-irkupru tal-pagamenti f'isem il-klijenti;

(e) l-ispejjeż tal-bini u tal-assi fissi, ħlief meta dawk l-ispejjeż jirriżultaw minn avvenimenti ta' ***riskju*** operattiv;

(f) id-deprezzament tal-assi tanġibbli u tal-amortizzament tal-assi intanġibbli, ħlief id-deprezzament relatat mal-assi tal-kiri operattiv, li għandu jiġi inkluż fl-ispejjeż tal-kiri finanzjarju u operattiv;

(g) provvedimenti u treġġigħ lura ta' provvedimenti, ħlief meta dawk id-dispożizzjonijiet ikunu relatati ma' avvenimenti ta' ***riskju*** operattiv;

(h) spejjeż dovuti għal kapital azzjonarju ripagabbli fuq talba;

(i) indeboliment u treġġigħ lura tal-indeboliment;

(j) bidliet fl-avvjament negattiv rikonoxxut fil-profitt jew telf;

(k) taxxa korporattiva.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dawn li ġejjin:

(a) il-komponenti tal-indikatur tan-negozju billi tiġi żviluppata lista ta' subelementi tipiċi, filwaqt li jitqiesu l-istandards regolatorji internazzjonali; ***għall-kalkolu tal-Komponent Finanzjarju, dik il-lista ma għandhiex tintuża biex jiġu sseparati l-komponenti TC u BC u ma għandhiex iżżomm lill-istituzzjoni milli tindirizza subentrati tal-komponenti TC jew BC skont il-limitu prudenzjali tagħhom definit fil-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3;***

(b) l-elementi elenkati fil-paragrafu 5.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-elementi tal-indikatur tan-negozju billi tidentifika dawk l-elementi maċ-ċelloli ta' rapportar ikkonċernati stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451[*5].

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ***implimentattivi*** lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 315*
**Aġġustamenti għall-indikatur tan-negozju**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu elementi tal-indikatur tan-negozju ta' entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiżiti fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom miż-

żmien tal-fużjoni jew tal-akkwiżizzjoni, kif ikun applikabbli, u għandhom ikopru t-tliet snin finanzjarji preċedenti.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jitolbu permess mill-awtorità kompetenti sabiex jeskludu l-elementi tal-indikatur tan-negozju relatati ma' entitajiet jew ma' attivitajiet disposti mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dawn li ġejjin:

(a) kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għall-indikatur tan-negozju msemmi fil-paragrafi 1 u 2;

(b) il-kundizzjonijiet li skont dawn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) it-twaqqit tal-aġġustamenti msemmijin fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## KAPITOLU 2
## *Ġbir u governanza tad-data*

*Artikolu 316*

**Kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv**

1. L-istituzzjonijiet b'indikatur tan-negozju ugwali għal jew ogħla minn EUR 750 miljun għandhom jikkalkolaw it-telf annwali mir-riskju operattiv bħala s-somma tat-telf nett kollu fuq sena finanzjarja partikolari, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 318(1), li huwa daqs jew jaqbeż il-limiti tad-data dwar it-telf stabbiliti fl-Artikolu 319, il-paragrafu 1 jew 2, rispettivament.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni mir-rekwiżit li jiġi kkalkolat telf annwali mir-riskju operattiv lill-istituzzjonijiet b'indikatur tan-negozju li ma jaqbiżx il-EUR 1 biljun, dment li l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ta' piż bla bżonn għall-istituzzjoni li tapplika l-ewwel subparagrafu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-indikatur tan-negozju rilevanti għandu jkun l-ogħla valur tal-indikatur tan-negozju li l-istituzzjoni tkun irrapportat fl-aħħar tmien dati ta' referenza tar-rapportar. Istituzzjoni li tkun għadha ma rrapportatx l-indikatur tan-negozju tagħha għandha tuża l-aktar indikatur tan-negozju riċenti tagħha.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kundizzjoni ta' "piż bla bżonn" għall-finijiet tal-ewwel paragrafu.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 317*
**Sett ta' data dwar it-telf**

1. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw it-telf annwali mir-riskju operattiv f'konformità mal-Artikolu 316(1) għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi biex jinformaw u jżommu aġġornat fuq bażi kontinwa sett ta' data dwar it-telf li jiġbor għal kull avveniment ta' riskju operattiv irreġistrat l-ammonti ta' telf gross, l-irkupri mhux tal-assigurazzjoni, l-irkupri tal-assigurazzjoni, ***id-dati*** ta' referenza u t-telf raggruppat, inklużi dawk minn avvenimenti ta' kondotta ħażina.

2. Is-sett ta' data dwar it-telf tal-istituzzjoni għandu jkopri l-avvenimenti kollha ta' riskju operattiv li jirriżultaw mill-entitajiet kollha li huma parti mill-ambitu tal-konsolidazzjonijiet skont -Ewwel Parti, it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jinkludu fis-sett tad-data dwar it-telf kull avveniment ta' riskju operattiv rreġistrat matul sena finanzjarja waħda jew aktar;

(b) jużaw data mhux aktar tard mid-data tal-kontabilità għall-inklużjoni ta' telf relatat ma' avvenimenti ta' riskju operattiv fis-sett ta' data dwar it-telf;

(c) jallokaw it-telf u l-irkupri relatati ddepożitati fil-kontijiet fuq diversi snin għas-snin finanzjarji korrispondenti tas-sett ta' data dwar it-telf, f'konformità mat-trattament kontabilistiku tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru wkoll:

(a) informazzjoni dwar id-dati ta' referenza tal-avvenimenti ta' riskju operattiv, inklużi:

  (i) id-data meta seħħ jew beda l-avveniment ta' riskju operattiv ("data tal-okkorrenza"), fejn disponibbli;

  (ii) id-data li fiha l-istituzzjoni saret taf bl-avveniment ta' riskju operattiv ("data ta' skoperta");

  (iii) id-data jew id-dati li fihom avveniment ta' riskju operattiv jirriżulta f'telf, jew ir-riżerva jew il-provvediment kontra telf, rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni ("data tal-kontabilità");

(b) informazzjoni dwar kwalunkwe rkupru ta' ammonti ta' telf gross kif ukoll informazzjoni deskrittiva dwar il-fatturi jew il-kawżi tal-avvenimenti ta' telf.

Il-livell ta' dettall ta' kwalunkwe informazzjoni deskrittiva għandu jkun proporzjonat mad-daqs tal-ammont ta' telf gross.

5. Istituzzjoni ma għandhiex tinkludi fis-sett ta' data dwar it-telf avvenimenti ta' riskju operattiv relatati mar-riskju ta' kreditu li jitqiesu fl-ammont ta' skopertura ppeżata

skont ir-riskju għar-riskju ta' kreditu. L-avvenimenti tar-riskju operattiv li jirrigwardjaw ir-riskju ta' kreditu iżda li ma jiġux ikkunsidrati fl-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għar-riskju ta' kreditu għandhom jiġu inklużi fis-sett ta' data dwar it-telf.

6. L-avvenimenti ta' riskju operattiv relatati mar-riskju tas-suq għandhom jiġu ttrattati bħala riskju operattiv u jiġu inklużi fis-sett ta' data dwar it-telf.

7. Istituzzjoni għandha, fuq talba tal-awtorità kompetenti, tkun tista' tidentifika d-data storika interna tagħha dwar it-telf għat-tip ta' avveniment.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw is-solidità, ir-robustezza u l-prestazzjoni ***tas-sistemi u*** tal-infrastruttura tal-IT neċessarji biex jinżamm u jiġi aġġornat is-sett ta' data dwar it-telf billi jikkonfermaw dan kollu li ġej:

(a) li s-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jkunu solidi u reżiljenti u li s-solidità u r-reżiljenza jkunu jistgħu jiġu mantnuti fuq bażi kontinwa;

(b) li ***s-sistemi u*** l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni implimentata għall-fini ta' dan l-Artikolu tkun soġġetta għall-proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni, ta' mmaniġġjar tat-tibdiliet u ta' mmaniġġjar tal-ħarġiet;

(c) meta l-istituzzjoni testernalizza partijiet mill-manutenzjoni ***tas-sistemi u*** tal-infrastruttura tal-IT implimentata għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, li s-solidità, ir-robustezza u l-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-IT ikunu żgurati billi jikkonfermaw tal-anqas dan li ġej:

(i) li s-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni għall-fini ta' dan l-Artikolu jkunu solidi u reżiljenti u li dawk il-karatteristiċi jkunu jistgħu jiġu mantnuti fuq bażi kontinwa;

(ii) li l-proċess għall-ippjanar, għall-ħolqien, għall-ittestjar u għall-varar ***tas-sistemi u*** tal-infrastruttura tal-IT għall-fini ta' dan l-Artikolu jkun solidu u xieraq b'referenza għall-immaniġġjar tal-proġett, għall-immaniġġjar tar-riskju, u għall-governanza, għall-inġinerija, għall-assigurazzjoni tal-kwalità u għall-ippjanar tat-testijiet, għall-immudellar u għall-iżvilupp tas-sistemi, għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-attivitajiet kollha, inklużi r-rieżamijiet tal-kodiċi u, fejn xieraq, fil-verifika tal-kodiċi, u fl-ittestjar, inkluż fl-aċċettazzjoni tal-utenti;

(iii) li ***s-sistemi*** u l-infrastruttura tal-IT tal-istituzzjoni għall-fini ta' dan l-Artikolu tkun soġġetta għall-proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni, ta' mmaniġġjar tat-tibdiliet u ta' mmaniġġjar tal-ħarġiet;

(iv) li l-proċess għall-ippjanar, għall-ħolqien, għall-ittestjar, u għall-varar ***tas-sistemi u*** tal-infrastruttura tal-IT u tal-pjanijiet ta' kontinġenza għall-finijiet ta' dan l-Artikolu jkun approvat mill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew mill-maniġment superjuri u li l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri jiġu informati perjodikament dwar il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-IT għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu *7* ta' dan l-Artikolu, l-ABE għandha l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu tassonomija tar-riskju fuq ir-riskju operattiv u metodoloġija biex tikklassifika, fuq il-bażi ta' dik it-

tassonomija tar-riskju fuq ir-riskju operattiv, l-avvenimenti ta' telf inklużi fis-sett ta' data dwar it-telf***, li għandhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali***.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. Għall-finijiet tal-paragrafu ***8***, l-ABE għandha tiżviluppa linji gwida li jispjegaw l-elementi tekniċi neċessarji sabiex tiżgura s-solidità, ir-robustezza u l-prestazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza biex jinżamm is-sett ta' data dwar it-telf, b'enfasi partikolari fuq is-sistemi u fuq l-infrastrutturi tal-IT.

Dawk il-linji gwida għandhom jinħarġu f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 318*
**Kalkolu tat-telf nett u tat-telf gross**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 316(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw għal kull avveniment ta' riskju operattiv telf nett kif ġej:

$$\text{Telf nett} = \text{telf gross} - \text{irkupru}$$

fejn:

telf gross = telf marbut ma' avveniment ta' riskju operattiv qabel l-irkupri ta' kwalunkwe tip;

irkupru = avveniment indipendenti wieħed jew aktar, relatat mal-avveniment tar-riskju operattiv oriġinali, separat fiż-żmien, li fih jiġu riċevuti fondi jew influssi ta' benefiċċji ekonomiċi minn terza persuna.

L-istituzzjonijiet għandhom iżommu fuq bażi kontinwa kalkolu aġġornat tat-telf nett għal kull avveniment speċifiku ta' riskju operattiv. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw il-kalkolu tat-telf nett fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet osservati jew stmati tat-telf gross u l-irkupru għal kull waħda mill-aħħar 10 snin finanzjarji. Meta t-telf, marbut mal-istess avveniment ta' riskju operattiv, jiġi osservat matul snin finanzjarji multipli f'dak il-perjodu ta' żmien ta' 10 snin, l-istituzzjoni għandha tikkalkola u żżomm aġġornat:

(a) it-telf nett, it-telf gross u l-irkupru għal kull waħda mis-snin finanzjarji tal-perjodu ta' żmien ta' 10 snin fejn dawk it-telf nett, it-telf gross u l-irkupru ġew irreġistrati;

(b) it-telf nett aggregat, it-telf gross aggregat u l-irkupru aggregat tas-snin finanzjarji rilevanti kollha tal-perjodu ta' żmien ta' 10 snin.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-komputazzjoni tat-telf gross:

(a) imposti diretti, inklużi indebolimenti, saldi, ammonti mħallsa biex jagħmlu tajjeb għad-danni, penali, imgħax f'arretrati u tariffi legali għar-rapporti tal-

introjtu tal-istituzzjoni u tniżżil fil-valur minħabba l-avveniment ta' riskju operattiv, inkluż:

(i) meta l-avveniment ta' riskju operattiv jkun relatat mar-riskju tas-suq, l-ispejjeż għat-treġġigħ lura ta' stralċ tal-pożizzjonijiet tas-suq fl-ammont ta' telf ***irreġistrat*** tal-elementi tar-riskju operattiv;

(ii) meta l-pagamenti jkunu relatati ma' nuqqasijiet jew ma' proċessi inadegwati tal-istituzzjoni, penali, imposti tal-imgħax, imposti fuq ħlas tard, u tariffi legali, u, bl-esklużjoni tal-ammont tat-taxxa oriġinarjament dovut, it-taxxa;

(b) l-ispejjeż imġarrba bħala konsegwenza tal-avveniment tar-riskju operattiv, inklużi l-ispejjeż esterni b'rabta diretta mal-avveniment ta' riskju operattiv u l-ispejjeż tat-tiswija jew tas-sostituzzjoni, imġarrba biex tiġi rrestawrata l-pożizzjoni li kienet prevalenti qabel ma seħħ l-avveniment ta' riskju operattiv;

(c) provvedimenti jew riżervi mniżżla fir-rapporti tal-introjtu kontra l-impatt potenzjali tat-telf operattiv, inklużi dawk minn avvenimenti ta' mġiba ħażina;

(d) telf li jirriżulta minn avvenimenti ta' riskju operattiv b'impatt finanzjarju definittiv li huma temporanjament iddepożitati f'kontijiet tranżitorji jew sospiżi u li jkunu għadhom ma humiex riflessi fir-rapporti tal-introjtu ("telf pendenti");

(e) impatti ekonomiċi negattivi ddepożitati f'sena finanzjarja u li huma dovuti għal avvenimenti ta' riskju operattiv li jħallu impatt fuq il-flussi ta' flus jew fuq ir-rapporti finanzjarji tas-snin finanzjarji preċedenti ("telf tat-twaqqit").

Għall-finijiet tal-punt (d), it-telf pendenti materjali għandu jiġi inkluż fis-sett ta' data dwar it-telf f'perjodu ta' żmien proporzjonat mad-daqs u mal-età tal-element pendenti.

Għall-finijiet tal-punt (e), l-istituzzjoni għandha tinkludi fis-sett ta' data dwar it-telf, it-telf tat-twaqqit materjali meta dak it-telf ikun dovut għal avvenimenti ta' riskju operattiv li jkopru aktar minn sena finanzjarja waħda u li jwasslu għal riskju legali. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-element tar-riskju operattiv ta' telf ta' sena finanzjarja li huwa dovut għall-korrezzjoni ta' żbalji tat-tidħil fil-kotba li jkunu seħħew f'sena finanzjarja preċedenti, anki meta dak it-telf ma jkunx jaffettwa lil terzi persuni direttament. Meta jkun hemm telf materjali ta' twaqqit u l-avveniment ta' riskju operattiv ikun jaffettwa lil terzi persuni direttament, inklużi lil klijenti, lil fornituri u lil impjegati tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tinkludi wkoll id-dikjarazzjoni mill-ġdid uffiċjali ta' rapporti finanzjarji maħruġa qabel.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-komputazzjoni tat-telf gross:

(a) l-ispejjeż ta' kuntratti tal-manutenzjoni ġenerali fuq proprjetà, fuq impjant jew fuq tagħmir;

(b) in-nefqiet interni jew esterni biex jissaħħaħ in-negozju wara telf mir-riskju operattiv, inklużi aġġornamenti, titjib, inizjattivi tal-valutazzjoni tar-riskju u tisħiħ;

(c) primjums tal-assigurazzjoni.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-irkupri għandhom jintużaw biex jitnaqqas it-telf gross biss meta l-istituzzjoni tkun irċiviet pagament. Ir-riċevibbli ma għandhomx jitqiesu bħala rkupri.

Fuq talba mill-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex titwettaq verifika tal-pagamenti riċevuti u meqjusin fil-kalkolu tat-telf nett ta' avveniment ta' riskju operattiv.

*Artikolu 319*
**Limiti ta' data dwar it-telf**

1. Sabiex jikkalkolaw telf annwali mir-riskju operattiv kif meħtieġ mill-Artikolu 316(1), l-istituzzjonijiet għandhom iqisu mis-sett ta' data dwar it-telf l-avvenimenti ta' riskju operattiv b'telf nett, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 318, li huma daqs jew ogħla minn EUR 20 000.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, u għall-finijiet tal-Artikolu 446, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw ukoll it-telf annwali mir-riskju operattiv imsemmi fl-Artikolu 316(1), filwaqt li jqisu l-avvenimenti ta' riskju operattiv tas-sett ta' data dwar it-telf b'telf nett, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 318, li jkunu daqs jew aktar minn EUR 100 000.

3. F'każ ta' avveniment ta' riskju operattiv li jwassal għal telf matul aktar minn sena finanzjarja waħda, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 318(1), it-telf nett li għandu jitqies għal-limiti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun it-telf nett aggregat.

*Artikolu 320*
**Exclusion of losses**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjoni teskludi mill-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv tal-istituzzjoni avvenimenti eċċezzjonali ta' riskju operattiv li ma jkunux għadhom rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li ***l-kawża tal-avveniment*** ta' riskju operattiv fl-oriġini ta' dak it-telf mir-riskju operattiv mhux se ***terġa' sseħħ***;

(b) it-telf mir-riskju operattiv jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

   (i) daqs jew ogħla minn ***10*** % tat-telf medju annwali mir-riskju operattiv tal-istituzzjoni, ikkalkolat fuq il-bażi tal-limitu msemmi fl-Artikolu 319(1), meta l-avveniment ta' telf mir-riskju operattiv jirreferi għal attivitajiet li għadhom parti mill-indikatur tan-negozju;

   (ii) ogħla minn 0 % tat-telf medju annwali mir-riskju operattiv tal-istituzzjoni, ikkalkolat fuq il-bażi tal-limitu msemmi fl-Artikolu 319(1), fejn l-avveniment ta' telf mir-riskju operattiv jirreferi għal attivitajiet divestiti mill-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2);

(c) it-telf mir-riskju operattiv kien fil-bażi ta' data dwar it-telf għal perjodu minimu ta' sena, sakemm it-telf mir-riskju operattiv ma jkunx relatat ma' attivitajiet divestiti mill-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2).

Għall-finijiet tal-punt (c), il-perjodu minimu ta' sena għandu jibda mid-data li fiha l-avveniment ta' riskju operattiv, inkluż fis-sett ta' data dwar it-telf, l-ewwel sar akbar mil-limitu ta' materjalità msemmi fl-Artikolu 319(1).

2. Istituzzjoni li titlob il-permess imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'ġustifikazzjonijiet iddokumentati għall-esklużjoni ta' telf eċċezzjonali, inklużi:

(a) deskrizzjoni tal-avveniment ta' riskju operattiv li jiġi ppreżentat għall-esklużjoni;

(b) prova li t-telf mill-avveniment ta' riskju operattiv jkun ogħla mil-limitu ta' materjalità għall-esklużjoni tat-telf imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), inkluża d-data li fiha dak l-avveniment ta' riskju operattiv jsir akbar mil-limitu ta' materjalità;

(c) id-data li fiha l-avveniment ta' riskju operattiv kkonċernat jiġi eskluż, meta jitqies il-perjodu minimu ta' holding stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (c);

(d) ir-raġuni għaliex l-avveniment ta' riskju operattiv ma għadux meqjus rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;

(e) id-dimostrazzjoni li ma hemm l-ebda skopertura legali simili jew residwa u li l-avveniment ta' riskju operattiv li għandu jiġi eskluż ma għandu l-ebda rilevanza għal attivitajiet jew għal prodotti oħra;

(f) rapporti tar-rieżami jew tal-validazzjoni indipendenti tal-istituzzjoni, li jikkonfermaw li l-avveniment ta' riskju operattiv ma għadux rilevanti u li ma hemm l-ebda skopertura legali simili jew residwa;

(g) prova li l-korpi kompetenti tal-istituzzjoni, permezz tal-proċessi ta' approvazzjoni tal-istituzzjoni, ikunu approvaw it-talba għall-esklużjoni tal-avveniment ta' riskju operattiv u d-data ta' tali approvazzjoni;

(h) l-impatt tal-esklużjoni tal-avveniment ta' riskju operattiv fuq it-telf annwali tar-riskju operattiv.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kundizzjonijiet li l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta skont il-paragrafu 1, inkluż kif it-telf medju annwali mir-riskju operattiv għandu jiġi kkalkolat u kif l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tingħabar skont il-paragrafu 2 jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja biex titwettaq il-valutazzjoni.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikoli 321*

**Inklużjoni ta' telf minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti**

1. It-telf li jirriżulta minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti għandu jiġi inkluż fis-sett ta' data dwar it-telf malli l-elementi tal-indikatur tan-negozju relatati ma'

dawk l-entitajiet jew l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 315(1). Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu t-telf osservat matul perjodu ta' 10 snin qabel l-akkwiżizzjoni jew il-fużjoni.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għas-sett ta' data dwar it-telf tagħhom wara l-inklużjoni tat-telf minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti kif imsemmi fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Article 322*

***Komprensività, akkuratezza u kwalità*** **tad-data dwar it-telf**

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ l-organizzazzjoni u l-proċessi sabiex 319 il-komprensività, l-akkuratezza u l-kwalità tad-data dwar it-telf ***u biex jirrieżaminawha*** b'mod indipendenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw ▌ il-kwalità tad-data dwar it-telf ta' istituzzjoni li tikkalkola t-telf annwali mir-riskju operattiv f'konformità mal-Artikolu 316(1).▌

*Artikolu 323*

**Qafas għall-ġestjoni tar-riskju operattiv**

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ:

(a) sistema ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni ddokumentata sew għar-riskju operattiv li tkun integrata mill-qrib fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju ta' kuljum, tifforma parti integrali mill-proċess ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-profil tar-riskju operattiv tal-istituzzjoni, u li għaliha ġew assenjati responsabbiltajiet ċari. Is-sistema ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni għar-riskju operattiv għandha tidentifika l-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskju operattiv u ssegwi d-data rilevanti dwar ir-riskju operattiv, inkluża d-data dwar it-telf materjali;

(b) funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji operattivi li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozju u operattivi tal-istituzzjoni;

(c) sistema ta' rapportar lill-maniġment superjuri li tipprovdi rapporti dwar ir-riskju operattiv lill-funzjonijiet rilevanti fl-istituzzjoni;

(d) sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar regolari tal-iskoperturi għar-riskju operattiv u tal-esperjenza tat-telf, u proċeduri għat-teħid ta' azzjonijiet korrettivi xierqa;

(e) rutini għall-iżgurar tal-konformità, u politiki għat-trattament tan-nuqqas ta' konformità;

(f) rieżamijiet regolari tal-proċessi u tas-sistemi ta' valutazzjoni tar-riskju operattiv u ta' ġestjoni tal-istituzzjoni, imwettqin minn awdituri interni jew esterni li jkollhom l-għarfien neċessarju biex iwettqu tali rieżamijiet;

(g) proċessi ta' validazzjoni interna li joperaw b'mod tajjeb u effettiv;

(h) flussi u proċessi tad-data trasparenti u aċċessibbli assoċjati mas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju operattiv.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-obbligi skont il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (h), filwaqt li tqis id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjonijiet.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

---

*5 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).";

(132) L-Artikolu 325 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Istituzzjoni għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq ta' kull pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar u kull pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet f'konformità mal-approċċi li ġejjin:

(a) l-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1a;

(b) l-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1b għal dawk il-pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat permess mill-awtoritajiet kompetenti biex tuża dak l-approċċ alternattiv kif stabbilit fl-Artikolu 325az(1);

(c) l-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325a(1).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjoni ma għandhiex tikkalkola rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għal pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju meta dawk il-pożizzjonijiet jitnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjoni. ***L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw l-użu tad-dispożizzjoni stipulata f'dan il-paragrafu, inkluż l-impatt tagħha, u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti tagħhom.***

2. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikkalkolati f'konformità mal-approċċ standardizzat simplifikat għandhom ikunu s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin, kif ikun applikabbli:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju fil-pożizzjonijiet imsemmijin fil-Kapitolu 2, immultiplikati bi:

(i) 1,3, għar-riskji ġenerali u speċifiċi tal-pożizzjonijiet fl-istrumenti ta' dejn, esklużi l-istrumenti ta' titolizzazzjoni kif imsemmijin fl-Artikolu 337;

(ii) 3,5, għar-riskji ġenerali u speċifiċi ta' pożizzjonijiet fi strumenti azzjonisti.

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju msemmi fil-Kapitolu 3, immultiplikati b'1,2;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-komoditajiet imsemmijin fil-Kapitolu 4, immultiplikati b'1,9;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istrumenti ta' titolizzazzjoni kif imsemmijin fl-Artikolu 337.

3. Istituzzjoni li tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet għandha tirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti l-kalkolu ta' kull xahar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għal kull post tan-negozjar li lilu jkunu ġew assenjati dawk il-pożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 104b.

4. Istituzzjoni tista' tuża kombinazzjoni ***tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi*** fil-paragrafu 1, il-punt (a), u l-approċċ tal-mudell intern alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), fuq bażi permanenti fi grupp. L-istituzzjoni ma għandha tuża l-ebda wieħed minn dawk l-approċċi flimkien mal-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c).

5. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (b), għall-istrumenti fil-portafoll tan-negozjar tagħha li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jew pożizzjonijiet inklużi fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiv (ACTP) stabbilit fil-paragrafi 6, 7 u 8.";

(b) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet f'konformità mal-approċċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 104b, il-paragrafi 5 u 6, fejn applikabbli.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(133) l-Artikolu 325a huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Kundizzjonijiet għall-użu tal-Approċċ Standardizzat Simplifikat**";

(b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Istituzzjoni tista' tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża l-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), dment li d-daqs tan-negozju li jidher fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni soġġett għar-riskju tas-suq ikun daqs jew anqas minn kull wieħed mil-limiti li ġejjin, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mwettqa fuq bażi ta' kull xahar bl-użu ta' data mill-aħħar jum tax-xahar:";

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet għandhom jiġu inklużi, ħlief dawk il-pożizzjonijiet li huma esklużi mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju f'konformità mal-Artikolu 104c jew li jitnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjoni";

(d) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-istituzzjonijiet għandhom jieqfu jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), fi żmien tliet xhur minn wieħed mill-każijiet li ġejjin:";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Istituzzjoni li ma tieqaf tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), għandha tkun permessa biss li tibda tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża dak l-approċċ meta turi lill-awtorità kompetenti li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati għal perjodu ta' sena sħiħa mingħajr interruzzjoni.";

***(ea) il-paragrafu 8 huwa mħassar;***

(134) fl-Artikolu 325b, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta awtorità kompetenti ma tkunx tat lil istituzzjoni l-permess imsemmi fil-paragrafu 2 għal tal-anqas istituzzjoni jew impriża waħda tal-grupp, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fuq bażi konsolidata f'konformità ma' dan it-Titolu:

(a) l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità ma' dan it-Titolu għall-pożizzjonijiet kollha fl-

istituzzjonijiet jew fl-impriżi tal-grupp li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 2, billi tuża t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità ma' dan it-Titolu individwalment għall-pożizzjonijiet kollha f'kull istituzzjoni jew impriża tal-grupp li għaliha l-istituzzjoni ma tkunx ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) l-istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali f'konformità ma' dan it-Titolu fuq bażi konsolidata billi żżid l-ammonti kkalkolati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punti (a) u (b), l-istituzzjonijiet u l-impriżi msemmijin fil-punti (a) u (b) għandhom jużaw l-istess munita ta' rapportar bħall-munita ta' rapportar użata sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità ma' dan it-Titolu fuq bażi konsolidata għall-grupp.";

(135) l-Artikolu 325c huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Ambitu, struttura u rekwiżiti kwalitattivi tal-approċċ standardizzat alternattiv**"

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ, u jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, sett dokumentat ta' politiki, ta' proċeduri u ta' kontrolli interni għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Kwalunkwe bidla f'dawn il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien xieraq.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u li tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri. Dik l-unità għall-kontroll tar-riskji għandha tkun responsabbli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-approċċ standardizzat alternattiv. Għandha tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kull xahar dwar l-output tal-approċċ standardizzat alternattiv, kif ukoll dwar l-adegwatezza tal-limiti tan-negozjar tal-istituzzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jirrieżaminaw b'mod indipendenti l-approċċ standardizzat alternattiv li jużaw għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jew bħala parti mill-proċess ta' awditjar intern regolari tagħhom, jew billi jagħtu mandat lil impriża terza sabiex twettaq dak ir-rieżami. ***L-eżitu ta' tali rieżami għandu jiġi rrappurtat lill-korpi ta' ġestjoni xierqa.***

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, impriża ta' terza persuna tfisser impriża li tipprovdi servizzi ta' awditjar jew ta' konsulenza lil istituzzjonijiet u li għandha persunal li għandu biżżejjed ħiliet fil-qasam tar-riskju tas-suq.

5. Ir-rieżami tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jkopri kemm l-attivitajiet tal-unitajiet tan-negozjar kummerċjali kif ukoll

tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji u għandu jivvaluta ***tal-inqas*** dawn ▌li ġejjin:

(a) il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli interni għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 1;

(b) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema u tal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-organizzazzjoni tal-unità għall-kontroll tar-riskji msemmija fil-paragrafu 2;

(c) l-akkuratezza tal-komputazzjonijiet tas-sensittività u tal-proċess użat sabiex jiġu dderivati dawn il-komputazzjonijiet mill-mudelli tal-ipprezzar tal-istituzzjoni li jservu bħala bażi għar-rapportar tal-profitt u telf lill-maniġment superjuri, kif imsemmi fl-Artikolu 325t;

(d) il-proċess ta' verifika li l-istituzzjoni tuża biex tevalwa l-konsistenza, il-puntwalità u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ standardizzat alternattiv, inkluża l-indipendenza ta' dawk is-sorsi tad-data.

Istituzzjoni għandha twettaq ir-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu ▌darba ***kull sentejn*** jew fuq bażi ***aktar*** frekwenti ***sa darba fis-sena meta l-awtorità*** kompetenti ***tqis li d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni jiġġustifikaw rieżami aktar frekwenti***.";

***5a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2, inkluża l-implimentazzjoni minn istituzzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 325a, jitwettaq b'integrità.***

***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza u l-intensità tal-verifika msemmija fis-subparagrafu preċedenti filwaqt li jqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni kkonċernata u jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità.***

***5b. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiġi speċifikata l-metodoloġija tal-valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-verifika msemmija fil-paragrafu 3.";***

(136) l-Artikolu 325j huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Istituzzjoni għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni f'CIU billi tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(a) istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(7), il-punt (a), għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni billi tixtarr il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIU, fuq bażi ta' kull xahar, daqslikieku dawk il-pożizzjonijiet kienu miżmumin direttament mill-istituzzjoni;

(b) istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(7), il-punt (b), għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni billi tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) għandha tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tas-CIU billi tqis il-pożizzjoni fis-CIU bħala pożizzjoni ta' ekwità

unika allokata lit-taqsima "Settur ieħor" fl-Artikolu 325ap(1), it-Tabella 8;

(ii) għandha tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tas-CIU f'konformità mal-limiti stabbiliti fil-mandat tas-CIU u fil-liġi rilevanti.

▌

Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt (ii), l-istituzzjoni tista' tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-pożizzjonijiet ta' derivati tas-CIU, bl-użu tal-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 132a(3).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

‘1a. Għall-finijiet tal-approċċi msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt ▌(b)(ii), l-istituzzjoni għandha:

(a) tapplika r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stabbiliti fit-Taqsima 5 u ż-żieda għar-riskju residwu stabbilita fit-Taqsima 4 għal pożizzjoni f'CIU, meta l-mandat ta' dik is-CIU jippermettilha tinvesti fi skoperturi li għandhom ikunu soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji; ***meta jintuża l-approċċ tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i), l-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-pożizzjoni fis-CIU bħala pożizzjoni ta' ekwità mhux klassifikata unika allokata lit-taqsima "Mhux klassifikata" fl-Artikolu 325y(1), it-Tabella 2;***

(b) għall-pożizzjonijiet kollha fl-istess CIU, tuża l-istess approċċ fost l-approċċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi awtonoma bħala portafoll separat.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), istituzzjoni għandha tiddetermina l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tiddetermina l-portafoll ipotetiku li jkun jattira l-ogħla rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 325c(2), il-punt (a), fuq il-bażi tal-mandat jew tal-liġi rilevanti tas-CIU, b'kont meħud tal-lieva finanzjarja sal-punt massimu, fejn applikabbli.

L-istituzzjoni għandha tuża l-istess portafoll ipotetiku bħal dak imsemmi fl-ewwel subparagrafu sabiex tikkalkola, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stabbiliti fit-Taqsima 5 u ż-żieda għar-riskju residwu stabbiliti fit-Taqsima 4 għal pożizzjoni f'CIU.

Il-metodoloġija żviluppata mill-istituzzjoni sabiex tiddetermina l-portafolli ipotetika tal-pożizzjonijiet kollha fis-CIUs li għalihom jintużaw il-kalkoli msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti tagħha.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. ▌Sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni ta' CIU f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a),

***l-istituzzjonijiet*** jistgħu jiddependu fuq terza persuna sabiex twettaq tali kalkolu, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-terza persuna tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja tas-CIU, dment li s-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dik l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja;

(ii) għal CIUs li ma jkunux koperti mill-punt (i), il-kumpanija maniġerjali tas-CIU, dment li l-kumpanija maniġerjali tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3), il-punt (a);

***(iia) bejjiegħ terz bil-kundizzjoni li d-data, l-informazzjoni jew il-metriki tar-riskju jiġu pprovduti jew ikkalkolati mill-partijiet terzi msemmija fil-punt (i) jew (ii) jew minn bejjiegħ terz ieħor bħal dan;***

(b) it-terza persuna tipprovdi lill-istituzzjoni d-data**,** l-informazzjoni ***jew il-metriki tar-riskju*** sabiex tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjoni tas-CIU f'konformità mal-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a);

(c) awditur estern tal-istituzzjoni jkun ikkonferma l-adegwatezza tad-data, ▌tal-informazzjoni ***jew il-metriki tar-riskju*** tat-terza persuna msemmija fil-punt (b) u l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għal din id-data**,** l-informazzjoni ***jew il-metriki tar-risku*** fuq talba.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar l-elementi tekniċi tal-metodoloġija sabiex jiġu ddeterminati l-portafolli ipotetika għall-finijiet tal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 4, inkluż il-mod li bih l-istituzzjonijiet għandhom iqisu fil-metodoloġija, fejn applikabbli, il-lieva finanzjarja sal-punt massimu.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(137) fl-Artikolu 325q, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fatturi tar-riskju vega tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal drittijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-kambju għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati tal-kambju bejn il-muniti akkoppjati. Dawk il-volatilitajiet implikati għandhom jiġu kklassifikati għal dawn il-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturitajiet tad-drittijiet korrispondenti soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 ta' sena, sena (1), 3 snin, 5 snin u 10 snin.

(138) fl-Artikolu 325s(1), il-formula għal $s_k$ hija sostitwita b'dan li ġej:

" $s_k = \frac{V_i(0{,}01 + vol_k, x, y) - V_i(vol_k, x, y)}{0{,}01} \cdot vol_k$ ";

(139) l-Artikolu 325t huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li istituzzjoni li ngħatat il-permess tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1b tuża l-funzjonijiet ta' pprezzar tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji tal-approċċ ibbażat fuq mudelli interni tagħhom fil-kalkolu ta' sensittivitajiet skont dan il-Kapitolu għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' kalkolu u ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 325(3).";

(b) fil-paragrafu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern jew għar-rapportar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;";

(c) fil-paragrafu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern jew għar-rapportar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;";

***(139a) l-Artikolu 325u huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:***

***"(ca) l-istrument għandu l-għan biss li jiħħeġġja r-riskji tas-suq tal-portafoll tan-negozjar li jiġġeneraw rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi, dment li l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istrument għandu jiġi ttrattat bħala pożizzjoni ta' ħheġġjar.";***

***(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"5a. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, punt (ca), l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kundizzjonijiet li l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta biex tiddetermina li strument huwa pożizzjoni ta' ħheġġjar.***

***L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.***

***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

(140) fl-Artikolu 325v, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għal derivati tal-kreditu u tal-ekwità mhux ta' titolizzazzjoni nnegozjati, l-ammonti tal-JTD skont il-kostitwenti individwali għandhom jiġu ddeterminati bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' trasparenza.";

(141) fl-Artikolu 325y, ***jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin***:

"6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tkun assenjata skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.

***6a. Il-pożizzjonijiet twal u qosra fid-dejn proprju tal-istituzzjoni għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.";***

(142) fl-Artikolu 325ab, il-paragrafu 2 huwa mħassar.

(143) fl-Artikolu 325ae, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-piżijiet tar-riskju tal-fatturi tar-riskju bbażati fuq il-muniti inklużi fis-subkategorija tal-munita l-aktar likwida kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(7), il-punt (b), u fuq il-munita domestika tal-istituzzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) għall-fatturi ta' riskju tar-rata mingħajr riskju, il-piżijiet tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 1, it-Tabella 3, diviżi bi $\sqrt{2}$;

(b) għall-fattur tar-riskju tal-inflazzjoni u għall-fatturi tar-riskju bażi bejn muniti differenti, il-piżijiet tar-riskju msemmijin fil-paragrafu 2 diviżi bi $\sqrt{2}$.";

(144) l-Artikolu 325ah huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-Tabella 4, is-settur tat-taqsima 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali, mutwanti promozzjonali u bonds koperti.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tkun assenjata skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.";

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw skopertura għar-riskju ta' bond kopert mhux ikklassifikat lit-taqsima 4 meta l-istituzzjoni li tkun ħarġet il-bond kopert ikollha l-iskala minn 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu.";

(145) Fl-Artikolu 325ai(1), id-definizzjoni tat-terminu ρkl (isem) hija sostitwita b'dan li ġej:

"$\rho_{kl}$ (isem) għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensitivitajiet k u l ikunu identiċi; għandha tkun ugwali għal 35 % meta ż-żewġ ismijiet tas-sensitivitajiet k u l ikunu fil-buckets 1 sa 18 fl-Artikolu 325ah(1), it-Tabella 4, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %";

(146) fl-Artikolu 325aj, id-definizzjoni ta' γbc (klassifikazzjoni) hija sostitwita b'dan li ġej:

"$\gamma_{bc}$ (klassifikazzjoni) għandha tkun ugwali għal:

(a) 1, meta t-taqsimiet b u c ikunu t-taqsimiet 1 sa 17 u ż-żewġ taqsimiet ikollhom l-istess kategorija ta' kwalità tal-kreditu (jew "skali tal-kwalità tal-kreditu 1 sa 3" jew "skali tal-kwalità tal-kreditu 4 sa 6"); inkella għandha tkun ugwali għal 50 %; għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, it-taqsima 1 għandha titqies li tappartjeni għall-istess kategorija ta' kwalità tal-kreditu bħat-taqsimiet li jinsabu fl-iskali 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu

(b) 1, fejn jew it-taqsima b jew c hija t-taqsima 18;

(c) 1, fejn it-taqsima b jew c hija t-taqsima 19 u t-taqsima l-oħra għandha l-iskala tal-kwalità tal-kreditu 1 sa 3; inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

(d) 1, fejn it-taqsima b jew c hija t-taqsima 20 u t-taqsima l-oħra għandha l-iskala tal-kwalità tal-kreditu 4 sa 6; inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;";

(147) l-Artikolu 325ak huwa emendat kif ġej:

▌(a) fit-Tabella 6, is-settur tat-taqsima 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali, mutwanti promozzjonali u bonds koperti";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tkun assenjata skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.

B'deroga mit-tieni paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw skopertura għar-riskju ta' bond kopert mhux ikklassifikat lit-taqsima 4 meta l-istituzzjoni li toħroġ il-bond kopert ikollha l-iskala tal-kwalità tal-kreditu 1 sa 3.";

(148) fl-Artikolu 325am(1), jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità tal-kreditu li tkun assenjata skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.";

(149) fl-Artikolu 325as, it-Tabella 9 hija emendata kif ġej:

(a) l-isem tat-taqsima 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Enerġija - elettriku";

(b) jiddaħħal il-kamp li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 3a | Enerġija – il-kummerċ tal-karbonju | 40 % |

";

(150) l-Artikolu 325ax huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. It-taqsimiet għall-fatturi tar-riskju vega għandhom ikunu simili għat-taqsimiet stabbiliti għall-fatturi delta tar-riskju f'konformità ma' dan il-Kapitolu, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 1.

2. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi tar-riskju vega għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-klassi tar-riskju tal-fatturi tar-riskju, kif ġej:

*Tabella 11*

| Klassi tar-riskju | Piżijiet tar-riskju |
|---|---|

| | |
|---|---|
| GIRR | 100% |
| Nontitolizzazzjonijiet CSR | 100% |
| Titolizzazzjonijiet CSR (ACTP) | 100% |
| Titolizzazzjonijiet CSR (mhux ACTP) | 100% |
| Ekwità (kapitalizzazzjoni kbira u indiċijiet) | |
| Ekwità (kapitalizzazzjoni żgħira u settur ieħor) | 100% |
| Komodità | 100% |
| Munita barranija | 100% |

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar.";

***(ba) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

'***6. Għall-fatturi ta' riskju ta' kurvatura tar-rata tal-imgħax ġenerali, tal-firxa tal-kreditu u tal-komoditajiet, il-ponderazzjoni tar-riskju ta' kurvatura għandha tkun iċ-ċaqliq parallel tal-punti kollha għal kull kurva abbażi tal-ogħla ponderazzjoni tar-riskju delta msemmija fis-Subtaqsima 1 għat-taqsima rilevanti.*** ";

(151) l-Artikolu 325az huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostiwit b'dan li ġej:

"1. L-approċċ tal-mudell intern alternattiv jista' jintuża minn istituzzjoni sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq dment li l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu.";

(c) il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) il-postijiet tan-negozjar ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv imsemmijin fl-Artikolu 325bf(3);

(d) il-postijiet tan-negozjar ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf ("attribuzzjoni P&L") imsemmijin fl-Artikolu 325bg;";

(ii) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) ma tkun ġiet assenjata l-ebda pożizzjoni fis-CIUs li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(7), il-punt (b), lill-postijiet tan-negozjar.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet li jkunu rċivew il-permess biex jużaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv għandhom jissodisfaw ukoll ir-rekwiżit ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 325(3).";

***(ca) fil-paragrafu 8, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(b) il-metodoloġija ta' valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.";***

(d) il-paragrafu 9, l-ewwel subparagrafu, huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li jiġi limitat il-kalkolu taż-żieda għal dak li jirriżulta minn qbiż tal-valur taħt l-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetika kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(6);";

(ii) jiddaħħal il-punt (c) li ġej:

"(c) li jiġi eskluż il-qbiż tal-valur muri mill-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetika jew attwali mill-kalkolu taż-żieda kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(6);";

(152) fl-Artikolu 325ba, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Istituzzjoni li tuża mudell intern alternattiv għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għar-riskju tas-suq għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar u għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskji tal-kambju jew tal-komoditajiet f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AIMA_{total} = \min\left(AIMA + PLA_{addon} + ASA_{non-aima}; ASA_{all\,portfolio}\right) + \max\left(AIMA - ASA_{aima}; 0\right)$$

fejn:

AIMA = is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmijin fil-paragrafi 1 u 2;

$PLA_{addon}$ = ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fl-Artikolu 325bg(2);

$ASA_{all\,portfolio}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkolati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (a), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar u għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskji tal-kambju jew tal-komoditajiet;

$ASA_{non-aima}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkolati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (a), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u tal-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskji tal-kambju jew tal-komoditajiet li għalihom l-istituzzjoni ***tuża*** l-istess approċċ ***standardizzat alternattiv*** sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

AS = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkolati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (a), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u tal-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskji tal-kambju jew tal-komoditajiet li għalihom l-istituzzjoni tkun użat l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

(153) fl-Artikolu 325bc, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji għall-użu tal-inputs tad-data fil-mudell tal-kalkolu tar-riskju msemmi f'dan l-Artikolu, inklużi kriterji dwar l-akkuratezza tad-data u kriterji dwar il-kalibrazzjoni tal-inputs tad-data fejn id-data tas-suq ma tkunx biżżejjed.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010."

(154) l-Artikolu 325be huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw data tas-suq ipprovduta minn bejjiegħa terzi.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjoni tikkunsidra mhux mudellabbli fattur tar-riskju li jkun ġie vvalutat bħala mudellabbli mill-istituzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, meta l-inputs tad-data użati biex jiġu ddeterminati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fattur tar-riskju ma jissodisfawx, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, ir-rekwiżiti msemmijin fl-Artikolu 325bc(6).";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. F'ċirkostanzi straordinarji, li jseħħu matul perjodi ta' tnaqqis sinifikanti f'ċerti attivitajiet ta' negozjar fis-swieq finanzjarji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet kollha li jużaw l-approċċ stabbilit f'dan il-Kapitolu jikkunsidraw bħala mudellabbli xi fatturi tar-riskju li ġew ivvalutati bħala mhux mudellabbli minn dawn l-istituzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fatturi tar-riskju soġġetti għat-trattament jikkorrispondu għall-attivitajiet ta' negozjar li jitnaqqsu b'mod sinifikanti fis-swieq finanzjarji;

(b) it-trattament jiġi applikat temporanjament, u mhux għal aktar minn sitt xhur fi żmien sena finanzjarja waħda;

(c) it-trattament imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jnaqqasx b'mod sinifikanti r-rekwiżiti totali ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-istituzzjonijiet li japplikawh;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw minnufih lill-ABE bi kwalunkwe deċiżjoni li tippermetti lill-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ stabbilit f'dan il-Kapitolu biex jikkunsidraw bħala mudellabbli xi fatturi tar-riskju li ġew ivvalutati bħala mhux mudellabbli, kif ukoll tal-attivitajiet tan-negozjar ikkonċernati, u jissostanzjaw dik id-deċiżjoni.";

(d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji sabiex tiġi vvalutata l-mudellabbiltà ta' fatturi tar-riskju f'konformità mal-paragrafu 1, inkluż meta tintuża d-data tas-suq ***ipprovduta minn bejjiegħa terzi***, u l-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 9 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(155) l-Artikolu 325bf huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, is-sentenza tal-bidu hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-fattur ta' multiplikazzjoni (mc) għandu jkun ugwali għal tal-anqas is-somma ta' 1,5 u żieda ddeterminata f'konformità mat-Tabella 3. Għall-portafoll imsemmi fil-paragrafu 5, iż-żieda għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tan-numru ta' qabżiet fil-valur li jkunu seħħew matul l-aktar 250 ġurnata ta' xogħol reċenti kif evidenzjat mill-ittestjar retrospettiv tal-istituzzjoni tan-numru tal-valur fir-riskju kkalkolat f'konformità mal-punt (a) ta' dan is-subparagrafu. Il-kalkolu taż-żieda għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:";

(ii) l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'ċirkostanzi straordinarji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjoni:

(a) tillimita l-kalkolu taż-żieda għal dak li jirriżulta minn qabżiet tal-valur taħt l-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetiċi meta n-numru ta' qabżiet tal-valur taħt l-ittestjar retrospettiv ta' bidliet attwali ma jirriżultax minn nuqqasijiet fil-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni;

(b) teskludi l-qabżiet tal-valur evidenzjat mill-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetika jew attwali mill-kalkolu taż-żieda meta dawk il-qabżiet tal-valur ma jirriżultawx minn nuqqasijiet fil-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu l-valur tal-mc 'il fuq mis-somma msemmija f'dak is-subparagrafu, meta mudell intern alternattiv ta' istituzzjoni juri nuqqasijiet fil-kalkolu kif xieraq tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 2 u 6 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li istituzzjoni ma tgħoddx qbiż tal-valur meta bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll tagħha li jaqbeż in-numru tal-valur fir-

riskju relatat ikkalkolat permezz tal-mudell intern ta' dik l-istituzzjoni tkun attribwibbli għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli."

(c) jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

"10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji li skont dawn istituzzjoni tista' titħalla ma tgħoddx qbiż tal-valur meta l-bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll tagħha li taqbeż in-numru tal-valur fir-riskju relatat ikkalkolat permezz tal-mudell intern ta' dik l-istituzzjoni tkun attribwibbli għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(156) l-Artikolu 325bg huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa ***2*** huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Post tan-negozjar ta' istituzzjoni jkun jissodisfa r-rekwiżiti ta' attribuzzjoni P&L meta l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-kalkolu tar-riskju tal-istituzzjoni, ikunu qrib jew qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetika fil-valur tal-portafoll ta' dak l-uffiċċju tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell ta' pprezzar tal-istituzzjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-kalkolu tar-riskju tal-istituzzjoni jkunu qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetika fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tikkalkola, għall-pożizzjonijiet kollha assenjati lil dak il-post tan-negozjar, rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmijin fl-Artikolu 325ba, il-paragrafi 1 u 2.

▌;

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-kriterji li jispeċifikaw jekk il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar ikunux qrib jew qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet tal-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi regolatorji internazzjonali;

(b) ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fil-paragrafu 2;";

(ii) il-punt (e) huwa mħassar;

(iii) l-aħħar żewġ subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(157) l-Artikolu 325bh huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) għal pożizzjonijiet f'CIUs, l-istituzzjonijiet għandhom iħarsu lejn il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIUs tal-anqas kull ġimgħa sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità ma' dan il-Kapitolu; ***jekk istituzzjoni teżamina b'mod inqas regolari minn kuljum, hija għandha tidentifika, tkejjel u timmonitorja kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-eżami tagħha ta' inqas minn kuljum u tevita kwalunkwe sottovalutazzjoni sinifikanti tar-riskju;*** l-istituzzjonijiet li ma għandhomx inputs tad-data jew informazzjoni adegwata sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni ta' CIU f'konformità mal-approċċ ta' trasparenza jistgħu jiddependu fuq terza persuna biex tikseb dawk l-inputs tad-data jew l-informazzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) it-terza persuna tkun waħda minn dawn li ġejjin:

– l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja tas-CIU, dment li s-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dik l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja;

– għal CIUs li ma jkunux koperti mill-ewwel inċiż ta' dan il-punt (i), il-kumpanija maniġerjali tas-CIU, dment li l-kumpanija maniġerjali tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3), il-punt (a)***;***

– ***bejjiegħ terz bil-kundizzjoni li d-data, l-informazzjoni jew il-metriki tar-riskju jiġu pprovduti jew ikkalkolati mill-partijiet terzi tas-subparagrafi (i) jew (ii) jew bejjiegħ terz ieħor bħal dan;***

(ii) it-terza persuna tipprovdi lill-istituzzjoni ▌ id-data***,*** l-informazzjoni ***jew metriki tar-riskju*** sabiex tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjoni tas-CIU f'konformità mal-approċċ imsemmi fl-ewwel subparagrafu;

(iii) awditur estern tal-istituzzjoni jkun ikkonferma l-adegwatezza tad-data***,*** tal-informazzjoni ***jew tal-metriki tar-riskju*** tat-terza persuna msemmija fil-punt (b) u l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għal din id-data***,*** l-informazzjoni ***jew il-metriki tar-riskju*** fuq talba.

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Istituzzjoni tista' tuża korrelazzjonijiet empiriċi f'kategoriji wiesgħa ta' fatturi tar-riskju u, għall-fini tal-kalkolu tal-kejl mhux ristrett tan-nuqqas mistenni tal-UESt kif imsemmi fl-Artikolu 325bb(1) f'kategoriji wiesgħa ta' fatturi tar-riskju biss fejn l-approċċ tal-istituzzjoni għall-kejl ta' dawk il-korrelazzjonijiet ikun tajjeb, konsistenti mal-perjodi ta' likwidità applikabbli jew, mas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni, mal-perjodu ta' żmien bażi ta' għaxart ijiem stabbilit fl-Artikolu 325bc(1) u implimentat b'integrità.";

(c) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

(158) fl-Artikolu 325bi(1), il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

"(b) istituzzjoni għandu jkollha unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u li tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri. Dik l-unità għandha:

(i) tkun responsabbli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe mudell intern għall-kalkolu tar-riskju użat fl-approċċ tal-mudell intern alternattiv għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu;

(ii) tkun responsabbli għas-sistema ġenerali ta' ġestjoni tar-riskju;

(iii) tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar l-output ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskji tas-suq, u dwar l-adegwatezza tal-miżuri li għandhom jittieħdu rigward il-limiti tan-negozjar.

Unità ta' validazzjoni separata mill-unità ta' kontroll tar-riskju għandha twettaq il-validazzjoni inizjali u kontinwa ta' kwalunkwe mudell intern ta' kalkolu tar-riskju użat fl-approċċ tal-mudell intern alternattiv għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.";

***(158a) fl-Artikolu 325bl(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"Il-pożizzjonijiet twal u qosra fid-dejn proprju tal-istituzzjoni għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.";***

(159) l-Artikolu 325bp huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

***(-i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(a) il-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandu jkollhom minimu ta' 0,01 % għall-emittenti ta' bonds koperti u ta' 0,03 % għall-emittenti l-oħra kollha; skoperturi li jirċievu piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu f'konformità ml-Kapitolu 2 tat-Titolu II ma għandux ikollhom minimu;***

(i) il-punti (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(d) istituzzjoni li tkun ingħatat permess biex tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1, għall-klassi tal-iskoperturi u għas-sistema ta' klassifikazzjoni korrispondenti għal emittent partikolari għandha tuża l-metodoloġija stabbilita hemm sabiex tikkalkola l-probabbiltajiet ta' inadempjenza ta' dak l-emittent, dment li d-data għal tali stima tkun disponibbli;

(e) istituzzjoni li ma tkunx ingħatat permess sabiex tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza msemmijin fil-punt (d) għandha tiżviluppa metodoloġija interna jew tuża sorsi esterni sabiex tistma dawn il-probabbiltajiet ta' inadempjenza b'mod konsistenti mar-rekwiżiti li japplikaw għall-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza skont dan l-Artikolu.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (d), id-data sabiex titwettaq l-istima tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza ta' emittent partikolari ta' pożizzjoni tal-

portafoll tan-negozjar tkun disponibbli meta, fid-data tal-kalkolu, l-istituzzjoni jkollha pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar fuq l-istess debitur li għaliha tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1, sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha stabbiliti f'dak il-Kapitolu.";

(b) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) istituzzjoni li tkun ingħatat permess sabiex tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1 għall-klassi tal-iskoperturi u għas-sistema ta' klassifikazzjoni korrispondenti għal skopertura partikolari għandha tuża l-metodoloġija stabbilita hemm sabiex tikkalkola l-istimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza ta' dak l-emittent, dment li d-data għal tali stima tkun disponibbli;

(d) istituzzjoni li ma tkunx ingħatat permess sabiex tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza msemmi fil-punt (c) għandha tiżviluppa metodoloġija interna jew tuża sorsi esterni sabiex tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza b'mod konsistenti mar-rekwiżiti li japplikaw għat-telf fil-każ ta' inadempjenza skont dan l-Artikolu.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (c), id-data sabiex titwettaq l-istima tat-telf fil-każ ta' inadempjenza ta' emittent partikolari ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar tkun disponibbli meta, fid-data tal-kalkolu, l-istituzzjoni jkollha pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar fuq l-istess skopertura li għaliha tistma t-telf fil-każ ta' inadempjenza f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1 sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha stabbiliti f'dak il-Kapitolu.";

(160) fl-Artikolu 337, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta jiddeterminaw il-piżijiet tar-riskju għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw esklussivament l-approċċ stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 3.";

(161) fl-Artikolu 338, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni għandha tiddetermina l-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni tagħha f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325, il-paragrafi 6, 7 u 8.

2. Istituzzjoni għandha tiddetermina l-akbar wieħed mill-ammonti li ġejjin bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni:

(a) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti twal tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni;

(b) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti qosra tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni.";

(162) fl-Artikolu 352, il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(163) ***L-Artikolu 361 huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-punt (c) huwa mħassar;***

***(b) it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw l-użu li jagħmlu minn dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.";***

(164) fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5 huwa mħassar;

(165) fl-Artikolu 381, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "riskju ta' CVA" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn bidliet fil-valur ta' CVA, ikkalkolat għall-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti kif stabbilit fl-ewwel paragrafu, minħabba movimenti fil-fatturi tar-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' kontroparti u f'fatturi tar-riskju oħrajn inkorporati fil-portafoll tat-tranżazzjonijiet.";

(166) l-Artikolu 382 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Istituzzjoni għandha tinkludi fil-kalkolu tal-fondi proprji meħtieġa mill-paragrafu 1 tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli b'valur ġust skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni meta l-iskoperturi tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn dawk it-tranżazzjonijiet ikunu materjali.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"4a. B'deroga mill-paragrafu 4, istituzzjoni tista' tagħżel li tikkalkola rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, billi tuża kwalunkwe wieħed mill-approċċi applikabbli msemmijin fl-Artikolu 382a, għal dawk it-tranżazzjonijiet li huma esklużi f'konformità mal-paragrafu 4, meta l-istituzzjoni tuża ħeġġijiet eliġibbli ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 386 sabiex jittaffa r-riskju ta' CVA ta' dawk it-tranżazzjonijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki li jispeċifikaw fejn jagħżlu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju ta' CVA għal tali tranżazzjonijiet.

4b. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom ir-riżultati tal-kalkoli tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għat-tranżazzjonijiet kollha msemmijin fil-paragrafu 4. Għall-finijiet ta' dak ir-rekwiżit ta' rapportar, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi jużaw l-approċċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 382a(1), li kienu jużaw sabiex jissodisfaw rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA li kieku dawk it-tranżazzjonijiet ma kinux esklużi mill-ambitu f'konformità mal-paragrafu 4."

(c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji li ***l-istituzzjonijiet*** għandhom jużaw biex jivvalutaw jekk l-iskoperturi għar-riskju ta' CVA li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli b'valur ġust humiex materjali, kif ukoll il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [OP daħħal id-data = sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Qed tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";

(167) jiddaħħal l-Artikolu 382a li ġej:

*"Artikolu 382a*

**Approċċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA**

1. Istituzzjoni għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għat-tranżazzjonijiet kollha msemmijin fl-Artikolu 382 f'konformità mal-approċċi li ġejjin:

(a) l-approċċ standardizzat stabbilit fl-Artikolu 383, meta l-istituzzjoni tkun ingħatat permess li tuża dak l-approċċ mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) l-approċċ bażiku stabbilit fl-Artikolu 384;

(c) l-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 385, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

2. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), flimkien mal-approċċi msemmijin fil-paragrafu 1, il-punti (a) jew (b).

3. Istituzzjoni tista' tuża taħlita tal-approċċi msemmijin fil-paragrafu (1), il-punti (a) u (b), sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA fuq bażi permanenti fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) għal kontropartijiet differenti;

(b) għal settijiet ta' netting eliġibbli differenti mal-istess kontroparti;

(c) għal tranżazzjonijiet differenti tal-istess sett ta' netting eliġibbli, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni għandha taqsam is-sett ta' netting f'żewġ settijiet ipotetiċi ta' netting, u talloka t-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għall-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għall-istess sett ipotetiku ta' netting u għat-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għall-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), għas-sett ipotetiku l-ieħor ta' netting sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA;

(ii) il-qasma msemmija fil-punt (a) għandha tkun konsistenti mal-mod li bih l-istituzzjoni tiddetermina n-netting legali tas-CVA ikkalkolat għall-finijiet kontabilistiċi;

(iii) il-permess mogħti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jużaw l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jkun limitat għas-sett ipotetiku ta' netting li għalih l-istituzzjoni tuża l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki sabiex jispjegaw kif jużaw taħlita tal-approċċi msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a) u (b), u kif stabbilit f'dan il-paragrafu, sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA fuq bażi permanenti.";

(168) l-Artikolu 383 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 383*

**Approċċ standardizzat**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lill-istituzzjoni sabiex tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju ta' CVA għal portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti waħda jew aktar billi tuża l-approċċ standardizzat f'konformità mal-paragrafu 3, wara li tkun ivvalutat jekk l-istituzzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun stabbiliet unità distinta li tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tar-riskju u għall-iħħeġġjar tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni;

(b) għal kull kontroparti kkonċernata, l-istituzzjoni tkun żviluppat mudell regolatorju tas-CVA sabiex tikkalkola s-CVA ta' dik il-kontroparti f'konformità mal-Artikolu 383a;

(c) għal kull kontroparti kkonċernata, l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkola, tal-anqas fuq bażi ta' kull xahar, is-sensittivitajiet tas-CVA tagħha għall-fatturi tar-riskju kkonċernati kif iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 383b;

(d) għall-pożizzjonijiet kollha f'ħeġġijiet eliġibbli rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 386 għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat, l-istituzzjoni tista' tikkalkola, u tal-anqas fuq bażi ta' kull xahar, is-sensittivitajiet ta' dawk il-pożizzjonijiet għall-fatturi tar-riskju rilevanti ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 383b.

Għall-finijiet tal-punt (c), is-sensittività ta' CVA ta' kontroparti għal fattur tar-riskju tfisser il-bidla relattiva fil-valur ta' dak is-CVA, bħala riżultat ta' bidla fil-valur ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti ta' dak is-CVA, ikkalkolata bl-użu tal-mudell regolatorju tas-CVA tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikoli 383i sa 383j.

Għall-finijiet tal-punt (d), is-sensittività ta' pożizzjonijiet f'ħeġġ eliġibbli għal fattur tar-riskju tfisser il-bidla relattiva fil-valur ta' dik il-pożizzjoni, bħala riżultat ta' bidla fil-valur ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti ta' dik il-pożizzjoni, ikkalkolata bl-użu tal-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikoli 383i sa 383j.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "klassi tar-riskju" tfisser kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) riskju tar-rata tal-imgħax;

(ii) riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

(iii) riskju ta' firxa tal-kreditu ta' referenza;

(iv) riskju ta' ekwità;

(v) ir-riskju tal-komoditajiet;

(vi) riskju tal-kambju;

(b) "portafoll tas-CVA" tfisser il-portafoll magħmul mis-CVA aggregat u l-ħeġġijiet eliġibbli kollha msemmijin fil-punt (d) tal-paragrafu 1;

(c) "CVA aggregat" tfisser is-somma tas-CVAs ikkalkolata bl-użu tal-mudell regolatorju tas-CVA għall-kontropartijiet kollha msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat bħala s-somma taż-żewġ rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 383b:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju delta li jkopru r-riskju ta' bidliet fil-portafoll ta' CVA tal-istituzzjoni minħabba l-movimenti fil-fatturi tar-riskju rilevanti relatati man-nonvolatilità;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju vega li jkopru r-riskju ta' bidliet fil-portafoll ta' CVA tal-istituzzjoni minħabba l-movimenti fil-fatturi tar-riskju rilevanti relatati mal-volatilità.";

(169) jiddaħħlu l-Artikoli 383a sa 383w li ġejjin:

*"Artikolu 383a*

**Mudell regolatorju ta' CVA**

1. Mudell regolatorju ta' CVA użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383 għandu jkun validu kunċettwalment, għandu jiġi implimentat b'integrità, u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-mudell regolatorju ta' CVA għandu jkun kapaċi jimmudella s-CVA ta' kontroparti partikolari, filwaqt li jirrikonoxxi l-ftehim ta' netting u dwar il-marġni fil-livell tas-sett ta' netting, meta dan ikun rilevanti, f'konformità ma' dan l-Artikolu;

(b) l-istituzzjoni tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti msemmija fil-punt (a) mill-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti u mit-telf fil-każ ta' inadempjenza skont ***il-kunsens*** tas-suq ***mistenni*** għal dik il-kontroparti.

(c) it-telf mistenni f'inadempjenza msemmi fil-punt (a) għandu jkun l-istess bħat-telf fil-każ ta' inadempjenza skont ***il-kunsens*** tas-suq ***mistenni*** msemmi fil-punt (b), sakemm l-istituzzjoni ma tkunx tista' tiġġustifika li l-prijorità tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti tkun differenti mill-prijorità ta' bonds superjuri mhux iggarantiti maħruġin minn dik il-kontroparti;

(d) f'kull punt ta' żmien futur, l-iskopertura futura skontata ssimulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti tiġi kkalkolata b'mudell ta' skopertura billi jiġu pprezzati mill-ġdid it-tranżazzjonijiet kollha f'dak il-portafoll, fuq il-bażi tal-bidliet konġunti ssimulati tal-fatturi tar-riskju tas-suq li huma materjali għal dawk it-tranżazzjonijiet bl-użu ta' numru xieraq ta' xenarji, u l-iskontar tal-prezzijiet sad-data tal-kalkolu bl-użu ta' rati tal-imgħax mingħajr riskju;

(*e*) il-mudell regolatorju ta' CVA ikun kapaċi jimmudella dipendenza sinifikanti bejn l-iskopertura futura skontata ssimulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet mal-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti;

(*f*) meta t-tranżazzjonijiet tal-portafoll jiġu inklużi f'sett ta' netting soġġett għal ftehim dwar il-marġni u għal valutazzjoni ta' kuljum skont il-valur fis-suq, il-kollateral depożitat u riċevut bħala parti minn dak il-ftehim jiġi rrikonoxxut bħala mitigant tar-riskju fl-iskopertura futura skontata ssimulata, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ***b'riskju ta' marġni*** rilevanti għal dak is-sett ta' netting f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 285, il-paragrafi 2 u 5, u tirrifletti dak il-perjodu ta' marġni fil-kalkolu tal-iskopertura futura skontata ssimulata;

(ii) il-karatteristiċi applikabbli kollha tal-ftehim dwar il-marġni, inklużi l-frekwenza tas-sejħiet ta' marġni, it-tip ta' kollateral eliġibbli kuntrattwalment, l-ammonti ta' limitu, l-ammonti minimi ta' trasferiment, l-ammonti indipendenti u l-marġni inizjali kemm għall-istituzzjoni kif ukoll għall-kontroparti jkunu riflessi kif xieraq fil-kalkolu tal-iskopertura futura skontata ssimulata;

(iii) l-istituzzjoni tkun stabbiliet unità ta' ġestjoni tal-kollateral li tikkonforma mal-Artikolu 287 għall-kollateral kollu rikonoxxut għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat.

Għall-finijiet tal-punt (a), CVA għandu jkollu sinjal pożittiv u għandu jiġi kkalkolat bħala funzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza mistenni tal-kontroparti, sett xieraq tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti f'punti ta' żmien futuri u sett xieraq ta' skoperturi futuri skontati ssimulati tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti f'punti ta' żmien futuri sal-maturità tal-itwal tranżazzjoni f'dak il-portafoll.

Għall-finijiet tal-punt (b), meta l-firxiet tal-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-kontroparti jkunu osservabbli fis-suq, istituzzjoni għandha tuża dawk il-firxiet. Meta tali firxiet ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ma jkunux disponibbli, istituzzjoni għandha tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) firxiet tal-kreditu minn strumenti oħrajn maħruġin mill-kontroparti li jirriflettu l-kundizzjonijiet kurrenti tas-suq;

(ii) firxiet ta' approssimazzjoni indiretta li jkunu xierqa meta jitqiesu l-klassifikazzjoni, l-industrija u r-reġjun tal-kontroparti.

Għall-finijiet tal-ġustifikazzjoni msemmija fil-punt (d), il-kollateral riċevut mill-kontroparti ma għandux jibdel il-prijorità tal-iskopertura.

Għall-finijiet tal-punt (f)(iii), meta l-istituzzjoni tkun diġà stabbiliet tali unità għall-użu tal-metodu tal-mudell intern imsemmi fl-Artikolu 283, l-istituzzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa tistabbilixxi unità ta' ġestjoni tal-kollateral addizzjonali meta dik l-istituzzjoni turi lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li tali unità tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 287 għall-kollateral kollu

rikonoxxut għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat.

2. Istituzzjoni li tuża mudell regolatorju ta' CVA għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) il-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d), huwa parti mis-sistema interna ta' ġestjoni tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni li tinkludi l-identifikazzjoni, il-kalkolu, il-ġestjoni, l-approvazzjoni u r-rappurtar intern ta' CVA u tar-riskju ta' CVA għal finijiet kontabilistiċi;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha proċess fis-seħħ sabiex tiżgura l-konformità ma' sett dokumentat ta' politiki interni, ta' kontrolli, ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni u ta' proċeduri tal-mudell li jikkonċernaw il-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d);

(c) l-istituzzjoni għandu jkollha unità ta' kontroll indipendenti li tkun responsabbli għall-validazzjoni inizjali u kontinwa effettiva tal-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d). Din l-unità għandha tkun indipendenti mill-kreditu tan-negozju u mill-unitajiet tan-negozjar, inkluża l-unità msemmija fl-Artikolu 383(1), il-punt (a), u għandha tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri; għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal b'livell ta' ħiliet li jkun xieraq sabiex jilħaq dan l-għan;

(d) il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni għandu jkun involut b'mod attiv fil-proċess ta' kontroll tar-riskju u għandu jqis il-kontroll tar-riskju ta' CVA bħala aspett essenzjali tan-negozju, li għalih jeħtieġ li jiġu ddedikati r-riżorsi xierqa;

(e) l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-proċess għall-validazzjoni inizjali u kontinwa tal-mudell tal-iskopertura tagħha msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (d) għal livell ta' dettall li jippermetti lil terza persuna tifhem kif joperaw il-mudelli, il-limitazzjonijiet tagħhom, u s-suppożizzjonijiet ewlenin tagħhom, u terġa' toħloq l-analiżi. Din id-dokumentazzjoni għandha tistabbilixxi l-frekwenza minima li biha se titwettaq il-validazzjoni kontinwa, kif ukoll ċirkostanzi oħrajn (bħal bidla f'daqqa fl-imġiba tas-suq) li fihom għandha titwettaq validazzjoni addizzjonali; għandha tiddeskrivi kif titwettaq il-validazzjoni fir-rigward tal-flussi u tal-portafolli tad-data, liema analiżijiet jintużaw u kif jinbnew il-portafolli tal-kontroparti rappreżentattivi;

(f) il-mudelli tal-ipprezzar użati fil-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), għal xenarju partikolari ta' fatturi tar-riskju tas-suq issimulati għandhom jiġu ttestjati skont parametri referenzjarji indipendenti xierqa għal firxa wiesgħa ta' stati tas-suq bħala parti mill-proċess inizjali u kontinwu ta' validazzjoni tal-mudell. Mudelli tal-ipprezzar għall-opzjonijiet għandhom jikkunsidraw in-nuqqas ta' linearità tal-valur tal-opzjonijiet rigward il-fatturi tar-riskju tas-suq;

(g) rieżami indipendenti tas-sistema interna ta' ġestjoni tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandu jitwettaq mill-proċess ta' awditjar intern tal-istituzzjoni fuq bażi regolari. Jeħtieġ li dan ir-rieżami jinkludi kemm l-attivitajiet tal-unità msemmija fl-Artikolu 383(1), il-punt (a), kif ukoll tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(h) il-mudell użat mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-iskopertura futura skontata ssimulata msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jirrifletti t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet u l-arranġamenti tal-marġni b'mod f'waqtu, komplut, u konservattiv. It-termini u l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jirrisjedu f'bażi ta' data sigura soġġetta għal awditu formali u perjodiku. It-trażmissjoni tad-data u tal-arranġamenti tal-marġni tat-termini u tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet għall-mudell tal-iskopertura għandha tkun soġġetta wkoll għal awditu intern, u għandhom ikunu fis-seħħ proċessi formali ta' rikonċiljazzjoni bejn il-mudell intern u s-sistemi tad-data tas-sors sabiex jiġi vverifikat fuq bażi kontinwa li t-termini, l-ispeċifikazzjonijiet u l-arranġamenti tal-marġni tat-tranżazzjonijiet ikunu qed jiġu riflessi fis-sistema ta' skopertura b'mod korrett jew, tal-inqas, b'mod konservattiv;

(i) l-inputs kurrenti u storiċi tad-data tas-suq użati fil-mudell użat mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-iskopertura futura skontata ssimulata msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jinkisbu indipendentement mil-linji operatorji. Għandhom jiġu inklużi fil-mudell użat mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-iskopertura futura skontata ssimulata msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), b'mod f'waqtu u komplut, u jinżammu f'bażi ta' data sigura soġġetta għal awditu formali u perjodiku. Istituzzjoni għandu jkollha proċess żviluppat sew ta' integrità tad-data sabiex tittratta osservazzjonijiet mhux xierqa tad-data. Fil-każ li fih il-mudell jiddependi fuq data tas-suq ta' approssimazzjoni, istituzzjoni għandha tfassal politiki interni sabiex tidentifika approssimazzjonijiet xierqa u għandha turi b'mod empiriku fuq bażi kontinwa li l-approssimazzjonijiet jipprovdu rappreżentazzjoni konservattiva tar-riskju sottostanti;

(j) il-mudell tal-iskopertura għandu jkopri l-informazzjoni speċifika għat-tranżazzjonijiet u kuntrattwali neċessarja sabiex jiġu aggregati l-iskoperturi fil-livell tas-sett ta' netting. Istituzzjoni għandha tivverifika li t-tranżazzjonijiet jiġu assenjati għas-sett ta' netting adatt fil-mudell.

Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA msemmi fil-punt (a), il-mudell tal-iskopertura jista' jkollu speċifikazzjonijiet u suppożizzjonijiet differenti sabiex jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 383a, ħlief li d-data tal-input tas-suq u r-rikonoxximent tan-netting tagħha għandhom jibqgħu l-istess bħal dawk użati għall-finijiet kontabilistiċi.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif il-firxiet ta' approssimazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), għandhom jiġu ddeterminati mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) elementi tekniċi ulterjuri li l-istituzzjoni għandha tqis meta tikkalkola t-telf fil-każ ta' inadempjenza mistenni tal-kontroparti, il-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti u l-iskopertura futura skontata ssimulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti u s-CVA, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a);

(b) liema strumenti oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i), huma xierqa sabiex jiġu stmati l-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti u kif l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu din l-istima.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmijin fil-paragrafi 3 u 4 lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u tal-bidliet fl-użu tal-approċċ standardizzat kif imsemmi fl-Artikolu 383(3);

(b) il-metodoloġija ta' valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 383 u 383a.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni 36 xahar [wara d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament].

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 383b*
**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta u vega**

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi tar-riskju delta u vega deskritti fl-Artikoli 383c sa 383h, u l-proċess stabbilit fil-paragrafi 2 sa 8, biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji delta u vega.

2. Għal kull klassi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 383(2), is-sensittività tas-CVAs aggregati u s-sensittività tal-pożizzjonijiet kollha f'ħeġġijiet eliġibbli li jaqgħu fl-ambitu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji delta jew vega għal kull wieħed mill-fatturi tar-riskju delta jew vega applikabbli inklużi f'dik il-klassi tar-riskju għandhom jiġu kkalkolati bl-użu tal-formuli korrispondenti stabbiliti fl-Artikoli 383i u 383j. Jekk il-valur ta' strument jiddependi fuq diversi fatturi tar-riskju, is-sensittività għandha tiġi ddeterminata b'mod separat għal kull fattur tar-riskju.

Għall-kalkolu tas-sensittivitajiet tar-riskju vega tas-CVAs aggregati, għandhom jiġu inklużi s-sensittivitajiet kemm għall-volatilitajiet użati fil-mudell tal-iskopertura sabiex jiġu ssimulati l-fatturi tar-riskju kif ukoll għall-volatilitajiet użati sabiex jerġgħu jiġu pprezzati t-tranżazzjonijiet tal-opzjonijiet fil-portafoll mal-kontroparti.

Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, soġġetta għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni tista' tuża definizzjonijiet alternattivi ta' sensittivitajiet għar-riskju delta u vega fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar skont dan il-Kapitolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern u għar-rappurtar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni turi li dawk id-definizzjonijiet alternattivi jkunu aktar xierqa sabiex ikopru s-sensittivitajiet tal-pożizzjoni milli l-formuli stabbiliti fl-Artikolu 383i u

383j, u li s-sensittivitajiet li jirriżultaw ma jvarjawx materjalment minn dawk il-formuli.

3. Meta ħeġġ eliġibbli jkun strument tal-indiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ta' dak il-ħeġġ eliġibbli għall-fatturi tar-riskju rilevanti kollha billi japplikaw il-bidla ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti għal kull wieħed mill-kostitwenti tal-indiċi.

4. Istituzzjoni tista' tintroduċi klassijiet ta' riskju addizzjonali għal dawk imsemmijin fl-Artikolu 383(2) li jikkorrispondu għal strumenti tal-indiċi kwalifikati. Għall-finijiet tar-riskji delta, strument tal-indiċi jitqies li jkun ikkwalifikat meta jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325i[redacted] . Għal riskji vega, l-istrumenti tal-indiċi kollha għandhom jitqiesu bħala kwalifikati.

Istituzzjoni għandha tikkalkola s-sensittivitajiet delta u vega għal fattur tar-riskju tal-indiċi kwalifikat bħala sensittività unika għall-indiċi kkwalifikat sottostanti. Meta 75 % tal-kostitwenti ta' indiċi kkwalifikat jiġu mmappjati għall-istess settur kif stabbilit fl-Artikoli 383o, 383r u 383t, l-istituzzjoni għandha timmappja l-indiċi kkwalifikat għal dak l-istess settur. Inkella, l-istituzzjoni għandha timmappja s-sensittività għat-taqsima tal-indiċi kkwalifikat applikabbli.

5. Is-sensittivitajiet ippeżati tas-CVA aggregat u tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha għal kull fattur tar-riskju għandhom jiġu kkalkolati billi s-sensittivitajiet netti rispettivi jiġu mmultiplikati bil-piż tar-riskju korrispondenti, f'konformità mal-formuli li ġejjin:

$$WS_k^{CVA} = RW_k \cdot S_k^{CVA}$$

$$WS_k^{hedges} = RW_k \cdot S_k^{hedges}$$

fejn:

$k$ = l-indiċi li jiddenota l-fattur tar-riskju k;

$RW_k$ = il-piż tar-riskju applikabbli għall-fattur tar-riskju k;

$WS_k^{CVA}$ = is-sensittività ppeżata tas-CVA aggregat għall-fattur tar-riskju k;

$S_k^{CVA}$ = is-sensittività netta tas-CVA aggregat għall-fattur tar-riskju k;

$WS_k^{hedges}$ = is-sensittività ppeżata tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha fil-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k;

$S_k^{hedges}$ = is-sensittività netta tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha fil-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittività ppeżata netta $WS_k$ tal-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k f'konformità mal-formula li ġejja:

$$WS_k = WS_k^{CVA} - WS_k^{hedges}$$

7. Is-sensittivitajiet netti ppeżati fl-istess taqsima għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula li ġejja, bl-użu tal-korrelazzjonijiet korrispondenti $\rho_{kl}$ għas-sensittivitajiet ippeżati fl-istess taqsima stabbiliti fl-Artikoli 383l, 383s u 383p li jwasslu għas-sensittività speċifika għat-taqsima $K_b$:

$$K_b = \sqrt{\sum_k WS_k^2 + \sum_{k \epsilon b} \sum_{l \epsilon b, k \neq l} \rho_{kl} WS_k WS_l + R \cdot \sum_{k \epsilon b} \left( \left( WS_k^{hedges} \right)^2 \right)}$$

fejn:

$K_b$ = is-sensittività speċifika għat-taqsima tat-taqsima b;

$\rho_{kl}$ = il-parametri ta' korrelazzjoni intrataqsima korrispondenti;

$R$ = il-parametru ta' esklużjoni tal-iħħeġġjar ugwali għal 0,01;

$WS_k$ = is-sensittivitajiet netti ppeżati.

8. Is-sensittività speċifika għat-taqsima għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 7 għal kull taqsima fi klassi tar-riskju. Ladarba s-sensittività speċifika għat-taqsima tkun ġiet ikkalkolata għat-taqsimiet kollha, is-sensittivitajiet ippeżati għal kull fattur tar-riskju fit-taqsimiet għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula li ġejja, permezz tal-korrelazzjonijiet korrispondenti $\gamma_{bc}$ għal sensittivitajiet ippeżati f'taqsimiet differenti stipulati fl-Artikoli 383l, ***383n,*** 383q, ***383s, 383u u 383w***, li jwasslu għar-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi ta' riskju għar-riskju delta jew vega:

$$Risk - class\ specific\ own\ funds\ requirement\ for\ delta\ or\ vega\ risk = m_{CVA} \sqrt{\sum_b K_b^2 + \sum_b \sum_{b \neq c} \gamma_{bc} S_b S_c}$$

fejn:

$m_{CVA}$ = fattur multiplikatur li huwa ugwali għal 1; l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu l-valur ta' $m_{CVA}$ meta l-mudell regolatorju ta' CVA tal-istituzzjoni juri nuqqasijiet għall-kalkolu kif xieraq tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA;

$K_b$ = is-sensittività speċifika għat-taqsima tat-taqsima b;

$\gamma_{bc}$ = il-parametru ta' korrelazzjoni bejn it-taqsimiet b u c;

$S_b = max\left\{ -K_b; min\left( \sum_{k \in b} WS_k; K_b \right) \right\}$ għall-fatturi tar-riskju kollha fit-taqsima b;

$S_c = max\left\{ -K_c; min\left( \sum_{k \in b} WS_k; K_c \right) \right\}$ għall-fatturi tar-riskju kollha fit-taqsima c.

*Artikolu 383c*

**Fatturi tar-riskju tar-rata tal-imgħax**

1. Għall-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax, inkluż ir-riskju tar-rata tal-inflazzjoni, għandu jkun hemm taqsima waħda għal kull munita, b'kull taqsima jkun fiha tipi differenti ta' fatturi tar-riskju.

Il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax li huma applikabbli għal strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu r-rati mingħajr riskju għal kull munita kkonċernata u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: sena, sentejn, 5 snin, 10 snin u 30 sena.

Il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax applikabbli għal strumenti sensittivi għar-rata tal-inflazzjoni fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu r-rati tal-inflazzjoni għal kull

munita kkonċernata u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: sena, sentejn, 5 snin, 10 snin u 30 sena.

2. Il-muniti li għalihom istituzzjoni għandha tapplika l-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu USD, EUR, GBP, AUD, CAD, SEK, JPY u l-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni.

3. Għall-muniti mhux speċifikati fil-paragrafu 2, il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax għandhom ikunu l-bidla assoluta fir-rata tal-inflazzjoni u x-xift parallela tal-kurva sħiħa mingħajr riskju għal munita partikolari.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiksbu r-rati mingħajr riskju għal kull munita mill-istrumenti tas-suq monetarju miżmuma fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni li jkollhom l-aktar riskju ta' kreditu baxx, inklużi swaps tal-indiċi mil-lum għall-għada.

5. Meta l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu japplikaw l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 4, ir-rati mingħajr riskju għandhom ikunu bbażati fuq kurva ta' swaps implikata mis-suq waħda jew aktar użati mill-istituzzjonijiet sabiex jipprezzaw il-pożizzjonijiet skont il-valur tas-suq, bħall-kurvi ta' swaps ta' rati interbankarji offruti.

Meta d-data dwar kurvi ta' swaps implikati mis-suq deskritti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tkun insuffiċjenti, ir-rati mingħajr riskju jistgħu jiġu derivati mill-kurva tal-bonds sovrani l-aktar xierqa għal munita partikolari.

*Artikolu 383d*

**Fatturi tar-riskju tal-kambju**

1. Il-fatturi tar-riskju delta tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għar-rati tal-kambju spot għandhom ikunu r-rati tal-kambju spot bejn il-munita li fiha jkun iddenominat l-istrument u l-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni ***jew il-munita bażi tal-istituzzjoni meta l-istituzzjoni tkun qed tuża munita bażi f'konformità mal-Artikolu 325q(7)***. Għandu jkun hemm taqsima waħda għal kull sett ta' muniti akkoppjati, li tkun tinkludi fattur tar-riskju uniku u sensittività netta unika.

2. Il-fatturi tar-riskju vega tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti f'portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-kambju għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati tal-kambju bejn il-muniti akkoppjati msemmijin fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm taqsima waħda għall-muniti u għall-maturitajiet kollha, li jkun fiha l-fatturi kollha tar-riskju vega tal-kambju u sensittività netta waħda.

3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx ikunu meħtieġa jiddistingwu bejn varjanti onshore u offshore ta' munita għall-fatturi kollha tar-riskju delta u vega.

*Artikolu 383e*

**Fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti**

1. Il-fattur tar-riskju delta tal-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti applikabbli għal strumenti sensittivi għall-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll ta' CVA għandu jkun il-firxiet ta' kreditu tal-kontropartijiet individwali u l-ismijiet ta' referenza u l-indiċijiet ikkwalifikati għall-maturitajiet li ġejjin: 0,5 ta' sena, sena (1), 3 snin, 5 snin u 10 snin.

***2a. Il-klassi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti mhijiex soġġetta għar-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju vega.***

*Artikolu 383f*

**Fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza**

1. Il-fattur tar-riskju delta tal-firxiet ta' kreditu ta' referenza applikabbli għal strumenti sensittivi għall-firxiet ta' kreditu ta' referenza fil-portafoll ta' CVA għandu jkun il-firxiet ta' kreditu tal-maturitajiet kollha għall-ismijiet ta' referenza kollha f'taqsima. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima.

2. Il-fattur tar-riskju vega ta' firxiet ta' kreditu ta' referenza applikabbli għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-firxiet ta' kreditu ta' referenza għandu jkun il-volatilitajiet tal-firxiet ta' kreditu tat-tenuri kollha għall-ismijiet ta' referenza kollha f'taqsima. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima.

*Artikolu 383g*

**Fatturi tar-riskju ta' ekwità**

1. It-taqsimiet għall-fatturi kollha tar-riskju ta' ekwità għandhom ikunu t-taqsimiet imsemmijin fl-Artikolu 383s.

2. Il-fatturi tar-riskju delta ta' ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-prezzijiet spot ta' ekwità għandhom ikunu l-prezzijiet spot tal-ekwitajiet kollha mmappjati għall-istess taqsima msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima.

3. Il-fatturi tar-riskju vega ta' ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità ta' ekwità għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-ekwitajiet kollha mmappjati għall-istess taqsima msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima.

*Artikolu 383h*

**Fatturi tar-riskju tal-komoditajiet**

1. It-taqsimiet għall-fatturi kollha tar-riskju tal-komoditajiet għandhom ikunu t-taqsimiet settorjali msemmijin fl-Artikolu 383v.

2. Il-fatturi tar-riskju delta tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-prezzijiet spot tal-komoditajiet għandhom ikunu l-prezzijiet spot tal-komoditajiet kollha mmappjati għall-istess taqsima settorjali msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima settorjali.

3. Il-fatturi tar-riskju vega tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-prezz tal-komoditajiet għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-komoditajiet kollha mmappjati għall-istess taqsima settorjali msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkolata għal kull taqsima settorjali.

*Artikolu 383i*

**Sensittivitajiet għar-riskju delta**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta li jikkonsistu f'fatturi tar-riskju tar-rata tal-imgħax kif ġej:

(a) is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati mingħajr riskju, kif ukoll f'ħeġġ eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

$$S_{r_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(r_{kt} + 0.0001, x,y\ldots) - V_{CVA}(r_{kt}, x,y\ldots)}{0.0001}$$

$$S_{r_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(r_{kt} + 0.0001, w,z\ldots) - V_i(r_{kt}, w,z\ldots)}{0.0001}$$

fejn:

$S_{r_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju;

$r_{kt}$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju k bil-maturità t;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $r_{kt}$ fi $V_{CVA}$;

$S_{r_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $r_{kt}$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

(b) is-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati tal-inflazzjoni kif ukoll f'ħeġġ eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

$$S_{infl_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(infl_{kt} + 0.0001, x,y\ldots) - V_{CVA}(infl_{kt}, x,y\ldots)}{0.0001}$$

$$S_{infl_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(infl_{kt} + 0.0001,w,z\ldots) - V_i(infl_{kt}, w,z\ldots)}{0.0001}$$

fejn:

$S_{infl_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni;

$infl_{kt}$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni k bil-maturità t;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $infl_{kt}$fi $V_{CVA}$;

$S_{infl_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $infl_{kt}$fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati spot tal-kambju, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{FX_k}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(FX_k \boldsymbol{x}\ \mathbf{1.01}, x, y \ldots) - V_{CVA}(FX_k, x, y \ldots)}{0.01}$$

$$S_{FX_k}^{hedge_i} = \frac{V_i(FX_k \boldsymbol{x}\ \mathbf{1.01}, w, z \ldots) - V_i(FX_k, w, z \ldots)}{0.01}$$

fejn:

$S_{FX_k}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata spot tal-kambju;

$FX_k$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata spot tal-kambju k;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $FX_k$fi $V_{CVA}$;

$S_{FX_k}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata tal-kambju spot;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $FX_k$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{ccs_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(ccs_{kt} + 0.0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(ccs_{kt}, x, y \ldots)}{0.0001}$$

$$S_{ccs_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(ccs_{kt} + 0.0001, w, z \ldots) - V_i(ccs_{kt}, w, z \ldots)}{\mathbf{0{,}0001}}$$

fejn:

$S_{ccs_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

$ccs_{kt}$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti k fil-maturità t;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $ccs_{kt}$ fi $V_{CVA}$;

$S_{ccs_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $ccs_{kt}$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{rcs_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(ccs_{kt} + 0.0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(rcs_{kt}, x, y \ldots)}{0.0001}$$

$$S_{rcs_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(rcs_{kt} + 0.0001, w, z \ldots) - V_i(rcs_{kt}, w, z \ldots)}{0.0001}$$

fejn:

$S_{rcs_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza;

$rcs_{kt}$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza k fil-maturità t;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $ccs_{kt}$ fi $V_{CVA}$;

$S_{rcs_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $ccs_{kt}$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu fi prezzijiet spot ta' ekwità, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{EQ}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(EQ\boldsymbol{x}\ \mathbf{1.01}, x, y \ldots) - V_{CVA}(EQ, x, y \ldots)}{0.01}$$

$$S_{EQ}^{hedge_i} = \frac{V_i(EQ\ \boldsymbol{x}\ \mathbf{1.01}, w, z \ldots) - V_i(EQ, w, z \ldots)}{0.01}$$

fejn:

$S_{EQ}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità;

$EQ$ = il-valur tal-prezz spot tal-ekwità;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $EQ$ fi $V_{CVA}$;

$S_{EQ}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $EQ$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu fi prezzijiet spot tal-komoditajiet, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{CTY}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(1.01CTY, x, y \dots) - V_{CVA}(CTY, x, y \dots)}{0.01}$$

$$S_{CTY}^{hedge_i} = \frac{V_i(1.01CTY, w, z \dots) - V_i(CTY, w, z \dots)}{0.01}$$

fejn:

$S_{CTY}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet;

$CTY$ = il-valur tal-prezz spot tal-komoditajiet;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $CTY$ fi $V_{CVA}$;

$S_{CTY}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $CTY$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

*Artikolu 383j*

**Sensittivitajiet għar-riskju vega**

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-sensittivitajiet għaar-riskju vega tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu fil-volatilità implikata, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{vol_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(vol_k + 0.01, x, y \dots) - V_{CVA}(vol_k, x, y \dots)}{0.01}$$

$$S_{vol_k}^{hedge_i} = \frac{V_i(vol_k + 0.01, w, z \dots) - V_i(vol_k, w, z \dots)}{0.01}$$

fejn:

$S_{vol_k}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-volatitilà implikata;

$vol_k$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tal-volatilità implikata, espress bħala perċentwal;

$V_{CVA}$ = is-CVA aggregat ikkalkolat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

$x,y$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $vol_k$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_{CVA}$;

$S_{vol_k}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-istrument għall-iħħeġġjar eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-volatilità implikata;

$V_i$ = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

$w,z$ = il-fatturi tar-riskju minbarra $vol_k$ fil-funzjoni tal-ipprezzar $V_i$.

*Artikolu 383k*

**Piżijiet tar-riskju għar-riskju tar-rata tal-imgħax**

1. Għall-muniti msemmijin fl-Artikolu 383c(2), il-piżijiet tar-riskju tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju għal kull taqsima fit-Tabella 1 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

| Taqsima | Maturità | Piż tar-Riskju |
|---|---|---|
| 1 | sena | 1,11 % |
| 2 | sentejn | 0,93 % |
| 3 | 5 snin | 0.74% |
| 4 | 10 snin | 0.74% |
| 5 | 30 sena | 0,74 % |

2. Għal muniti għajr il-muniti msemmijin fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju għandu jkun ta' 1,58 %.

3. Għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni ddenominat f'waħda mill-muniti msemmijin fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittività għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni għandu jkun ta' 1,11 %.

4. Għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni ddenominat f'munita għajr il-muniti msemmijin fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittività għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni għandu jkun ta' 1,58 %.

5. Il-piżijiet tar-riskju li għandhom jiġu applikati għas-sensittivitajiet għall-fatturi tar-riskju vega tar-rata tal-imgħax u għall-fatturi tar-riskju ***vega*** tar-rata tal-inflazzjoni għall-muniti kollha għandhom ikunu ta' 100 %.

*Artikolu 383l*

**Korrelazzjonijiet intrataqsima għar-riskju tar-rata tal-imgħax**

1. Għall-muniti msemmijin fl-Artikolu 383c(2), il-parametri ta' korrelazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għall-aggregazzjoni tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju bejn it-taqsimiet differenti stabbiliti fit-Tabella 2 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 2

| Taqsima | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 100% | 91% | 72% | 55% | 31% |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | | 100% | 87% | 72% | 45% |
| 3 | | | 100% | 91% | 68% |
| 4 | | | | 100% | 83% |
| 5 | | | | | 100% |

2. Il-parametru ta' korrelazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għall-aggregazzjoni tas-sensittività għar-riskju delta tar-rata tal-inflazzjoni u tas-sensittività delta tar-rata mingħajr riskju ddenominati fl-istess munita għandu jkun ta' 40 %.

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għall-aggregazzjoni tas-sensittività tal-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-inflazzjoni u tas-sensittività tal-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-imgħax iddenominati fl-istess munita għandu jkun ta' 40 %.

*Artikolu 383m*
**Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-kambju**

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta kollha għall-fattur tar-riskju tal-kambju bejn munita tar-rappurtar ta' istituzzjoni u munita oħra għandhom ikunu ta' 11 %.

2. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet vega kollha għall-fattur tar-riskju tal-kambju għandhom ikunu ta' 100 %.

*Artikolu 383n*
**Korrelazzjonijiet għar-riskju tal-kambju**

***1***. Parametru ta' korrelazzjoni uniformi ugwali għal 60 % għandu japplika għall-aggregazzjoni tas-sensittivitajiet għall-fattur tar-riskju delta ▌ tal-kambju ***fost it-taqsimiet***.

***2. Parametru ta' korrelazzjoni uniformi ugwali għal 60 % għandu japplika għall-aggregazzjoni ta' sensittivitajiet għar-riskju vega tal-kambju fost it-taqsimiet.***

*Artikolu 383o*
**Piżijiet tar-riskju għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti**

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) f'kull taqsima fit-Tabella 3 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 3

| Taqsima numru | Kreditu kwalità | Settur | Piż tar-riskju (punti perċentwali) |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Kollha | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' Stat Membru | 0,5 % |
| 2 | Skala minn 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikoli 117(2) u 118 | 0,5 % |
| 3 | | L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku | 1,0 % |
| 4 | | L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali u minn mutwanti promozzjonali | 5,0 % |
| 5 | | Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 3,0 % |
| 6 | | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | ***3,0*** % |
| 7 | | Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet | 2,0% |
| 8 | | Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi | 1,5 % |
| 9 | | Settur ieħor | 5,0 % |
| 10 | | Indiċijiet ikkwalifikati | 1,5 % |
| 11 | Skala minn 4 sa 6 tal-kwalità tal-kreditu u mingħajr klassifikazzjoni | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikoli 117(2) u 118 | 2,0% |
| 12 | | L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku | 4,0% |
| 13 | | L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali u minn mutwanti promozzjonali | 12,0% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14 | | Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 7,0% |
| 15 | | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | 8,5% |
| 16 | | Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet | 5,5% |
| 17 | | Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi | 5,0% |
| 18 | | Settur ieħor | 12,0% |
| 19 | | Indiċijiet ikkwalifikati | 5,0% |

2. Sabiex jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni li tintuża ta' spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal waħda mit-taqsimiet settorjali stabbiliti fit-Tabella 3. Skoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'tali mod għandhom jiġu assenjati jew għat-taqsima 9 jew it-taqsima 18 fit-Tabella 3, skont il-kwalità tal-kreditu tal-emittent.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għat-taqsimiet 10 u 19 fit-Tabella 3 biss dawk l-iskoperturi li jirreferenzjaw l-indiċijiet ikkwalifikati ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 383b(4).

4. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw approċċ ta' trasparenza sabiex jiddeterminaw is-sensittivitajiet ta' skopertura li tirreferenzja indiċi mhux ikkwalifikat.

*Artikolu 383p*

**Korrelazzjonijiet intrataqsima għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti**

1. Bejn żewġ sensittivitajiet $WS_k$ u $WS_l$, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għat-taqsimiet 1 sa 9 u 11 sa 18 tas-settur, kif stabbilit fl-Artikolu 383o(1), it-Tabella 3, il-parametru ta' korrelazzjoni $\rho_{kl}$ għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, ***90 % jekk iż-żewġ ismijiet ikunu distinti iżda legalment relatati u*** inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu kemm fit-taqsimiet 1 sa 9 jew ikunu t-tnejn fit-taqsimiet 11 sa 18, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

2. Bejn żewġ sensittivitajiet $WS_k$ u $WS_l$, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għat-taqsimiet 10 u 19, il-parametru ta' korrelazzjoni $\rho_{kl}$ għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ta' sensittivitajiet k u l ikunu identiċi u ż-żewġ indiċijiet ikunu tal-istess serje, ***90 % jekk iż-żewġ indiċijiet ikunu l-istess iżda ta' serje distinta u nkella*** għandha tkun ugwali għal 80 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn fit-taqsima 10 jew ikunu t-tnejn fit-taqsima 19, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

*Artikolu 383q*

**Korrelazzjonijiet fost it-taqsimiet għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti**

Il-korrelazzjonijiet intrataqsima għar-riskju delta tal-firxiet ta' kreditu għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 4

| Taqsima | 1, 2, 3, 11 u 12 | 4 u 13 | 5 u 14 | 6 u 15 | 7 u 16 | 8 u 17 | 9 u 18 | 10 u 19 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1, 2, 3, 11 u 12 | 100% | 10% | 20% | 25% | 20% | 15% | 0% | 45% |
| 4 u 13 | | 100% | 5% | 15% | 20% | 5% | 0% | 45% |
| 5 u 14 | | | 100% | ***20%*** | 25% | 5% | 0% | 45% |
| 6 u 15 | | | | 100% | ***25%*** | 5% | 0% | 45% |
| 7 u 16 | | | | | 100% | 5% | 0% | 45% |
| 8 u 17 | | | | | | 100% | 0% | 45% |
| 9 u 18 | | | | | | | 100% | 0% |
| 10 u 19 | | | | | | | | 100% |

*Artikolu 383r*

**Piżijiet tar-riskju għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza**

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) u l-iskoperturi tal-firxiet ta' kreditu ta' referenza kollha f'kull taqsima fit-Tabella 5 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 5

| Numru tat-taqsima | Kwalità tal-kreditu | Settur | Piż tar-riskju (punti perċentwali) |
|---|---|---|---|
| 1 | Kollha | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' Stat Membru | 0,5 % |
| 2 | Skala minn 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikoli 117(2) u 118 | 0,5 % |
| 3 | | L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku | 1,0 % |
| 4 | | L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali u minn mutwanti promozzjonali | 5,0 % |
| 5 | | Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 3,0 % |
| 6 | | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | 3,0 % |
| 7 | | Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet | 2,0 % |
| 8 | | Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi | 1,5 % |
| 10 | | Indiċijiet ikkwalifikati | 1,5 % |
| 11 | Skala minn 4 sa | Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l- | 2,0 % |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | kwalità tal-kreditu u mingħajr klassifikazzjoni | organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikoli 117(2) u 118 | |
| 12 | | L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku | 4,0 % |
| 13 | | L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali u minn mutwanti promozzjonali | 12,0 % |
| 14 | | Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 7,0 % |
| 15 | | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | 8,5 % |
| 16 | | Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet | 5,5 % |
| 17 | | Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi | 5,0 % |
| 18 | | Indiċijiet ikkwalifikati | 5,0 % |
| 19 | Settur ieħor | | 12,0 % |

***1a. Il-piżijiet tar-riskju għall-volatilitajiet ta' firxa tal-kreditu ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti għal 100 %.***

2. Sabiex jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni li tintuża ta' spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal waħda mit-taqsimiet settorjali fit-Tabella 5. Skoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'tali mod għandhom jiġu assenjati għat-taqsima 19 fit-Tabella 5, skont il-kwalità tal-kreditu tal-emittent.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw għat-taqsimiet 10 u 18 biss dawk l-iskoperturi li jirreferenzjaw l-indiċijiet ikkwalifikati ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 383b(4).

4. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw approċċ ta' trasparenza sabiex jiddeterminaw is-sensittivitajiet ta' skopertura li tirreferenzja indiċi mhux ikkwalifikat.

*Artikolu 383s*

**Korrelazzjonijiet intrataqsima għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza**

1. Bejn żewġ sensittivitajiet $WS_k$ u $WS_l$, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għat-taqsimiet 1 sa 9 u 11 sa 18 tas-settur tal-Artikolu ***383r(1)***, it-Tabella 5, il-parametru ta' korrelazzjoni $\rho_{kl}$ għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, ***90 % jekk iż-żewġ ismijiet ikunu distinti iżda legalment relatati u*** inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu kemm fit-taqsimiet 1 sa 9 jew ikunu t-tnejn fit-taqsimiet 11 sa 18, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

2. Bejn żewġ sensittivitajiet $WS_k$ u $WS_l$, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati fit-taqsimiet 10 u 19, il-parametru ta' korrelazzjoni $\rho_{kl}$ għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ta' sensittivitajiet k u l ikunu identiċi u ż-żewġ indiċijiet ikunu tal-istess serje, ***90 % jekk iż-żewġ ismijiet ikunu distinti iżda legalment relatati u nkella*** għandha tkun ugwali għal 80 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn fit-taqsima 10 jew ikunu t-tnejn fit-taqsima 19, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

***Artikolu 383sa***

***Korrelazzjoni intrataqsima għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza***

***1. Il-korrelazzjonijiet intrataqsima għar-riskju delta ta' firxa tal-kreditu ta' referenza u r-riskju vega ta' firxa tal-kreditu ta' referenza għandhom ikunu l-istess bħall-korrelazzjoni intrataqsima għar-riskju delta ta' firxa tal-kreditu tal-kontroparti, stabbilita fl-Artikolu 383q, it-Tabella 4.***

***2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-valuri ta' korrelazzjoni intrataqsima ikkalkulati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu diviżi bi 2 għat-taqsimiet 1 sa 8 u 11 sa 17.***

*Artikolu 383t*

**Taqsimiet tal-piżijiet tar-riskju għar-riskju ta' ekwità**

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità għandhom ikunu l-istess għall-iskoperturi kollha tar-riskju ta' ekwità f'kull taqsima fit-Tabella 6 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 6

| Numru tat-taqsima | Kapitalizzazzjoni tas-suq | Ekonomija | Settur | Piż tar-riskju għall-prezz spot ta' ekwità (punti perċentwali) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Kbir | Ekonomija tas-suq emerġenti | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet | 55 % |
| 2 | | | Telekomunikazzjonijiet, industrijali | 60 % |
| 3 | | | Materjali bażiċi, enerġija, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 45% |
| 4 | | | Finanzjarji inklużi finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija | 55 % |
| 5 | | Ekonomija avvanzata | Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet | 30% |
| 6 | | | Telekomunikazzjonijiet, industrijali | 35% |
| 7 | | | Materjali bażiċi, enerġija, agrikoltura, manifattura, | 40% |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | |
| 8 | | | Finanzjarji inklużi finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija | 50 % |
| 9 | Żgħir | Ekonomija tas-suq emerġenti | Is-setturi kollha deskritti taħt it-taqsimiet bin-numri 1, 2, 3 u 4 | 70 |
| 10 | | Ekonomija avvanzata | Is-setturi kollha deskritti taħt it-taqsimiet bin-numri 5, 6, 7 u 8 | 50% |
| 11 | Settur ieħor | | | 70% |
| 12 | Kbir | Ekonomija avvanzata | Indiċijiet ikkwalifikati | 15 % |
| 13 | Oħrajn | | Indiċijiet ikkwalifikati | 25 % |

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, dak li jikkostitwixxi kapitalizzazzjoni żgħira u kbira għandu jiġi speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-Artikolu 325bd(7).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, dak li jikkostitwixxi suq emerġenti u ekonomija avvanzata għandu jiġi speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-Artikolu 325ap(3).

4. Meta jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni li tintuża ta' spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur industrijali. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal waħda mit-taqsimiet settorjali fil-paragrafu 1 tat-Tabella 6 u għandhom jassenjaw l-emittenti kollha mill-istess industrija għall-istess settur. L-iskoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'din il-manjiera għandhom jiġu assenjati għat-taqsima 11. L-emittenti ta' ekwità multinazzjonali jew multisettorjali għandhom jiġu allokati għal taqsima partikolari fuq il-bażi tal-aktar reġjun u settur materjali li fihom jopera l-emittent tal-ekwità.

5. Il-pożizzjoni tar-riskju għar-riskju vega ta' ekwità għandhom jiġu stabbiliti għal 78 % għat-taqsimiet 1 sa 8 u għat-taqsima 12, u għal 100 % għat-taqsimiet l-oħra kollha.

*Artikolu 383u*

**Korrelazzjonijiet fost it-taqsimiet għar-riskju ta' ekwità**

Il-parametru ta' korrelazzjoni intrataqsima għar-riskju delta u vega ta' ekwità għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 15 %, meta ż-żewġ taqsimiet jaqgħu fit-taqsimiet 1 sa 10 tal-Artikolu 383t(1), it-Tabella 6;

(b) 75 %, meta ż-żewġ taqsimiet ikunu t-taqsimiet 12 u 13 tal-Artikolu 383t(1), it-Tabella 6;

(c) 45 %, meta waħda mit-taqsimiet tkun it-taqsima 12 jew 13 tal-Artikolu 383t(1), it-Tabella 6, u t-taqsima l-oħra taqa' bejn it-taqsimiet 1 ***sa*** 10 tal-Artikolu 383t(1), it-Tabella 6;

(d) 0 %, meta waħda miż-żewġ taqsimiet tkun it-taqsima 11 tal-Artikolu 383t(1), it-Tabella 6.

*Artikolu 383v*
*Taqsimiet tal-piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-komoditajiet*

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet għandhom ikunu l-istess għall-iskoperturi kollha tar-riskju tal-komoditajiet f'kull taqsima fit-Tabella 7 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 7

| Numru tat-taqsima | Isem tat-taqsima | Piż tar-riskju għall-prezz spot tal-komoditajiet (punti perċentwali) |
|---|---|---|
| 1 | Enerġija – Kombustibbli solidi | 30 % |
| 2 | Enerġija – Kombustibbli likwidi | 35 % |
| 3 | Enerġija – Elettriku | 60 % |
| 4 | Enerġija – Kummerċ tal-karbonju | 40 % |
| 5 | Merkanzija | 80 % |
| 6 | Metalli – mhux prezzjużi | 40 % |
| 7 | Kombustibbli gassużi | 45 % |
| 8 | Metalli prezzjużi (inkluż id-deheb) | 20 % |
| 9 | Ħbub u żrieragħ żejtnin | 35 % |
| 10 | Bhejjem u prodotti tal-ħalib | 25 % |
| 11 | Prodotti agrikoli mkabbrin u prodotti agrikoli oħrajn | 35 % |

| | | |
|---|---|---|
| 12 | Komodità oħra | 50 % |

2. Il-pożizzjiet tar-riskju għar-riskju vega tal-komoditajiet għandhom jiġu stabbiliti għal 100 %.

*Artikolu 383w*

**Taqsimiet tal-pożizzjiet tar-riskju għar-riskju tal-komoditajiet**

1. Il-parametru ta' korrelazzjoni intrataqsima għar-riskju delta tal-komoditajiet għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 20 %, meta ż-żewġ taqsimiet jaqgħu fit-taqsimiet 1 sa 11 tal-Artikolu 383v(1), it-Tabella 7;

(b) 0 %, meta waħda miż-żewġ taqsimiet tkun it-taqsima 12 tal-Artikolu 383v(1), it-Tabella 7.

2. Il-parametru ta' korrelazzjoni intrataqsima għar-riskju vega tal-komoditajiet għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 20 %, meta ż-żewġ taqsimiet jaqgħu fit-taqsimiet 1 sa 11 tal-Artikolu 383v(1), it-Tabella 7;

(b) 0 %, meta waħda miż-żewġ taqsimiet tkun it-taqsima 12 tal-Artikolu 383v(1), it-Tabella 7.";

(170) L-Artikoli 384, 385 u 386 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 384*

**Approċċ bażiku**

1. Istituzzjoni għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3, kif ikun applikabbli, għal portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti waħda jew aktar billi tuża waħda mill-formuli li ġejjin, kif xieraq:

(a) il-formula stabbilita fil-paragrafu 2, meta l-istituzzjoni tinkludi fil-kalkolu ħeġġ eliġibbli wieħed jew aktar rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 386;

(b) il-formula stabbilita fil-paragrafu 3, meta l-istituzzjoni ma tinkludix fil-kalkolu kwalunkwe ħeġġ eliġibbli rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 386.

L-approċċi stabbiliti fil-punti (a) u (b) ma għandhomx jintużaw flimkien.

2. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA kif ġej:

$$BACVA^{total} = DS_{CVA} \cdot (\beta \cdot BACVA^{csr-unhedged} + (1-\beta) \cdot BACVA^{csr-hedged})$$

fejn:

$BACVA^{total}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku;

$BACVA^{csr-unhedged}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku kif ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 3 għal istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (b);

$DS_{CVA} \quad = 0{,}65;$

$\beta \quad = 0{,}25;$

$$BACVA^{csr-hedged} = \sqrt{\left(\rho \cdot \sum_c (SCVA_c - SNH_c) - IH\right)^2 + (1-\rho^2) \cdot \sum_c (SCVA_c - SNH_c)^2 + \sum_c HMA_c}$$

fejn:

$$SCVA_c = \frac{1}{a} \cdot RW_c \cdot \sum_{NS \in c} M_{NS}^c \cdot EAD_{NS}^c \cdot DF_{NS}^c$$

$$SNH_c = \sum_{h \in c} r_{hc} \cdot RW_h^{SN} \cdot M_h^{SN} \cdot B_h^{SN} \cdot DF_h^{SN}$$

$$IH = \sum_i RW_i^{ind} \cdot M_i^{ind} \cdot B_i^{ind} \cdot DF_i^{ind}$$

$$HMA_c = \sum_h \left(1 - r_{hc}^2\right) \cdot \left(RW_h . M_h^{SN} \cdot B_h^{SN} \cdot DF_h^{SN}\right)^2$$

$a \quad =1{,}4;$

$\rho \quad =0{,}5;$

*c* =l-indiċi li jiddenota l-kontropartijiet kollha li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

*NS* = l-indiċi li jiddenota s-settijiet kollha ta' netting ma' kontroparti partikolari li għaliha l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

*h* = l-indiċi li jiddenota l-istrumenti kollha b'isem wieħed rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386 għal kontroparti partikolari li għaliha l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

*i* = l-indiċi li jiddenota l-istrumenti tal-indiċi kollha rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386 għall-kontropartijiet kollha li għalihom l-istituzzjoni tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

$RW_c$ = il-piż tar-riskju applikabbli għall-kontroparti "c". Il-kontroparti "c" għandha tiġi mmappjata għal wieħed mill-piżijiet tar-riskju fuq il-bażi ta' kombinazzjoni ta' settur u ta' kwalità tal-kreditu u ddeterminata f'konformità mat-Tabella 1.

$M_{NS}^c$= il-maturità effettiva għas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c;

Għal istituzzjoni li tuża l-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6, $M_{NS}^c$ għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-l-Artikolu 162(2), il-punt (g). Madankollu, għal dak il-kalkolu, $M_{NS}^c$ ma għandhiex tkun limitata għal ħames snin, iżda għall-itwal maturità kuntrattwali li jifdal fis-sett tan-netting.

Għal istituzzjoni li ma tużax il-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6, $M_{NS}^{c}$ għandha tkun il-maturità medja nozzjonali ppeżata kif imsemmija fl-Artikolu 162(2), il-punt (b). Madankollu, għal dak il-kalkolu, $M_{NS}^{c}$ ma għandhiex tkun limitata għal ħames snin, iżda għall-itwal maturità kuntrattwali li jifdal fis-sett tan-netting.

$EAD_{NS}^{c}$ = il-valur tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c, inkluż l-effett tal-kollateral f'konformità mal-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3 sa 6, kif applikabbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti msemmi fl-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (f);

$DF_{NS}^{c}$ = il-fattur ta' skont superviżorju għas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c.

Għal istituzzjoni, bl-użu tal-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6, il-fattur ta' skont superviżorju għandu jiġi stabbilit għal 1. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-fattur ta' skont superviżorju għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$\frac{1 - e^{-0.05 * M_{NS}^{c}}}{0.05 \cdot M_{NS}^{c}}$$

$r_{hc}$ = il-korrelazzjoni superviżorja bejn ir-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti c u r-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli h għall-kontroparti c, iddeterminata f'konformità mat-Tabella 2;

$M_{h}^{SN}$ = il-maturità ***residwa*** ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli;

$B_{h}^{SN}$ = in-nozzjonali ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli;

$DF_{h}^{SN}$ = il-fattur ta' skont superviżorju għal strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli, ikkalkolat kif ġej:

$$\frac{1 - e^{-0.05 M_{h}^{SN}}}{0.05 \cdot M_{h}^{SN}}$$

$RW_{h}^{SN}$ = il-piż tar-riskju superviżorju ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli. Dawk il-piżijiet tar-riskju għandhom ikunu bbażati fuq taħlita ta' settur u ta' kwalità tal-kreditu tal-firxa tal-kreditu ta' referenza tal-istrument għall-iħħeġġjar u ddeterminati f'konformità mat-Tabella 1;

$M_{i}^{ind}$ = il-maturità ***residwa*** ta' pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli. Fil-każ ta' aktar minn pożizzjoni waħda fl-istess strument tal-indiċi, $M_{i}^{ind}$ għandha tkun il-maturità nozzjonali ppeżata ta' dawk il-pożizzjonijiet kollha;

$B_{i}^{ind}$ = in-nozzjonali sħiħ ta' pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli. Fil-każ ta' aktar minn pożizzjoni waħda fl-istess strument tal-indiċi, $B_{i}^{ind}$ għandha tkun il-maturità nozzjonali ppeżata ta' dawk il-pożizzjonijiet kollha;

$DF_{i}^{ind}$= il-fattur ta' skont superviżorju għal pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli, ikkalkolat kif ġej:

$$\frac{1 - e^{-0.05 M_i^{ind}}}{0.05 \cdot M_i^{ind}}$$

$RW_i^{ind}$= il-piż tar-riskju superviżorju ta' strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli. $RW_i^{ind}$ għandha tkun ibbażata fuq kombinazzjoni ta' settur u ta' kwalità tal-kreditu tal-kostitwenti kollha tal-indiċi, ikkalkolati kif ġej:

(a) meta l-kostitwenti kollha tal-indiċi jkunu jappartjenu għall-istess settur u jkollhom l-istess kwalità tal-kreditu, kif iddeterminat f'konformità mat-Tabella 1, $RW_i^{ind}$ għandha tiġi kkalkolata bħala l-piż tar-riskju rilevanti tat-Tabella 1 għal dak is-settur u dik il-kwalità tal-kreditu mmultiplikat b'0,7;

(b) meta l-kostitwenti kollha tal-indiċi ma jkunux jappartjenu għall-istess settur jew ma jkollhomx l-istess kwalità tal-kreditu, $RW_i^{ind}$ għandha tiġi kkalkolata bħala medja ppeżata tal-piżijiet tar-riskju tal-kostitwenti tal-indiċi kollha, kif iddeterminat f'konformità mat-Tabella 1, immultiplikata b'0,7;

Tabella 1

| Settur tal-kontroparti | Kwalità tal-kreditu | |
|---|---|---|
| | Skala minn 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu | Skala minn 4 sa 6 tal-kwalità tal-kreditu u mingħajr klassifikazzjoni |
| Il-gvern ċentrali, inklużi l-banek ċentrali, ▌ il-banek ta' żvilupp multilaterali ***ta' pajjiż terz*** u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmijin fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118 | 0,5 % | ***2,0*** % |
| L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku | 1,0 % | 4,0 % |
| L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, minn gvern reġjonali jew minn awtorità lokali u minn mutwanti promozzjonali | 5,0 % | 12,0 % |

| | | |
|---|---|---|
| Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri | 3,0 % | 7,0 % |
| Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | 3,0 % | 8,5% |
| Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet | 2,0 % | 5,5 % |
| Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi | 1,5 % | 5,0 % |
| Settur ieħor | 5,0 % | 12,0 % |

Tabella 2

| Korrelazzjonijiet bejn il-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti u l-ħeġġ b'isem wieħed | |
|---|---|
| Ħeġġ b'isem wieħed h tal-kontroparti i | Valur ta' $r_{hc}$ |
| Kontropartijiet imsemmijin fl-Artikolu 386(3)(a), il-punt (i) | 100 % |
| Kontropartijiet imsemmijin fl-Artikolu 386(3)(a), il-punt (ii) | 80 % |
| Kontropartijiet imsemmijin fl-Artikolu 386(3)(a), il-punt (iii) | 50 % |

2. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA kif ġej:

$$BACVA^{csr-unhedged} = \sqrt{\left(\rho \cdot \sum_c SCVA_c\right)^2 + (1-\rho^2) \cdot \sum_c SCVA_c^2}$$

meta t-termini kollha jkunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 2.

*Artikolu 385*

**Approċċ simplifikat**

1. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 273a(2)***, jew li tkun ingħatat il-permess mill-awtoritajiet kompetenti tagħha f'konformità mal-Artikolu 273a(4) biex tapplika l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 282***, tista' tikkalkola r-

rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bħala l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għar-riskju għall-kontroparti għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar u tal-portafoll tan-negozjar, rispettivament, imsemmijin fl-Artikolu 92(3), il-punti (a) u (f), diviżi bi 12,5.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1, għandhom ikunu japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tranżazzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA stabbiliti fl-Artikolu 382 biss għandhom ikunu soġġetti għal dak il-kalkolu;

(b) id-derivati ta' kreditu li jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet interni kontra skoperturi għar-riskju għall-kontroparti ma għandhomx jiġu inklużi f'dak il-kalkolu.

3. Istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(2) għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 273b.

*Artikolu 386*

**Ħeġġijiet Eliġibbli**

1. Il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rikonoxxuti bħala "ħeġġijiet eliġibbli" għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikoli 383 u 384 meta dawk il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) dawk il-pożizzjonijiet jintużaw għall-fini tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' CVA u jiġu ġestiti bħala tali;

(b) dawk il-pożizzjonijiet jistgħu jiġu konklużi ma' terzi persuni jew mal-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni bħala ħeġġ intern, f'liema każ għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 106(7);

(c) huma biss il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 li jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' CVA f'konformità mal-Artikoli 383 u 384 rispettivament;

(d) strument partikolari għall-iħħeġġjar jifforma pożizzjoni waħda f'ħeġġ eliġibbli u ma jistax jinqasam f'aktar minn pożizzjoni waħda f'aktar minn ħeġġ eliġibbli wieħed.

2. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383, huma biss il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar li ġejjin li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli:

(a) strumenti li jiħħeġġjaw il-varjabbiltà tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti msemmijin fl-Artikolu 325(5);

(b) strumenti li jiħħeġġjaw il-varjabbiltà tal-komponent tal-iskopertura tar-riskju ta' CVA, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti msemmijin fl-Artikolu 325(5).

3. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 384, huma biss il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar li ġejjin li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli:

(a) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed u swaps ta' inadempjenza tal-kreditu kontinġenti b'isem wieħed, li jirreferenzjaw:

(i) il-kontroparti direttament;

(ii) entità legalment relatata mal-kontroparti, fejn legalment relatata tirreferi għal każijiet li fihom l-isem ta' referenza u l-kontroparti jkunu jew kumpanija prinċipali u s-sussidjarja tagħha jew żewġ sussidjarji ta' kumpanija prinċipali komuni;

(iii) entità li tappartjeni għall-istess settur u reġjun bħall-kontroparti;

(b) swaps ta' inadempjenza ta' kreditu tal-indiċi.

4. Pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar konklużi ma' terzi persuni li huma rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 u inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fit-Titolu IV.

5. Il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar li ma humiex rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fit-Titolu IV.";

***(170a) jiddaħħal l-Artikolu 395a li ġej:***

***"Artikolu 395a***

***Limitu aggregat fuq l-iskoperturi għall-entitajiet mhux bankarji***

***Sat-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni għandha, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ABE, tivvaluta l-adegwatezza u l-impatt tal-impożizzjoni ta' limiti fuq l-iskoperturi għal entitajiet mhux bankarji. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien, jekk ikun xieraq, ma' proposta leġiżlattiva dwar il-limiti tal-iskoperturi għall-entitajiet mhux bankarji.";***

(171) l-Artikolu 402 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-kalkolu tal-valuri tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 395, l-istituzzjonijiet jistgħu, ħlief meta dan ikun ipprojbit mil-liġi nazzjonali applikabbli, inaqqsu l-valur ta' skopertura jew ta' kwalunkwe parti minn skopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 125(1) bl-ammont mirhun tal-valur tal-proprjetà, iżda b'mhux aktar minn 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux stabbilew piż tar-riskju ogħla minn 20 % għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(7);";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-kalkolu tal-valuri tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 395, l-istituzzjonijiet jistgħu, ħlief meta dan ikun ipprojbit mil-liġi nazzjonali applikabbli, inaqqsu l-valur ta' skopertura jew ta' kwalunkwe parti minn skopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà ***immobbli*** kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 126(1) bl-ammont mirhun tal-valur tal-proprjetà, iżda b'mhux aktar minn 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux stabbilew piż tar-riskju ogħla minn 60 % għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà ***immobbli kummerċjali*** f'konformità mal-Artikolu 124(7);";

(172) fl-Artikolu 429, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 429g, "xiri jew bejgħ imħallas fi żmien regolari" tfisser xiri jew bejgħ ta' assi finanzjarju taħt kuntratti li għalihom it-termini jeħtieġu konsenja tal-assi finanzjarju fil-perjodu stabbilit ġeneralment mil-liġi jew permezz ta' konvenzjoni fis-suq ikkonċernat.";

***(172a) fl-Artikolu 429a(1), jiżdied il-punt li ġej:***

***"(ca) meta l-istituzzjoni tkun membru tan-network imsemmi fl-Artikolu 113(7), l-iskoperturi li jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114 u li jirriżultaw minn assi li jkunu ekwivalenti għal depożiti fl-istess munita ta' membri oħra ta' dak in-network li jirriżultaw minn depożitu minimu legali jew statutorju skont l-Artikolu 422(3), il-punt (b). F'każ bħal dan, l-iskoperturi ta' membri oħra ta' dak in-network li jkunu depożitu minimu legali jew statutorju mhumiex soġġetti għall-punt (c).";***

(173) l-Artikolu 429c huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għal negozji mhux ikklerjati permezz ta' QCCP, il-flus kontanti riċevuti mill-kontroparti riċeventi ma humiex segregati mill-assi tal-istituzzjoni;";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu kollateral riċevut fil-kalkolu tal-NICA kif definit fl-Artikolu 272, il-punt (12a).";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, istituzzjoni tista' tirrikonoxxi kwalunkwe kollateral riċevut f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kollateral jiġi riċevut minn klijent għal kuntratt ta' derivati kklerjat mill-istituzzjoni f'isem dak il-klijent;

(b) il-kuntratt imsemmi fil-punt (a) jiġi kklerjat permezz ta' QCCP;

(c) meta l-kollateral ikun ġie riċevut fil-forma ta' marġni inizjali, dak il-kollateral jiġi ssegregat mill-assi tal-istituzzjoni.";

(d) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu stipulat fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 jew 5, sabiex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti ta' derivati elenkati ***fl-Anness II u d-derivati ta' kreditu***, iżda biss meta jużaw ukoll dak il-metodu sabiex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' dawk il-kuntratti bl-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92(1), il-punti (a), (b) u (c).";

(174) l-Artikolu 429f huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw, f'konformità mal-Artikolu 111(2), il-valur tal-iskopertura tal-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ, eskluż kuntratti ta' derivati elenkati fl-Anness II, derivati tal-kreditu, tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-pożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 429d.

Meta impenn jirreferi għall-estensjoni ta' impenn ieħor, għandu japplika l-Artikolu 166(9).";

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

(175) fl-Artikolu 429g, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw flus kontanti relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari u assi finanzjarji relatati ma' bejgħ imħallas fi żmien regolari li jibqgħu fil-karta tal-bilanċ sad-data ta' maturità bħala assi f'konformità mal-Artikolu 429(4), il-punt (a).";

(176) ***l-Artikolu*** 430 ***huwa emendat kif ġej***:

***(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (h) li ġej:***

"(h) l-iskoperturi tagħhom għal riskji ESG***, inklużi:***

***(i) l-iskoperturi eżistenti u ġodda tagħhom għall-entitajiet tas-settur tal-fjuwils fossili;***

***(ii) l-iskoperturi tagħhom għal attivitajiet li jitqiesu li jagħmlu ħsara sinifikanti lil wieħed mill-objettivi ambjentali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/852;***

***(iii) l-iskopertura tagħhom għal riskji fiżiċi u riskji ta' tranżizzjoni;***

***(iv) l-iskoperturi rilevanti tal-aggregazzjonijiet ta' self sottostanti għal bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet, kemm direttament kif ukoll permezz tat-trasferiment ta' self lil veikolu bi skop speċjali (SPV);";***

***(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"8a. Sal-1 ta' Jannar 2024 u kull sena wara dakinhar, l-ABE għandha tippubblika rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-mandat mogħti fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. L-ABE għandha tagħti dettalji speċifiċi dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-objettiv speċifikat fil-punt (e) tal-paragrafu 8. ";***

(177) *l-Artikolu* 430a *huwa emendat kif ġej*:

***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fuq bażi annwali d-data aggregata li ġejja għal kull suq tal-proprjetà immobbli nazzjonali li jkunu skoperti għalih:

(a) telf li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral, sal-ammont l-aktar baxx tal-ammont mirhun u 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 124(7);

(b) telf kumplessiv li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral, sal-parti tal-iskopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(2), il-punt (a);

(c) il-valur tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral limitat għall-parti li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(2), il-punt (a);

(d) telf li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà kummerċjali immobbli bħala kollateral, sal-ammont l-aktar baxx tal-ammont mirhun u 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 124(7);

(e) telf kumplessiv li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà kummerċjali immobbli bħala kollateral, sal-parti tal-iskopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà kummerċjali immobbli f'konformità mal-Artikolu 124(2), il-punt (c);

(f) il-valur tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà kummerċjali immobbli bħala kollateral limitat għall-parti li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà kummerċjali immobbli f'konformità mal-Artikolu 124(2), il-punt (c).";

***(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom kull sena jippubblikaw id-data speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 fuq bażi aggregata, flimkien ma' data storika, meta tkun disponibbli, għal kull suq tal-proprjetà immobbli nazzjonali li għalih tkun inġabret tali data. Awtorità kompetenti għandha, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti oħra fi Stat Membru jew tal-ABE tipprovdi lil dik l-awtorità kompetenti jew lill-ABE informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kundizzjoni tas-swieq tal-proprjetà residenzjali jew tal-proprjetà immobbli kummerċjali f'dak l-Istat Membru.";***

(178) l-Artikolu 433 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 433*

**Frekwenza u ambitu tad-divulgazzjonijiet**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni meħtieġa skont it-Titoli II u III bil-mod stipulat f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli 433a, 433b, 433c u 434.

L-ABE għandha tippubblika divulgazzjonijiet annwali fuq is-sit web tagħha fl-istess data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data.

L-ABE għandha tippubblika divulgazzjonijiet semiannwali u trimestrali fuq is-sit web tagħha fl-istess data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, meta dan ikun applikabbli, jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data.

Kwalunkwe dewmien bejn id-data ta' pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet meħtieġa skont din il-Parti u r-rapporti finanzjarji rilevanti għandu jkun raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, ma għandux jaqbeż il-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 106 tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(179) ***fl-Artikolu*** 433a***, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej***:

***(a) fil-punt (b), jiżdied il-punt li ġej:***

***"(xv) Artikolu 449a. ";***

***(b) fil-punt (c), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(i) il-punti (d), (da) u (h) tal-Artikolu 438;";

(180) ***l-Artikolu*** 433b ***huwa sostitwit b'dan li ġej***:

***"Artikolu 433b***

***Divulgazzjonijiet minn istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi***

***1. Istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni deskritta hawn taħt fuq bażi annwali:***

***(i) il-punti (a), (e) u (f) tal-Artikolu 435(1);***

(ii) il-punti (c), (d) u (da) tal-Artikolu 438;

***(iii) il-punti (a) sa (d), (h), (i), (j) tal-Artikolu 450(1);***

***(iv) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447;***

(v) il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 442;

***(vi) l-Artikolu 449a.***

***2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi li jkunu istituzzjonijiet mhux elenkati għandhom jiddivulgaw il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447 fuq bażi annwali.";***

(181) fl-Artikolu 433c, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-punti (c), (d) u (da) tal-Artikolu 438;";

(b) ***jiżdiedu l-punti li ġejjin***:

"(g) il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 442.";

***"(h) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449a fuq bażi semiannwali.";***

(182) l-Artikolu 434 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 434*
**Mezzi ta' divulgazzjonijiet**

1. L-istituzzjonijiet għajr l-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jippreżentaw l-informazzjoni kollha meħtieġa skont it-Titoli II u III f'format elettroniku lill-ABE mhux aktar tard mid-data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, meta dan ikun applikabbli, jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data. L-ABE għandha tippubblika wkoll id-data tas-sottomissjoni ta' din l-informazzjoni.

L-ABE għandha tiżgura li d-divulgazzjonijiet magħmulin fuq is-sit web tal-ABE jkun fihom informazzjoni identika għal dik li l-istituzzjonijiet jissottomettu lill-ABE. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw l-informazzjoni mill-ġdid lill-ABE f'konformità mal-istandards tekniċi msemmijin fl-Artikolu 434a. L-ABE għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha d-data meta tkun saret is-sottomissjoni mill-ġdid.

L-ABE għandha tħejji u żżomm aġġornata l-għodda li tispeċifika l-immappjar tal-formoli u tat-tabelli għad-divulgazzjonijiet ma' dawk dwar ir-rappurtar superviżorju. L-għodda ta' mmappjar għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ABE.

L-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jippubblikaw dokument awtonomu li jipprovdi sors aċċessibbli faċilment ta' informazzjoni prudenzjali għal utenti ta' dik l-informazzjoni jew sezzjoni distintiva inkluża fi jew mehmuża mar-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet jew mar-rapporti finanzjarji li jkun fihom id-divulgazzjonijiet meħtieġa u li jkunu faċilment identifikabbli għal dawk l-utenti. L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu fis-sit web tagħhom link għas-sit web tal-ABE fejn l-informazzjoni prudenzjali tiġi ppubblikata b'mod ċentralizzat.

2. Istituzzjonijiet kbar u istituzzjonijiet oħrajn li ma humiex istituzzjonijiet kbar jew istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jippreżentaw lill-ABE d-divulgazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 433a u fl-Artikolu 433c, rispettivament, ***f'format elettroniku,*** iżda mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji jew tar-rapporti finanzjarji għall-perjodu korrispondenti ***jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data. Jekk ir-rapporti finanzjarji jiġu ppubblikati qabel is-sottomissjoni tar-rappurtar superviżorju f'konformità mal-Artikolu 430 għall-istess perjodu, id-divulgazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fl-istess data tar-rappurtar superviżorju*** jew mill-aktar fis possibbli wara dik id-data. Jekk id-divulgazzjoni tkun meħtieġa li ssir għal perjodu meta istituzzjoni ma tħejji l-ebda rapport finanzjarju, l-istituzzjoni għandha tippreżenta lill-ABE l-informazzjoni dwar id-divulgazzjonijiet malajr kemm jista' jkun.

3. L-ABE għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha d-divulgazzjonijiet ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi fuq il-bażi tal-informazzjoni rrapportata minn dawk l-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430.

4. Filwaqt li s-sjieda tad-data u r-responsabbiltà għall-akkuratezza tagħha jibqgħu f'idejn l-istituzzjonijiet li jipproduċuha, l-ABE għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha l-informazzjoni meħtieġa li tiġi ddivulgata f'konformità ma' din il-Parti. Dak l-arkivju għandu jinżamm aċċessibbli għal perjodu ta' żmien li ma għandux ikun inqas mill-perjodu ta' ħżin stabbilit mil-liġi nazzjonali għall-informazzjoni inkluża fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet.

5. L-ABE għandha timmonitorja n-numru ta' żjarat fil-punt uniku ta' aċċess tagħha dwar id-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet u tinkludi l-istatistika relatata fir-rapporti annwali tagħha.";

(183) l-Artikolu 434a huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-formati ta' divulgazzjoni uniformi, l-istruzzjonijiet assoċjati, l-informazzjoni dwar il-politika ta' sottomissjoni mill-ġdid u s-soluzzjonijiet tal-IT għad-divulgazzjonijiet meħtieġa skont it-Titoli II u III.";

(b) ir-raba' sentenza tal-ewwel paragrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [OP: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]";

(184) l-Artikolu 438 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ammont tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali abbażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju kif imsemmi fl-Artikolu 104(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva u l-kompożizzjoni tiegħu;";

(***b***) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-ammonti tal-iskopertura totali għar-riskju kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(3) u r-rekwiżiti ta' fondi proprji korrispondenti kif iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 92(2), li għandhom jiġu diżaggregati skont il-kategoriji ▌ ta' riskju jew ***il-klassijiet ta' skopertura tar-riskju*** differenti, kif ikun applikabbli, stipulati fil-Parti Tlieta u, fejn applikabbli, spjegazzjoni tal-effett fuq il-kalkolu tal-fondi proprji u tal-ammonti tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' minimi ta' kapital u min-nuqqas ta' tnaqqis tal-elementi mill-fondi proprji;";

(c) jiżdied il-punt (da) li ġej:

"(da) meta jkun meħtieġ sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti li ġejjin, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(4), u l-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(5), li għandu jiġi diżaggregat skont il-kategoriji u s-subkategoriji differenti ta' riskju, kif applikabbli, stabbiliti fil-Parti Tlieta u, meta jkun applikabbli, spjegazzjoni tal-effett fuq il-kalkolu tal-fondi proprji u tal-ammonti tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' minimi ta' kapital u li min-nuqqas ta' tnaqqis tal-elementi mill-fondi proprji;";

***(ca) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(e) l-iskoperturi li jidhru fil-karta tal-bilanċ u dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, l-ammonti ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju u t-telf mistenni assoċjat għal kull kategorija ta' self speċjalizzat imsemmija fit-Tabella 1 tal-Artikolu 153(5) u l-iskoperturi li jidhru fil-karta tal-bilanċ u dawk li ma***

***jidhrux fil-karta tal-bilanċ u l-ammonti ta' skopertura ppeżata għar-riskju għall-kategoriji ta' skoperturi ta' ekwità stabbiliti fl-Artikolu 133(3) sa (6) u l-Artikolu 495a(3).";***

(185) l-Artikolu 445 huwa sostitwit kif ġej:

*"Artikolu 445*

**Divulgazzjoni ta' skoperturi għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat**

1. Istituzzjonijiet li ma jingħatawx permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jużaw l-approċċ alternattiv tal-mudell tar-riskju tas-suq intern kif stabbilit fl-Artikolu 325az, u li jużaw l-Approċċ Standardizzat Simplifikat f'konformità mal-Artikolu 325a jew il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, għandhom jiddivulgaw ħarsa ġenerali lejn il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar tagħhom.

2. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, għandhom jiddivulgaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għall-metodi bbażati fuq is-sensittivitajiet, it-tariffa tar-riskju ta' inadempjenza tagħhom u r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskji residwi. Id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-miżuri tal-metodi bbażati fuq is-sensittivitajiet u għar-riskju ta' inadempjenza għandha tiġi diżaggregata għall-istrumenti li ġejjin:

(a) strumenti finanzjarji għajr strumenti ta' titolizzazzjoni miżmumin fil-portafoll tan-negozjar, b'diżaggregazzjoni skont il-klassi tar-riskju, u identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(b) strumenti ta' titolizzazzjoni mhux miżmumin fl-ACTP, b'identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(c) strumenti ta' titolizzazzjoni miżmumin fl-ACTP, b'identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.";

(186) Jiddaħħal l-Artikolu 445a li ġej:

*"Artikolu 445a*

**Divulgazzjoni tar-riskju ta' CVA**

1. L-istituzzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) ħarsa ġenerali lejn il-proċessi tagħhom biex jidentifikaw, ikejlu, jiħħeġġjaw u jimmonitorjaw ir-riskju ta' CVA tagħhom;

(b) jekk l-istituzzjonijiet jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 273a(2); meta dawk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, jekk l-istituzzjonijiet għażlux li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi jużaw l-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 385; meta l-istituzzjonijiet ikunu għażlu li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi jużaw l-approċċ simplifikat, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità ma' dak l-approċċ;

(c) in-numru totali ta' kontropartijiet li għalihom jintuża l-approċċ standardizzat, b'diżaggregazzjoni skont it-tipi ta' kontropartijiet.

2. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ standardizzat kif definit fl-Artikolu 383 għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni u tal-governanza interni tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju ta' CVA;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ standardizzat b'diżaggregazzjoni skont il-klassi tar-riskju;

(c) ħarsa ġenerali lejn il-ħeġġijiet eliġibbli użati f'dak il-kalkolu, b'diżaggregazzjoni skont it-tipi kif definit fl-Artikolu 386(2).

3. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ bażiku kif definit fl-Artikolu 384 għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw ukoll, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku, u l-komponenti $BACVA^{total}$ u $BACVA^{csr-hedged}$;

(b) ħarsa ġenerali lejn il-ħeġġijiet eliġibbli użati f'dan il-kalkolu, b'diżaggregazzjoni skont it-tipi kif definit fl-Artikolu 386(3).";

(187) l-Artikolu 446 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 446*
**Divulgazzjoni tar-riskju operattiv**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-karatteristiċi u l-elementi ewlenin tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju operattiv tagħhom;

(b) ir-rekwiżiti minimi ta' fondi proprji għar-riskju operattiv;

(c) il-komponent tal-indikatur tan-negozju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 313;

(d) l-indikatur tan-negozju, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 314(1), u l-ammonti ta' kull waħda ***mill-komponenti u s-subkomponenti tagħhom*** tal-indikatur tan-negozju għal kull waħda mit-tliet snin rilevanti għall-kalkolu tal-indikatur tan-negozju;

(e) in-numru u l-ammonti ta' elementi tal-indikatur tan-negozju li ġew esklużi mill-kalkolu tal-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2), kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet korrispondenti għall-esklużjoni.

2. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw it-telf annwali tar-riskju operattiv tagħhom f'konformità mal-Artikolu 316(1) għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja flimkien mal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1:

(a) it-telf annwali tar-riskju operattiv tagħhom għal kull waħda mill-aħħar 10 snin, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 316(1);

(b) in-numru u l-ammonti ta' telf mir-riskju operattiv li ġew esklużi mill-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operattiv f'konformità mal-Artikolu 320(1), ***għal kull***

***waħda mill-aħħar għaxar snin,*** u l-ġustifikazzjonijiet korrispondenti għal dik l-esklużjoni.";

(188) l-Artikolu 447 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(a) il-kompożizzjoni tal-fondi proprji tagħhom u l-proporzjonijiet tal-kapital ibbażat fuq ir-riskju tagħhom ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(2);";

(b) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) meta jkun applikabbli, il-proporzjonijiet tal-kapital ibbażati fuq ir-riskju kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(2), bl-użu ta' ammonti totali mingħajr minimu tal-iskopertura għar-riskju minflok l-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju;";

(c) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(3) u, meta jkun applikabbli, l-ammonti totali mingħajr minimu tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 92(4);";

(d) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(d) "(d) ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tagħhom li l-istituzzjonijiet jenħtieġu li jżommu f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE;";

(189) l-Artikolu 449a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 449a*

**Divulgazzjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (riskji ESG)**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw***:***

***(a)*** informazzjoni dwar ir-riskji ESG, inklużi r-riskji fiżiċi u r-riskji ta' tranżizzjoni***, u l-ammont totali ta' skoperturi għal entitajiet tas-settur tal-fjuwils fossili kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (152a);***

***(b) il-miri klimatiċi u l-pjanijiet ta' tranżizzjoni, inklużi l-miri assoluti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, imressqa skont l-Artikolu 76(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, u l-progress li sar lejn l-implimentazzjoni tagħhom;***

***(c) kif il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tal-istituzzjoni jqisu r-riskji ESG li tiffaċċja l-impriża.***

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddivulgata fuq bażi annwali minn istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi u fuq bażi semiannwali minn istituzzjonijiet oħrajn.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw formati uniformi ta' divulgazzjoni għar-riskji ESG, kif stabbiliti fl-Artikolu 434a, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jirrispettawh." Għall-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, il-formati ma għandhomx jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni lil hinn mill-

informazzjoni meħtieġa li tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430(1), ***il-punti*** (h) ***u (i)***.";

*(189a)* ***jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 449b***

***Divulgazzjoni tal-iskoperturi għall-entitajiet mhux bankarji***

***1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar l-iskoperturi individwali tagħhom għal entitajiet finanzjarji mhux bankarji, inklużi r-riskji potenzjali kollha għall-istituzzjoni li jirriżultaw minn dawk l-iskoperturi, u l-impatt potenzjali ta' dawk ir-riskji, kif ukoll ir-reġim superviżorju applikabbli għall-kontropartijiet tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji tagħhom.***

***2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-informazzjoni li l-istituzzjonijiet meħtieġa jiddivulgaw, kif imsemmi fil-paragrafu 1, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-obbligi ta' divulgazzjoni.***

***L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.";***

(190) fl-Artikolu 451(1), jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) l-ammont tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali bbażati fuq il-proċess ta' rieżami superviżorju kif imsemmi fl-Artikolu 104(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva u l-kompożizzjoni tagħha.";

*(190a)* ***jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 451b***

***Divulgazzjoni ta' skoperturi għal kriptoassi u attivitajiet relatati***

***1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja dwar il-kriptoassi u s-servizzi tal-kriptoassi kif ukoll kwalunkwe attività relatata mal-kriptoassi:***

***(a) l-ammonti tal-iskopertura diretta u indiretta fir-rigward tal-kriptoassi inklużi l-komponenti grossi twal u qosra tal-iskoperturi netti;(b) l-ammonti tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għal kull kriptoassi, li għandhom jiġu kkomplementati b'diżaggregazzjoni skont il-kategorija u d-domanda ta' kapital relatata;***

***(c) l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju operattiv diżaggregat skont il-linji operatorji kif stabbilit fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317;***

***(d) il-klassifikazzjoni kontabilistika għall-iskoperturi tal-kriptoassi;***

***(e) deskrizzjoni tal-attivitajiet tan-negozju relatati mal-kriptoassi, u l-impatt tagħhom fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni; l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata għal attivitajiet kummerċjali materjali, inkluż il-ħruġ ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament MiCA, tokens tal-flus elettroniċi***

***sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikoli 56 u 57 tar-Regolament MiCA u l-forniment ta' servizzi [skont l-Artikolu 9(c)(d) tar-Regolament MiCA];***

***(f) deskrizzjoni speċifika tal-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom relatati mal-iskoperturi tal-kriptoassi u s-servizzi relatati mal-kriptoassi.***

***2. L-istituzzjonijiet ma għandhomx japplikaw l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 432 għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni fil-paragrafu 1."***

(191) l-Artikolu 455 huwa sostitwit kif ġej:

"*Artikolu 455*

**Użu ta' mudelli interni għar-riskju tas-suq**

1. Istituzzjoni li tuża l-mudelli interni msemmijin fl-Artikolu 325az għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għandha tiddivulga:

(a) l-objettivi tal-istituzzjoni fit-twettiq ta' attivitajiet ta' negozjar u l-proċessi implimentati sabiex jiġu identifikati, jitkejlu, jiġu mmonitorjati u kkontrollati r-riskji tas-suq tal-istituzzjoni;

(b) il-politiki msemmijin fl-Artikolu 104(1) għad-determinazzjoni ta' liema pożizzjoni għandha tiġi inkluża fil-portafoll tan-negozjar;

(c) deskrizzjoni ġenerali tal-istruttura tal-postijiet tan-negozjar koperti mill-mudelli interni msemmijin fl-Artikolu 325az, inklużi, għal kull post deskrizzjoni wiesgħa tal-istrateġija tan-negozju tal-post, l-istrumenti permessi fih u t-tipi ta' riskji ewlenin fir-rigward ta' dak il-post;

(d) ħarsa ġenerali lejn il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar mhux koperti mill-mudelli interni msemmijin fl-Artikolu 325az, inkluża deskrizzjoni ġenerali tal-istruttura tal-post u tat-tip ta' strumenti inklużi fil-postijiet jew fil-kategoriji ta' postijiet f'konformità mal-Artikolu 104b;

(e) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni u tal-governanza għall-ġestjoni tar-riskji tas-suq;

(f) l-ambitu, il-karatteristiċi ewlenin u l-għażliet ewlenin tal-immudellar tal-mudelli interni differenti msemmijin fl-Artikolu 325az użati għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura għar-riskju għall-mudelli ewlenin użati fil-livell konsolidat, u deskrizzjoni ta' sa liema punt dawk il-mudelli interni jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell konsolidat, inklużi fejn applikabbli:

(i) deskrizzjoni wiesgħa tal-approċċ ta' mmudellar użat għall-kalkolu tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (a), inkluża l-frekwenza tal-aġġornament tad-data;

(ii) deskrizzjoni wiesgħa tal-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-kejl tar-riskju tax-xenarju tal-istress imsemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (b), għajr l-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 325bk(3);

(iii) deskrizzjoni wiesgħa tal-approċċ ta' mmudellar użat sabiex tiġi kkalkolata r-responsabbiltà għar-riskju ta' inadempjenza msemmija fl-Artikolu 325ba(2), inkluża l-frekwenza tal-aġġornament tad-data.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw fuq bażi aggregata għall-postijiet tan-negozjar kollha koperti mill-mudelli interni msemmijin fl-Artikolu 325az il-komponenti li ġejjin, meta jkun applikabbli:

(a) l-aktar valur riċenti kif ukoll l-ogħla valur, l-aktar baxx u l-valur medju għas-60 jum ta' xogħol preċedenti ta':

(i) il-kalkolu tan-nuqqas mistenni mhux ristrett kif definit fl-Artikolu 325bb(1);

(ii) il-miżura tan-nuqqas mistenni mhux ristrett kif definit fl-Artikolu 325bb(1) għal kull kategorija regolatorja ta' fattur tar-riskju wiesa';

(b) l-aktar valur riċenti kif ukoll il-valur medju għas-60 jum ta' xogħol preċedenti ta':

(i) il-kalkolu tar-riskju tan-nuqqas mistenni kif definit fl-Artikolu 325bb(1);

(ii) il-kalkolu tar-riskju tax-xenarju tal-istress kif definit fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (b);

(iii) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza kif definit fl-Artikolu 325ba(2);

(iv) is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif definit fl-Artikoli 325ba(1) u 325ba(2), inkluż il-fattur multiplikatur applikabbli;

(c) in-numru ta' qbiż tal-valur tal-ittestjar retrospettiv matul l-aħħar 250 jum ta' xogħol fid-99 perċentil kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(1), il-punti (a) u (b), separatament.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw fuq bażi aggregata għall-postijiet tan-negozjar kollha r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq li jiġu kkalkolati f'konformità ma' dan it-Titolu, il-Kapitolu 1a, li kieku l-istituzzjonijiet ma ngħataw l-ebda permess biex jużaw il-mudelli interni tagħhom għal dawk il-postijiet tan-negozjar.";

(192) l-Artikolu 458 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘6. Meta l-Istati Membri jirrikonoxxu l-miżuri stabbiliti f'konformità ma' dan l-Artikolu, huma għandhom jinnotifikaw lill-BERS. Il-BERS għandu jgħaddi dawn in-notifiki mingħajr dewmien lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-ABE ▌ u lill-Istat Membru awtorizzat biex japplika l-miżuri.";

(b) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa f'konformità ***mal-paragrafi 2 u*** 4, l-Istat Membru kkonċernat għandu, f'konsultazzjoni mal-BERS, ▌ mal-ABE u mal-Kummissjoni, jirrieżamina s-sitwazzjoni u jista' jadotta, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafi 2 u 4, deċiżjoni ġdida għall-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali għal mhux aktar minn sentejn addizzjonali kull darba.";

(193) l-Artikolu 461a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 461a*

**Rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq**

"Il-Kummissjoni għandha timmonitorja ***d-differenzi bejn*** l-implimentazzjoni ***min-naħa tal-Unjoni*** tal-istandards internazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ▌u l-implimentazzjoni minn pajjiżi terzi ta' dawk l-istandards internazzjonali, inkluż fir-rigward tal-impatt tar-regoli f'termini tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

***Meta jiġu osservati differenzi sinifikanti,*** il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 462 biex temenda dan ir-Regolament billi:

(a) tapplika, ***sad-dħul fis-seħħ tal-proposta leġiżlattiva msemmija fir-raba' paragrafu jew sa tliet snin fin-nuqqas ta' tali proposta, u*** meta jkun neċessarju biex tipprovdi kundizzjonijiet ekwi, ***multiplikaturi*** ugwali għal 0 jew akbar, iżda inqas minn 1, għar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjonijiet għar-riskju tas-suq, ikkalkolat għal klassijiet tar-riskju speċifiċi u għal fatturi tar-riskju speċifiċi bl-użu ta' wieħed mill-approċċi msemmijin fl-Artikolu 325(1), u stabbiliti fi:

   (i) l-Artikoli 325c sa 325ay, li jispeċifikaw l-approċċ standardizzat alternattiv;

   (ii) l-Artikoli 325az sa 325bp, li jispeċifikaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv;

   (iii) l-Artikoli 326 sa 361, li jispeċifikaw l-approċċ standardizzat simplifikat, sabiex jikkumpensaw għal dawk id-differenzi osservati bejn ir-regoli tal-pajjiżi terzi u d-dritt tal-Unjoni;

(b) tipposponi ***b'massimu ta'*** sentejn id-data minn meta l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, jew kwalunkwe approċċ għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq imsemmijin fl-Artikolu 325(1).";

***Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-ABE għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'pajjiżi terzi.***

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti globali.***

(194) jiddaħħal l-Artikolu 461b li ġej:

*"Artikolu 461b*

**Trattament prudenzjali tal-kriptoassi**

***1. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju 2023, biex timplimenta trattament prudenzjali ddedikat għall-iskoperturi għall-kriptoassi, filwaqt li tqis kif xieraq l-istandards internazzjonali ppubblikati reċentement, u r-rekwiżiti stabbiliti minn [daħħal ir-referenza għar-Regolament MiCA]. Dik il-proposta leġiżlattiva għandha tinkludi, fost affarijiet oħra, dan li ġej:***

(a) ***kriterji għall-assenjazzjoni ta' kriptoassi għal kategoriji differenti ta' kriptoassi abbażi tal-karatteristiċi tar-riskju tagħhom u l-konformità tagħhom ma' kundizzjonijiet speċifiċi;***

(b) ***rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji għar-riskji kollha involuti minn kull kategorija ta' kriptoassi;***

(c) ***setgħat superviżorji speċifiċi fir-rigward tal-assenjazzjoni, il-monitoraġġ u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi għall-kriptoassi;***

(d) ***rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità għall-iskoperturi għall-kriptoassi;***

(e) ***rekwiżiti ta' divulgazzjoni.***

***2. Sat-30 ta' Diċembru 2024, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 1250 % għall-iskoperturi tagħhom għall-kriptoassi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom. L-istituzzjonijiet ma għandhomx japplikaw it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b), għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom."***

(195) l-Artikolu 462 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***47a,*** 244(6) u 245(6), fl-Artikoli 456 sa 460, fl-Artikoli 461a u 461b ***u fl-Artikolu 500*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-28 ta' Ġunju 2013.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli ***47a,*** 244(6) u 245(6), u fl-Artikoli 456 sa 460, fl-Artikolu 461a u 461b ***u fl-Artikolu 500*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***47a,*** 244(6) u 245(6), l-Artikoli 456 sa 460***,*** l-Artikolu 461a u 461b ***u l-Artikolu 500*** jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(196) l-Artikolu 465 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 465*
**Arranġamenti tranżizzjonali għall-minimu tal-output**

1. B'deroga mill-Artikolu 92(3), l-istituzzjonijiet prinċipali, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali, l-istituzzjonijiet awtonomi fl-UE jew l-istituzzjonijiet sussidjarji awtonomi fl-Istati Membri jistgħu japplikaw il-fattur "x" li ġej meta jikkalkolaw it-TREA:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 55 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 60 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 65 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 70 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029;

2. B'deroga mill-Artikolu 92(3), il-punt (a), l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE, l-istituzzjonijiet awtonomi fl-UE jew l-istituzzjonijiet sussidjarji awtonomi fl-Istati Membri jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2029, japplikaw il-formula li ġejja meta jikkalkolaw it-TREA:

$$TREA = \min\{\max\{U - TREA; x \cdot S - TREA\}; 125\% \cdot U - TREA\}$$

Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE għandhom iqisu l-fatturi rilevanti "x" imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-Artikolu 92(5)(a), il-punt (i), l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE, l-istituzzjonijiet awtonomi fl-UE jew l-istituzzjonijiet sussidjarji awtonomi fl-Istati Membri jistgħu***:***

– sal-31 ta' Diċembru ***2030***, jassenjaw piż tar-riskju ta' 65 % għal skoperturi korporattivi ***u*** li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata dment li dik l-entità tistma li l-PD ta' dawk l-iskoperturi, ikkalkolata f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, ma tkunx ogħla minn 0,5 %.

***– matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2031 sal-31 ta’ Diċembru 2032 jassenjaw piż tar-riskju ta' 70 % għal skoperturi korporattivi li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata dment li dik l-entità tistma li l-PD ta' dawk l-iskoperturi, ikkalkolata f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, ma tkunx ogħla minn 0,5 %.***

L-ABE***, l-EIOPA u l-ESMA, għandhom jimmonitorjaw*** l-użu tat-trattament tranżizzjonali stabbilit fl-ewwel subparagrafu u ***jevalwaw, b'mod partikolari:***

***(i)*** id-disponibbiltà ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati għall-iskoperturi għal impriżi***;***

***(ii) l-iżvilupp ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, ostakli għad-dħul fis-suq ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu Ewropej ġodda, ir-rata ta' adozzjoni ta' korporattivi Ewropej li jagħżlu li jiġu kklassifikati minn waħda jew aktar minn dawn l-aġenziji;***

***(iii) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet privati jew immexxija pubblikament bħal evalwazzjoni tal-kreditu u klassifikazzjonijiet tal-bank ċentrali biex jiġu pprovduti valutazzjonijiet tal-kreditu;***

***(iv) l-adegwatezza tal-ippeżar tar-riskju tal-iskoperturi u l-implikazzjonijiet f'termini ta' stabbiltà finanzjarja;***

***(v) l-approċċi ta' ġurisdizzjonijiet oħra li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-minimu tal-output għal skoperturi korporattivi mhux klassifikati u***

***kunsiderazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fit-tul li jistgħu jirriżultaw minħabba dan;***

***(vi) il-konformità mal-istandards internazzjonali u l-implikazzjonijiet potenzjali fuq l-iskala tal-valutazzjoni tal-konformità tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.***

L-ABE***, l-EIOPA u l-ESMA għandhom jirrapportaw is-sejbiet tagħhom*** lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028**.**

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2031 ***biex testendi l-applikazzjoni tat-trattament imsemmi fil-paragrafu 3, is-subparagrafu 3, b'massimu ta' 4 snin***.

4. B'deroga mill-Artikolu 92(5)(a), il-punt (iv), l-istituzzjonijiet prinċipali, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali, l-istituzzjonijiet awtonomi fl-UE jew l-istituzzjonijiet sussidjarji awtonomi fl-Istati Membri għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2029, jissostitwixxu l-alfa b'1 fil-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għall-kuntratti elenkati fl-Anness II f'konformità mal-approċċi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3 u 4, meta l-istess valuri tal-iskopertura jiġu kkalkolati f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6, għall-finijiet tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu.

Il-Kummissjoni tista', ***filwaqt*** li tqis ir-rapport tal-ABE msemmi fl-Artikolu 514, tadotta ***proposta leġiżlattiva*** f'konformità mal-Artikolu 462 sabiex timmodifika ▌ l-valur tal-alfa, meta dan ikun xieraq.

5. B'deroga mill-Artikolu 92(5)(a), il-punt (i), l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet prinċipali, lill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali jew lill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali, lill-istituzzjonijiet awtonomi fl-UE jew lill-istituzzjonijiet sussidjarji awtonomi fl-Istati Membri jassenjaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha fit-tieni subparagrafu***:***

(a) sal-31 ta' Diċembru 2032, jitnaqqas piż tar-riskju ta' 10 % għall-parti tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali sa 55 % tal-valur tal-proprjetà li jifdal wara li jitnaqqas kwalunkwe rahan bi klassifikazzjoni prijoritarja jew *pari passu* li ma jkunx miżmum mill-istituzzjoni,

(b) sal-31 ta' Diċembru 2029, jitnaqqas piż tar-riskju ta' 45 % għal kwalunkwe parti li jifdal tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali sa 80 % tal-valur tal-proprjetà li jifdal wara li jitnaqqas kwalunkwe rahan bi klassifikazzjoni prijoritarja jew *pari passu* li ma jkunx miżmum mill-istituzzjoni, dment li ma jiġix applikat l-aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 501.

Għall-finijiet tal-assenjazzjoni tal-piżijiet tar-riskju f'konformità mal-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskoperturi kwalifikanti jkunu jinsabu fl-Istat Membru li jkun eżerċita d-diskrezzjoni;

(b) matul l-aħħar ***tmien*** snin, it-telf tal-istituzzjoni min-naħa ta' tali skoperturi sa 55 % tal-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx, bħala medja, 0,25 % tal-ammont totali, fost l-iskoperturi kollha bħal dawn, tal-obbligi ta' kreditu pendenti f'sena partikolari;

(c) għall-iskoperturi kwalifikanti, l-istituzzjoni jkollha dawn iż-żewġ pretensjonijiet li ġejjin fil-każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' pagament tad-debitur:

(i) pretensjoni fuq il-proprjetà immobbli residenzjali li tiggarantixxi l-iskopertura;

(ii) pretensjoni fuq l-assi l-oħrajn u fuq l-introjtu tad-debitur;

(d) l-awtorità kompetenti tkun ivverifikat li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punti (a), (b) u (c).

Meta tkun ġiet eżerċitata d-diskrezzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet assoċjati kollha fit-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin għall-parti li jifdal tal-iskoperturi msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (b), sal-31 ta' Diċembru 2032:

(a) 52,5 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2030;

(b) 60 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2031 sal-31 ta' Diċembru 2031;

(c) 67,5 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2032.

Meta l-Istati Membri jeżerċitaw dik id-diskrezzjoni, għandhom jinnotifikaw lill-ABE u jissostanzjaw id-deċiżjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw id-dettalji tal-verifiki kollha msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), lill-ABE.

L-ABE għandha timmonitorja l-użu tat-trattament tranżizzjonali fl-ewwel subparagrafu u tirrapporta lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028 dwar l-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju assoċjati.

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru ***2030 biex testendi l-applikazzjoni tat-trattament imsemmi fil-paragrafu 5, b'massimu ta' erba' snin***;

***5a. B'deroga mill-Artikolu 92(5), meta l-ammonti standardizzati ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal riskju ta' kreditu u riskju ta' dilwizzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a), u għal riskju tal-kontroparti li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-negozjar kif imsemmi fil-punt (f) ta' dak il-paragrafu għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tas-SEC-SA skont l-Artikolu 261 jew l-Artikolu 262, l-istituzzjonijiet prinċipali, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali, l-istituzzjonijiet awtonomi fl-Unjoni għandhom ikunu permessi, sat-tlestija tar-rieżami komprensiv tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni bħala parti mill-Pjan ta' azzjoni għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali, japplikaw il-modifiki li ġejjin:***

***(a) p = 0,25 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS;***

***(b) p = 0,5 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni mhux STS.***";

(197) jiddaħħal l-Artikolu 494d li ġej:

*"Artikolu 494d*

**Treġġigħ lura mill-Approċċ IRB għall-Approċċ Standardizzat**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 149, il-paragrafi 1, 2 u 3, istituzzjoni tista' minn ***[OP: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** sal-31 ta' Diċembru 2027, terġa' lura għall-Approċċ Standardizzat għal waħda jew aktar mill-klassijiet tal-iskoperturi previsti fl-Artikolu 147(2), meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni kienet diġà fi [OP: daħħal id-data = jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] eżistenti u awtorizzata mill-awtorità kompetenti tagħha biex tittratta dawk il-klassijiet ta' skoperturi skont l-Approċċ IRB;

(b) l-istituzzjoni titlob treġġigħ lura għall-Approċċ Standardizzat darba biss matul ▌ il-perjodu ***stabbilit f'dan l-Artikolu***;

(c) it-talba għat-treġġigħ lura għall-Approċċ Standardizzat ma ssirx bl-għan ta' involviment f'arbitraġġ regolatorju;

(d) l-istituzzjoni tkun innotifikat formalment lill-awtorità kompetenti li tixtieq terġa' lura għall-Approċċ Standardizzat għal dawk il-klassijiet ta' skoperturi tal-inqas sitt xhur qabel ma effettivament terġa' lura għal dak l-approċċ;

(e) l-awtorità kompetenti ma tkunx oġġezzjonat għat-talba tal-istituzzjoni għal tali treġġigħ lura fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-punt (d).";

(198) l-Artikolu 495 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 495*

***Trattament ta' skoperturi tal-ekwitajiet skont l-Approċċ IRB***

1. B'deroga ***mill-Artikolu*** 107(1), l-istituzzjonijiet li jkunu rċevew il-permess biex japplikaw l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni biex jikkalkolaw l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għall-iskoperturi tal-ekwitajiet għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2029 ***u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 495a(3)***, jikkalkolaw l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għal kull skopertura tal-ekwitajiet li għaliha jkunu rċevew il-permess sabiex japplikaw l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni bħala l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 495, il-paragrafi 1 u 2;

(b) l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju kkalkolat skont dan ir-Regolament kif kien qabel [OP: daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

2. Minflok ma japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet li jkunu rċevew il-permess sabiex japplikaw l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni biex jikkalkolaw l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għall-iskoperturi tal-ekwitajiet jistgħu ***b'mod alternattiv*** jagħżlu li japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 133 u l-arranġamenti tranżizzjonali fl-Artikolu 495a

għall-iskoperturi tal-ekwitajiet kollha tagħhom fi kwalunkwe waqt sal-31 ta' Diċembru 2029.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ma għandhomx ikunu japplikaw il-kundizzjonijiet għat-treġġigħ lura tal-użu ta' approċċi inqas sofistikati stabbiliti fl-Artikolu 149.

3. L-istituzzjonijiet li japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 għandhom jikkalkolaw l-EL f'konformità mal-Artikolu 158, il-paragrafi 7, 8 jew 9, kif applikabbli, hekk kif kienu dawk il-paragrafi fi ... ***[jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***L-ammonti ta' telf mistennija kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 158(7), (8) jew (9), kif applikabbli, hekk kif kienu dawk il-paragrafi fi ... [jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom jitnaqqsu mill-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont l-Artikolu 36(1), il-punt (d).***

4. Meta l-istituzzjonijiet jitolbu l-permess sabiex japplikaw l-Approċċ IRB sabiex jikkalkolaw l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju għal skoperturi tal-ekwitajiet, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu tali permess wara [OP: daħħal id-data = id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].";

(199) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 495a*

**Arranġamenti tranżizzjonali għal skoperturi tal-ekwitajiet**

1. Permezz ta' deroga mit-trattament stabbilit fl-Artikolu 133(3), l-iskoperturi tal-ekwitajiet għandhom jiġu assenjati ***l-għola piż tar-riskju applikabbli fi ... [jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] ], b'limitu massimu ta' 250 %, u*** l-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(a) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 130 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 160 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 190 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 220 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. Permezz ta' deroga mit-trattament stabbilit fl-Artikolu 133(4), l-iskoperturi tal-ekwitajiet għandhom jiġu assenjati ***l-ogħla piż tar-riskju applikabbli fi [OP: daħħal id-data = jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] u*** l-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(a) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 160 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 220 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 280 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 340 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 133, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jassenjaw l-istess piż tar-riskju li kien applikabbli minn [OP: daħħal id-data = jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal skoperturi tal-ekwitajiet**,**

***inkluża l-parti tal-iskoperturi mhux imnaqqsa mill-fondi proprji skont l-Artikolu 471,*** għal entitajiet li kienu azzjonarji fihom fi [data tal-adozzjoni] għal sitt snin konsekuttivi u li fuqhom ***huma – jew flimkien man-network li l-istituzzjonijiet jappartjenu għalih –*** jeżerċitaw influwenza ***jew kontroll*** sinifikanti fis-sens tad-Direttiva 2013/34/UE, jew l-istandards kontabilistiċi li għalihom tkun soġġetta istituzzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***jew network ta' istituzzjonijiet*** u impriża ***jew meta istituzzjoni tkun fil-kapaċità li taħtar mill-inqas membru wieħed tal-korp ta' ġestjoni tal-entità***.

*Artikolu 495b*

**Arranġamenti tranżizzjonali għal skoperturi ta' self speċjalizzat**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 161(4), il-minimi tal-input tal-LGD applikabbli għal skoperturi ta' self speċjalizzat ittrattati skont l-Approċċ IRB meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGDs, għandhom ikunu l-minimi tal-input tal-LGD applikabbli previsti fl-Artikolu 161(4), immultiplikati bil-fatturi li ġejjin:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(b) 80 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(c) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. L-ABE għandha tħejji rapport dwar il-kalibrazzjoni xierqa tal-parametri tar-riskju***, inkluż il-parametru "haircut",*** applikabbli għal skoperturi ta' self speċjalizzat skont l-Approċċ IRB, u b'mod partikolari dwar l-istimi proprji tal-LGD u tal-minimi tal-input tal-LGD ***għal kull kategorija speċifika ta' self speċjalizzat kif definit fl-Artikoli 122a(3), il-punti (a), (b) u (c)***. L-ABE għandha b'mod partikolari tinkludi fir-rapport tagħha data dwar in-numri medji ta' inadempjenzi u t-telf realizzat osservati fl-Unjoni għal kampjuni differenti ta' istituzzjonijiet b'negozju u bi profili tar-riskju differenti. ***L-ABE għandha tirrakkomanda kalibrazzjonijiet speċifiċi tal-parametri tar-riskju, inkluż il-parametru "haircut", li jirriflettu l-profil tar-riskju speċifiku u differenti ta' kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn fuq ta' skoperturi ta' self speċjalizzat***.

L-ABE għandha tippreżenta r-rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport ***u filwaqt li tqis kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS***, il-Kummissjoni għandha ▌, meta jkun xieraq, ***tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2031 biex testendi d-deroga msemmija fil-paragrafu 1 għal massimu ta' erba' snin***.

*Artikolu 495c*

**Arranġamenti tranżizzjonali għal skoperturi ta' kiri bħala teknika tas-CRM**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 230, il-valur applikabbli ta' $H_c$ li jikkorrispondi għal "kollateral fiżiku ieħor" għall-iskoperturi msemmijin fl-Artikolu 199(7) meta ***l-ass mikri jikkorrispondi*** għat-tip ta' "kollateral fiżiku ieħor" ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu, għandu jkun il-valur ta' $H_c$ għal "kollateral fiżiku ieħor" previst fl-Artikolu 230(2), it-Tabella 1, immultiplikat bil-fatturi li ġejjin:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(b) 80 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(c) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. L-ABE għandha tħejji rapport dwar il-kalibrazzjonijiet xierqa tal-parametri tar-riskju assoċjati mal-iskoperturi ta' kiri skont l-Approċċ IRB, u ***tal-piżijiet tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat u*** b'mod partikolari dwar l-$LGD_s$ u l-$H_c$ previsti fl-Artikolu 230. L-ABE għandha b'mod partikolari tinkludi fir-rapport tagħha data dwar in-numri medji ta' inadempjenzi u telf realizzat osservati fl-Unjoni għal skoperturi assoċjati ma' tipi differenti ta' proprjetajiet mikrijin u ma' tipi differenti ta' istituzzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' kiri.

L-ABE għandha tippreżenta r-rapport dwar is-sejba tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2026.

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, ***u filwaqt li tqis l-istandards miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS,*** il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru ***2027 biex testendi d-deroga msemmija fil-paragrafu 1 b'massimu ta' erba' snin***.

*Artikolu 495d*

**Arranġamenti tranżizzjonali għal impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 111(2), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ fil-forma ta' impenn kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet billi jimmultiplikaw il-perċentwal previst f'dak l-Artikolu bil-fatturi li ġejjin:

(a) 0 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029;

(b) 25 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2030;

(c) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2031 sal-31 ta' Diċembru 2031;

(d) 75 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2032.

2. L-ABE għandha tħejji rapport sabiex tivvaluta jekk id-deroga msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhiex tiġi estiża għal wara l-31 ta' Diċembru 2032 u ***tagħti dettalji***, meta jkun meħtieġ, ***dwar*** il-kundizzjonijiet li fihom għandha tinżamm dik id-deroga.

L-ABE għandha tippreżenta r-rapport dwar is-sejba tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, u filwaqt li tqis kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS ***u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' dawn il-miżuri***, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2031 ***biex testendi b'massimu ta' erba' snin it-trattament imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu***.";

***(199a) l-Artikolu 500 huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:***

***(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(b) id-dati tad-disponimenti ta' skoperturi inadempjenti huma wara t-23 ta' Novembru 2016 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024.";***

***(ii) is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"L-aġġustament imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir biss sal-31 ta' Diċembru 2024 u l-effetti tiegħu jistgħu jdumu sakemm l-iskoperturi korrispondenti jkunu inklużi fl-istimi tal-LGD tal-istituzzjoni stess.";***

***(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"2a. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2026, u kull sentejn wara dan, tivvaluta jekk il-livell ta' skoperturi inadempjenti fil-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ikunx żdied b'mod sinifikanti, jew jekk huwiex mistenni deterjorament sinifikanti fil-kwalità tal-assi tal-istituzzjonijiet, jew jekk il-grad ta' żvilupp ta' swieq sekondarji għall-iskoperturi inadempjenti jkunx adegwat biex jiżgura disponimenti effiċjenti tal-iskoperturi inadempjenti mill-istituzzjonijiet, filwaqt li tqis ukoll l-iżviluppi regolatorji dwar it-titolizzazzjoni.***

***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-adegwatezza tad-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 u għandha, meta jkun xieraq, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 462 biex testendi, tintroduċi mill-ġdid, jew temenda, kif meħtieġ, l-aġġustament previst f'dan l-Artikolu.";***

(200) fl-Artikolu 501(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) SME għandu jkollha t-tifsira stabbilita fl-Artikolu 5, il-punt (8);";

(201) l-Artikolu 501a(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-iskopertura tiġi assenjata għall-klassi ta' skopertura korporattiva msemmija jew fl-Artikolu 112, il-punt (g), jew fl-Artikolu 147(2), il-punt (c), bl-esklużjoni ta' skoperturi f'inadempjenza;";

(b) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) ir-riskju ta' rifinanzjament ***tad-debitur*** ikun baxx jew mitigat b'mod adegwat, b'kont meħud ta' kwalunkwe sussidju, għotja jew finanzjament ipprovduti minn waħda jew aktar mill-entitajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (b)(i) u (b)(ii);";

***(ba) il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(o) għal skoperturi li oriġinaw wara ... [id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament], id-debitur ikun wettaq valutazzjoni pożittiva li l-assi li qed jiġu ffinanzjati jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852;";***

(202) l-Artikolu 501c huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 501c*

**Trattament prudenzjali ta' skoperturi għal fatturi ambjentali u/jew soċjali**

L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha tivvaluta, fuq il-bażi tad-data disponibbli ▌ jekk ***it-trattament*** prudenzjali dedikat tal-iskoperturi relatati mal-assi ***jew l-obbligazzjonijiet***, soġġetti għal impatti minn fatturi ambjentali u/jew soċjali ***għandux jiġi aġġustat***. B'mod partikolari, l-ABE għandha tivvaluta:

(a) ***id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data ESG affidabbli u konsistenti għal kull klassi ta' skopertura ddeterminata skont it-Titolu II tal-Parti III***;

(b) ***il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni biex tidentifika u tikkwalifika l-iskoperturi, għal kull klassi ta' skopertura ddeterminata f'konformità mat-Titolu II tal-Parti III, abbażi ta' sett komuni ta' prinċipji għall-klassifikazzjoni tar-riskju ESG, bl-użu tal-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' riskju ta' tranżizzjoni u fiżiku magħmula disponibbli mill-oqfsa ta' rappurtar dwar id-divulgazzjoni tas-sostenibbiltà adottati fl-Unjoni u meta jkunu disponibbli internazzjonalment, il-gwida u l-konklużjonijiet li ġejjin mill-ittestjar superviżorju tal-istress jew mill-analiżi tax-xenarji tar-riskji finanzjarji relatati mal-klima mwettqa mill-ABE jew mill-awtoritajiet kompetenti u jekk dan ikun jirrifletti b'mod xieraq ir-riskji ESG, il-punteġġ ESG rilevanti tal-klassifikazzjoni tar-riskji ta' kreditu tal-ECAI minn ECAI nominata***;

(c) ***il-livell ta' riskju effettiv ta' skoperturi relatati mal-assi u mal-attivitajiet soġġetti għal impatti minn fatturi ambjentali u/jew soċjali meta mqabbla mal-livell ta' riskju ta' skoperturi oħrajn;***

***(d) l-effetti potenzjali fuq terminu qasir, medju u twil ta' trattament prudenzjali ddedikat aġġustat ta' skoperturi relatati mal-assi u mal-attivitajiet soġġetti għal impatti minn fatturi ambjentali u/jew soċjali fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq is-self bankarju fl-Unjoni;***

***(e) it-titjib immirat li jista' jitqies fi ħdan il-qafas prudenzjali attwali u r-reviżjonijiet addizzjonali u aktar komprensivi possibbli għall-qafas li għandhom jitqiesu, b'kont meħud tal-iżviluppi maqbula fil-livell internazzjonali mill-Kumitat ta' Basel.***

L-ABE għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***sal-31 ta' Diċembru 2024***.

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva fi żmien sena mill-pubblikazzjoni tar-rapport tal-ABE.***";

(203) l-Artikoli 505 u 506 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 505*

**Riżami tal-finanzjament agrikolu**

Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq il-finanzjament agrikolu, ***inkluż dwar:***

***(a) l-adegwatezza ta' piż tar-riskju ddedikat għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju tal-kreditu kkalkulat skont it-Titolu II tal-Parti III għall-iskoperturi***

***għal impriża agrikola;***

***(b)*** ***jekk applikabbli, il-kriterji prudenzjalment ġustifikati għall-applikazzjoni ta' piż tar-riskju ddedikat inklużi prattiki tal-biedja kif ukoll l-inklużjoni ta' skoperturi fil-klassi tal-iskoperturi korporattivi, fil-livell tal-konsumatur jew tal-proprjetà immobbli;***

***(c)*** ***l-allinjament mal-istrateġija "mill-għalqa sal-platt" u l-impatt ambjentali rispettiv fis-sens tar-Regolament (UE) 2020/852, b'mod partikolari bl-indikaturi kif miġbura fin-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola tal-Unjoni, li juru l-punteġġi tal-kontribuzzjoni fir-rigward ta':***

***(i)*** ***l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra għal kull ettaru;***

***(ii)*** ***l-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzanti għal kull ettaru;***

***(iii)*** ***il-proporzjonijiet tal-effiċjenza tal-minerali tal-ħamrija, inklużi l-karbonju, l-ammonijaka, il-fosfat u n-nitroġenu għal kull ettaru;***

***(iv)*** ***l-effiċjenza fl-użu tal-ilma;***

***(v)*** ***konferma tal-impatt pożittiv fuq dawn l-erba' indikaturi b'tikketta tal-UE għall-agrikoltura organika kif imfisser fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007*.***

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta jkun xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament sabiex jiġu mmitigati l-effetti negattivi tiegħu fuq il-finanzjament agrikolu.***

*Artikolu 506*

**Riskju ta' kreditu – assigurazzjoni ta' kreditu**

***Sat-30 ta' Ġunju 2024***, l-ABE għandha***, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-EIOPA,*** tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà u l-użu tal-assigurazzjoni tal-poloz bħala tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu***, inkluż dwar***:

***(a)*** l-adegwatezza tal-parametri tar-riskju assoċjati msemmija fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 u 4***;***

***(b)*** ***analiżi tal-livell ta' riskju effettiv u osservat tal-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu meta assigurazzjoni tal-kreditu tkun ġiet rikonoxxuta bħala teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu;***

***(c)*** ***il-konsistenza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament mal-eżiti tal-analiżi fl-ambitu tal-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.***

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport,*** il-Kummissjoni għandha***, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva,*** biex temenda t-trattament applikabbli għall-assigurazzjoni ta' kreditu msemmi fil-Parti Tlieta, it-Titolu II.

---

****** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).***";

(204) jiddaħħal l-Artikolu 506c li ġej:

*"Artikolu 506c*

**Riskju ta' kreditu – interazzjoni bejn it-tnaqqis tal-Grad 1 ta' ekwità komuni u l-parametri tar-riskju ta' kreditu**

Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-konsistenza bejn il-kalkolu attwali tar-riskju ta' kreditu u l-parametri tar-riskju ta' kreditu individwali u dwar it-trattament ta' kwalunkwe aġġustament għall-fini tal-komputazzjoni tan-nuqqas jew tal-eċċess tal-IRB kif imsemmi fl-Artikolu 159, u dwar il-konsistenza tagħha mad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 166 ta' dan ir-Regolament u mal-istima tal-LGD. Ir-rapport għandu jqis it-telf ekonomiku massimu possibbli li jirriżulta minn avveniment ta' inadempjenza flimkien mal-kopertura miksuba tiegħu f'termini ta' tnaqqis tal-kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni, filwaqt li jitqies kwalunkwe tnaqqis tal-kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni bbażat fuq il-kontabilità, inkluż minn telf ta' kreditu mistenni jew minn aġġustamenti fil-valur ġust, u kwalunkwe skont fuq l-iskoperturi riċevuti, u l-implikazzjonijiet tagħhom għat-tnaqqis regolatorju.";

***(204a) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:***

***"Artikolu 506ca***

***Trattament prudenzjali ta' titolizzazzjoni***

***Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-ABE, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ESMA, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar it-trattament prudenzjali tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, filwaqt li tiddifferenzja bejn it-tipi differenti ta' titolizzazzjoni, inkluża t-titolizzazzjoni sintetika. B'mod partikolari, l-ABE għandha tivvaluta l-punt sa fejn l-applikazzjoni tal-minimu tal-output għal skoperturi ta' titolizzazzjoni taffettwa t-tnaqqis tal-kapital miksub minn banek oriġinarji fi tranżazzjonijiet li għalihom ikun ġie rikonoxxut trasferiment tar-riskju sinifikanti, tnaqqas b'mod eċċessiv is-sensittività għar-riskju u taffettwa l-vijabbiltà ekonomika ta' tranżazzjonijiet ġodda. F'każijiet bħal dawn, ta' tnaqqis tas-sensittivitajiet għar-riskju, l-ABE tista' tikkunsidra li tipproponi rikalibrazzjoni 'l isfel tal-fatturi ta' nonnewtralità għal tranżazzjoni li għaliha jkun ġie rikonoxxut trasferiment ta' riskju sinifikanti.***

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2026.";***

***Artikolu 506cb***

***Trattament prudenzjali tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli***

***Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-ABE, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ESMA, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt tal-qafas il-ġdid għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli f'termini ta' rekwiżiti ta' kapital. L-ABE għandha tivvaluta jekk rikalibrazzjoni tal-piżijiet tar-riskju assoċjati fl-Approċċ Standardizzat hijiex xierqa, minħabba r-riskji assoċjati fir-rigward ta' maturitajiet fuq terminu qasir, speċifikament għal maturitajiet residwi ta' inqas minn sena.***

***Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2027.";***

***(204b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

*"Artikolu 518c*

***Riżami tal-applikazzjoni tal-minimu tal-output***

***1. Sal-31 ta' Diċembru 2 027 l-ABE għandha tivvaluta, u toħroġ opinjoni dwar, il-livell ta' konformità mal-Artikolu 92-a (2) fid-dawl tat-tħassib potenzjali dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-iżviluppi fl-unjoni bankarja, fir-rigward ta' grad aktar uniformi ta' kopertura tal-assigurazzjoni tad-depożiti madwar l-Istati Membri u l-ġbir tar-riżorsi fil-livell tal-Unjoni.***

***2. Malli l-ABE tippubblika l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda l-livell ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 92-a (1) ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";***

(205) jiddaħħlu l-Artikoli 519c u 519d li ġejjin:

"*Artikolu 519c*

**Qafas tal-minimi ta' telf impost għall-SFTs**

L-ABE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, għandha, sa [OP: daħħal id-data = 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni tal-qafas tal-minimi ta' telf impost applikabbli għall-SFTs biex tiġi indirizzata l-akkumulazzjoni potenzjali ta' lieva finanzjarja barra mis-settur bankarju.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jqis dan kollu li ġej:

(a) il-grad ta' lieva finanzjarja barra mis-sistema bankarja fl-Unjoni u sa liema punt il-qafas tal-minimi ta' telf impost jista' jnaqqas dik il-lieva finanzjarja jekk dik il-lieva finanzjarja ssir eċċessiva;

(b) il-materjalità tal-SFTs miżmumin mill-istituzzjonijiet tal-UE u soġġetti għall-qafas tal-minimi ta' telf impost, inkluża d-diżaggregazzjoni ta' dawk l-SFTs li ma jikkonformawx mal-minimi ta' telf impost;

(c) l-impatt stmat tal-qafas tal-minimi ta' telf impost għall-istituzzjonijiet tal-UE skont iż-żewġ approċċi ta' implimentazzjoni rrakkomandati mill-FSB jiġifieri regolament tas-suq jew rekwiżit ta' fondi proprji aktar punittiv fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, f'xenarju meta l-istituzzjonijiet tal-UE ma jaġġustawx it-telf impost tal-SFTs tagħhom biex jikkonformaw mal-minimi tat-telf impost u f'xenarju alternattiv meta jaġġustaw dak it-telf impost biex jikkonformaw mal-minimi ta' telf impost;

(d) il-fatturi ewlenin wara dawk l-impatti stmati, kif ukoll il-konsegwenzi potenzjali mhux intenzjonati tal-introduzzjoni tal-qafas tal-minimi ta' telf impost fuq il-funzjonament tas-swieq tal-SFTs tal-UE;

(e) l-approċċ ta' implimentazzjoni li jkun l-aktar effettiv biex jintlaħqu l-objettivi regolatorji tal-qafas tal-minimi tat-telf impost, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (d) u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ekwivalenti fis-settur finanzjarju kollu fl-Unjoni.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni tal-FSB għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-minimi ta' telf impost applikabbli għall-SFTs, kif ukoll l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [OP: daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

*Artikolu 519d*

**Riskju operattiv**

Sa [OP: daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tal-applikazzjoni tal-Parti Tlieta, it-Titolu III], l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan kollu li ġej:

(a) l-użu tal-assigurazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operattiv;

(b) jekk ir-rikonoxximent tal-irkupri tal-assigurazzjoni jistax jippermetti arbitraġġ regolatorju billi jnaqqas it-telf annwali tar-riskju operattiv mingħajr tnaqqis proporzjonali fl-iskopertura attwali għat-telf operattiv;

(c) jekk ir-rikonoxximent tal-irkupri tal-assigurazzjoni għandux impatt differenti fuq il-kopertura xierqa tat-telf rikorrenti u tal-valur fir-riskju kundizzjonat potenzjali, rispettivament.

***(ca) id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data użata mill-istituzzjonijiet meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju operattiv.***

Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sa [OP: daħħal id-data = ***36*** xahar wara d-data tal-applikazzjoni tal-Parti Tlieta, it-Titolu III].";

***(205a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 519da***

***Proporzjonalità***

***L-ABE għandha tħejji rapport li jivvaluta l-opzjonijiet biex jiġu introdotti fil-qafas prudenzjali, rekwiżiti speċifiċi ta' governanza u trasparenza għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi bl-għan li tiżdied il-proporzjonalità tal-qafas prudenzjali, inklużi:***

***(a) ir-rilevanza ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi fil-livell tal-istituzzjoni u skont ir-reġjun għaż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja;***

***(b) jekk ikun xieraq, rakkomandazzjonijiet dwar kif il-qafas prudenzjali jista' jirrifletti aħjar il-livelli differenti ta' rilevanza għall-istabbiltà finanzjarja ta' kategoriji ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi.***

***L-ABE għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.";*** (206) l-Anness I huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dispożizzjonijiet fil-punti (1)(a), (b) u (c), (e) sa (h), (j), (u), (v) u (x) dwar ċerti definizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet fil-punt (6) dwar l-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali kif ukoll id-dispożizzjonijiet fil-punti (8), minn (10) sa (12), u (14) sa (23) dwar il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, li għandhom japplikaw minn [OP: daħħal id-data = sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament];

(b) id-dispożizzjonijiet fil-punti (1)(d) u (4) dwar l-emendi f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/2033, u d-dispożizzjonijiet fil-punt (47) dwar it-trattament tal-iskoperturi f'inadempjenza, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(c) id-dispożizzjonijiet fil-punti (9), (26)(a), (27), (28)(a), (29), (34), (41), (42), (44), (47), (54), (59)(c) (60)(c), (61)(g) u (h), (64)(c), 66(d), (69), (81), (85)(b), (90)(c), (91)(c), (92)(c), (131), (132)(b), (136)(d), (153), (154)(d), (155)(c), (156)(b), (166)(c), (169), (178), (182), (183), (189), (192), (194), (196), (199), (201) sa (205) li jirrikjedu li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew il-BERS jippreżentaw lill-Kummissjoni abbozzi ta' standards u rapporti tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni, id-dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-Kummissjoni tipproduċi rapporti, id-dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rieżami u d-dispożizzjonijiet li jirrikjedu li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej joħorġu linji gwida, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

***3. Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/876, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***6. Il-punt (53), fir-rigward tal-Artikolu 104a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-punti (55) u (69) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, li fihom id-dispożizzjonijiet dwar l-introduzzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# ANNESS

## Klassifikazzjoni ta' Entrati li ma Jidhrux fil-Karta tal-Bilanċ

| Taqsima | Entrati |
|---|---|
| 1 | • Garanziji ġenerali ta' dejn, inklużi ittri ta' kreditu pendenti li jservu bħala garanziji finanzjarji għal self u titoli, u aċċettazzjonijiet, inklużi approvazzjonijiet bil-karattru ta' aċċettazzjonijiet, kif ukoll [kwalunkwe] sostitut ta' kreditu dirett ieħor;<br>• Ftehim ta' bejgħ u xiri mill-ġdid u bejgħ ta' assi b'rikors meta r-riskju ta' kreditu jibqa' f'idejn l-istituzzjoni;<br>• Titoli mislufa mill-istituzzjoni jew titoli depożitati mill-istituzzjoni bħala kollateral, inklużi istanzi meta dawn jirriżultaw minn tranżazzjonijiet tat-tip repo;<br>• Xiri forward ta' assi, depożiti forward u ishma u titoli mħallsin parzjalment, li jirrappreżentaw impenji b'ċertu ġbid ta' kreditu;<br>• Entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jikkostitwixxu sostitut ta' kreditu meta ma jkunux inklużi b'mod espliċitu f'xi kategorija oħra.<br>• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għandhom riskju simili u kif ikkomunikati lill-ABE. |
| 2 | • Faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti (note issuance facilities, NIFs) u faċilitajiet ta' sottoskrizzjoni rotanti (revolving underwriting facilities, RUFs) irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti;<br>• Garanziji tal-eżekuzzjoni, garanzija tal-offerti, garanziji u ittri ta' kreditu irrevokabbli relatati ma' tranżazzjonijiet partikolari u entrati kontinġenti relatati ma' tranżazzjonijiet simili***, bl-esklużjoni ta' entrati ta' finanzjament tan-negozju li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ imsemmija fil-taqsima 4***;<br>• Entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li ma jikkostitwixxux sostitut ta' kreditu meta ma jkunux inklużi b'mod espliċitu f'xi kategorija oħra.<br>• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-ABE. |
| 3 | • Impenji, irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti, sakemm ma jaqgħux taħt kategorija oħra;<br>• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-ABE. |
| 4 | • ***Entrati ta' finanzjament tan-negozju li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ:***<br>***– dokumenti ta' krediti li fihom il-konsenji sottostanti jaġixxu bħala kollateral u tranżazzjonijiet oħra awtolikwidanti;***<br>***– garanziji (inklużi garanziji tal-offerti u tal-eżekuzzjoni, u garanziji assoċjati ta' pagamenti bil-quddiem u garanziji ta' żamma) u garanziji li ma għandhomx il-karattru ta' sostituti tal-kreditu;***<br>***– ittri ta' kreditu irrevokabbli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu;***<br>• Ittri kummerċjali ta' kreditu b'terminu qasir u awtolikwidanti li jirriżultaw mill-moviment ta' merkanzija, b'mod partikolari dokumenti ta' krediti kollateralizzati mill-konsenja sottostanti, fil-każ ta' istituzzjoni li toħroġ jew istituzzjoni li tikkonferma;<br>• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-ABE. |

| | |
|---|---|
| 5 | • Impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet;<br>• L-ammont mhux prelevat ta' linji ta' kreditu għall-bejgħ bl-imnut li għalihom it-termini jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċellahom sal-limitu massimu permess skont il-protezzjoni tal-konsumatur u l-leġiżlazzjoni relatata;<br>• Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevat għal garanziji tal-offerti u tal-eżekuzzjoni li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel, jew li effettivament jipprovdu għall-kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur;<br>• Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għandhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-ABE. |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output |
| **Referenzi** | COM(2021)0664 – C9-0397/2021 – 2021/0342(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 28.10.2021 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>17.1.2022 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jonás Fernández<br>25.10.2021 |
| **Eżami fil-kumitat** | 31.3.2022 20.4.2022 13.6.2022 31.8.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 14<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Valentino Grant, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Csaba Molnár, Denis Nesci, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Evelyn Regner, Dorien Rookmaker, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Karima Delli, Herbert Dorfmann, Eider Gardiazabal Rubial, Valérie Hayer, Eugen Jurzyca, Chris MacManus, Ville Niinistö, Erik Poulsen, René Repasi |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Susanna Ceccardi, José Manuel Fernandes, Pierre Larrouturou, Alessandro Panza |
| **Data tat-tressiq** | 10.2.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 41 | + |
|---|---|
| ECR | Denis Nesci |
| ID | Susanna Ceccardi, Valentino Grant, France Jamet, Alessandro Panza, Marco Zanni |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, José Manuel Fernandes, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere |
| Renew | Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Valérie Hayer, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Marek Belka, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Pierre Larrouturou, Pedro Marques, Csaba Molnár, Evelyn Regner, René Repasi, Joachim Schuster, Paul Tang, Irene Tinagli |

| 14 | - |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Dorien Rookmaker, Johan Van Overtveldt |
| NI | Andor Deli, Lefteris Nikolaou-Alavanos |
| The Left | José Gusmão, Chris MacManus |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Ville Niinistö, Piernicola Pedicini, Ernest Urtasun |

| 1 | 0 |
|---|---|
| The Left | Dimitrios Papadimoulis |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni